Huma ġenituri li ma jistgħux ikunu żgurati li jagħtu edukazzjoni xierqa lil uliedhom skond il-fidi li jħaddnu.

Huma rġiel u nisa, ħaddiema, professjonisti, intellettwali li, biss

għaliex jistqarru l-fidi, jirriskjaw li jiġu mċaħħdin minn ġejjieni interessanti għall-karriera jew l-istudji tagħhom.

Ma' dawn ix-xhieda rridu nżidu l-qagħda iebsa u ta' niket tal-priġunieri, tal-internati, tal-eżiljati, mhux biss kattoliċi jew insara imma wkoll ta' reliġjonijiet oħra. Huma qishom innu ta' tifħir li bla heda jitla' quddiem Alla mit-tempju tal-kuxjenza tagħhom, bħala offerta spiritwali li żgur togħġob lil Alla.

### Diffikultajiet oħra

Dan kollu ma għandux inissina diffikultajiet oħra li magħhom jiltaqa' min irid igħix il-fidi tiegħu. Dawn id-diffikultajiet mhumiex ġejjin biss minn restrizzjonijiet għal-libertà permezz ta' liġijiet u restrizzjonijiet jew reġimi. Jistgħu jiġu wkoll minn drawwiet u fehmiet li huma kuntrarji għat-tradizzjoni tal-Evanġelju u li jagħmlu pressjoni qawwija fuq is-soċjetà kollha kemm hi; jistgħu jiġu wkoll minn ambjent ta' materjaliżmu u indifferentiżmu reliġjuż li joħnoq kull xewqa spiritwali, jew minn fehma qarrieqa tal-libertà li tqis il-libertà bħala n-nuqqas ta' kull xkiel biex tagħmel dak li trid ħa tpaxxi wkoll il-passjonijiet tiegħek, u mhux biss bħala nuqqas ta' xkiel ħa tikseb l-aħjar tas-sejħa tiegħek bħala bniedem, u l-għan spiritwali tiegħek u l-ġid ta' kulħadd. Din mhix il-libertà li timbena fuq id-dinjità tal-bniedem u tgħin il-fidi nisranija. L-Insara li jinsabu f'ambjenti bħal dawn, jeħtieġ ikollhom kuraġġ kbir biex jibqgħu safja u bla tebgħa u jużaw tajjeb il-libertà tagħhom. Għal dawn ukoll irridu nitolbu. "Ibżgħu minn dawk li jistgħu joqtlu r-ruħ," jgħidilna Ġesù.

F'kull żmien tal-ġrajja tagħha l-Knisja tat ġieh u wriet imħabba għal dawk li jsofru għal Kristu. Il-Knisja qatt ma tinsiehom u huma dejjem fi ħsiebha. U hawn il-lejla dan qegħdin nuruh. Qegħdin nitolbu għal dawk kollha li f'kull imkien u b'kull mod jinsabu persegwitati minħabba l-fidi tagħhom.

Fakkarna kliem Kristu stess. Jalla dan il-kliem iqawwi lil dawn ħutna! Jalla l-Ispirtu s-Santu jkun fihom. Hu jnebbaħhom u jxerred fi qlubhom qawwa ta' l-għaġeb. Quddiem Alla, b'xi mod, jiddu bħala dwal imxerrdin mad-dinja kollha u li minnhom il-Knisja tikseb qawwa kbira. Jalla jibqa' jkollhom il-paċi fil-qalb u l-qawwa ta' spirtu tassew nisrani. Ha tissaħħaħ fihom is-sens tad-dinjità tagħhom, li tiġi mill-fedeltà tagħhom lejn il-kuxjenza u l-verità. Ha jagħtihom il-Mulej id-don li jaħfru lil min qed jippersegwitahom u d-don tal-imħabba għall-egħdewwa tagħhom.

O Omm Kristu, int, taħt is-Salib ta' Ibnek, int qrib dawk kollha fid-dinja huma ippersegwitati. Għinhom ħa jkunu jifilħu għat-tiġrib tagħhom u jiksbu r-rebħa permezz tas-Salib.

10 ta' Settembru — Waqt l-Għasar ta' l-Ewropa f'Heldenplatz

## EWROPA MAGHQUDA MILL-FIDI FI KRISTU

..."Is-sliem għalikom!" Sliem lil din il-belt! Sliem lil Awstrija! Sliem lill-pajjiżi kollha mad-dwar, fit-tramuntana u nofs in-nhar, fil-lvant u l-punent!

...Insellem bit-tislima ta' Kristu lilkom ilkoll li tinsabu miġburin hawn taħt is-Salib. Il-paċi vera tiġi mill-qalb minfuda ta' Dak li minn fuq is-Salib isejjaħ lil kulħadd lejH... Taħt is-Salib illum hawn l-Awstrija, l-Ewropa. **Għax fis-Salib biss hemm it-tama.** Bis-Salib il-ħajja għelbet il-mewt. Is-Salib hu sinjal tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin, imħabba li tħabbeb, li tegħleb it-tbatija u l-mewt, u twieghed l-imħabba bejn l-aħwa lill-bnedmin u lill-popli u hi għajn ta' qawwa mis-sema għall-bidu ta' tiġdid sħiħ fil-ħolqien kollu.

### Il-fidi nisranija għaqdet l-Ewropa

Iċ-ċelebrazzjoni tal-lejla... iġġieghelna nħarsu 'l hemm minn kull fruntiera naturali, nazzjonali jew artifiċjali, lejn l-Ewropa kollha, lejn il-popli kollha ta' l-Ewropa, bl-imgħoddi kollu tagħhom, mill-għoljiet tal-Urali sa l-Atlantiku, mill-baħar tan-Nord sal-Mediterran, l-Awstrija, fil-qalba ta' l-Ewropa, kellha sehem kbir fid-destin ta' l-Ewropa. B'mod tassew ta' l-għaġeb uriet kif, f'pajjiż żgħir, setgħu jgħixu flimkien, mhux mingħajr problemi, ħafna razez u jkunu ta' għajnuna għal xulxin... L-Awstrija hija mera, mudell għall-Ewropa. Dak li wassal għall-għaqda bejn tant varjetà ta' razez kien fuq kollox ix-xandir tat-twemmin nisrani. Il-mixi tal-missjunarji u tal-pellegrini nsara rabtu ma' xulxin fis-sliem il-pajjiżi u l-popoli ta' l-Ewropa... Mal-mixi ta' dawk li kienu qed iwasslu l-Evanġelju lill-ġnus, żdied il-mixi tal-pellegrini lejn Ruma fuq il-qabar ta' San Pietru, lejn Kompostella wara l-Appostlu San Ġakbu, lejn postijiet oħra fejn għexu u huma midfunin qaddisin oħra, lejn is-santwarji tal-Madonna. Dawn il-pellegrinaġġi mhux biss taw ġieħ, fl-Ewropa kollha, lil Omm Alla, lill-Appostli u lill-Qaddisin, imma wasslu biex ġnus u popli differenti jifhmu 'l xulxin. B'hekk għenu wkoll għall-għaqda fl-Ewropa... Il-kultura waħdanija ta' l-Ewropa, minkejja l-ħafna kriżijiet u l-ħafna firdiet, ma tistax tifhimha jekk ma tqisx il-kontribut tal-messaġġ nisrani. Din l-għaqda ta' l-għaġeb bejn it-twemmin nisrani u l-ispirtu ta' l-Ewropa tal-qedem, hu l-wirt tal-Ewropa kollha, wirt li minnu l-Ewropa kisbet l-għana u l-qawwa tagħha, l-iżvilupp ta' l-għaġeb fl-arti u x-xjenza, il-formazzjoni kulturali u l-ħeġġa għar-riċerka, il-filosofija u l-kultura tal-ispirtu. Fi ħdan dan il-wirt spiritwali nisrani, il-fehma nisranija dwar il-bniedem sawret il-kultura tal-Ewropa. Ix-xebh tal-bniedem ma' Alla u l-fidwa tiegħu minn Kristu, Bin il-bniedem, hu l-pedament storiku u reliġjuż li fuqu hu mibni l-ħarsien tad-dinjità tal-

bniedem u r-rispett għall-ħtieġa li għandu l-bniedem li jġib ruħu 'l quddiem f'solidarjetà sħiħa malbnedmin l-oħra. Wieħed għalhekk jifhem malajr għaliex kull formulazzjoni u kull proklamazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ħarġet mill-Punent.

### Mumenti ta' dlam fil-ġrajja ta' l-Ewropa

Din l-Ewropa magħquda li rċeviet il-formazzjoni tagħha mill-fidi fi Kristu, inqegħduha mill-ġdid taħt is-Salib, għaliex fis-Salib hemm ittama. Ma nistgħux nagħalqu għajnejna għall-fatt li l-istorja ta' l-Ewropa ma kellhiex biss mumenti kollhom dawl, imma kellha wkoll mumenti mdallma u tal-biża', li ma jaqblu xejn mal-ispirtu... tal-Bxara t-tajba ta' Kristu. Spiss pajjiżi u partiti, kollhom mibgħeda u ħruxija, taw bidu għal xi gwerra. Spiss xi nies ġew imċaħħda minn pajjiżhom; ġew imkeċċija jew kellhom jaħarbu minħabba miżerja, diskriminazzjoni jew persekuzzjoni. Eluf ta' eluf ġew maqtula minħabba r-razza, jew in-nazzjon, jew il-fehmiet tagħhom, u xi kull tant ukoll għax ta' skomdu għal ħaddieħor. Tħoss qalbek maqsuma tara li kien hemm insara wkoll fost dawk li ħaqru u ippersegwitaw lil għajrhom. Jekk min-naħa niftaħru bi Kristu u l-Bxara t-tajba tiegħu, min-naħa l-oħra rridu nistqarru l-ħafna ħtijiet tagħna, bil-ħsieb, bilkliem u bl-egħmil u billi bqajna indifferenti quddiem l-inġustizzji u għalhekk għandna nitolbu maħfra.

Fl-istorja ta' l-Ewropa niltaqgħu ma' ġlied u firda mhux biss fil-ħajja tal-pajjiżi u fil-ħajja politika. Il-firdiet reliġjużi ħallew is-sinjali tagħhom fil-Knisja waħda ta' Kristu. U dawn il-firdiet reliġjużi, flimkien ma' interessi politiċi u soċjali, wasslu għall-ħafna ġlied, moħqrija u tkeċċija minn pajjiżhom ta' dawk li kienu jistqarru twemmin ieħor. Bħala werrieta ta' missirijietna, inwasslu taħt is-Salib ta' Kristu din l-Ewropa wkoll mgħobbija bi ħtijietha. Għax fis-Salib hemm it-tama.

### Is-sena 1683

L-Awstrija tal-lum, imma mhux l-Ewropa kollha, hi ħielsa mill-ħakma tal-barrani u mill-vjolenza tal-gwerra, ħielsa minn xi theddida barranija, ħielsa minn ġlied kbir fi ħdanha. X'differenza mill-imgħoddi, u l-aktar mis-sena 1683! Din issena hi sena importanti mhux biss għall-Awstrija, imma wkoll għall-Ewropa kollha, u ta' min jaħseb fuqha u jiftakar f'min għandna nroddulu ħajr. Ilkoll nafu li 300 sena ilu għadd kbir ħafna ta' suldati tal-imperu tat-Torok assedjaw il-belt ta' Vjenna kif kienu għamlu ġa fl-1529. Kull minn fejn għaddew dawn is-suldati ħallew it-twerwir tal-ħruq, tal-qirda, tad-deportazzjonijiet: il-miżerji, it-tnehid, it-tbatijiet kienu bla qjies, imma kienet ta' l-għaġeb il-qlubija ta' dawk li kienu jiddefendu l-belt. U l-qawwa tagħhom kienet ġejja mill-fidi, mit-talb, mill-konvinzjoni li huma kienu qed jiġġieldu mhux biss għal pajjiżhom, imma wkoll għall-Ewropa, u għall-fidi nisranija. Hu dmir tiegħi bħala Papa nfakkar li kien Papa ta' qabli, il-B. Innoċenz XI, li għen l-Awstrija bil-flus, bit-tħabrik diplomatiku tiegħu, u b'sejħa għat-talb magħmula lid-dinja nisranija kollha. U jixraq

li Papa polakk jitkellem minn qalbu fuq is-sultan polakk Jan Sobieski li mexxa s-suldati nsara li marru biex jeħilsu l-belt ta' Vjenna mill-assedju, f'waqt li fih dawk li kienu jiddefendu l-belt kienu waslu fl-aħħar, u hekk setgħu jeħilsu milli belthom taqa' f'idejn il-għadu. Ħaġa xierqa li tiftakar f'dawk li ddefendew il-belt u f'dawk li ħelsuha, li, bi ftehim bejniethom, setgħu jegħelbu l-attakk tat-Torok. Għad għandna l-priedki ta' dawk li f'dak iż-żmien kienu jħeġġu n-nies mhux biss biex juru qlubija, imma wkoll u fuq kollox jerġgħu jgħixu ħajja ta' nsara. L-istorja tgħallimna li għandna niftakru fuq dawn il-ġrajjiet mhux bl-istess spirtu ta' dawk iż-żminijiet, u ma nqisuhomx skond iż-żminijiet tagħna. L-istorja ma tridniex la nikkundannaw u lanqas infaħħru lilna biss. Nafu sewwa li kiefra ma kinux biss is-suldati Torok, imma kienu kiefra wkoll is-suldati tal-imperatur u l-alleati tagħhom. Jekk aħna ferħanin b'rebħa li ġabet il-ħelsien għall-punent nisrani, għandu nħossu mistħija li s-solidarjetà bejn l-insara dak in-nhar ma ġietx minn rajja, ma kinitx għall-Ewropa. Iżda fuq kollox għandna niftakru li l-kliem ta' l-armi għall-gwerra, mhux il-kliem ta' Kristu u lanqas il-kliem ta' Ommu Marija, li dak iż-żmien kienu jsejħulha, kif għadhom isejħulha llum, "għajnuna ta' l-insara". Jista' jiġri xi kull tant li gwerra ma tkunx tista' teħles minnha, u lanqas l-insara ma jkunu jistgħu jeħilsu minnha. Iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi wkoll in-nisrani jibqa' dejjem marbut bil-kmandament ta' l-imħabba ta' l-egħdewwa, u tal-ħniena: dak li miet fuq is-salib għalina li sallabnih, ibiddel f'ħuna kull għadu tagħna, u għalhekk għandna nħobbuh fil-waqt li niddefendu ruħna minnu.

Għandna nagħmlu festa mhux għax irbaħna, imma għax ksibna l-paċi wara ġrajja li kienet għalina ta' tant tbatija. Jeħtieġ nuru li jixirqilna dak il-ħelsien li għalih iġġelidna b'tant ħeġġa...

**Paċi reliġjuża**

Il-wirt li ħallitilna l-ġrajja tal-1683 jitlob fuq kollox paċi reliġjuża — paċi fost il-werrieta ta' Abraham u għaqda fost l-aħwa fi Kristu. Ulied Mawmettu li 300 sena ilu kienu qed jassedjaw din il-belt, illum qed igħixu fostna u spiss huma ta' eżempju għalina bir-rabta tagħhom ma' Alla. Il-komunità tal-Lhud li f'dawk iż-żminijiet insibuha fost il-popli kollha tal-Ewropa u li fi żmienna, b'mod hekk traġiku, ġiet imnaqqsa ħafna fil-għadd, minħabba f'hekk twissina biex nersqu lejn xulxin bħala bnedmin u nidhru flimkien quddiem Alla u biH inkunu ta' servizz għall-oħrajn. Il-firda bejn l-insara fl-1683, li kellha konsegwenzi traġiċi fil-politika ta' dak iż-żmien, illum issejħilna biex ikunu komunità li tħoss il-ħtieġa li niltaqgħu flimkien biex nitolbu u ngħinu lil xulxin.

**It-tifsir tas-Salib**

...Fis-Salib hemm it-tama tattiġdid nisrani tal-Ewropa, iżda dan iseħħ biss jekk l-insara jieħdu bisserjetà l-messaġġ tas-Salib. Salib ifisser tagħti ħajtek għal ħuk biex flimkien ma' tiegħu, issalva ħajtek.

Is-Salib ifisser li l-imħabba hi aktar qawwija mill-mibegħda u l-vendetta, li aħjar tagħti milli tirċievi, li timpenja ruħek hu aqwa milli titlob l-għajnuna.

Is-Salib ifisser li ma hemmx għarqa mingħajr tama, mhemmx dlam mingħajr kwiekeb, mhemmx maltempata mingħajr port żgur.

Is-Salib ifisser li l-imħabba hi bla tarf, tibda minn għajrek u tasal sa dawk li huma 'l bogħod.

Is-Salib ifisser li Alla hu dejjem akbar minna l-bnedmin, li hemm salvazzjoni wkoll għal min falla bis-sħiħ, li l-ħajja hi dejjem aqwa mill-mewt.

Bħala dixxipli tal-Mulej, intom illum imsejħin biex tagħtu tweġiba ta' ħelsien u ta' tama lill-bnedmin tal-lum li qed igħixu fost tant theddid u taħwid, bil-qawwa li tiġikom mis-Salib ta' Kristu, bil-kelma tagħkom mimlija tama, bl-eżempju ta' ħajja nisranija.

U fuq kollox itolbu. Itolbu bħalma talbu l-insara fost it-tbatijiet tal-1683. Itolbu ... u ngħaqdu miegħi taħt is-sinjal tas-Salib li tellajna f' din il-pjazza bħala sinjal ta' mpenn nisrani u ta' talb. Kif fl-1683 il-Papa Innoċenz XI sejjaħ lill-popli mheddin mill-Mislem biex jingħaqdu flimkien f'għaqda qaddisa, hekk il-Papa tal-lum isejħilkom għall-għlieda spiritwali biex tibqa' sseħħ il-paċi u l-libertà, għlieda li titlob l-istess impenn u l-istess qlubija u l-istess ħeġġa għas-sagrifiċċju u l-istess qawwa biex tirreżisti, li wrew missirijietkom meta salvaw lil Vjenna u l-Ewropa.

Nieħdu d-deċiżjoni tagħna u nafdawha lis-Salib ta' Kristu, is-Sid ta' l-istorja kollha tad-dinja għax fis-Salib hemm żgur it-tama u s-salvazzjoni.

10 ta' Settembru — Liż-żgħażagħ fl-istadium tal-Prater

## KRISTU QED ISEJHILKOM BIEX TAGHTU XHIEDA TIEGHU FIL-KNISJA U FID-DINJA

### Ġesù jagħti tifsir lill-ħajja

...Meta nara lilkom iż-żgħażagħ qalbi timtela b'imħabba kbira u b' tama kbira... Mill-kritika li intom tagħmlu lill-mexxejja tal-pajjiżi u tal-Knisja nara li intom lesti taffrontaw il-problemi li ġejjin mill-qagħda tad-dinja llum. Huma problemi kbar ħafna li jitolbu mpenn sħiħ. Intom stess dan għidtuh b' mod l-aktar serju: id-dinja u ż-żmien li fih qegħdin ngħixu huma sfida kbira għalikom. Jolqtukom il-miżerja u l-ġuħ li hemm f'tant pajjiżi tad-dinja u jolqtukom ukoll il-ħafna inġustizzji li taraw. Twissu kontra l-ħażniet kbar ta' l-armi tal-gwerra u t-theddida ta' gwerra nukleari. Għandkom għal qalbkom l-ambjent. Tafu li ħafna nies, u l-aktar żgħażagħ, huma mheddin mill-periklu tat-telfien tal-post tax-xogħol jew huma ġa qiegħda. Ħafna nies f'pajjiżi oħra huma mgħakksin intellettwalment u ma jistgħux jistqarru bil-libertà kollha l-fidi tagħhom. Dan kollu jġiegħel

lil wieħed jaħseb li ma hemmx aktar ġejjieni għall-ħajja, li l-ħajja ma għandha ebda tifsir. F'qagħda bħal din xi wħud jaħarbu minn kull responsabbiltà b'illi jfittxu l-hena fieragħ tad-dinja tax-xorb u tad-drogi, tas-sess bla ebda rbit, tal-indifferenza, tal-vjolenza. Għal xi wħud is-soluzzjoni hi biss il-mewt.

Iżda nofs il-lejl, xi ħadd qal, huwa wkoll il-bidu tal-jum. Id-diffikultajiet tal-lum iġibu f'ħafna nies u l-aktar fiż-żgħażagħ, ħolm l-aktar qalbieni, u jqajmu l-aqwa qawwiet tar-ruħ, tal-qalb, ta' l-id. Lesti biex jaqsmu ma' l-oħrajn ħajjithom, lesti biex jimpenjawha bla ħsieb ta' xejn.

F'kull imkien in-nies qed jistaqsu lilhom infushom u lil xulxin: X' nista' nagħmel? X'nistgħu nagħmlu? Fejn sejrin? U huma ż-żgħażagħ li l-aktar qed jistaqsu dan. Iridu jagħtu sehemhom għall-fejqan tas-soċjetà għajjiena u marida. B' hekk qed jagħtu tifsir ġdid lill-ħajja tagħhom u 'l dik ta' ħbiebhom. U dan it-tifsir għal ħafna minnhom ġa għandu isem: l-isem ta' Ġesù. Sabu 'l Ġesù. Sar it-tama tagħhom. Oħrajn għadhom ifittxuh. Uruhom it-triq li twassal għandu.

**Ġesù juri t-triq**

Ġejtu minn ħafna triqat għal hawn, qrib is-Salib li xi wħud minnkom hejjew hawn fin-nofs. Salib tal-fjuri, salib li jwarrad, sinjal ħaj ta' Kristu li miet imsallab u li rxoxta. Sinjal ta' fidi fil-qawmien kontra kull ma jista' jxekkel.

Triqatkom u s-Salib hawn f'nofskom juruna 'l Kristu li qal għalih innifsu: **Jiena t-Triq.**

Elfejn sena ilu sejjaħ għal warajh żgħażagħ bħalkom. Hallew kollox, id-dgħajjes tagħhom u xxbiek u saru dixxipli tiegħu. Sajjieda u pubblikani saru appostli. Ġesù jsejjaħ illum ukoll. Qed isejjħilkom. Qed jurikom it-triq permezz tal-Evanġelju, li jitkellem fuq ir-relazzjonijiet tiegħu malbnedmin.

Tolqotna minnufih l-għożża u l-imħabba li bihom kellem il-bnedmin: kif bierek it-trabi, kif ġibed qalb il-midinbin waqt l-ikel, kif kien jieħu ħsieb id-dixxipli tiegħu u bil-mod il-mod imexxihom lejn sura oħra ta' ħajja, kif issieħeb fin-niket ma' l-armla ta' Najn, kif sama' l-għajjat tat-tallab għama f' f'ġenb it-triq, kif kellem il-mara ħdejn il-bir. Kull paġna tal-Evanġelju tkellimna fuq l-imħabba bla qjies ta' Dak li għadda mid-dinja jagħmel 'il-ġid.

Iżda Ġesù jurina wkoll li mhux biss qalbu marbuta mal-bnedmin, imma wkoll mal-ħolqien kollu. Jara kif iż-żerriegħa tikber fl-għalqa fejn inżergħet, u kif it-tina tagħti l-frott tagħha. Iqis l-irjieħ u s-sħab. Iż-żerriegħa tal-mustarda u l-għalqa tad-dwieli, il-ġilji ta' l-egħlieqi u l-għasafar tal-bejt isiru parabboli tas-saltna ta' Alla li ġie biex iħabbar.

Ma għandniex nistagħġbu mela li ż-żgħażagħ illum qed iduru lejn Ġesù: intom tħossu b'mod speċjali li l-bniedem u n-natura għandhom ikollhom imħarsa kif jixraq id-dinjità tagħhom u s-siwi tagħhom.

F'Ġesù hemm wisq aktar minn xi ideal tal-bniedem tal-lum. Ġesù jurina li l-bniedem u d-dinja għandhom tifsir għoli ħafna: Id-dinja hi ħolqien ta' Alla, u fid-dinja jaħdem bla heda Alla, il-Missier etern. Għalhekk permezz tal-ħolqien kollu nistgħu naslu sa ma naraw 'l



...

Alla: kemm fil-ġrajjiet kbar li jseħħu madwarna u kemm fil-ħwejjeġ żgħar li qishom ma jiswew xejn u li lanqas ma nagħtu każ tagħhom.

L-Evanġelju jurina li l-qawwa li kellu Ġesù u li dehret f'ħajtu kollha ġejja mir-rabta tiegħu mal-Missier fl-imħabba.

Dan il-messaġġ ta' Ġesù li Alla jinsab dejjem fil-ħolqien hu għalina għajn ta' fiduċja. Alla jafna. Jafna aktar milli nafu lilna nfusna. Hu jħobbna għalkemm din l-imħabba mhux dejjem tidher. Huwa Alla li jagħtina futur. Mhuwiex Alla tal-mejtin, imma Alla li huwa ħaj u jagħti l-ħajja. Nistgħu nafdaw fih, nagħmlu l-egħruq tagħna fih. Dan għallimna Ġesù tul it-33 sena tal-ħajja tiegħu fuq l-art. Dan ried ifissrilna meta qal: **Jiena t-triq.**

**Ġesù jitlob imħabbitna**

Il-messaġġ ta' Ġesù huwa fl-istess ħin talba. Xi ħaġa trid toħroġ mill-imħabba u l-fiduċja fih. Issentimenti waħedhom mhux biżżejjed: irridu nkunu lesti ndawru lejH ir-rieda kollha tagħna u egħmilna kollu. Ġesù ma jħallilna ebda dubju dwar dan: "Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dan hu li jħobbni" (Ġw 14,21).

Forsi issa tridu tistaqsu: X'irid minna l-Mulej? Kif nistgħu nagħmlu dak li jrid? "Int tafhom il-kmandamenti," qal Ġesù liż-żagħżugħ li għamillu l-istess mistoqsija. 'Tafu l-kmandamenti.' Huduhom bis-serjetà. Jurukom it-triq.

Kristu qed isejħilkom biex timxu minn din it-triq. Bħalma mexa mad-dixxipli ta' Għemmaws, hekk jimxi magħkom fi triqtkom lejn il-bnedmin, fuq ix-xogħol, fis-soċjetà. Intom fi triqtkom biex tiltaqgħu mal-bnedmin. Hafna għad ma tafuhomx. Wieħed jew waħda minnhom għad tkun seħbitkom fil-ħajja b'mod deċisiv għalikom u għal ulied li tagħhom tkun il-ġenituri. Kif se tiltaqgħu ma' xulxin? Kif se titgħallmu dik l-imħabba li kapaċi tegħleb kull delużjoni? Kif se titgħallmu tirrealizzaw lilkom infuskom biex tagħarfu mhux biss **il-jien**, imma **l-int** u **l-aħna** wkoll? Ġesù qal: "Ejjew għandi u tgħallmu minni."

Intom se tidħlu għax-xogħol, u nawguralkom li x-xogħol issibuh. Għal ħafna minnkom ma jkunx ix-xogħol li xtaqu, imma biss post tax-xogħol, iżda dejjem post li jitlob l-impenn kollu tagħkom. Kunu onesti, kunu sħab tajba ta' l-oħrajn. U meta jkun hemm bżonn, kunu lesti li tidħlu għar-responsabbiltajiet partikolari. Tibżgħux turu li intom insara fl-ambjent tagħkom. Dan ikun għajn ta' hena kbir għalikom, ukoll jekk xi drabi ma jifhmukomx jew iwaqqgħukom għaċ-ċajt.

Fl-aħħarnett se tiltaqgħu mas-soċjetà tal-ġejjieni. Tixtiquha aħjar minn dik tal-lum. U għandkom raġun. Ma tkunx ħaġa sewwa jekk ma troddux ħajr lil dawk li fi żmienhom għamlu ħafna għalikom. Ma tkunx ħaġa sewwa tħarsu lejn l-imgħoddi bil-fehmiet tal-lum, u ma tqisux sewwa għal kollox kull ma ġara. Iżda bħala nsara aħna nemmnu li nistgħu nkunu dejjem aħjar milli aħna. U dan spiss jitlob tibdil u tħassib ġdid.

Tridu soċjetà b'aktar sinċerità, ġustizzja u ħniena. Tridu soċjetà li jkollha sena akbar ta' responsab-

biltà lejn il-bniedem u lejn l-ambjent, b'aktar mogħdrija, u b'aktar paċi. Ibdew intom u kunu aktar sinċieri u aktar ġusti, ħennu aktar u ħabirku għall-paċi, dik il-paċi li nkunu nistgħu nistennew mingħand l-oħrajn jekk aħna stess ngħixuha.

Intom resqin lejn soċjetà li tridu tagħtu sehemkom biex issawruha. Dawk li għad jiġu warajkom, għad jagħmlulkom l-istess mistoqsija li qed tagħmlu intom illum lil dawk li huma akbar minnkom fil-għomor: X'għamiltu minn ħajjitkom u mid-dinja?

**Il-Knisja ta' għada**

Intom ukoll tridu ssawru l-ġrajja tal-Knisja ta' għada. Jiena żgur li ma tridux Knisja li tnaqqas dak li jitlobna Ġesù jew li ddgħajjef it-teżor tal-fidi. Intom tridu Knisja li titkellem ċar, li tkun kredibbli. Mingħajr ma tintelaq għall-ispirtu taż-żmien tal-lum, trid twassal ittama lill-bnedmin tal-lum. U dan tagħmlu billi:

— iżżomm ħajja fil-bnedmin il-konvinzjoni li s-salvazzjoni ta' l-istrutturi tiddependi mis-salvazzjoni tal-qlub;
— tistenna s-salvazzjoni mhux biss mill-isforzi ta' kull wieħed minna, imma l-aktar bħala don ta' Alla;
— tħabbar li Alla huwa t-tmiem tagħna lkoll u hekk tbiegħed minna l-biża' li nitilfu xortina jekk ma niksbuhiex minnufih aħna stess;
— ngħixu bis-sempliċità kollha għaliex naraw f'Alla l-veru għana tagħna.

Ġesù llum qed igħid lil kull wieħed minna dak li darba qal lil San Franġisk ta' Assisi: "Trid terġa' tibnili dari", il-Knisja. Hafna joħolmu bi Knisja oħra, ġdida għal kollox. Imma Kristu jħeġġiġkom biex timpenjaw ruħkom għall-Knisja ta' issa: lilha tridu "tibnu mill-ġdid", tridu ġġeddu.

Mil-lum tridu tibdew tħabirku għall-bini tal-Knisja ta' għada, Knisja mingħajr firdiet, la bejn min jistqarr il-fidi mod u min jistqarrha mod ieħor, u lanqas bejn min hu żgħir u min hu kbir fil-għomor; Knisja li toffri pajjiż lil ħafna, waqt li tfakkarkom li hawn ma għandniex għamara għal dejjem. F'din il-Knisja intom ilkoll għandkom post u għandkom dmir x'taqdu. Intom din il-Knisja tridu tibnuha bħala żgħażagħ insara, bħala dawk li għada se jkunu missirijiet u ommijiet, bħala nies li jemmnu u qed jaqdu dmirijiethom f'professjonijiet u oqsma differenti tal-ħajja.

Fostkom hemm ftit li Kristu żgur se jsejħilhom biex jaqduh bħala saċerdoti, sorijiet u reliġjużi. Taħarbux minn din is-sejħa. Agħtu widen għas-sejħa dgħajfa tiegħu fost sejħat aktar qawwija li jridu jgħidulhom ħwejjeġ oħra.

Il-ħidma tagħkom hi kbira, imma Ġesù jgħidilkom: "Tibżgħux!" Tħallux ixekkilkom min ma jħabbarx ħlief żventuri. Taċċettawx il-prinċipju. "Jew kollox jew xejn," imma bil-kuraġġ kollu u bis-sabar imxu 'l quddiem b'passi zgħar. Aħsbu b'moħkom u tħallux imexxikom kliem ħaddieħor. Ġesù jgħidilkom ukoll: "Agħmlu penitenza, ikkonvertu." Tgħabbux lil ħaddieħor — lis-soċjetà, lill-istat, lill-Knisja — bir-responsabbiltajiet tagħkom. Flok tilmentaw u takkużaw, idħlu għar-responsabbiltajiet

tagħkom. Agħmlu paċi bejnietkom permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-bnedmin, u hekk tkunu nies henjin u tagħmlu henjin lill-oħrajn. Ġesù jistaqsikom, kif staqsa lil San Pietru: **Tħobbni int?** Jekk tħobbuh lil Ġesù, kemm tista' tiswielkom din l-imħabba? Intom għonja bid-dehen, bil-fehmiet, bir-rieda tajba. Timpenjaw ruħkom għall-paċi u kontra l-miżerja tat-tielet dinja. Għadkom żgħażagħ. Illum ukoll hi ħaġa sabiħa tkun żagħżugħ, qalbek miftuħa għad-dinja u għall-ħajja. Ħaġa sabiħa tagħti u tirċievi, Ċesù qed igħidilkom: **Jien nibgħatkom.** Toqogħdux bil-qiegħda komdi, bil-qiegħda bid-dubji tagħkom u bil-biża' tagħkom, imma morru. It-triq tafuha. It-triq hi Kristu! Nimxuha flimkien!

10 ta' Settembru — Mill-omelija fil-Quddiesa għall-għaqdiet tal-apostolat fil-Kattidral ta' San Stiefnu

## IL-LAJĊI U L-MISSJONI FIL-KNISJA

...Il-Knisja ma tieqaf qatt ixxerred id-don tal-ħniena ta' Alla, u fl-istess ħin tħabrek biex l-art niexfa ssir għammiela. Għal dan intom tistgħu tagħtu sehemkom skond is-sejħa tagħkom ta' lajċi li intom. Il-lajċi huma fl-istess ħin sinjal ta' salvazzjoni fid-dinja u pont bejn il-Knisja u d-dinja. Spiss intom il-lajċi, aktar mis-saċerdoti u r-reliġjużi, għandkom kuntatt aktar mill-qrib ma' kif igħixu n-nies, mal-ħtiġijiet u t-tamiet u l-kontradizzjonijiet spiritwali ta' żminijietna. Biss bl-appostolat tal-lajċi, f'għaqda sħiħa mar-ragħajja tal-Knisja, imqawwi bil-grazzja tas-sagramenti mqaddsa, il-Knisja hi tassew Knisja.

Bħala suċċessur ta' San Pietru rrid nirringrazzjakom għas-servizz li qegħdin tagħtu f'din il-missjoni li l-Iben tal-Missier ried jafda lill-Knisja. Intom taqdu l-Evanġelju b'ħafna modi, kull wieħed minnkom fil-qasam u skond il-vokazzjoni li għandu, imma lkoll f'kollaborazzjoni sħiħa bejnietkom. Intom stess weġibtu għal din is-sejħa u dħaltu għal dawn l-impenji. U fl-istess ħin Alla għażilkom u mliekom bil-grazzja tiegħu.

**Dawk li jgħallmu l-fidi**

Kunu afu mela li kull ħidma tagħkom fl-appostolat tal-lajċi hi fl-aħħar mill-aħħar qadi għat-tħabbir tal-Bxara t-tajba ta' Kristu. Dan igħodd b'mod speċjali għal dawk li huma mpenjati direttament fil-qadi tax-xandir tal-fidi. Qed ngħid għal dawk li jgħallmu r-reliġjon fl-iskejjel, u għal dawk li jgħallmu l-fidi f'oqsma oħra u l-aktar fit-tħejjija għall-Magħmudija, għall-Griżma, għall-Qrar, għall-ewwel tqarbina u għaż-żwieġ...

Nafu li l-qadi tagħkom fit-tagħlim tal-katekiżmu jsib ħafna tfixkil; aħna żguri li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fil-Knisja bil-verità kollha tiegħu u ma nħallux li dawk fdati lilna jifhmu l-fidi kif jidhril-

hom bla ebda għajnuna. Infittxu nużaw il-metodi tajba kollha biex il-verità nwassluha b'mod li tiftiehem. Imma fl-istess ħin inżommu quddiem għajnejna l-kelma ta' l-Appostlu: "Xandar il-kelma, sus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu" (2 Tim 4,2).

Ix-xandir tal-Evanġelju mil-lajċi jsir l-aktar fl-ambjent tagħhom. Għalhekk bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li l-ġenituri huma l-ewwel katekisti ta' wliedhom, li l-ħaddiem l-ewwel appostlu tal-ħaddiema, u li ż-żgħażagħ aktar malajr jagħtu widen lil min hu ta' mparhom mill-li 'l min hu akbar minnhom. Kull fejn tgħammru bħala nsara li temmnu u mwettqin fil-Magħmudija u l-Griżma, kunu veri ħabbara tal-fidi, bil-ħsieb li tagħtu l-ħelsien lill-bnedmin permezz tal-verità.

**Il-komunitajiet insara**

Għal dan igħin ħafna jekk jinħolqu komunitajiet. Il-Knisja filmixi tagħha tul iż-żminijiet, dejjem uriet qawwa liema bħalha kull darba li twaqqfu komunitajiet ta' ħajja spiritwali u ta' appostolat. Xi wħud minnhom damu għal ftit tażżmien, oħrajn baqgħu sħaħ u ħajjin tul il-medda ta' mijiet ta' snin.

Lil dawn il-komunitajiet jien insellmilhom! Naf tajjeb bl-impenn tagħkom għall-formazzjoni tal-ħajja soċjali u reliġjuża, impenn li dħaltu għalih u għadhom sal-lum jistennewh minn għandkom. Habirku għalhekk biex bla heda tiġġeddu fl-għerf li jiġina mit-tagħlim tal-Knisja u mill-eżempju ta' nies qaddisa. L-Ewkaristija trid tkun għalikom pedament ta' kollox, u minnha tiksbu l-qawwa għall-appostolat tagħkom.

**Dawk li jaħdmu fl-organizzazzjoni tal-Knisja**

...Fi ħsiebi wkoll huma dawk li qed jaqdu s-saltna ta' Alla fil-Knisja billi jagħtuha ħinhom kollu: issagristani u l-organisti, l-għorrief fil-liġi u l-amministraturi, u l-aktar il-kollaboraturi tal-Knisja Kattolini, igħinu bil-ħidma tagħhom filħafna organizzazzjonijiet ta' għajnuna u assistenza, u huma għalhekk mera tal-wiċċ kollu mħabba ta' Kristu u ta' idu dejjem lesta biex tagħti. L-egħmil kollu tagħkom hu xhieda tal-ħniena ta' Alla għal kull min hu mġarrab. Ix-xirka, f'isem Ġesù, ma' min qed ibati, għandha tkun ir-raġun ta' kull impenn soċjali tal-Knisja.

Għall-koordinament ta' dan ilqadi kollu fi ħdan il-Knisja għandkom il-**kunsilli parrokkjali,** u istituzzjonijiet oħra fuq livell aktar għoli. Dawn l-organizzazzjonijiet kollha juru x'inhu verament il-poplu ta' Alla. Dawn l-oorganizazzjonijiet jaħdmu flimkien biex is-saċerdoti u l-lajċi jfittxu l-istess triq għax-xandir tal-Evanġelju u jippermettu lill-Knisja f'pajjiżkom biex issemma' aħjar leħenha.

Fl-aħħarnett irrid insemmi dawk li qed jagħtu servizz fis-skiet. Mhijiex xi ħaġa ta' xejn li knisja tkun imsebbħa, imżejna b'imħabba; mhux xi ħadd ma jimpurtah minn xejn, min jieħu ħsieb parroċċa; hu importanti ħafna l-ispirtu li bih wieħed jidħol għal dawk il-ħafna ħidmiet żgħar li titlob it-tmexxija ta' komunità: dan kollu hu kbir f' għajnejn Alla. Dan ukoll jiftaħ ittriq għall-Evanġelju, jekk isir b'imħabba u konvinzjoni.

**Il-ħtieġa tal-qdusija tat-talb u tal-konverżjoni**

Biex il-ħidma tagħkom fl-oqsma kollha tal-appostolat tkun tassew tiswa, jeħtieġ li tkunu mimlijin bl-Ispirtu ta' Kristu. Għalhekk inħeġġigkom biex tqaddsu ħajjitkom... Bniedem qaddis, f'ħajtu u f'mewtu, hu xhieda tal-Evanġelju f'pajjiżu u fi żmienu. Kristu ma ħasibhiex darbtejn biex isejjaħ id-dixxipli tiegħu għall-perfezzjoni. Id-diskors tal-muntanja hu tagħlim eżemplari għall-qdusija. Tibżgħux minn dan il-kliem; tibżgħux mill-verità ta' ħajja qaddisa. Veru li l-Knisja teħtieġ l-istituzzjonijiet kbar tagħkom, l-istrutturi u l-mezzi finanzjarji. Iżda l-għajn tal-ħajja huwa l-Ispirtu ta' Kristu, li jrid jidher bil-fatti fil-bniedem.

Għalhekk **itolbu,** u fittxu l-aktar it-talb personali. Ħafna knejjes tagħkom huma ħaġa ta' l-għaġeb: tħalluhomx isiru mużewijiet. Il-fidi ħajja ta' talb fis-skiet ta' tant nies quddiem it-tabernaklu jwasslu biex dawn il-knejjes jibqgħu jgħożżu d-dinjità tagħhom u l-iskop li għalih imbnew.

Agħtu mill-ġdid fil-komunitajiet tagħkom ħajja lis-sagrament tal-qrar. Bil-parabbola tal-fariżew u l-pubblikan Kristu wriena ċar b'liema sentimenti għandna nidħlu fil-knisja. Fejn ma hemmx indiema, joktru l-akkużi, u dawn iġibu l-inkwiet, joħolqu l-egħdewwa u jistgħu jwasslu għall-gwerer. L-indiema tagħna quddiem Alla ma sservix biss għas-salvazzjoni tagħna nfusna, imma wkoll għas-salvazzjoni tad-dinja madwarna. U hekk inkunu sinjal ħaj ta' tama f'nofs il-bnedmin li jiċħdu ħtijiethom jew huma mgħaffġin taħthom. Itolbu 'l Alla jagħtikom il-grazzja li terfgħu salibkom. Ħajjitkom hi spiss fit-tigrif, u ħafna jaqgħu. Hemm ħafna nies li ma jaraw ebda tifsir fil-ħajja. Kunu intom, bil-qawwa umli tagħkom, li tagħtu lil dawn in-nies il-kuraġġ biex jerfgħu salibhom. U hekk tkunu għalihom eżempju li jagħtihom il-ħelsien: fikom jaraw it-triq li minnha jridu jgħaddu, biex mal-Feddej, jaslu sa l-Għolja taż-Żebbuġ u sal-qawmien. U biex nispiċċa: Għixu ħajjitkom bil-kuraġġ kollu, ukoll jekk tqisu ħajjitkom ma tiswa xejn. L-għalliema kbira tal-ħwejjeġ żgħar, Santa Teresa ta' Lisieux, urietna tul il-ħajja qasira tagħha, kemm huma kbar quddiem Alla l-ħidmiet żgħar tagħna ta' kuljum. Niftakru wkoll f'Charles de Foucauld li kien iqis bħala eżempju mill-aqwa l-ħajja moħbija ta' Ġesù f'Nazaret. Hemm qdusija li tidher sewwa f'xi bnedmin, imma hemm ukoll il-qdusija moħbija tal-ħajja ta' kuljum.

F'dan kollu Marija hi l-aqwa eżempju għalikom. L-anġlu sellmilha "mimlija bil-grazzja" u hekk sellmitilha l-Knisja tul iż-żminijiet. Il-Mulej magħha. Il-Mulej magħkom ukoll fil-qdusija ta' ħajjitkom u fil-qadi tal-appostolat tagħkom. Dan jixtieqilkom il-Papa...

## IS-SOLIDARJETA' NISRANIJA TWASSAL GĦALL-ĦIDMA

**Il-qgħad**

...L-ekonomija u d-dinja tax-xogħol għandhom quddiemhom problemi ġodda. Fuq ix-xefaq tad-dinja qed titfaċċa kriżi ekonomika kbira li, milli jidher, f'ħafna pajjiżi se ġġib qgħad fit-tul. Xi esperti jaħsbu li se jkun hawn żviluppi li se jwasslu għal tnaqqis kbir fix-xogħol tal-bniedem għall-produzzjoni tas-servizzi u tal-ġid. Ġa qed naraw dan it-tibdil. F'qagħda bħal din aħna l-insara rridu nuru x'inhi l-fehma tagħna dwar il-bniedem u dwar ix-xogħol. Ma għandux jiġri li min jitlef il-post tax-xogħol, jitlef ukoll postu fis-soċjetà u jibqa' waħdu u nieqes mill-istima tiegħu nnifsu. Ix-xogħol għandu importanza fondamentali għall-bniedem, u t-twemmin nisrani jagħti importanza kbira lix-xogħol. Iżda l-messaġġ nisrani juri wkoll li l-bniedem hu bniedem mhux biss bix-xogħol. Il-bniedem hu xbieha ta' Alla u għandu jiġi meqjus skond id-dinjità ta' bniedem li hu u mhux skond xogħlu. Għalhekk qatt ma għandna nqisu l-qgħad bħala ħtija ta' min hu qiegħed.

Ma tistax tħoll il-problema tal-qgħad mingħajr is-sagrifiċċji ta' kull min hu milqut minnu. Tridu turu li hemm solidarjetà fostkom. Jien nittama fikom u żgur li flimkien issibu kif tħollu dan il-problema.

**Iż-żgħażagħ, in-nisa, l-inkapaċitati**

Mhux il-bnedmin kollha huma milquta bl-istess mod mill-pjaga tal-qgħad. Hemm xi wħud li jeħtieġu l-attenzjoni speċjali ta' l-oħrajn. **Qed jikber in-numru taż-żgħażagħ li wara li jkunu trawmu għax-xogħol, ma jsibux xogħol fiss.** Iħossu li ġew imqarrqa wara li jkunu hejjew ruħhom sewwa għax-xogħol u għall-impenn ta' responsabbiltà fis-soċjetà. **In-nisa mbagħad huma dawk li l-ewwel jitilfu l-post tax-xogħol.**

Ukoll jekk il-ħidma tagħhom fid-dar jisthoqqilha ġieħ kbir, ma għandhiex issir diskriminazzjoni kontrihom. Il-mara tal-lum taħdem fl-oqsma professjonali kollha u għandha dritt taqdi l-ħidma tagħha skond l-attitudni li għandha bla ebda preġudizzju, mingħajr ma tiġi mwarrba minn ebda ħidma li għaliha tħossha miġbuda. Il-qagħda mbagħad tal-inkapaċitati hi aktar diffiċli. Imma hi ħaġa li ma tixraqx lill-bniedem u ċaħda ta' l-istess natura tal-bniedem, tagħti xogħol biss lil min hu ħieles minn kull nuqqas. Ma nistgħux naqsmu l-bnedmin f'żewġ gruppi, dawk b'saħħithom u tajbin għax-xogħol u dawk dgħajfa u marradin li trid tistabar bihom. F'dan il-każ ukoll ix-xogħol għandu jitqies b'riferenza għad-dinjità tal-bniedem u mhux b'riferenza għall-interess ekonomiku. Sakemm fostkom hemm min hu qiegħed, għandkom tfittxu flimkien magħhom kif se tħollu dan il-problema.

**In-nies tat-tielet dinja**

Fl-aħħarnett nixtieq inkellimkom fuq problema li hu tassew għal qalbi. Imħassbin kif aħna bil-ġejjieni ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tagħna, **ma għandniex ninsew il-miżerja kbira tal-pajjiżi tat-tie-**

let dinja. Ma għandniex naħsbu fina nfusna biss meta qed infittxu kif se nħollu dawn il-problemi soċjali kbar. Aħna, għax insara, waqt li qegħdin naraw kif se nħollu dawn il-problemi, ma għandna qatt ninsew dawk il-bnedmin li huma mċaħħdin mid-drittijiet fondamentali tagħhom...

Jekk il-problemi tal-lum huma kbar ħafna, ma għandniex naqtgħu qalbna. Id-dinja — ukoll fil-qagħda li fiha tinsab illum — tahielna Alla bħala l-ħidma tagħna. U l-fidi nisranija li nħaddnu għandha ħafna raġunijiet u ħafna prinċipji li juruna kif inwettqu din il-ħidma tagħna. **L-ewwel paġni tal-Iskrittura — il-ġrajja tal-ħolqien — b'xi mod huma l-ewwel Evanġelju taxxogħol.** Il-bniedem ġie maħluq xbieha ta' Alla u b'xogħlu jissieħeb fl-opra tal-Hallieq. U dan ma ngħiduhx biss għal xi ħidma straordinarja. L-irġiel u n-nisa, li bixxogħol tagħhom ta' kuljum jaqilgħu dak li jeħtieġu bla ma jgħixu, jistgħu jqisu ruħhom li qegħdin ikomplu l-opra ta' Alla.

**Solidarjetà nisranija**

It-tkattir tal-problemi soċjali flindustrija u l-ekonomija wassal lill-ħaddiema biex dejjem aktar jaħdmu flimkien b'solidarjetà bejniethom. Magħqudin flimkien ħelsu mill-umiljazzjoni u l-moħqrija. Holqu kondizzjonijiet ta' ħajja li tixraq il-bniedem, ta' ħajja fil-ġustizzja u l-libertà. Għal dan il-għan il-ħaddiema nsara sabu qawwa u ħeġġa fit-tagħlim soċjali tal-Knisja.

**Is-solidarjetà nisranija twassal għall-ħidma**

Fl-Evanġelju naraw lil Ġesù miexi minn tarf għall-ieħor ta' pajjiżu b'għajnejh miftuħa: b'imħabba liema bħalha jħares lejn il-bnedmin imġarrbin mill-mard u jeħrogħom mill-iżolament li fih sabu ruħhom minħabba l-mard u l-istmerrija talbnedmin. B'hekk intrefa' b'qawwa liema bħalha 'l fuq mill-oppożizzjoni ta' dawk ta' madwaru, tal-Appostli wkoll. Għalhekk in-nisrani, li jħoss li għandu jkun solidali ma' l-oħrajn, ma jistax ikun indifferenti quddiem l-inġustizzja: iwarrab l-indifferenza biex ma jikkompromettix ruħu u jkun lest għallħidma meħtieġa. Id-deċiżjoni li tagħti s-sehem tiegħek hi deċiżjoni importanti ħafna għall-bini ta' dinja li tixraq lill-bniedem.

**Is-solidarjetà nisranija twassal għall-ħidma flimkien**

Meta naslu biex naħsbu mhux fil-**jiena** biss, imma **f'aħna** wkoll, inkunu warrabna minna l-egoiżmu u r-ras iebsa. Meta nfittxu l-interessi ta' xulxin inkunu qed nitgħallmu kif nikbru u naslu għallmilja ta' l-irġulija. Il-ħidma flimkien hija t-triq li twassal biex tħoll il-problemi li jkun hemm, flimkien ma' dawk li huma milqutin minnhom. Dan narawh fl-istorja tal-Knisja ta' Kristu. Id-dixxipli tal-Mulej kienu grupp madwar Ġesù jitgħallmu u jaħdmu bħala komunità. Bagħathom tnejn tnejn u ma tawx aħbar ta' salvazzjoni individwali għax is-salvazzjoni hija mwiegħda lill-poplu kollu ta' Alla.

**Is-solidarjetà nisranija hija 'favur' u mhux 'kontra' ħadd ieħor**

Il-ħidma ta' solidarjetà għandha bħala għan li tneħħi t-tbatija bla bżonn li jġibu l-bnedmin u n-natu-

ra. Tmur ukoll kontra dawk li jaqblilhom li jibqgħu ċerti qagħdiet ta' inġustizzja. Iżda l-ħidma ma tridx tkun "kontra" tagħhom, għax dan jista' jġib moħqrija ġdida, imma trid tkun "favur" il-ħelsien. F'Ġesù naraw kif kien jeħodha bla biża' kontra l-ħżiena u l-inġusti. L-għan tiegħu kien il-fidwa u mhux it-telfien tal-midneb; l-għan tiegħu kien il-ħajja u mhux il-mewt. L-għan tas-solidarjetà bejn il-ħaddiema ma għandux ikun ir-rebħa u l-ħakma, imma l-għajnuna, it-titjib, il-ftehim.

Jekk tingħaqdu flimkien biex toħolqu dinja ġusta u tixraq lill-bniedem, tkunu qed taqdu l-ħajja. Ir-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni tagħna hi kbira tassew. Iridna ngħixu, irid li ngħixu l-ħajja fil-milja kollha tagħha.

**Haddiema li jġibu ruħhom bħala nsara li tassew jemmnu**

L-aħħar kelma hi ta' apprezzament għal dawk il-ħaddiema rġiel u nisa li fuq il-post tax-xogħol iġibu ruħhom ta' nsara li tassew jemmnu... Fost il-ħaddiema l-ewwel appostli u l-aktar qrib tagħhom għandhom ikunu l-istess ħaddiema. Fi ħsiebi għandi 'l dawk il-lajċi u 'l dawk is-saċerdoti li ddedikaw ruħhom għall-appostolat tal-ħaddiema.. imqanqlin mill-ispirtu tal-Kardinal Cardijn...

Egħżież ħaddiema, agħrfu d-dinjità u s-sejħa tagħkom: intom ulied Alla, kollaboraturi ma' Alla li ħalaq din id-dinja u fdahilkom f'idejkom. Habirku biex tagħmluha aħjar. Użaw il-qawwa tagħkom biex toħolqu kundizzjonijiet soċjali li jkunu ġusti u jixirqu lill-bniedem... Il-Knisja hija magħkom, ma' ġenbkom. Temmen fis-siwi ta' kull bniedem u fl-ordni li Hallieq ried jafda lil kull bniedem. F'dan il-mument nitlob 'l Alla biex il-qagħda ekonomika titjieb ħalli intom u l-familji tagħkom teħilsu minn kull tagħbija u kull tħassib, ħalli f'kull azjenda u f'kull ħanut tax-xogħol issaltan il-ġustizzja u fikom u bikom jidher li s-Saltna ta' Alla ġa qiegħda hawn, f'din id-dinja u fid-dinja tax-xogħol.

13 ta' Settembru — Mill-omelija fuq iz-zuntier tas-Santwarju ta' Mariazell

## MARIJA TGHALLIMNA S-SKIET

...Bħala poplu ta' Alla mexjin lejn is-sema, aħna lkoll "magħrufin" u "msejħin" minn Alla biex inkunu "sura xbieha ta' Ibnu." Din is-sejħa ta' kull nisrani tikseb karattru partikolari skond is-sura ta' ħajja li wieħed ikun igħix u skond is-servizz li hu msejjaħ jagħmel fil-Knisja. Iżda fil-Knisja, għax hi familja, mhemmx firda bejn membru u ieħor u bejn gruppi. Ilkoll neħtieġu 'l xulxin u kull wieħed igħin lill-ieħor... Il-ħsibijiet tiegħi dwar is-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża huma tagħkom ukoll u nixtieq li intom, quddiem din ix-xbieha ħanina ta' Omm Alla, tqisuhom sewwa...

**Is-smigħ u s-skiet**

...Is-smigħ huwa l-ewwel ħidma tal-ħajja reliġjuża tagħna. Irridu l-ewwel nitgħallmu l-kelma ta' Alla, ħalli mbagħad inkunu nistgħu nwieġbu għaliha; l-ewwel irridu nisimgħu u mbagħad nobdu. **Is-skiet u l-ġabra, il-qari u r-riflessjoni reliġjuża** huma meħtieġa għall-ħajja tagħna u għall-qadi tagħna bħala dawk li jisimgħu u jħabbru l-Verb ta' Alla magħmul bniedem. U f'dan Marija hi ta' eżempju u ta' għajnuna għalina. L-Evanġelji juruhielna bħala dik li hi siekta, dik li toqgħod tisma' fis-skiet. Is-skiet tagħha hu l-ħdan tal-Verb. Tgħożż kollox u twasslu għall-milja tiegħu f'qalbha. Kif ġara fit-tħabbira ta' l-Anġlu, is-smigħ ta' Alla jsir fih innifsu djalogu ma' Alla, djalogu li fih inkellmu 'l Alla u Hu jismagħna.

Ġibu għalhekk quddiem Alla dak li jqanqalkom. Roddulu ħajr ferħanin għal dak li għamel magħkom u għal dak li, minn jum għall-ieħor, bikom wassal lill-oħrajn. Għidulu bit-tħassib tagħkom dwar dawk li huma fdati lilkom, it-tfal u ż-żgħażagħ, il-miżżewġin, ix-xjuħ u l-morda. Għidulu bid-diffikultajiet tagħkom, bil-ħtiġijiet tagħkom, bit-tbatijiet personali tagħkom; għidulu dwar dak li ma rnexxilkomx tagħmlu u xtaqtu tagħmluh.

**Il-ħtieġa tat-talb**

Għeżież saċerdoti u reliġjużi, ittalb ma tistgħux tgħaddu mingħajru fil-vokazzjoni tagħkom. Tant hu meħtieġ li għandkom tħallu filġenb ħwejjeġ oħra li forsi jidħrilkom aktar meħtieġa biex tkunu tistgħu titolbu. Ukoll jekk il-ħajja tagħkom ta' kuljum għall-qadi talbnedmin hi mgħobbija ħafna bix-xogħol, qatt ma għandu jkun nieqes il-ħin tat-talb u tas-skiet. It-talb u x-xogħol qatt ma għandhom jiġu mifrudin minn xulxin. Jekk aħna naħsbu u noffru kuljum ix-xogħol tagħna lil Alla, dan isir talba.

Tgħallmu itolbu. Għal dan fittxu l-għana tal-Liturġija, tas-Sigħat u ta' l-Ewkaristija li għandhom jissieħbu b'mod speċjali max-xogħol tagħkom ta' kuljum. Tgħallmu mill-istess skola tal-Mulej kif titolbu ħalli ssiru għalliema tat-talb għal dawk li ġew fdati lilkom. Jekk tgħallmu n-nies jitolbu, tkunu qed tagħtuhom lura l-kelma tal-fidi, li ta' spiss ma għadhiex aktar soda fihom; permezz tat-talb treġġgħuhom lura lejn Alla u tagħtu mill-ġdid tifsir u sens lil ħajjithom.

Inħares b'tama kbira lejkom, **egħżiez seminaristi u novizzi.** Isseminarji u n-novizzjati tagħkom għandhom ikunu postijiet ta' ġabra, ta' talb, ta' tħabrik biex toħolqu relazzjoni ta' fiduċja ma' Alla. Naf bix-xewqa ġdida tagħkom għal talba ġusta u bit-tfittix tagħkom ta' triqat ġodda biex it-talb jidħol aktar fil-fond fil-ħajja tagħkom. Inħallu għalhekk l-entużjażmu tas-salmista imexxina huwa u jitlob: "Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej ħaġa waħda nfittex li ngħammar f'dar il-Mulej tul il-jiem kollha ta' ħajti, biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej u nbakkar fittempju tiegħu" (Salm 26,4).

**F'xirka waħda bejnietna**

Il-Verb ta' Alla jmexxina lejn is-skiet, lejna nfusna, lejh, iżda ma

jifridniex minn xulxin. Il-Kelma ta' Alla tgħaqqad. Fis-skiet tad-djalogu ma' l-Anġlu, Marija saret taf li l-qariba tagħha Elizabetta kienet se ssir omm. U mis-skiet ta' dak id-djalogu Marija telqet lejn l-għoljiet tal-Lhudija biex tiltaqa' ma' Elisabetta. Marija għarfet li Alla ħadem f'Elisabetta kif kien ħadem fiha. U r-rigal ta' dik is-siegħa kien talba għażiża: "Imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott talġuf tiegħek". Hekk wieġbet Elisabetta għat-tislima ta' Marija. Din il-ġrajja turina li Alla mhux biss isejħilna imma jgħin lil dawk li jsejjaħ biex jifhmu 'l xulxin skond il-vokazzjoni tagħhom u jilqgħu 'l xulxin.

Ġesù jrid li dawk li jsejjaħ ikunu qrib tiegħu, iżda mhux kull wieħed għalih waħdu, imma f'xirka. Il-poplu kollu ta' Alla u dawk kollha li hu jsejjaħ huma f'xirka mal-Mulej u bejniethom. Din ix-xirka mhijiex biss xirka fil-ħajja tal-fidi imma wkoll fil-ħajja ta' kuljum kif ġara fil-każ ta' Marija u Elisabetta. Dan jidher ċar l-aktar fil-ħajja tagħkom ir-reliġjużi. Intom aktar minn ħaddieħor qed tgħixu skond is-sura ta' l-insara tal-ewwel żminijiet, meta x-xirka ta' dawk li jemmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda bejniethom. Aktar ma jirnexxilkom tgħixu b'imħabba vera fil-komunitajiet tagħkom, aktar tkun qawwija x-xhieda li tagħtu li l-messaġġ nisrani hu ta' min jemmnu.

Skond il-Konċilju (**Perfectae caritatis** 15) l-għaqda tagħkom tħabbar il-miġja ta' Kristu u minnha toħroġ qawwa appostolika kbira. Dan igħodd ukoll għalikom saċerdoti u għalikom djakni. Naf li xi wħud minnkom huma mġarrbin mil-fatt li jinsabu waħedhom. Hafna minnkom — ukoll minħabba n-nuqqas ta' saċerdoti — huma waħedhom fil-ħidma tagħhom. Forsi ma jifhmukomx u ma jilqgħukomx f'dinja li taħseb mod ieħor u tqis il-messaġġ tagħkom xi ħaġa barranija għaliha. U għalhekk jeħtieġ naħsbu aktar fil-fond fuq dak li jgħid il-Konċilju dwar ix-xirka tas-saċerdoti bejnietkom. **Intom qatt ma intom waħedkom**: intom magħqudin ma' xulxin bil-vokazzjoni tagħkom. Bil-voti tagħkom u bil-missjoni fdata lilkom, kif igħid il-Konċilju, intom għaqda ta' aħwa mqawwija mill-ispirtu ta' l-għaqda (LG 28), magħqudin flimkien b' rabta sagramentali intima ta' aħwa (Presb. Ord. 8). Intom marbutin ma' ħutkom is-saċerdoti l-oħra b' rabtiet ta' mħabba, ta' talb u ta' kull xorta ta' ħidma flimkien. Egħżież ħuti fis-saċerdozju, ħabirku biex tgħixu f'xirka saċerdotali attiva, din il-verità li ġejja missagrament ta' l-Ordni Sagri u li timliekom bil-ferħ. Aħna lkoll, il-Papa u l-isqfijiet, naqsmu magħkom dawn il-fehmiet. Nagħmlu kull ma nistgħu bl-għajnuna ta' Alla ħa naċċettaw lil xulxin bħala aħwa, u ngħinu lil xulxin ħalli flimkien nagħtu xhieda għal Kristu.

### Iċ-ċelibat u l-ħidma tas-saċerdot illum

Iċ-ċelibat li intom għażiltu f'ġieh is-saltna tas-smewwiet jagħmilkom aktar ħielsa ħa tixxierku ma' Kristu u taqdu l-bnedmin. U jagħmilkom ukoll aktar ħielsa biex tingħaqdu bejnietkom b'mod aktar għoli u aktar qawwi. Tħallu lil

ħadd, tħallu xejn ibegħdkom minn din il-qagħda jew idgħajjifhielkom. Fittxu li biha tagħtu aktar frott lil ħajjitkom u lill-qadi tagħkom għas-salvazzjoni tal-bnedmin.

Egħżież seminaristi, intom għandkom ħafna ideat dwar **is-servizz u l-ħajja tas-saċerdot fiż-żminijiet tal-lum.** Ejjew niftħu qalbna flimkien għal dak li l-Ispirtu jgħid lill-Knejjes (Apok 2,29); fl-istess ħin nitlobkom tgħixu minn issa l-ideali tagħkom u l-aktar l-ideal tal-komunità — bejnietkom u mas-superjuri tagħkom — f'ħajja ta' fidi, ta' studju u ta' ħin liberu.

Aktar ma jkun ħaj l-ispirtu ta' xirka bejn ir-reliġjużi u s-saċerdoti aktar ikun qawwi s-servizz li jagħtu. Il-mod kif igħixu f'komunità iwassal lil ħafna biex jiddeċiedu li jaqbdu t-triq tal-ordinazzjoni u tas-saċerdozju. Fejn hemm kunventi mimlijin ħajja, fejn hemm ragħajja tal-erwieħ li jgħixu flimkien bħal aħwa, fejn is-saċerdoti u l-lajċi jaħdmu flimkien fl-għaqda tal-Ġisem ta' Kristu, hemm joktru l-vokazzjonijiet.

### Il-kobor tal-vokazzjoni tagħna

Hu ferħ kbir għalija nkellimkom quddiem ix-xbieha ħanina tal-Madonna ta' Mariazell. Bħala Omm Alla u Omm il-Knisja, Marija b'mod ta' l-għaġeb hi wkoll omm dawk kollha li jġibu 'l quddiem il-missjoni ta' Binha fid-dinja. Fis-sejħa tagħha, fl-**iva** li qalet bla ebda kundizzjoni għat-tħabbira ta' l-Anġlu, fit-tifħir lill-ħniena ta' Alla bil-**Magnificat,** naraw il-misteru u l-kobor tal-vokazzjoni tagħna. Bl-**iva** kollu fidi għall-predestinazzjoni tagħha għall-missjoni li riedha tagħmel Alla, il-Verb sar bniedem fi ħdanha u daħal fil-ġrajja tad-dinja. U hekk seħħ il-pjan etern ta' Alla li fuqu jitkellem San Pawl (Rum 8,29): "Lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredistinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa".

Għall-obbedjenza tagħha għall-kelma ta' l-Anġlu Marija saret iċ-ċentru tal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja. Biha l-Iben ta' Alla sar ħuna biex nistgħu nsiru bħalu fil-ġustizzja u l-kobor. Għalhekk San Pawl ikompli jgħid li dawk li Alla sejħilhom iġġustifikahom ukoll u mbagħad lil dawk li iġġustifikahom, igglorifikahom ukoll (Rum 8,30). Il-bniedem ġie mgħolli biex ikollu sehem mill-kobor tat-Trinità qaddisa permezz ta' Kristu, l-Iben ta' Alla, li bil-'fiat', mimli fidi ta' Marija sar Bin il-bniedem. Iva, imbierka dik li emmnet, għax, ara, kull żmien isejħilha hienja.

Iva, ħuti, inkunu hienja aħna wkoll li emminna, jekk bħal Marija, fil-laqgħa personali tagħna ma' Alla, inkunu lesti li nħabbru lil dawk li jgħammru fuq l-għoljiet u l-widien ta' kull pajjiż u ta' kull kontinent l-egħġubijiet li seħħu fi ħdan Marija, fi Kristu Binha, u fina ħutu.

...Bil-fidi ta' Marija nxtegħel id-dawl ta' Alla u issa qed idawwal lil Ġerusalem il-ġdida. Hija d-dija tal-kobor ta' Alla l-għoli, id-dija ta' dak id-dawl li sa mill-bidu jdawwal kull bniedem, imma bi Kristu jrid jilħaq lil kulħadd bil-qawwa kollha tiegħu...

Din il-missjoni tal-Knisja hi b'mod speċjali riservata għal dawk li qed jaqdu ministeru spiritwali.

Kristu sejjaħ lejh dawk li marru warajh u bagħathom fost il-bnedmin 'il bogħod mill-persuna tiegħu: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu." B' mod speċjali rrid illum niftakar f' dawk ħutkom fl-artijiet tal-missjoni ... kull fejn intom, kull fejn qed taħdmu, il-ħidma reliġjuża tagħkom hi dejjem l-istess waħda, jiġifieri "d-dawl li jiddi mill-għoli" biex idawwal "lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u fid-dell tal-mewt". Din hi l-missjoni tagħkom, kemm jekk intom saċerdoti, f'parroċċa ta' xi belt jew qed tieħdu ħsieb xi komunità żgħira fil-kampanja, u kemm jekk intom reliġjużi li qed taħdmu fil-qasam ta' xi skola jew ta' xi assistenza soċjali, u kemm jekk intom imġarrbin mill-mard jew mill-għomor u qiskom ma qegħdin tagħmlu xejn.

**Lill-morda u x-xjuħ**

F'dan il-waqt inħossni qrib ħafna proprju lejkom saċerdoti u reliġjużi morda u xjuħ. Il-Knisja kollha tafda ruħha f'idejkom. Il-ħidma tagħkom hi bla tarf. Il-kelma tagħkom hi t-talb u t-tbatija, li intom taċċettaw kull darba b'qlubija mġedda. Lilkom ukoll il-Mulej jafda missjonijiet ġodda. Il-qadi proprju tagħkom — it-talb u t-tbatija — hu missjoni li xejn ma jista' jeħdilha postha fil-Knisja. Il-Mulej wkoll fi tmiem ħajtu ma tkellimx aktar: ħa biss is-salib u refgħu sa mat temm kollox.

Huti egħżież, kemm intom li ġa saċerdoti u reliġjużi u kemm intom li għadkom tithejjew għas-saċerdozju u għall-ħajja reliġjuża: il-Mulej għażilkom biex tkunu qrib tiegħu fit-talb u fir-riflessjoni ħalli tgħixu f'komunità l-vokazzjoni tagħkom u twasslu lill-bnedmin is-salvazzjoni ... U biex niġbor fi ftit kliem kull ma ridt ngħidilkom dak li l-Verġni Marija trid li jkollna magħna fil-mixi tagħna f'din id-dinja, nagħżel frażi minn salm li spiss żgur kienet ittenni... u permezz ta' Marija ngħid lill-qalb ta' kull wieħed u waħda minnkom: "Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek: ittama fil-Mulej, Amen."

## IS-SEJHA NISRANIJA TAL-MIŻŻEWĠIN TISTA' TITLOB MINNHOM L-EROIŻMU

F'udjenza li l-Papa ta lill-ghadd ta' saċerdoti li ltaqghu biex jistudjaw flimkien il-problemi tat-tnissil ta' l-ulied, qalilhom dan:

Nilqagħkom bil-ferħ fit-tmiem il-laqgħat tagħkom, u waqt li nsellmilkom, nixtieq nurikom il-pjaċir tiegħi għall-inizjattiva li ġabritkom flimkien biex taħsbu sewwa fuq wieħed mill-punti l-aktar essenzjali tat-tagħlim nisrani fuq iż-żwieġ. Tul dawn il-jiem li għaddew intom fittixtu taraw sewwa x'kienu r-raġunijiet ta' dak li għallem il-Papa Pawlu VI fl-enċiklika **Humanae vitae**, tagħlim li jien stess ġeddidtu fl-eżortazzjoni appostolika **Familiaris consortio.**

Hu wieħed mid-dmirijiet l-aktar importanti ta' min igħallem il-morali u ta' min hu impenjat fil-pastorali tal-familja li jkun jaf sew-

wa u fil-fond ir-raġunijiet ta' dan it-tagħlim tal-Knisja. Mhux biżżejjed tgħallmu u xxandru bir-reqqa kollha, imma jeħtieġ ukoll li tgħid għaliex il-Knisja żżomm dan it-tagħlim.

**Raġuni teoloġika**

L-ewwel raġuni ta' dan it-tagħlim tinsab fil-**qasam tat-teoloġija.** Fil-bidu ta' kull bniedem niltaqgħu ma' l-egħmil ta' Alla huwa u jaħlaq; ħadd ma jiġi fid-dinja b'kumbinazzjoni: kull meta jiġi bniedem fid-dinja, jasal għat-tmiem tiegħu att ta' l-imħabba ta' Alla huwa u jaħlaq. Minn din il-verità li tixhidilna kemm il-fidi u kemm ir-raġuni, ġejja l-ħila tal-bniedem li jnissel bnedmin oħra, ħila li tinsab fissesswalità tal-bniedem u — din hija verità aktar għolja — hija tisħib fl-egħmil ta' qawwa ta' Alla l-Ħallieq. Minn din l-istess ħila jiġi wkoll li r-raġel u l-mara mhumiex dawk li jiddeċiedu dwar ħajja li tkun tnisslet, mhumiex is-sidien tagħha; dan għaliex b'din il-ħila għat-tnissil u permezz tagħha huma jiġu msejħin biex jissieħbu fiddeċiżjoni ta' Alla li joħloq bniedem ieħor. Għalhekk, meta l-miżżewġin, permezz tal-kontraċċezzjoni, ineħħu mill-użu tas-sesswalità tagħhom bħala miżżewġin il-ħila tattnissil ta' bniedem ġdid, ikunu qed jagħmlu tagħhom dak li hu biss ta' Alla, jiġifieri jagħmlu tagħhom issetgħa li tiddeċiedi fl-aħħar mument għandux bniedem ġdid jiġi jew le fid-dinja. Jagħmlu tagħhom id-dritt mhux li **jaħdmu flimkien** mas-setgħa kreattiva t'Alla, imma li jkunu huma **l-aħħar** li jiddeċiedu dwar il-bidu ta' ħajja ġdida. Jekk inħarsu b'dan il-mod lejn din il-ħaġa għandna naslu biex inqisu li l-kontraċċezzjoni fiha nfisha hi hekk ħażina li **għall-ebda raġuni** ma tista' tiġi permessa. Taħseb jew tgħid bil-maqlub ta' dan, ifisser li qed tammetti li fil-ħajja tal-bniedem jista' jkun hemm okkażjonijiet li fihom hu permess li ma tagħrafx lil Alla bħala Alla.

**Raġuni antropoloġika**

Imbagħad hemm raġunijiet antropoloġiċi. It-tagħlim ta' l-**Humanae vitae** u tal-**Familiaris consortio** jidher li hu, għal kollox veru fiddawl tal-verità tal-persuna talbniedem; anzi hu mibni fuq din ilverità. L-enċiklika titkellem fuq irrabta sħiħa li ma tinħall qatt li hemm fiż-żewġ għaniet tal-att tażżwieġ, l-għan li jgħaqqad u jagħmel ġisem wieħed il-miżżewġin u l-għan li jagħti tnissil lil bniedem ġdid: dan iġegħelna nifhmu li l-ġisem hu parti min-natura stess talbniedem: il-ġisem **hu parti millbniedem** u mhux xi ħaġa li **għandu** l-bniedem. Meta miżżewġin, bl-att taż-żwieġ, juru l-imħabba tagħhom bħala miżżewġin, huma msejħin biex jagħtu lilhom infushom lil xulxin kollhom kemm huma: xejn li hu tagħhom bħala bnedmin ma jista' jitħalla barra minn dan il-għoti lil xulxin. Nisimgħu x'igħid il-Vatikan II fuq din il-ħaġa: "Din l-imħabba, billi hija ħaġa għal kollox umana u tgħaddi b'sentiment ta' rieda minn persuna għal persuna, tħaddan il-ġid kollu tal-persuna... imħabba bħal din li tgħaqqad flimkien valuri divini u umani, twassal lill-miżżewġin għad-donazzjoni libera tagħhom infushom lil xulxin" (**Gaudium et Spes**, 49). "Minn persuna għal persuna" (**A persona in personam**): dawn il-kelmiet hekk

sempliċi juru l-verità sħiħa tal-imħabba tal-miżżewġin, ta' mħabba bejn persuna u oħra. Imħabba kollha kemm hi iċċentrata fuq il-persuna, fuq il-ġid tal-persuna (**totius personae bonum complectitur**): fuq il-ġid li hu l-persuna kif inhi fiha nfisha. Dan hu l-ġid li l-miżżewġin jagħtu lil xulxin b'mod kollox ħieles (**liberum et mutuum sui ipsius donum**). Il-kontraċċezzjoni ġġib limitazzjoni sostanzjali f'dan il-għoti lil xulxin, u fiha nfisha hija ċ-ċaħda li jagħtu lilhom infushom lil xulxin kollhom kemm huma: ir-raġel li jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu bħala raġel lil martu, u l-mara li tagħti lilha nfisha kollha kemm hi bħala mara lil żewġha. F'kelma waħda, il-kontraċċezzjoni tmur għal kollox kontra dik li hi l-verità tal-imħabba tal-miżżewġin.

**Id-diffikultajiet tal-miżżewġin**

Ma nistgħux ma nqisux id-diffikultajiet li magħhom jiltaqgħu il-miżżewġin biex iħarsu l-liġi ta' Alla, u aħna ħsibna ħafna fuq dawn id-diffikultajiet. Hu meħtieġ li jsir minn kollox biex il-miżżewġin ikollhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu f'dawn id-diffikultajiet.

Jeħtieġ l-ewwel nett li ma tadattax il-liġi ta' Alla skond il-qjies tal-qagħdiet li fihom il-miżżewġin isibu ruħhom. Il-liġi morali turina l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ, u il-ġid sħiħ tal-imħabba tal-miżżewġin: hu nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità tal-bniedem tnaqqas minn dan il-pjan. Il-liġi ta' Alla turi dak li titlob il-verità tal-persuna tal-bniedem: dak l-ordni tal-Għerf ta' Alla li, "jekk aħna nħarsuh f'din id-dinja", kif igħid Santu Wistin (De Ordine 1, 9, 27) "iwassal għand Alla, tant li jekk aħna ma nħarsuhx f'din il-ħajja, ma naslux għand Alla."

Ta' min jistaqsi jekk it-taħwid bejn il-"gradwalità tal-liġi" u "l-liġi tal-gradwalità" huwiex ġej ukoll mill-ftit **stima** li hemm għal-liġi ta' Alla. Ħafna jaħsbu li l-liġi ta' Alla ma tgħoddx għall-bnedmin kollha, għal kull qagħda tal-bniedem, u għalhekk idaħħlu ordni ieħor li ma jaqbilx ma' dak ta' Alla.

Fil-morali nisranija hemm verità li hi l-qofol ta' kollox, verità li issa jmissna nfakkru. Ftit ilu, fil-Liturġija tas-Sigħat, qrajna dan: "Alla ta bidu għall-ħajja tal-grazzja billi qiegħed il-liġi taħt is-setgħa tal-grazzja, u qabbel u għaqqad il-grazzja mal-liġi, mingħajr ma ħawwad u ħallat flimkien dak li hu tal-liġi u dak li hu tal-grazzja, iżda b'mod tassew jixraq lil Alla, biddel dak kollu li kien jassar, itaqqal u jorbot f'dak li hu ħafif u jagħti l-ħelsien" (S. Andrija ta' Krets, Diskors I).

L-Ispirtu mogħti lil min jemmen jikteb fi qlubna l-liġi ta' Alla, tant li l-liġi ta' Alla ma tiġix biss mgħarrfa lilna minn barra, imma aktar tingħata lilna ġo fina. Meta wieħed jaħseb li jista' jkun hemm qagħdiet li fihom ma jistax ikun li l-miżżewġin bir-reqqa jħarsu **kull** ma titlob l-imħabba ta' bejniethom, ikun qiegħed jinsa li hemm il-grazzja, li hi l-fatt karatteristiku tal-patt il-ġdid. Il-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu tagħmel li l-bniedem ikun jista' jagħmel dak li bil-ħila tiegħu biss ma jistax jagħmlu. Jeħtieġ għalhekk li l-miżżewġin ikollhom kull għajnuna fil-ħajja spiritwali tagħhom, billi jiġu mistiedna jers-

qu ta' spiss lejn is-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin, biex kull darba jerġgħu lura għall-verità sħiħa tal-imħabba tagħhom ta' miżżewġin li huma, billi bla heda jikkonvertu.

Kull min hu mgħammed, u għalhekk il-miżżewġin insara wkoll, huwa msejjaħ għall-qdusija, kif għallem il-Konċilju Vatikan II (Lg 39): "Għalkemm id-dmirijiet huma differenti u differenti wkoll il-modi kif wieħed jista' jgħix il-ħajja, waħda hi l-qdusija li jfittxu dawk kollha li huma mmexxijin mill-Ispirtu ta' Alla; dawn, waqt li jobdu għal-leħen tal-Missier u jaduraw 'l Alla l-Missier fl-Ispirtu tal-verità, jimxu wara Kristu fqir u mgħobbi bis-Salib biex ikun jistħoqqilhom jissieħbu miegħu fil-glorja." Kulħadd, il-mżżewġin ukoll, huma msejjħa għall-qdusija, u din hi sejħa li xi kull tant titlob l-eroiżmu. Dan ma għandniex ninsewh.

Egħżież, ir-riflessjoni li għamiltu dawn il-ġranet tridu tkompluha u tmorru aktar fil-fond fiha biex ikollkom dehra dejjem aktar sħiħa ta' dik il-verità tal-imħabba tal-miżżewġin li hi l-ġid l-aktar għażiż taż-żwieġ. Ilqgħu bil-qalb dan l-impenn. U jkollkom magħkom, ħa twettaqkom, il-barka appostolika li nagħtikom b'qalbi kollha.

Xbihat ta' Marija fil-Patt il-Qadim

## BINT SIJON

Qabel l-*Angelus* tal-Ħadd 26 ta' Ġunju 1983, il-Papa ħabbar li minn dak in-nhar, kien se jagħti bidu għal serje ta' ħsibijiet fuq ix-xbihat tal-Madonna fil-Patt il-Qadim.

Il-Konċilju Vatikan II isejjaħ lill-Madonna wkoll "Bint Sijon". Sijon kienet il-quċċata ta' Ġerusalem ta' l-imgħoddi. Fuq din il-quċċata s-sultan David ried li tiġi mtellgħa l-Arka tal-Patt u ibnu Salamun fuq din il-għolja bena t-Tempju. Minn dak iż-żmien Sijon bdiet tfisser l-għolja tat-Tempju. Sijon għalhekk qisha l-qalb ta' Ġerusalem, il-post l-aktar qaddis tal-belt qaddisa ta' Ġerusalem, għaliex hemm igħammar il-Mulej, fit-tempju mqaddes tiegħu. Minn hawn ġie li l-għolja ta' Sijon bdiet tfisser il-belt kollha ta' Ġerusalem, il-poplu kollu ta' Israel, li tiegħu Ġerusalem kienet iċ-ċentru reliġjuż u politiku.

Lill-Madonna nistgħu nsejħulha "Bint Sijon" għaliex fiha laħqet il-qofol tagħha s-sejħa ta' Ġerusalem ta' l-imgħoddi, tal-poplu kollu ta' Israel. Hija l-warda ta' Israel li fetħet fi tmiem mixja twila, kollha dwal u dellijiet, li matulha l-Mulej kien qed iħejji lil Israel għall-miġja tal-Messija. F'Marija ta' Nazaret seħħu minn qabel il-wegħdiet li Alla kien għamel lil Abraham u lil nislu għal dejjem.

Skond ħafna għorrief fl-Iskrittura, fil-kliem tal-anġlu Gabrjel lil Marija, jinstema' l-leħen ferrieħi tal-kliem li l-profeti qalu għal Bint Sijon. Lil Marija l-anġlu qalilha biex tifraħ ("Ifraħ, mimlija bil-grazzja") għaliex l-Iben ta' Alla ġej igħammar fiha. Se jkun is-sultan u l-Fed-

dej tad-dar il-ġdida ta' Ġakobb li hi l-Knisja. Bħala Bint Sijon il-Madonna torbot il-Patt il-qadim mal-bidu tal-Knisja. Hi għalhekk hi sejħa bla heda biex niftakru fir-rabtiet li għandna ma' Abraham, "missierna fil-fidi" u mal-poplu li kollu tama stenna l-ġrajja tal-Fidwa. Hi twissija wkoll biex il-Knisja — il-bint il-ġdid ta' Sijon — tgħix fil-hena. Kristu hu dejjem fostna. Quddiem kull ma niltaqgħu miegħu fil-mixi tagħna f'din id-dinja, għandna iva għax nitregħdu, imma mhux nibżgħu bħala "nies bla fidi". Kristu hu s-Setgħani li jeħlisna mill-bruda u l-egoiżmu. Bittixrid ta' demmu ħa s-setgħa fuqna bħala Sultan biex il-ħlejjaq kollha jilħqu l-milja sħiħa tal-imħabba.

(Il-Ħadd 3 ta' Lulju)

## IL-"FIAT" TA' MARIJA JTEMM IL-"FIAT" TA' ISRAEL ĦDEJN IS-SINAJ

Bil-"fiat" ta' Marija wara t-tħabbira ta' l-Anġlu, Alla seta' jagħti bidu għall-Patt ġdid mal-bnedmin, patt wisq aktar tal-għaġeb minn dak li seħħ mal-poplu ta' Israel.

Immorru ftit bil-ħsieb għal dak il-waqt, tant bogħod fiż-żmien, iżda tant iħeġġiġna, meta l-Mulej, ħdejn is-Sinaj, permezz ta' Mose' offra li jidħol f'patt ta' mħabba mal-poplu ta' Israel.

Alla dan qal lill-poplu: "Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani u kif lilkom tellajtkom fuq il-ġwienaħ tal-ajkli u ressaqtkom lejja. Issa jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi intom tkunu l-wirt tiegħi fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi. Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u poplu qaddis" (Es 19,4-6).

Mose' dak in-nhar fisser lil ħutu dak li qallhom Alla; għallimhom biex jifhmu x'kien il-proġett ta' Alla għalihom. Alla, ukoll meta jikkmandana, ma jużax vjolenza fuq ir-rieda tagħna. Hu ħalaqna ħielsa, u hu għajjur għal-libertà tagħna.

Wara li ġie mdawwal mit-tagħlim ta' Mose', il-poplu kollu wieġeb għalenija: "Kull ma qal il-Mulej, aħna nagħmluh" (Es. 19,8). Dan il-kliem, li baqa' jiġi mfakkar bla heda mill-ispiritwalità Lhudija, ta' kull żmien, qisu l-"fiat", u l-"iva" tal-poplu Lhudi għall-istedina ta' Alla biex jingħaqad miegħu, bħalma tingħaqad Għarusa mal-Għarus tagħha.

Fid-dawl ta' din il-ġrajja nistgħu nifhmu aħjar ix-xena tat-tħabbira ta' l-anġlu.

L-anġlu Gabrjel, mibgħut minn Alla, juri lill-Verġni Marija l-pjan ta' Alla għaliha: tagħti t-twelid lill-istess Iben ta' Alla, li jkun is-Sultan u s-Salvatur tal-poplu ġdid ta' Alla (Lq 1, 31-33), il-Knisja. Hi sura ġdida ta' patt. Din id-darba Alla jitlob li jingħaqad magħna billi jieħu s-sura tagħna bnedmin. Marija, quddiem din l-istedina ta' Alla, iġġib ruħha b'mod għaref u ħieles. Jekk Alla jistaqsiha, hi wkoll tistaqsi lil Alla: "Kif ikun dan la dar-

ba ma nagħrafx raġel?" (Lq 1,34). L-anġlu jkompli jdawwalha dwar dak li jrid Alla: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek" (Lq 1,35). Imsejħa biex temmen dak li ma jitwemminx, Marija tgħid: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq 1,38). F'dan il-kliem tal-Verġni Marija nsibu l-eku ta' dak il-kliem li qal il-poplu kollu ta' Israel meta aċċetta d-don tal-patt tas-Sinaj. Dan ifisser li l-fidi ta' Israel laħqet il-kobor tagħha fil-fomm ta' Marija. Bir-raġun kollu Marija hi "l-Bint ta' Sijon". Infakkru l-"fiat" tal-Madonna, aħna u ngħidu issa l-'Angelus'. Nitolbuha l-Verġni Marija biex il-'fiat' li aħna ngħidna fil-Magħmudija tagħna jkun aktar imdawwal u ħiereġ mill-qalb aħna u nġedduh kuljum bix-xbieda li nagħtu tal-fidi tagħna. B'dan il-mod inkunu ngħixu kif jixraq il-patt tagħna mal-Mulej fil-Knisja tiegħu, il-qalba tad-dinja.

(Il-Ħadd 10 ta' Lulju)

## L-ARKA TAL-PATT IL-ĠDID

L-insara jħobbu jsellmu lil Marija bħala l-Arka tal-Patt il-ġdid: hu titolu ġej mill-bogħod ħafna.

Il-Kotba Mqaddsa tal-Patt il-Qadim ta' spiss itennu b'ferħ kbir u żguri minn kliemhom, li Alla hu f' nofs il-poplu tiegħu, li għażel lil Israel bħala l-imkien fejn igħammar.

L-għamara ta' Alla fost il-poplu li hu għażel għalih għandha rabta kbira mal-Patt li Alla għamel malpoplu ħdejn is-Sinaj. Alla ssieħeb mal-bniedem, jiġifieri qorob lejh, sar ħabibu u ħaġa waħda miegħu tant li qisek qiegħed tgħid li Alla ried ikun dejjem magħna. Hu stess qal: "Inwaqqaf l-għamara tiegħi fostkom u ma nwarrabkomx. Nimxi f'nofskom u nkun Alla tagħkom u intom tkunu l-poplu tiegħi" (Lev 26,11).

Malli seħħ il-Patt ħdejn is-Sinaj, il-poplu, skond l-ordni ta' Alla, waqqaf it-Tinda tal-Laqgħa u fiha tqegħdet l-Arka tal-Patt, li fiha kien hemm iż-żewġ twavel li fuqhom kienu minquxa l-għaxar kmandamenti li Alla ta lil Mose'. L-Arka, li kienet sinjal li juri li Alla kien fost il-poplu tiegħu, kellha dejjem tkun mal-poplu tul il-mixi tiegħu fid-deżert sa ma jasal fil-Palestina. Imbagħad, bil-ħidma ta' Salamun, imbena tempju. Fil-post ta' ġewwa nett tat-Tempju, il-post l-aktar qaddis, tqiegħdet l-Arka. Dan kien il-post l-aktar qaddis f'Israel kollu. Hemmhekk, simbolikament, kien igħammar il-Mulej.

Il-Kotba tal-Patt il-qadim, biex ifissru din l-għamara ta' Alla fi ħdan il-poplu tiegħu, spiss jużaw ix-xbieha ta' "sħaba". Il-Kotba mqaddsa għalhekk igħidu li Alla niżel fi sħaba fuq l-għolja tas-Sinaj, fuq it-Tinda tal-Laqgħa, u fit-Tempju ta' Ġerusalem.

U issa niltaqgħu ma' bidla mhux mistennija. Meta l-Anġlu Gabrjel mar għand il-Verġni Marija, ħab-

brilha li Alla kien se jħalli l-għamara tiegħu fit-Tempju u jwaqqaf sura oħra ta' l-għamara tiegħu fost il-poplu li għażel għalih. Jiġifieri Alla ried jingħaqad magħna billi jsir bniedem bħalna, jieħu s-sura tagħna l-bnedmin.

Marija, imdawra mis-sħaba mistika tal-Ispirtu s-Santu, taċċetta l-pjan ta' Alla, u minn dak il-ħin stess ħdanha jsir l-Arka tal-Patt il-ġdid, il-post l-aktar qaddis li fih niżel igħammar Alla magħmul bniedem.

Bħala Arka, li fiha hemm Alla magħmul bniedem, Marija hi simbolu ta' kull bniedem li jemmen. Għax kull wieħed minna, meta jilqa' l-kelma ta' Alla, u jagħti l-'fiat' tiegħu, jilqagħha u jgħożżha, ikun ibiddel lilu nnifsu f'għamara ta' Alla. Dan igħidulna Ġesù stess: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu u aħna niġu ngħammru għandu" (Ċw 14,23).

(Il-Ħadd, 17 ta' Lulju)

## "AGĦMLU KULL MA JGĦIDILKOM"

"Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2,5). B'dan il-kliem Omm Ġesù fit-tieġ ta' Kana tal-Galilija, qalet lill-qaddejja tal-mejda biex jagħmlu dak li kien se jordnalhom Ġesù.

L-ispiritwalità tal-Patt il-qadim tista' tgħinna ħafna biex naraw minn fejn ġejja din l-esortazzjoni ta' Marija.

Hdejn l-għolja tas-Sinaj il-Mulej, permezz ta' Mosè, stieden il-poplu ta' Israel biex jidħol f'patt miegħu. Bi tweġiba għall-istedina ta' Alla, il-poplu kollu wieġeb: "Kull ma l-Mulej igħidilna nagħmlu, nagħmluh" (Es 19,3).

Nistgħu ngħidu li f'kull żmien il-poplu magħżul ta' Alla għamel it-tifkira ta' dan l-egħmil ta' ubbidjenza, li l-poplu stqarr li jrid jagħmel minnufih, "f'jum il-ġemgħa" (Dewt. 4,10) ħdejn is-Sinaj. Kull darba li l-poplu kien jiftakar f'dan, kien jieħu pjaċir iġib quddiem għajnejh l-hena tal-ewwel imħabba. Dan kien jiġri kull darba li l-poplu, immexxi mill-kapijiet tiegħu, kien iġedded il-Patt tas-Sinaj, tul il-ġrajja kollha tal-Patt il-qadim (Ġoż 24,24; Esd. 10,12; Neh 5,11).

Issa — kif qal il-Papa Pawlu VI fil-**Marialis cultus** — il-kliem li l-Verġni Marija qalet lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana, wieħed jista' jaħseb li kien biss kliem imqanqal mix-xewqa biss li jiġi evitat l-inkwiet waqt dik il-festa tat-tieġ, imma, jekk inqisu l-għan tar-raba' Evanġelju, naraw malajr li fi kliem il-Verġni Marija jidwi l-kliem li qal il-poplu ta' Israel meta ħdejn is-Sinaj intrabat b'patt ma' Alla, jew meta jġedded dak il-patt; huwa wkoll kliem li jaqbel perfettament ma' kliem il-Missier waqt it-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor: "Isimgħu lilu!" Illum il-qaddejja tat-tieġ aħna lkoll kemm aħna. Il-Madonna ma tehdiex ittenni lil kull wieħed u waħda minna dak li qalet fit-tieġ ta' Kana. Nistgħu nqisu dak kliemha bħala l-aħħar xewqat tagħha. Wara dan il-kliem li qalet Marija f'Kana, fl-Evanġelju ma niltaqgħu ma ebda kelma oħra tagħha. Nilqgħuh dan il-kliem tal-Madonna u ngħożżuh f'qalbna.

(Il-Hadd, 24 ta' Lulju)

## TGHOŻŻ F'QALBHA L-EGHĠUBIJIET TAL-MULEJ

"Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2,19). B'dan il-kliem l-evanġelista San Luqa jagħti xhieda għall-kontemplazzjoni ta' Marija hija u taħseb fuq it-tfulija ta' Ġesù. F'dan ukoll Marija turi li wirtet il-fidi ta' Israel tal-qedem, imħeġġeġ minn Alla biex "igħożż f' qalbu" l-egħġubijiet li Alla għamel miegħu. Iżda ma rridux ninsew li fl-Iskrittura l-għan ta' "l-għożża" hu għan dinamiku, jiġifieri għan li jmexxik 'il quddiem. Hu r-raġuni hi din: dak li Alla għamel fl-imgħoddi biex igħin lill-poplu tiegħu hu garanzija li se jgħinu bl-istess mod fiż-żminijiet tal-lum u fil-ġejjieni, għaliex imħabbtu hi għal dejjem u ma tiġi qatt nieqsa. Għalhekk l-għożża tal-Verġni Marija għall-egħmil u għall-kliem ta' Ġesù hi għożża attiva. Min-naħa hija 'tgħożż f'qalbha" t-tifkira tagħhom, u min-naħa l-oħra tipprova tifhimhom dejjem iżjed billi taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha, jiġifieri tara x'ifissru sewwa, tagħtihom it-tifsira vera tagħhom.

Il-Knisja wkoll tagħmel bħal Marija u bla heda tgħożż kull ma għamel u qal Ġesù. Dan qal lil Timotju l-Appostlu San Pawl: "Ftakar f'Ġesù Kristu li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David skond l-Evanġelju li ħabbart jien (I Tim 2,8)... Hares bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina t-teżor sabiħ li kien afdat f'idejk" (I Tim 1,14).

L-Ewkaristija hi s-sinjal ewlieni ta' din l-għożża tat-tagħlim u ta' l-egħmil ta' Ġesù. "Agħmlu dan b' tifkira tiegħi" (Lq 22,19). Fiha nisimgħu l-Kelma tal-Feddej u niftakruha, biex imbagħad ngħixuha, imġeddin fl-ispirtu fil-qagħdiet kollha ta' ħajjitna dejjem tinbidel...

(Il-Hadd, 31 ta' Lulju)

## "GHALIEX GHAMILTILNA HEKK?"

Meta San Ġużepp u l-Madonna sabu t-tfajjel Ġesù fit-tempju wara tliet ijiem li kienu jfittxuh, ommu ma felħitx ma tgħidlux: "Ibni, għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!" (Lq 2,48).

Lilna jfarraġna l-ħsieb li l-Madonna wkoll staqsiet "għaliex" lil Ġesù f'mument ta' niket kbir għaliha. Fi kliem Marija naraw fehma li spiss niltaqgħu magħha sa minn żmien il-kotba tal-Patt il-qadim.

Minn dawk il-kotba għeżież nafu li spiss il-poplu ta' Alla, jew xi ħadd fostu, għadda minn tiġrib tassew kbir.

F'mument ta' tiġrib kbir, malajr toħroġ mill-fomm: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (Salm 22,2). Għaliex int rieqed, Sid tiegħi? Għaliex taħbi wiċċek minna? Għaliex tinsa d-dwejjaq u t-tgħak-

kis tagħna?" (Salm 44,24a,25).

Biex iwieġeb għal din il-mistoqsija li tassew tixraq lill-bniedem, is-salmista li qiegħed jitlob imur bil-ħsieb għall-imgħoddi ta' Israel u jiftakar l-aktar fil-ħruġ mill-Eġittu u minn din il-ġrajja joħroġ tagħlima: il-Lhud fil-ħruġ mill-Eġittu għaddew bħad-deheb min-nar, u l-Mulej dejjem ħelishom b'ħafna modi u b'suriet li ma kienux jistennew: il-Mulej hu ta' kelmtu u issa wkoll, bħal fl-imgħoddi, jagħti s-salvazzjoni kif u meta jogħġob lilu (ara Salm 22,5-6; Sir 2,10,51,4; Gudit, 8,15-17.26).

Il-Verġni Marija wkoll, 'igħidilna l-Konċilju Vatikan II, imxiet 'il quddiem fit-triq tal-fidi u żammet sħiħa l-għaqda tagħha ma' Binha sa ħdejn is-Salib (Lumen gentium, 58).

Il-ġrajja tat-telfien ta' Ġesù fit-tempju turina li hi mhux dejjem u mhux minnufih setgħet tifhem l-imġiba ta' Binha. Igħidulna San Luqa stess li la hi u lanqas San Ġużepp ma fehmu t-tweġiba ta' Ġesù. Iżda, b'dan kollu, Marija baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha (Lq 2,51).

Ġew imbagħad il-jiem li fihom Ġesù ħabbar il-mewt u l-qawmien tiegħu bħala pjan li fuqu kienu ġa tkellmu l-Kotba mqaddsa (Lq 9,22,41-44; 18,31-33; 24,6-7. 27-28). Jekk Alla, fil-ġrajjiet tal-poplu tiegħu, spiss ħall l-irbit tat-taħbin mittiġrib tagħhom, illum ukoll jista' jwettaq il-wegħda li Kristu għandu jqum mill-imwiet (ara Lh 11,19; Rum 4,17).

L-imġiba ta' Marija tqawwi l-fidi tagħna. Meta jonfħu r-rwiefen u kollox qisu se jegħreq, tqawwilna qalbna t-tifkira ta' dak li l-Mulej għamel fl-imgħoddi. Niftakru l-ewwelnett fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu u mbagħad f'kemm-il darba l-Mulej, tul iż-żminijiet kollha tal-ġrajja tad-dinja, ħeles il-Knisja, lilna tul il-ħajja tagħna ta' nies li nemmnu.

Aħna u niftakru f'dan kollu, inqawwu l-ferħ tagħna żguri li f'dan iż-żmien ukoll, minkejja t-theddid kbir tiegħu, il-Mulej qiegħed magħna fuq id-dgħajsa li fuqha qed inbaħħru aħna. Lilu jobdu wkoll l-irwiefen u l-baħar (ara Mk 1,41; Mt 8,27; Lq 8,25).

(Il-Ħadd, 7 ta' Awissu)

## MARIJA, OMM L-GĦAQDA FIL-KNISJA

Il-Konċilju Vatikan II ġab ħafna 'l quddiem il-moviment ekumeniku u dan għandu jġagħalna nħarsu lejn Marija, bħala "Omm il-għaqda" 'Omm ulied Alla li jinsabu mxerrdin."

Fi żmien il-patt il-Qadim, l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin, kienu dawk itturufnati f'art barranija, l-aktar f'Babel. Alla ippermetta li jixterdu minħabba dnubiethom, iżda malli reġgħu lura minn dnubiethom bil-qawwa tal-kelma tal-profeti, Alla ġabarhom minn kull fejn kienu xterdu, u reġġagħhom lura lejn pajjiżhom. It-Tempju ta' Ġerusalem, mibni mill-ġdid fuq il-ħerba tiegħu, kien il-post magħżul

fejn l-ulied kollha ta' Alla reġgħu ngabru lkoll flimkien. Fit-tempju dawk li reġgħu lura lejn Alla, saru membri ta' patt ġdid u qiemu lil Alla: Ġerusalem saret Omm dawk l-ulied kollha li Jahweh, l-Għarus tagħha, ġabar ġewwa s-swar tagħha. Is-swar qishom ħdan li fih jinsab it-Tempju u dawk kollha li fih jinġabru ħa jaduraw lil Alla veru.

Hu l-evanġelista San Ġwann li, fid-dawl tar-rivelazzjoni ta' Ġesù jagħti tifsir ġdid lil dawn il-veritajiet li thejjew fi żmien il-patt il-qadim.

Ġesù, bil-mewt tiegħu, huwa dak li jiġbor flimkien l-ulied Alla li kienu xterdu. Illum, "l-imxerrdin" huma l-bnedmin kollha li l-Hażin ħataf u xerred. Iżda dawn jistgħu jsiru wlied Alla jekk jilqgħu 'l Kristu u l-Kelma tiegħu. U Kristu jiġbor lill-bnedmin kollha li huma mxerrdin f'Tempju ieħor, fih innifsu, hu li jur'ina l-Missier u jwassalna għall-għaqda sħiħa miegħu.

Ġerusalem il-vera hi magħmula mill-merħla tad-dixxipli ta' Ġesù, mill-Knisja, li fiha Ġesù jwassal kemm-il Lhud u kemm-il pagani. Marija hija Omm din Ġerusalem il-ġdida. "Ara, wliedek miġburin flimkien," igħid il-profeta lil Ġerusalem tal-qedem (Is 60.4 — LXX). "Mara, dan huwa ibnek", qal Ġesù lil Marija meta, minn fuq is-salib, fdalha lil Ġwanni, li jirrappreżenta d-dixxipli kollha tal-Mulej ta' kull żmien... Nitolbu għalhekk lil Omm Alla u omm il-bnedmin kollha biex il-familji kollha tal-ġnus jingħaqdu bejniethom, fis-sliem u l-għaqda bħala l-poplu wieħed ta' Alla, għall-glorja tat-Trinità qaddisa.

14 ta' Awissu, 1983

## IL-MISTERU TAT-TLUGĦ TAL-VERĠNI MARIJA FIS-SEMA

Il-vġili tal-festa ta' Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija sa mill-qedem ġiet iċċelebrata f'ħafna suriet, imma dejjem b'solennità kbira. F' din is-sena tal-Ġublew din il-vġili għandha importanza speċjali, għaliex fil-glorifikazzjoni, bir-ruħ u l-ġisem, tal-Verġni bla Tebgħa Omm Alla, is-Sieħba tal-Feddej, il-ħidma fejjieda ta' Kristu l-Mulej tikseb l-ewwel u l-aqwa frott tagħha.

Il-misteru eskatoloġiku li jtemm il-mixja tal-Verġni Marija f'din id-dinja għandu żewġ aspetti fondamentali: aspett wieħed hu marbut mal-persuna tal-Verġni Marija, waqt li l-aspett l-ieħor jorbot ma' Kristu u l-ħidma fejjieda tiegħu. Għal Marija, it-tlugħ fis-sema tagħha jfisser it-tmiem tal-missjoni li kellha tagħmel skond il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja u l-qofol tal-privileġġi kollha tagħha. B'riferenza għal Kristu, bil-glorja tat-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija u l-inkoronazzjoni tagħha bħala Sultana, seħħ għal kollox dak id-digriet waħdieni ta' predestinazzjoni li rabat il-ħajja, il-privileġġi, is-sehem ta' Marija, mhux biss mal-ħajja u l-ħidma ta' Binha Ġesù fid-dinja, imma wkoll mal-glorja u s-setgħa tiegħu bħala Sultan.

It-Tlugħ fis-sema ta' Marija hu

t-tmiem eskatoloġiku ta' dak ix-xebh dejjem akbar ma' Kristu, li tul il-ħajja tagħha fid-dinja, Marija wriet fit-tiġrib tal-fidi tagħha, tat-tama tagħha, tal-imħabba tagħha, tar-rabta sħiħa tagħha għar-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja, il-qadi tagħha b'qalb kbira u b' sens kbir ta' responsabbiltà għall-ħidma fejjieda ta' Binha Ġesù.

Bir-raġun kollu l-Knisja tfakkar din il-verità dwar Marija fil-fidi u fil-liturġija tagħha, għaliex din il-verità tiċċelebraha b'mod li jfisser tassew ir-rebħa kbira ta' Kristu fuq id-dnub u fuq kull ma ġab miegħu d-dnub, fuq t-taħsir tal-ġisem, u fuq iż-żmien li jgħaddi.

**Il-Hadd, 21 ta' Awissu, 1983**

## IL-GLORIFIKAZZJONI TA' MARIJA, XBIEHA TAL-GLORIFIKAZZJONI TAL-KNISJA

Ftit ġranet ilu iċċelebrajna l-misteru tal-glorifikazzjoni ta' Marija, is-Sieħba tal-Feddej, kif temmet iż-żmien tagħha f'din id-dinja. Il-Knisja fakkret bil-ferħ dan il-privileġġ tal-Verġni Mqaddsa, u dan għamlitu wkoll għax fiha tara i seħħ id-destin tagħha li lejh hija miexja. Bit-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema bdiet il-glorifikazzjoni ta' kollha kemm hi l-Knisja ta' Kristu, glorifikazzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fl-aħħar jum tad-dinja. Il-Konċilju Vatikan II wera b'mod ġar kif it-tlugħ fis-sema tal-Madonna jirrifletti l-glorifikazzjoni tal-Knisja. Ix-xebba bla tebgħa ta' Nazaret m'hijiex biss l-ewwel membru u l-membru l-aktar perfett tal-Knisja fid-dinja, imma bil-glorifikazzjoni tagħha hi wkoll l-ewwel membru u l-membru l-aktar membru perfett tal-Knisja li għad irid jiġi. It-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema, fiż-żmien u fl-istorja, hu tħabbira eskatoloġika għat-tama tal-Poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu, sa ma jseħħ Jum il-Mulej. Meta l-Konċilju wriena lil Marija bħala bidu u x-xbieha tal-Knisja fil-glorja ta' dejjem, ried igħidilna li bit-tlugħ ta' Marija fis-sema bdiet isseħħ il-Parusija tal-Knisja, jiġifieri d-dehra tal-Ġisem mistiku fir-realtà sħiħa u perfetta tiegħu.

Fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja, din il-ġrajja, li f'xi aspetti tagħha hi ġrajja singulari, hi sinjal għall-poplu kollu ta' Alla, sinjal ta' tama żgura ta' ksib sħiħ tas-Saltna ta' Alla. Il-Knisja, imfarrġa minn dan is-sinjal glorjuż, fil-mixi tagħha fid-dinja, tistenna li sseħħ il-milja tal-glorja tagħha, mhux mingħajr ma tagħmel xejn jew medhija fi ħwejjeġ oħra, imma impenjata kollha kemm hi f' dak kollu li jiġri fid-dinja.

Il-Knisja taf li tista' dejjem taf-da fl-interċessjoni tal-Verġni Marija mtellgħa fis-sema. Il-Mulej, meta taha dan il-privileġġ, qiegħdha f'pożizzjoni fil-Knisja u għall-Knisja li tkompli l-ħidma tagħha ta' omm favur il-bnedmin kollha, ħidma li bdietha meta kienet fid-dinja ma' ġenb Binha Ġesù. Qatt aktar minn dan iż-żmien ma ħassejniha 'l-Madonna bħala Ommna u għajnuna tagħna.

## IL-MAGNIFICAT

Nerġgħu nisimgħu llum il-kantiku ferrieħi tal-Madonna: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħu jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi għax hu ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu... is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar."

Fi żmien il-Patt il-qadim ukoll il-ferħ u r-radd il-ħajr huma t-tweġiba tas-soltu tal-poplu kollu jew ta' xi ħadd mill-poplu, meta Jahweh jidħol għalihom. U hekk inkitbu ħafna kantiċi ta' radd il-ħajr fi żmien il-Patt il-qadim jew f'isem il-poplu kollu (Es 18, 1-8.20-21; Is 61, 10-11) jew f'isem xi ħadd (I Sam 2, 1-10; Mħal 4, 1-31; Is 38, 9-20; Ġona 2, 2-10; Dan 3, 51-90; Tob. 13; Ġud 16, 1-17; ara Lq 1, 67-79; 2, 28-32).

U t-talb tas-salmi, li kienu tista' tgħid kollha jintużaw fil-liturġija, għallem lill-poplu magħżul ta' Alla u lil kull wieħed minnhom biex "ifaħħar" u "jrodd ħajr" lill-Mulej għall-"egħġubijiet" li għamel biex igħinhom.

Fost dawk li nsibu jitolbu fi żmien il-Patt il-Ġdid, l-ewwel waħda hi Marija, li tlissen innu ta' radd il-ħajr li hu l-**Magnificat.**

Nixtieq hawn ngħidilkom x'kiteb il-Papa Pawlu VI fl-esortazzjoni appostolika **Gaudete in Domino**; "Ma ġietx (il-Verġni Marija) meħlusa mit-tiġrib: ħdejn is-salib issieħbet b'mod tassew speċjali fis-sagrifiċċju tal-Qaddej bla ħtija, hi li hi d-Duluri. Imma hi ġarrbet ukoll ferħ bla qjies fil-qawmien ta' Binha Ġesù u ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tassmewwiet... Hi xbieha tal-Knisja kemm fid-dinja u kemm fil-glorja. Qrib Kristu hi tgħix mill-ġdid il-ferħ kollu tagħha, tgħix il-ferħ sħiħ imwiegħed lill-Knisja: **Mater plena sanctae laetitiae;** u bir-raġun kollu wliedha fuq l-art huma u jduru lejha bħala Omm it-tama u Omm il-grazzja, isejħulha bidu tal-ferħ tagħna.

Huti egħżież, il-ħsieb tal-Verġni Marija jagħti żogħżija ġdida l-ferħ tagħna u jqanqlu għall-egħmil kif ħeġġeġ il-Papa Pawlu VI fl-esortazzjoni li semmejna. "Mingħajr qatt ma jonqsu li jqisu l-qagħda li fiha jinsabu, il-komunitajiet insara għandhom ifittxu li jkunu postijiet fejn isaltan l-ottimiżmu, fejn kull wieħed jimpenja ruħu bil-qawwa kollha biex jara t-tajjeb fin-nies u fil-ġrajjiet... Din mhix biss ħidma ta' psikoloġija. Hi wkoll frott tal-Ispirtu s-Santu.... Din il-qagħda għall-insara għandha mumenti li fih jistagħnu tassew: iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej... sinjal u għajn ta' ferħ nisrani, mument ta' waqfien fil-mixja lejn il-hena ta' dejjem."

## TRON TA' L-GHERF

Lill-Madonna nsellmulha "Tron ta' l-Għerf". Imma x'inhu l-Għerf? Jew aħjar "Min hu l-Għerf?"

F'xi kitba ta' żmien il-Patt il-qadim, l-aktar f'dik li nkitbet wara l-eżilju f'Babel, l-Għerf hu l-Liġi ta' Mose' (Dewt 4,6; Sir 24,1-25; Bar 3,12; 4,1...) jew aħjar hu kollha kemm hi l-Iskrittura (Sir pro. 1-3. 6-14). F'dawn il-Kotba mqaddsa nsibu msemmija l-ġrajja tal-Mulej mal-poplu tiegħu u għalhekk, id-dehra tal-Għerf ta' Alla, jiġifieri l-pjan tiegħu, il-ħsieb tiegħu, mhux biss għal Israel, imma għal kull bniedem, għall-ħolqien kollu (Sir. 42,15; 50,24; Għerf 8,8; 9.9-13; 10, 1-19; 22...).

Għalhekk il-bniedem għaref hu dak li jaqra, jistudja l-Kotba mqaddsa, u jgħożż f'qalbu l-verità biex minnha jikseb tagħlim għal ħajtu (Salm 107, 1-42; Sir 50, 27-28...)

Din il-ħerqa għall-Iskrittura kibret aktar fi żmien it-tiġrib (Ġud 8, 25-29), jiġifieri, meta l-imġieba ta' Alla wieħed ma kienx jista' jifhimha (Sir 4,17-18): ':'Għax aktar fond mill-baħar ħsibijietu; u fehmietu mill-qiegħ nett."

Israeli tajjeb, għaref bit-tagħlim tal-Iskrittura, iħares lejn id-dinja kif jaraha Alla. Anzi, b'dan il-mod isaħħaħ ir-rabta tiegħu ma' Alla, għax isir ibnu (Sir 15,2), ħabibu (Għerf 8,28), għarus ta' l-Għerf (Għerf 5,2;9,10; Sir 15,20).

Ix-xandir tal-Patt il-ġdid iħabbrilna li Kristu hu "l-Għerf ta' Alla" (I Kor 1,24). Fih, fi kliemu, f'egħmilu, il-Missier jurina ċar x' inhu l-pjan tiegħu ta' salvazzjoni (ara Lq 7,29.30.33). Hu pjan li ma nifhmuhx malajr, għaliex iseħħ permezz tal-iskandlu tat-tbatija u tas-Salib (I Kor 1,25).

L-imqaddsa Verġni Marija hi "t-Tron ta' l-Għerf" għax hi laqgħet f'qalbha u fi ħdanha lil Ġesù, L-Għerf għammar fi ħdanha u għamilha dixxiplu mill-aqwa tiegħu. Il-Verġni Marija hi mbierka l-aktar mhux għax tat it-twelid bħala bniedem lil Iben ta' Alla, imma għax mantniet ruħha bil-ħalib safi tal-Kelma ta' Alla (ara Lq 11,27-28).

Bħall-Verġni Marija, il-qalb ta' kull min jemmen tinbidel f'għamara għal Kristu, l-Għerf ta' Alla. L-istess bħalma kien jiġri bejn il-veru Israeli u l-Għerf, iseħħ sura ta' relazzjoni spiritwali bejnna u bejn il-Mulej. Ġesù stess igħidulna dan: 'Kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri, dak huwa ħija, u oħti u ommi" (Mt 12,50; ara Mk 3,35; Lq 8,21).

Jalla l-Madonna tmexxina u tgħinna ngħixu b'dan il-mod ir-relazzjoni tagħna mal-Feddej.

## FARAĠ TAL-IMNIKKTIN

"Faraġ tal-imnikktin" — sura oħra tal-preżenza tal-Madonna fil-Knisja u fid-dinja.

Il-faraġ, igħallimna l-Patt il-qadim, għandu l-bidu tiegħu f'Alla, li jsawbu fuq il-ħlejjaq kollha.

Meta l-Mulej ireġġa' lura lit-turufnati fil-Palestina jagħmel lil Ġerusalem is-santwarju tal-faraġ tiegħu. Fi ħdan il-belt qaddisa jinġabru l-ġnus kollha u kulħadd iġarrab il-ħlewwa ta' Alla.

Il-messaġġ ta' Alla dwar dan iwassalulna l-profeta Isaija, permezz ta' xbihat mill-ħajja tan-nisa. Ixebbah lil Ġerusalem ma' omm li tredda 'l uliedha u tħaddanhom magħha b'imħabba kbira. "Terdgħu u tixbgħu minn sider il-faraġ tagħha; terdgħu u titgħaxxqu minn sider is-sebħ tagħha... It-trabi tagħha fuq id-dirgħajn jintrefgħu u jżegħlu bihom fuq l-irkobbtejn" (Is 66, 11.13). Dan il-kliem simboliku jiġi mbagħad imfisser b'dan ilmod: "Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jien infarraġ lilkom, u f' Ġerusalem titfarrġu" (Is 66,13).

U l-Messija, fit-tama tal-poplu magħżul ta' Alla, kellu jkun "il-faraġ ta' Israel" (Lq 2,26).

Bil-ħidma fejjieda ta' Kristu twieldet Ġerusalem ġdida, il-Knisja. F'din il-familja, l-imħabba ta' Alla, li dehret fil-qalb ta' Ġesù, tfarraġ, qisha terfa' fuq l-irkobbtejn, kull bniedem li jiġi fid-dinja.

U meta nitkellmu fuq il-Knisja, kliemna mill-ewwel imur fuq il-Verġni Mqaddsa, li hi Omm il-Knisja, xbieha perfetta tad-dixxipli tal-Mulej. B'dik l-imħabba tagħha bla qjies, li biha hi tieħu ħsieb l-aħwa ta' Kristu, Alla "għani bilħniena", turina bl-imħabba tagħha ta' omm l-istess faraġ ta' Alla.

Fl-enċiklika **Dives in misericordia** kont ktibt li f'din l-imħabba kollha ħniena li tidher l-aktar meta hemm id-deni fir-ruħ u l-ġisem, għandha sehem b'mod speċjali u eċċezzjonali l-qalb ta' dik li kienet Omm l-Imsallab u l-Irxoxt... U fiha u biha hu ma jieqaf qatt juri lilu nnifsu fil-ġrajja tal-Knisja u tad-dinja. Huti egħżież, dan ġa qed tintebħu bih. Biex inqimu kif jixraq il-Verġni Marija bħala "Omm il-faraġ" irridu nidhru quddiem id-dinja bħala xbihat ċara tal-faraġ ta' Alla (ara 2 Kor 1,3-7).

Fostna ħadd ma għandu ma jintebaħx li d-dinjità tal-bniedem trid tintrefa' u tkun imħarsa u mifdija jekk tkun ġiet imkasbra. Skond l-Appostlu dmirna hu li nifirħu ma' min jifraħ u nibku ma' min jibki (Rum 12,16).

U biex naqdu dan id-dmir, hija Marija x-xbieha tagħna li tnebbaħna: Marija li kienet hemm fil-ferħ tat-tieġ ta' Kana u kienet hemm fit-traġedja tal-Kalvarju.

## FQAR FL-ISPIRTU BHAL MARIJA

"...xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu... niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla ċ-ċkejknin" (Lq 48,52). B' dan il-kliem il-Verġni Marija tifraħ bil-kobor tal-għerf ta' Alla li jixħet għajnejh kollhom tjieba fuq iċ-ċkejknin u jxerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.

Iċ-"ċokon", il-"faqar", huwa virtù li ġiet magħrufa bil-mod il-mod mill-ispiritwalità tal-Patt il-Qadim. Wara l-eżilju f'Babel issaħħet dejjem aktar il-fehma tal-faqar fl-ispirtu. Jiġifieri bdew jifhmu li l-"fqir", iċ-"ċkejken" huwa dak li jintrabat mal-Mulej b'qalbu kollha, jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla, kif tidher fil-liġi ta' Mose' (ara Sof. 3,12-13; Is 66,2; Gudit. 2,11.14).

Il-faqar fl-ispirtu ma jasalx biex jiskarta mid-dmirijiet li titlob il-ġustizzja soċjali. Anzi l-ħarsien tal-liġi ta' Mose' kienet twassal għall-egħmejjel ta' mħabba vera għal aħwa. Il-liġi ta' Mose' kienet titlob li tingħata għajnuna lil min ikun fil-bżonn, lir-romol, lill-iltiema, lill-ilsiera lill-barranin; kienet titlob il-maħfra tad-djun kollha fis-sena tal-ġublew.

Marija, igħidilna l-Konċilju Vatikan II, hija l-ewwel waħda fost il-fqar u ċ-ċkejknin tal-Mulej, li jistennew u jiksbu s-salvazzjoni (Lumen Gentium 55).

Il-faqar ta' Marija huwa l-faqar li, fil-milja kollha tiegħu, għexu tant ġusti tal-Patt il-Qadim. It-tħabbira ta' l-Anġlu tagħti xhieda ta' Marija bħala waħda "fqira fl-ispirtu" li bil-fiat tagħha turi rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla (Lq 1, 49, 52,54).

Sal-jum tat-tlugħ tagħha fis-sema, il-faqar ta' Marija deher fil-mod kif b'qalb kbira qdiet lil Binha fil-persuna u l-ħtiġijiet tiegħu. U dejjem fid-dell tal-fidi (ara Lq 2,34. 35.48-50; Atti 1,14;4,23.30; 8,1-3; 12,1; 28.22).

Għalina wkoll, dixxipli tal-Mulej, il-faqar fl-ispirtu jfisser obbedjenza sħiħa għall-Evanġelju. Hu dak it-trawwim tal-qalb li San Pawl ifissru b'dan il-kliem: "Ħa jkollkom l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesù" (Fil 2,5; ara Mt 11,28-29; Ġak 2,21).

Il-kwistjoni soċjali, meqjusa bħala tqassim ġust tal-ġid kollu ekonomiku u morali, tiddependi minn din is-sura ta' faqar. Ir-rabta sħiħa mal-Kelma ta' Kristu ma tistax iġġarrab il-mistħija tal-inġustizzja, tal-moħqrija. Il-komunità ta' l-ewwel insara ta' Ġerusalem, li magħhom kellhom il-Madonna (Atti 1,14) kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli, u fil-għaqda bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb (Atit 2, 42), u propju minħabba din il-ħeġġa, ma kien hemm ħadd fosthom li kien fil-bżonn (Atti 2,44-45; 4,32. 34-35; ara Dewt 15,4; 2 Kor 8,13).

Jalla Kristu jqajjem fina l-faqar ta' Marija! Imbagħad il-qawwa ta' l-Ispirtu tiegħu jiftaħ it-triq għall-"ħwejjeġ kbar" tal-Fidwa tagħna. U mbagħad inkunu henjin għaliex tagħna tkun is-Saltna tas-Smewwiet (Mt. 5,3).

## EŻORTAZZJONI TA' L-ARĊISQOF GHAL JUM IT-TAGHLIM NISRANI
(25/9/83)

Fl-okkażjoni ta' JUM IT-TAGĦLIM NISRANI, li sa nibdew niċċelebraw kull sena, nixtiequ nwassulkom il-kelma tagħna, dwar il-ħtieġa ta' katekeżi għall-kbar, l-aktar issa li qegħdin lejliet il-ħruġ tal-Pjan Pastorali għad-Djoċesi.

Ilkoll niftakru f'dak li qalilna Ġesù: "il-bniedem mhux bil-ħobż biss igħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla". (Mat 4,4).

Huwa sinjal ta' bniedem għaqli li wieħed jibni ħajtu mhux fuq irramel, iżda fuq il-blat, li jibqa' sod f'kull tempesta. Nibnu ħajjitna fuq il-blat meta nibnuha fuq il-Kelma ta' Alla, għaliex kif igħidilna llum San Pawl, "din hi keima ta' min joqgħod fuqha. Jekk mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll". (2 Tim 2,11).

Il-fidi hi rigal ta' Alla. Jagħtihielna b'xejn u mingħajr merti tagħna, mal-ħajja ġdida ta' wlied Alla li nirċievu fil-magħmudija. Iżda bħal xitla li kontinwament teħtieġ min isaqqiha u jieħu ħsiebha, hekk il-fidi teħtieġ l-ikel tat-tagħlim nisrani. Bla tagħlim, il-fidi mhux biss ma tikbirx u ma tagħtix frott, iżda tiddgħajjef, tinxef u tmut.

Il-ħtieġa tat-tagħlim ma tiqafx meta wieħed jagħmel il-Griżma jew jispiċċa mill-iskola. Għall-kuntrarju, it-tagħlim nisrani aktar għandna bżonnu aktar ma moħħna jiżviluppa, aktar ma niltaqgħu ma' esperjenzi ġodda, aktar ma rridu nħabbtu wiċċna ma' problemi kbar tal-ħajja, aktar ma nsiru maturi biex nieħdu deċiżjonijiet responsabbli. Hija ħasra li fost il-kbar, xi drabi ninnutaw tant nuqqas ta' tagħlim nisrani kif twassalulna l-Knisja.

Mhuwiex forsi ħtija wkoll ta' dan in-nuqqas ta' tagħlim li ħafna drabi, xi wħud jieħdu deċiżjonijiet żbaljati fil-ħajja personali, familjari, soċjali u politika? Mhuwiex forsi ħtija ta' injoranza reliġjuża, li ħafna drabi, xi wħud jikkuntentaw ruħhom bil-Quddiesa tal-Ħadd u b' xi talba 'l hawn u 'l hinn, mingħajr ma jimpenjaw ruħhom ta' nsara fid-dinja tax-xogħol, tad-divertiment, tal-business u tal-kultura?

Illum aktar mill-bieraħ, ma nistgħux nirriskjaw li jkollna fidi mibnija biss fuq id-drawwa, jew fuq is-sentiment. Neħtieġu fidi mibnija fuq il-konvinzjoni personali, soda u matura. Neħtieġu fidi mdawla mill-Kelma ta' Alla, kif inhi interpretata għal żminijietna mill-Knisja, li f'idejha l-Mulej ħalla din il-ħidma.

Għalhekk nixtiequ nagħmlu sejħa lil kulħadd, l-aktar liż-żgħażagħ u lill-adulti, biex jieħdu kull okkażjoni biex jikbru fil-fidi permezz tat-tagħlim. Għall-grazzja ta' Alla, u bil-ħidma ġeneruża ta' għadd sabiħ ta' saċerdoti, sorijiet u lajċi, f'Malta għandna ħafna okkażjonijiet u mezzi biex wieħed jista' jsib it-tagħlim fejjiedi tat-tagħlim nisrani.

Ta' kull nhar ta' Ħadd għandna l-Qari tal-Kelma ta' Alla u l-Omelija tas-saċerdot. Inħeġġukom biex tagħmlu użu mill-Missal Kateketiku, kemm waqt il-Quddiesa u kemm barra mill-Quddiesa, personalment, fi gruppi jew fil-familja.

Il-Missal huwa ta' għajnuna kbira biex nirriflettu u nitolbu flimkien fuq il-Kelma ta' Alla.

Matul is-sena, fil-parroċċi u fid-djoċesi, ikollna diversi priedki, eżerċizzi, irtiri, laqgħat, sajdiet u okkażjonijiet oħra. Għandna wkoll għadd ta' Għaqdiet ta' l-apostolat, komunitajiet, movimenti u gruppi ta' talb, fejn wieħed jista' jikber fil-fidi flimkien ma' l-oħrajn. B'mod speċjali rridu nsemmu l-laqgħat ta' thejjija li jsiru għall-għarajjes qabel iż-żwieġ, kif ukoll il-laqgħat li jsiru għall-ġenituri qabel ma wliedhom jirċievu l-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina jew il-Griżma. Irridu nfakkru lill-ġenituri fil-privileġġ u fid-dmir serju li għandhom, li jagħtu edukazzjoni nisranija lil uliedhom fil-familji tagħhom. Ftit jiswa li l-ġenituri jitolbu s-sagramenti għal uliedhom, jekk imbagħad ma jimpenjawx ruħhom biex bil-kelma u bl-eżempju jagħtuhom formazzjoni tassew nisranija. Fil-laqgħat li jsirulhom, isibu għajnuna siewja biex dan iwettquh sew.

Nirrikmandaw li nagħmlu aktar użu mill-qari nisrani, l-aktar tal-Bibbja, u tad-Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II. Għandna wkoll ħafna kotba u xi rivisti tajbin, miktubin bil-Malti. F'qasir żmien, il-Kappillani sa jippubblikaw it-traduzzjoni tal-Katekiżmu ta' l-Adulti, maħruġ mill-Isqfijiet Taljani. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-Kors fl-Istudji Reliġjużi li l-Fakultà tat-Teoloġija qegħda torganizza fl-Istitut Kattoliku, fil-ħinijiet ta' fil-għaxija, biex jistgħu jattendu anke nies tax-xogħol, lajċi.

Wara dawn il-ftit rakkomandazzjonijiet, nagħalqu billi nfakkrukom li l-Papa jqis il-ħidma kateketika, jiġifieri l-ħidma tat-tagħlim nisrani, bħala l-ewwel ħidma li għandha l-Knisja. Nitolbu li din il-ħidma jkollha l-post li jixirqilha fil-ħidma pastorali fid-djoċesi u f'kull parroċċa. B'qalbna kollha li nixtiequ nuru pubblikament l-għożża u l-ħajr tagħna għal dawk kollha li qegħdin jaħdmu b'tant ħeġġa f'dan il-qasam. Anzi nitolbu li aktar insara ġenerużi jagħtu sehemhom fil-Knisja bħala Katekisti.

Waqt li nitolbu lill-Verġni Marija, Omm l-Imgħallem tagħna u Omm il-Knisja, biex twassalna dejjem aktar qrib ta' Binha, fl-Ispirtu u l-verità nagħtikom il-Barka tiegħi.

Illum, 21 ta' Settembru 1983, Festa ta' San Mattew Appostlu u Evanġelista.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

## IŻ-ŻJARA TA' L-ARĊISQOF FL-AWSTRALJA

**Mons. Arċisqof iħalli ż-żjara tiegħu għall-Awstralja għal data aktar tard**

Mons. Arċisqof Ġużpppi Mercieca ddeċieda li jħalli għal aktar tard żjara li kellu jagħmel lill-emigranti Maltin fl-Awstralja. Din iż-żjara ġiet trasferita minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti.

L-Arċisqof Mercieca, flimkien ma' Mons. Philip Calleja, kienu mistiedna mill-kappillani ta' l-emigranti Maltin fi New South Wales biex iżuru l-Awstralja bejn it-18 t' Awissu u l-5 ta' Settembru. Iż-żjara kienet ser issir għall-okkażjoni tal-għeluq il-mitt sena mill-wasla ta' l-ewwel grupp ta' 70 Malti fl-Awstralja. Waqt din iż-żjara tiegħu Mons. Arċisqof kien mistenni li jżur il-parroċċi u l-komunitajiet reliġjużi u anke sptarijiet, skejjel u MUSEUM f'Sydney, Wollangong, Melbourne, Adelaide u Queensland. Kellu wkoll imexxi l-pontifikal f'St. Mary's Cathedral fl-4 ta' Settembru bil-parteċipazzjoni ta' 25 saċerdot Malti u kien il-mistieden ta' bosta organizazzjonijiet.

F'ittra li Mons. Calleja, delegat ta' l-Arċisqof għall-Emigrazzjoni, bagħat lill-organizzaturi wera li l-Arċisqof jixtieq li jżur l-emigranti Maltin aktar tard kif iċ-ċirkostanzi jippermettu.

Mons. Arċisqof mistenni li jibgħat messaġġ biex jinqara fil-Pontifikal li se jsir fil-Kattidral ta' St. Mary's, Sydney, mill-Arċisqof ta' Sydney, Mgr. Clancy.

## MESSAĠĠ MINN MONS. ARĊISQOF LILL-EMIGRANTI MALTIN U GHAWDXIN FL-AWSTRALJA FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI ĊENTINARJI TAL-WASLA TA' L-EWWEL MALTIN FL-AWSTRALJA

Insellmilkom ilkoll minn qalbi maħbubin Maltin u Għawdxin li qegħdin l-Awstralja. Minn mindu sirt Arċisqof ta' Malta, dejjem xtaqt li nżurkom u narakom fil-post fejn qegħdin tgħixu u taħdmu. Din hija xewqa kbira tiegħi li llum, b'dispjaċir kbir tiegħi, ma nistax nara mitmuma imma nittama li għad jiġi żmien li nkun nista' naraha mitmuma u nkun fostkom. Din ix-xewqa kbira tiegħi ġejja mill-interess kbir li għandi fikom, fix-xogħol tagħkom u fil-ħajja li qegħdin tgħixu. Hija xewqa kbira tiegħi li turi ħafna kemm inħobbkom, kemm inħobb lil kull wieħed u waħda minnkom. Hija x-xewqa ta' Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex, tal-Kummissjoni Emigranti Maltija, kif ukoll tal-poplu Malti u Għawdxi kollu li, kif tafu intom, iħobbkom ħafna u jiftakar dejjem fikom fit-talb tiegħu.

Xtaqt inkellimkom bl-ilsien Malti iżda ħsibt li jkun aħjar illi nagħti l-messaġġ qasir tiegħi bil-lingwa Ingliża biex it-tfal tagħkom, jew aħjar, it-tfal tat-tfal tagħkom inikunu jistgħu jifhmuni aħjar. Il-ħsieb bil-lingwa Ingliża huwa dan li ġej:

I was looking forward to joining you in your celebrations to commemorate the centenary of the arrival of the first Maltese migrants in Australia but unfortunately, this has been impossible for me.

Although I cannot be personally present among you, I wish to be

with you spiritually, with all my heart, to join you in praising and thanking God for all the benefits he has given to the Maltese Australian community during all these years.

A hundred years ago, thirty Maltese migrants left their ancestral home to settle in far-away Australia. This was a very brave decision they took, for, in taking it, they were cutting themselves away from their family roots with no hope of ever returing back, so great was the distance then. One will realize how brave this decision was, when one considers that the Maltese were so much attached to their homeland that in seeking work abroad they never ventured further than the shores of the countries bordering the Mediterranean, so that their return back to their land of their birth could not be jeopardised.

The Australian venture of these pioneers bore fruit and opened the door to a steady flow of Maltese migrants which begun as a trickle but became a great stream in the years following the last Great War, so much so that Australians of Maltese descent are numbered in thousands.

Nevertheless the Maltese Australians have not forgotten the country of their origin, for in leaving Malta they have carried with them the uses and customs of their homeland, with its deep roots in the Christian and Catholic tradition which is the distinguishing characteristic of the Maltese nation.

For the Maltese Australians the centenary celebrations are a manifestation of loyalty to their adopted homeland and a nostalgic remembrance of the country of their forefathers, the small island of sunshine and history in the middle of a sea where the civilisation and culture of the Western World was born and developed.

From this island, which nineteen hundred years ago received with open arms the Apostle of the Mediterranean, I send my heartfelt greetings to all Maltese Australians and to all their friends and fellow Australians, in a special way to their children and to the elderly, the sick and the ailing.

My sincere thanks to the Church in Australia for receiving with open arms the Maltese migrants and helping them to settle down in their new home and giving them the same comfort of religion they had in Malta, by inviting Maltese priests and religious to provide for their spiritual needs.

A special word of thanks is due to Mgr. Edward Clancy, Archbishop of Sydney, a really good friend of Malta and whom I have come to know personally, for his interest in the welfare of the Maltese community and for his kind invitation to me to visit Australia as his guest and take part in the centenary celebrations. I have been unable to accept his invitation this time, but I will continue looking forward to the time when it would be possible for me to meet you all.

And finally a big 'thank you all' to all those who have been working for the success of these centenary celebrations and to all those who, in one way or another, are helping Maltese Australians to be loyal citizens and faithful Catho-

lics. God bless you all.

U nixtieq qabel naghlaq infissrilkom kemm intom qegħdin ġewwa qalbi, kemm dejjem naħseb fikom u nitlob 'l Alla biex ikun f'qalbkom, jgħinkom fix-xogħol tagħkom u jgħinkom ukoll biex bħala Maltin, li ħaddantu r-reliġjon ta' Kristu, tkomplu tgħixuha u tkunu ta' eżempju tajjeb fost dawk kollha li taħdmu magħhom.

Alla jberikkom. Nagħtikom il-benedizzjoni pastorali tiegħi u imxu 'l quddiem fil-ħajja tagħkom b'sens ta' ferħ u ta' fiduċja f'Alla għax Alla jħobbkom u jgħinkom biex, bħala wliedu, ixxerrdu ma' kullimkien il-paċi, l-għaqda u l-ħbiberija li hija s-sinjal ta' min jemmen f' Alla u jħobb lil Alla u l-proxxmu tiegħu. Hudu pjaċir bil-festi, ifirħu u ngħaqdu dejjem biex tkunu poplu wieħed fil-merħla ta' Alla.

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF EGHLUQ IL-75 SENA TAS-"SCOUTS" F'MALTA

Qegħdin niċċelebraw egħluq il-75 sena minn mindu beda l-Iscouting f'Malta, sena biss wara li BADEN POWELL ta bidu fl-Ingilterra għall-Moviment ta' li Scouts, bilħsieb li jgħin lit-tfal jiżviluppaw il-karattru u l-kapaċitajiet tagħhom ħa jkunu verament l-irġiel ta' l-għada.

L-ideal ta' li Scouts hu llum imħaddan mad-dinja kollha għaliex hu ideal li jġib 'il quddiem il-valuri l-aktar għolja tal-bniedem, dawk il-valuri li jagħmlu l-bniedem verament bniedem: il-lealtà, ir-rispett, l-imħabba, l-onestà. Il-veru Scout ma jonqos qatt minn kelmtu, lest dejjem biex jaqdi lill-oħrajn u jgħin lil min jeħtieġlu l-għajnuna; il-veru Scout jaf iġib ruħu man-nies u juri rispett lil kulħadd, igħożż il-ġmiel tal-ħolqien u ma jagħmilx ħsara lill-ambjent naturali li jsebbaħ pajjiż; il-veru Scout iħobb 'il pajjiżu u għandu għal qalbu l-wirt kollu ta' pajjiżu... dak kollu li jagħmel lil pajjiżu dak li hu u jagħżlu mill-pajjiżi l-oħra.

Dawn huma kwalitajiet sbieħ li jagħmlu l-irġiel; iżda dawn il-kwalitajiet jiksbu ġmiel aqwa meta huma mdawlin mill-fidi nisranija, mill-fidi kattolika. Il-veru Scout Kattoliku huwa leali u ta' kelmtu għax bħala kattoliku jgħożż kull ma hu veru, ġust u sewwa; jirrispetta lil kulħadd għaliex jara f'kulħadd lil ħutu fi Kristu; igħin bilqalb lil kull min hu fil-bżonn għaliex f'kull min hu mġarrab jara 'l Kristu stess; jgħożż il-ġmiel tal-ħolqien kollu u ma jkasbrux għax jaf li l-ħolqien kollu jxandar il-kobor tal-Mulej u l-ħlejjaq kollha ta' l-art iberkuh jgħolluh għal dejjem; iħobb lil pajjiż u jgħożż il-wirt għażiż tattwemmin nisrani li jagħmel lil pajjiżu pajjiż nisrani.

Il-Motto tal-iscouts: **KUN LEST**, huwa motto li jgħodd tassew għattfal li qegħdin jikbru u jitrawmu fl-imħabba u l-onestà u l-lealtà ħa jkunu l-veru rġiel ta' għada. Għalhekk f'dan il-75 Anniversarju ta' l-Iscouting f'Malta, lill-elf u sitt mitt Scouts u Guides Maltin ngħidilhom:

Kunu lesti li tgħożżu dejjem il-Fidi Kattolika li fiha tgħammidtu u li intom tistqarru;

Kunu lesti li tħobbu 'l pajjiżna u tkunu ta' ġieħ għal Malta tagħna bl-imġieba kollha tagħkom;

Kunu lesti li tħarsu l-wirt storiku tal-ibliet u l-irħula tagħkom, il-ġmiel u s-seħer tal-egħlieqi u l-ġonna ta' pajjiżna, l-indafa tal-baħar li jdawwarna u s-siġar u l-ward, u l-agħsafar u l-ħlejjaq kollha li jsebbħu l-ambjent fejn ngħixu;

Kunu lesti tgħinu lil kull min jeħtieġ l-għajnuna tagħkom; ix-xjuħ li ma għandhomx min idur bihom; tfal bħalkom li huma morda jew inkapaċitati jew neqsin mill-imħabba fil-familja;

Kunu lesti li turu rispett lejn kulħadd u li ġġibu għaqda u sliem u ħidma flimkien kull fejn tkunu;

U fuq kollox kunu qalb waħda bejnietkom ħalli meta tikbru, tkunu tistgħu tibnu dinja aħjar għal kulħadd.

B'rahan ta' dawn ix-xewqat tajba tiegħi lilkom, lill-familji tagħkom, lil-'leaders' u l-'commissioners' tagħkom, u liċ-'chaplain' tagħkom, minn qalbi nagħti l-Barka Pastorali tiegħu.

Illum, 8 ta' Mejju, 1983, Festa tal-Madonna ta' Pompej.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

## DISKORS TA' L-ARĊISQOF LIL ŻGĦAŻAGĦ BARRANIN

It is a pleasure for me to meet you this morning and exchange with you a few thoughts, for I like meeting young people as their enthusiasm, their good nature, their optimism inspires me and helps me in the execution of my mission as a priest of the Most High, more so when these young people look on Christ as their ideal, their Master and their Lord.

You have come to Malta from over twenty countries to study together how to live the Gospel in your daily lives and be a witness to Christ among your friends and all the people you meet with every day.

In front of you, you have a whole lifetime: the future of the world is yours, and your desire is that this future would be a future of peace, brotherhood and love. You are well aware that true peace, true brotherhood and true love can only come from Christ, who is our Peace, who has pulled down the wall which seperated men from each other and showed us that we are all brothers, who has told us that God is love.

Strive therefore, in a true Christian spirit to overcome all those things that bring divisions and strifes and conflicts among men, and work hard to promote all that is good and worthy in each single human being.

The Pope has invited the whole Christian world to make this year an Extraordinary Holy Year in memory of the 1950th year of our

Redemption. It is through His Death on the Cross that Christ has reconciled the world to God and men with each other. This year should therefore inspire us more strongly to strive for such a reconciliation which is a first step towards universal peace and brotherhood among men. But reconciliation is not possible unless there is conversion, a real conversion of the heart, which will lead us to overcome our selfishness and lead us to appreciate all that is good in others. In this way we would be heaping coals, as St. Paul says, on all those who in one way or other are putting obstacles in our ways. With St. Paul the Apostle of the Mediterranean I tell you: Let your love be genuine, hold fast to what is good, Live in harmony with one another, Do not be haughty, Never be conceited, Repay no one evil for evil but take thought for what is noble in the sight of all. Live peaceably with all men. Do not be overcome by evil, but overcome evil with good. With these good wishes, with all my heart, I give you my pastoral blessing as a pledge of heavenly favours on you, on your families, on your friends and on your countries.

**Festa ta' San Ġużepp Haddiem — 1983**

## DISKORS TA' MONSINJUR ARĊISQOF

Illum qegħdin infakkru San Ġużepp Haddiem. Wieħed jistaqsi: "X'tgħidilna din il-Festa?" Din il-Festa hija stedina oħra li l-Knisja qed tagħmlilna biex naħsbu fil-ħaddiema kollha ta' l-id u tal-moħħ, u nħobbuhom tassew. Il-Knisja tgħallimna li l-ħaddiem inħobbuh meta ngħożżu u nħarsu d-dinjità u d-drittijiet tiegħu li, fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha ħafna ħaddiema tagħna, tfisser, fuq kollox, ngħinu biex ikun hawn xogħol għal kulħadd.

Pajjiżna huwa wkoll milqut mill-problema li hija mxerrda kważi mad-dinja kollha: din hija l-marda tal-qgħad li qegħda toqros fil-laħam il-ħaj għadd ġmielu ta' ħaddiema li m'għandhomx xogħol jew impjieg xieraq li huma kapaċi għalih. Il-qgħad iġib miegħu ħafna ħsara u dan fl-individwi, fil-familja u fis-soċjetà.

Permezz tax-xogħol il-bniedem imantni l-ħajja tiegħu u ta' l-oħrajn; permezz tax-xogħol ukoll, il-bniedem għandu jibni dinja li fiha jista' jgħix kif titlob id-dinjità tiegħu, anki meta dan għalih ikun ta' sagrifiċċju. Dan hu l-pjan ta' Alla. Minn hawn jidher ċar id-dmir tagħna lkoll li x-xogħol tagħna nagħmluh, nagħmluh tajjeb u mhux naħarbu minnu, jew nagħmluh ta' kafkaf jew bla nteress, basta ntemmuh. Ix-xogħol għalhekk, kif qal il-Qdusija Tiegħu l-Papa sena l-oħra lill-ħaddiema ta' Barcellona, huwa ġid għall-bniedem u tal-bniedem u l-qgħad u n-nuqqas ta' xogħol, huwa ċaħda, telfa ta' din il-ġid kollu.

Dan kollu jgħinna nifhmu li ħadd

ma jista' jkun indifferenti quddiem din il-marda tal-qgħad. Għandna responsabbiltà kbira lejn dawn ħutna li jeħtieġ li aħna ngħinu, imdawlin mit-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Il-Knisja tgħallem li kull problema fil-qasam tax-xogħol hija problema tal-bniedem għaliex il-bniedem huwa dak li jaħdem. Dan ifisser li, kif insibu fl-Enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II 'Laborem Exercens",

"il-bażi ewlenija li fuqha għandu jitqies ix-xogħol hi l-bniedem fih innifsu, dak li jagħmel ix-xogħol."

Għalhekk, kunsiderazzjonijiet materjalistiċi u ekonomiċi waħedhom, jiġifieri mingħajr il-kunsiderazzjonijiet morali u etiċi, ma jistgħu qatt isolvulna tajjeb u għal kollox, il-problemi tax-xogħol. Il-Knisja hija ċara meta tgħallem li x-xogħol hu għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol.

Din il-fehma nisranija tax-xogħol turina liema trid tkun l-imġieba tagħna ma' ħutna li huma milquta mill-qgħad. Jeħtieġ l-ewwelnett li nħossuna lkoll aħwa bejnietna: jeħtieġ li noħorġu mill-egoiżmu tagħna kollu, u li anke min jinsab tajjeb, jinteressa ruħu u jħossu responsabbli ta' dawk li bħalissa huma bla xogħol.

Ikun jonqos minn dmiru bħala nisrani u ċittadin min għax megħlub minn spirtu ta' politika partiġjana, jaf biss igerger jew ifittex fuq min jitfa' l-ħtija, għalkemm kull min jiġi mixli b'xi tort għandu jagħrbel sewwa egħmilu u jara li huwa qiegħed fit-triq it-tajba.

Ikun ifarfar ir-responsabbiltà minn fuq spallejh min igħid li din il-problema tal-qgħad hija responsabbiltà ta' l-Istat u jieqaf hemm. Huwa veru li l-Istat għandu jkollu bħala l-għan ewlieni ekonomiku u politiku tiegħu l-ħolqien ta' postijiet ġodda ta' xogħol biex ikun hemm xogħol għal kulħadd, u li jara li titħaddem din il-politika. Iżda kif qal il-Kardinal Casaroli, is-Segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, f'ittra li bagħat għat-23° Ġimgħa Soċjali ta' Spanja s-sena l-oħra...: "il-fatt li din ir-responsabbiltà prinċipali taqa' fuq l-Istat ma jistax jiġi interpretat bħala ċentralizzazzjoni unilaterali tas-soluzzjonijiet f'idejn il-poteri pubbliċi". Fi kliem ieħor, m'għandniex naħsbu li għandna nħallu s-soluzzjoni tal-problemi kollha biss f'idejn l-Istat. Kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu. Jeħtieġ li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu għax kulħadd għandu d-dmir li jgħin lil ħuh."

Ta' min ifaħħar lil dawk li jħaddmu li, għaliex iħobbu lill-bniedem, qegħdin jaħdmu biex jintrebaħ innuqqas ta' postijiet tax-xogħol billi jżommu r-ritmu tax-xogħol minkejja, xi drabi, nuqqas ta' qliegħ xieraq u saħansitra kultant b'telf. Dawn qed iwettqu, b'sagrifiċċju u riskju, it-tagħlim tal-Knisja fejn il-persuna umana għandha superjorità assoluta fuq il-flus, il-qliegħ u fuq ħwejjeġ oħra.

Dawk li jaħdmu jkunu juru għaqda waħda ma' ħuthom li huma bla xogħol meta jirrinunzjaw, fejn jistgħu, għal xogħol ieħor jew xogħol part-time, biex hekk jgħinu lil ħaddieħor isib impjieg. Għidt "fejn jistgħu": b'dawn il-kliem irrid infisser li, filwaqt li għandna naħdmu biex ikollna għixien xieraq għalina u għall-familja tagħna, ma għandna qatt nitkaxkru, bħalma qed jiġri, mill-mentalità konsumistiki — ġerha ta' żmienna — u nfittxu li naħdmu biex naqilgħu l-flus,

nieklu u niddevertu mingħajr ma naħsbu, kif jixraq, fuq id-dmirijiet tagħna lejn Alla u lejn il-proxxmu tagħna. Din il-mentalità twassal biex inkabbru l-egoiżmu u nwarrbu kull sens ta' solidarjetà u għaqda bejnietna.

Dawn huma xi ftit ħsebijiet li jistgħu jgħinu biex wieħed jegħleb jew inaqqas sewwa l-problema talqgħad. Iżda biex jitwettaq dan ittagħlim soċjali tal-Knisja jeħtieġ fuq kollox nitolbu l-għajnuna ta' Alla biex quddiem is-sagrifiċċju jkollna l-qawwa nsaħħu l-imħabba lejn għajrna u quddiem il-problemi jnisslu fina spirtu sinċier ta' djalogu veru li jġegħelna nħarsu lejn xulxin bħala wlied ta' Missier wieħed li hu fis-smewwiet.

Nitolbu wkoll l-għajnuna tal-Madonna. Hi, li wrietna kemm-il darba kemm tħobbna, tagħtina żgur l-għajnuna tagħha.

## OMELIJA TA' MONS. ARĊISQOF Ġ. MERCIECA FIL-QUDDIESA TAL-FUNERAL TA' DR. ANTON BUTTIGIEG

"Inġbarna flimkien biex nagħtu l-aħħar tislima tagħna lil ħuna Anton Buttigieg; kien Anton stess li xtaq u ried li l-laqgħa tiegħu magħna f'din l-okkażjoni ssir filpreżenza ta' Ġesù, Alla ħaj u veru.

L-okkażjoni ta' issa hija waħda ta' swied il-qalb: Anton, li aħna lkoll nafuh bħala bniedem bieżel u ħabrieki, qiegħed quddiemna mejjet: qegħdin insellmulu għall-aħħar darba, imnikktin għax Anton se jgħib minn quddiem għajnejna għal dejjem; ma narawhx aktar jitħallat man-nies; ma nisimgħuhx aktar jitħaddet fuq Art Twelidu li tant kien iħobb; ma nisimgħuhx aktar iħeġġeġ lill-Maltin biex bħala nsara nkunu ħaġa waħda bejnietna; mhux l-ewwel darba li Anton, bħala President ta' Malta, ħeġġeġ lill-poplu Malti jimxi wara Kristu biex ikollna s-sliem, il-ġid u l-għaqda f'pajjiżna.

Nitnikktu meta nafu li Anton mhux se narawh aktar magħna. Iżda mhuwiex is-swied ta' qalb il-messaġġ li Anton irid iwasslilna f' din l-okkażjoni.

Jien li, kemm-il darba mort rajtu marid l-isptar, nista' ngħid li Anton kien jaf li riesaq lejn il-mewt. Kien jgħidli wkoll li hu riesaq lejn il-mewt b'tama kbira f' Alla, għax kien persważ li Alla jħobbu ħafna, u għalhekk lest li jūri ħniena kbira miegħu.

Il-messaġġ ta' Anton għalina hu messaġġ ta' tama kbira f'Alla. Anton ried jiltaqa' magħna biex igħidilna li issa qed jgħix ħajja ġdida fi ħdan Alla: qed narawh sieket, iżda qed nisimgħu l-leħen tiegħu; qed jistqarr li jemmen f'Alla, li ġej mingħand Alla u li rritorna għand Alla biex igħix miegħu wara li ġie kkonfortat bis-Sagramenti tal-Knisja ta' Kristu.

Il-messaġġ ta' Anton huwa għalhekk messaġġ ta' ferħ u faraġ għaliex huwa messaġġ ta' fidi f'Alla, ta' fidi f'ħajja li ma tintemmx: hu l-messaġġ tar-rebħa fuq il-mewt.

Anton, fost ir-responsabbiltajiet

ħi kellu, kien ukoll l-ewwel ċittadin ta' Malta — responsabbiltà li jkun ta' eżempju tajjeb għal kulħadd u jaħdem għall-ġid ta' kulħadd.

Bil-preżenza tiegħu llum quddiem Ġesù, imdawwar minn tant ħbieb, Anton qed jgħallimna li kull irkoppa trid tmil quddiem Alla, bil-ħi tagħraf li kollox ġej minn Alla. Din hi l-umiltà ta' min hu kbir; dan hu l-kobor ta' min jiċċekken quddiem Alla, u juri bil-ħajja tiegħu, li Alla jiġi qabel kollox u qabel kulħadd u li għalhekk, kull ħidma tal-bniedem, hi x'inhi r-responsabbiltà tiegħu fuq din l-art, għandha tgħin biex twassal lil Alla għand il-bniedem u terfa' lill-bniedem għal għand Alla.

Dan hu l-pjan ta' Alla. Din trid tkun il-ħidma ta' kull min iħoss ir-responsabbiltà li hu għandu quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

Fuq l-art aħna nistgħu nimirħu 'l bogħod minn Alla meta egħmilna ma jaqbilx ma' Kristu ma jaqbilx mat-tagħlim tal-Knisja tiegħu. Iżda Anton qed ifakkarna llum li rridu niltaqgħu ma' Alla u dak inhar li ħajjitna fuq din l-art tintemm, irridu nidhru u nkunu quddiem Alla, u nkunu waħedna quddiem, biex jistenniena ngħidulu li aħna ħdimna għalih fuq din l-art u hekk ikollna sehem mill-istess ħajja tiegħu.

Anton m'għadux magħna; madankollu nafu li Anton huwa issa fi ħdan Alla, missier li jħobb b'imħabba bla qies lil kull wieħed minna. Nafu għalhekk li Alla jilqa' bil-qalb it-talb u s-suffraġju li nagħmlu għar-ruħu u jagħti l-faraġ tiegħu lill-familjari tiegħu, lil martu, lil uliedu u lil ħutu, kif ukoll lil ħbiebu u lil ħutu, kif ukoll lil ħbiebu u l-Maltin u l-Għawdxin kollha li kienu jafuh u jħobbuh f'ħajtu.

Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilu, jistrieħ fil-paċi, Amen.

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻJARA TAL-KWADRU TAL-MADONNA TA' PINU F'MALTA

Il-miġja tax-xbieha tal-Madonna ta' Pinu fostna għandna nqisuha bħala barka mis-sema għalina, għaliex hija ż-żjara ta' l-Omm tagħna ts-sema li ġejja fostna biex tgħidilna x'qiegħda tistenna minna f' din is-sena mqaddsa tal-Fidwa tagħna, sena li fiha aħna wkoll, f'Settembru li ġej, se nagħtuha ġieh bħala Omm il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni, flimkien ma' dawk kollha li, minn pajjiżi oħra, se jissieħbu magħna f'dan il-ġieh lil Omm Alla.

Fil-ġranet li fihom ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu tkun fostna, nitolbuha lill-Madonna biex iddawwar lejna l-għajnejn tagħha ta' ħniena, u teħlisna mit-tiġrib kollu li qegħdin inġibu fuqna bi dnubietna. Hi waqfet mal-Knisja fil-bidu tagħha u kienet xbieha tal-Knisja titlob meta ssieħbet ma' l-Appostli fiċ-Ċenaklu waqt li kienu jistennew il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu; issa, f'dawn il-ġranet, se tieqaf magħna bit-talb tagħha ħalli ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li se jsiru f' dawn il-ġranet, tul il-ġranet tal-Kungress Marjani f'Settembru li ġej, u matul is-sena mqaddsa kollha, iwassluna biex inħossu dejjem aktar il-preżenza ta' Alla fostna u hekk naslu għal mibgħeda sħiħa tad-dnub, li m'huwiex ħlief iċ-ċaħda ta' l-imħabba ta' Alla. Nitolbuha għalhekk lill-Madonna, f'dawn il-ġranet li ġejjin, biex, bl-eżempju tal-ħajja tagħha u bit-talb tagħha, tgħin lil kull wieħed u waħda minna, hi x'inhi l-ħidma jew il-kariga tagħna, biex infasslu l-ħajja kollha tagħna fuq Kristu u t-tagħlim tiegħu kif twassalulna l-Knisja.

Imwettqin bit-talb tal-Verġni Marija, Omm na u Omm il-Knisja, tul dan iż-żmien kollu li ġej, infittxu li nsaħħu dejjem aktar il-ħbiberija tagħna ma' Alla u l-imħabba bejnietna, biex inkunu nistgħu ngawdu l-frott sħiħ tal-Fidwa li rebħilna l-Mulej Ġesù.

## OMELIJA TA' L-ARĊISQOF F'SAN ĠWANN FL-OKKAŻJONI TAŻ-ŻJARA TAL-KWADRU TAL-MADONNA TA' PINU F'MALTA — 4-7-1983

Ix-xbieha mirakuluża tal-Madonna ta' Pinu tgħidilna li Alla qed jagħti grazzja kbira lill-poplu kollu ta' Malta. Ta' dan inroddu ħajr lil Alla; nixtieq ukoll nirringrazzja lill-E.T. Mons. Nikol Cauchi talli qatgħalna xewqitna u aċċetta li l-gżira oħtna ta' Għawdex tibgħat lil oħtha l-kbira Malta din ix-xbieha, li hi għal qalb il-Maltin u l-Għawdxin kollha. Nirringrazzja wkoll lil Mons. Gerada, lil Mons. Gonzi, lis-saċerdoti u lir-reliġjużi u l-lajċi, nirringrazzja wkoll lil dawk li huma magħqudin magħna permezz tat-talb u t-tbatija tal-mard.

Ix-xbieha tal-Madonna hi grazzja minn Alla, hija sejħa li Alla qed jagħmlilna permezz ta' Marija. Alla għażlilna 'l Marija għax Alla jaf li l-poplu Malti ma jasal qatt bħal igħid le lil Marija, kif Marija qatt ma qalet le għat-talba ta' Malta.

Marija qed turina x-xewqa tagħha li n-nazzjon Maltija tibqa' l-gżira ta' San Pawl, billi tibqa' taħt il-ħarsien ta' Marija. Marija qed issejjaħ lill-poplu tagħha bħal iħobb lil Kristu kif igħix u jinsab fil-Knisja tiegħu, u nħobbu 'l xulxin bħal aħwa. Marija qed issejħilna ngħixu ħajja tassew nisranija, u hekk nagħtu kontribut siewi għall-ġid ta' pajjiżna.

Din is-sejħa hija stedina biex inħobbu tassew iċ-ċkejknin tagħna, iż-żgħażagħ tagħna billi nhejju għalihom Malta li tgħin, tiffavorixxi, u tħares dejjem il-wirt Malti tal-valuri nsara u hekk ikollhom sliem u ġid u barka għal uliedna u għal pajjiżna. Naħdmu għall-għaqda daqs kemm ngħinu liċ-ċkejknin tagħna jħobbu 'l Kristu, il-Knisja tiegħu, lil xulxin.

Din is-sejħa hija sfida. Marija ġiet fostna biex tgħinna nagħmlu l-għażla kbira ta' ħajjitna, għażla li tolqot ir-rotta ta' ħajjitna.

Jekk nagħżlu li nkunu nsara tajbin u għalhekk ukoll ċittadini tajbin, jeħtieġ niddeċiedu nidħlu għal kull sagrifiċċju, billi kull wieħed u waħda minna, kemm jekk għandna qagħda umli u kemm jekk għandna responsabbiltajiet għoljin filħajja privata jew pubblika, inħarsu t-tagħlim ta' Kristu kif tfissirulna l-Knisja tiegħu u napplikaw dan it-tagħlim għal kull sitwazzjoni konkreta tal-ħajja.

Marija taf li din hi sejħa iebsa; iżda Marija turina wkoll it-triq meħtieġa li twassalna biex ngħixu din is-sejħa. Marija qed tistieden lill-poplu Malti, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, biex jitolbu; it-talb jagħtina l-qawwa ngħixu ħajja tassew nisranija u nirbħu kull tfixkil. Nitolbu jfisser niftħu qalbna ma' Alla u ngħidulu li kull tant insibuha bi tqila li naħfru u nħobbu lil min jagħmlilna d-deni; lil min ma jaqbilx magħna; nitolbu jfisser ngħidu lil Alla li kultant, mirbuħa mill-egoiżmu u l-interess, inħossuha aktar ħafifa nagħżlu l-bniedem u l-ġid li jwiegħed il-bniedem milli nagħżlu lil Alla u l-ħajja li jwegħdna.

Huwa t-talb biss li jrid igħinna jkollna rispett għal xulxin, għajnuna lil xulxin bħal aħwa u ubbidjenza kollha mħabba għar-ragħajja spiritwali tagħna.

Huwa t-talb biss li jrid jgħin sa-

biex is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi jaħdmu flimkien f'għaqda sħiħa mal-isqfijiet u l-Papa. Fejn hemm din il-ħidma flimkien insibu l-assigurazzjoni ta' fedeltà lejn Kristu.

Dan it-talb igħin lilna s-saċerdoti nkunu dejjem ħaġa waħda ma' l-isqof tagħna billi nibnu kull ħidma tagħna fuq il-kelma ta' Alla, fl-Iskrittura u t-Tradizzjoni u ma ngħammdux bl-isem ta' Kristjaneżmu ebda ideoloġija. Il-Kristjaneżmu huwa l-messaġġ ta' Ġesù, filwaqt li l-ideoloġija hija dejjem xogħol ta' moħħ il-bniedem.

Nirringrazzja l-Madonna ta' l-għajnuna li hija mixtieqa tagħtina u nwegħduha li, bl-interċessjoni tagħha, aħna u wliedna nibqgħu wlied Marija u hekk Malta tibqa' Malta Marjana.

Sacred Congregation for the Doctrine of the Faith

## LETTER TO THE BISHOPS OF THE CATHOLIC CHURCH ON CERTAIN QUESTIONS CONCERNING THE MINISTER OF THE EUCHARIST

### I — Introduction

1. In teaching that the priestly or hierarchical ministry differs essentially and not only in degree from the common priesthood of the faithful, the Second Vatican Council expressed the certainty of faith that only Bishops and Priests can confect the Eucharistic mystery. Although all the faithful indeed share in the one and the same priesthood of Christ and participate in the offering of the Eucharist, it is only the ministerial priest who, in virtue of the Sacrament of Holy Orders, can confect the Eucharistic sacrifice in the person of Christ and offer it in the name of all Christian people.[1].

2. In recent years, however, certain opinions have come to be promulgated, and at times translated into practice, which deny the above teaching and consequently cause harm to the innermost life of the Church. Such opinions which are widespread in various forms and with different lines of argument have begun to attract some of the faithful themselves, either because they claim to be based on a scholarly foundation, or because they are presented as responding to the needs of the pastoral care and sacramental life of Christian communities.

3. That is why this Sacred Congregation, prompted by a desire to offer its particular services to the Bishops in a true collegial spirit, wishes to restate here some of the essential points of the Church's doctrine on the minister of the Eucharist, transmitted by her living Tradition and expressed in previous documents of the Magisterium.[2] The Congregation takes full account of the integral vision of the priestly ministry as presented by the Second Vatican Council, but in the present situation it considers it

a matter of urgency to make clear the essential role of the priest.

## II. — Erroneous Opinions

1. The promoters of these new opinions maintain that every Christian community, from the very fact that it is united in the name of Christ and thus enjoys his undivided presence (cf. Mt 18:20), is endowed with all the powers which the Lord wished to give to his Church.

It is asserted, moreover, that the Church is apostolic in the sense that all those who have been washed in Baptism and incorporated into her, having been made sharers in the priestly, prophetic and royal office of Christ, are also truly successors of the Apostles. From the fact that the whole Church was prefigured in the Apostles it would then follow that the words of institution of the Eucharist addressed to them are intended for everyone.

2. As a consequence, although necessary for the good ordering of the Church, the ministry of Bishops and Priests would not differ from the common priesthood of the faithful with respect to the participation in the priesthood of Christ in the strict sense, but only insofar as its exercise is concerned. The so-called role of moderating the community — including also that of preaching and presiding at the Eucharist — would, therefore, be only a simple mnndate conferred for the orderly functioning of the community itself, but it ought not to be 'sacralized'. The call to such a ministry would not amount to a new 'priestly' capacity — strictly speaking — and for that reason the term 'priesthood' is generally avoided — nor would it impart any character with ontological significance for the state of the ministers, but would simply give expression before the community that the original power conferred in the sacrament of Baptism had become effective.

3. In virtue of the apostolicity of the single local communities, in which Christ would be no less present than in an episcopal structure, each community, no matter how small, in the event of its being deprived for some time of such a constituent element as the Eucharist, could 're-appropriate' its original powers. Also it would have the right of designating its own president and animator and conferring on him all the necessary faculties for leading the community itself, including that of presiding at and consecrating the Eucharist. It is moreover asserted that God himself would not refuse, in such circumstances, to grant, even without a sacramental rite, the power he normally gives through sacramental ordination.

Such is the conclusion also reached by the fact that the celebration of the Eucharist is often understood simply as the action of the local community, which is gathered together to commemorate in the breaking of bread the Last Supper of the Lord. It would therefore be more a fraternal celebration in which the community comes together and gives expression to its identity, than the sacramental renewal of the Sacrifice of Christ, whose saving power extends to everyone, be they present

or absent, living or dead.

4. Ironically, erroneous opinions regarding the necessity of ordained ministers for the celebration of the Eucharist have even led some to place less and less value upon the sacraments of Orders and the Eucharist in their catechesis.

### III. — The Doctrine of the Church

1. Although they may be expressed in various ways with different nuances, all these opinions lead to the same conclusion: that the power to confect the sacrament of the Eucharist it not necessarily connected with sacramental ordination. It is evident that such a conclusion is absolutely incompatible with the faith as it has been handed down, since not only does it deny the power conferred on priests but it undermines the entire apostolic structure of the Church and distorts the sacramental economy of salvation itself.

2. According to the teaching of the Church, the word of the Lord and the divine life which he has given to us have been destined from the very beginning to be lived and shared in a single body, which the Lord builds up for himself throughout the ages. This body, which is the Church of Christ, is continually endowed with the gifts of ministries by him "from whom the whole body, nourished and knit together through its joints and sinews, grows with a growth that is from God" (Col 2:19).[3]

This structure of ministries finds clear expression in Sacred Tradition in the powers entrusted to the Apostles and their successors: to sanctify, to teach and to govern in the name of Christ. The apostolicity of the Church does not mean that all believers are Apostles,[4] not even in a collective sense, and no community has the power to confer apostolic ministry which is essentially bestowed by the Lord himself. Therefore when the Church in her creeds calls herself apostolic, she expresses, besides the doctrinal identity of her teaching with that of the Apostles, the reality of the continuation of the work of the Apostles by means of the structure of succession in virtue of which the apostolic mission is to endure until the end of time.[5]

This apostolic succession which constitutes the entire Church as apostolic is part of the living tradition which has been for the Church from the beginning, and continues to be, her particular form of life. And so, those who cite isolated texts of Scripture in opposition to this living tradition, in trying to justify new structures, have strayed from the truth.

3. The Catholic Church, which has developed through the ages and continues to grow by the life given to her by the Lord through the outpouring of the Holy Spirit, has always maintained her apostolic structure, faithful to the tradition of the Apostles which lives and endures in her.

When she imposes hands on those to be ordained and invokes upon them the Holy Spirit, she is conscious of handing on the power of the Lord who makes the Bishops, as successors of the Apostles, partakers in a special way of his threefold priestly, prophetic and royal mission. In turn,

the Bishops impart, in varying degrees, the office of their ministry to various persons in the Church.[6]

And so, even though all the baptized enjoy the same dignity before God, in the Christian community, which was deliberately structured hierarchically by its Divine Founder, there have existed from its earliest days specific apostolic powers deriving from the sacrament of Holy Orders.

4. Included among these powers which Christ entrusted exclusively to the Apostles and their successors is the power of confecting the Eucharist. To the Bishops alone, and to the Priests they have made sharers in their ministry which they themselves have received, is reserved the power of renewing in the mystery of the Eucharist what Christ did at the Last Supper.[7]

In order that they may be able to carry out their work, especially a work so important as confecting the Eucharistic mystery, our Lord marks out in a spiritual manner those whom he calls to the Episcopate and to the Priesthood. He does this with a special sign through the sacrament of Orders, a sign also called a 'character' in solemn documents of the Church's Magisterium.[8] In this way, he so configures them to himself that, when they pronounce the words of consecration, they do not act on a mandate from the community but "**in persona Christi**, which means more than just 'in the name of Christ' or 'in the place of Christ' since the celebrant, by reason of this special sacrament, identifies himself with the Eternal High Priest, who is both author and principal agent of his own sacrifice in which truly no one can take his place."[9] Since it is of the very nature of the Church that the power to consecrate the Eucharist is imparted only to the Bishops and Priests who are constituted its ministers by the reception of Holy Orders, the Church holds that the Eucharistic mystery cannot be celebrated in any community except by an ordained Priest, as expressly taught by the Fourth Lateran Council.[10]

Individual faithful or communities who, because of persecution or lack of Priests, are deprived of the Holy Eucharist for either a short or longer period of time, do not thereby lack the grace of the Redeemer. If they are intimately animated by a desire for the sacrament and united in prayer with the whole Church, and call upon the Lord and raise their hearts to him, by virtue of the Holy Spirit they live in communion with the whole Church, the living body of Christ, and with the Lord himself. Through their desire for the sacrament in union with the Church, no matter how distant they may be physically, they are intimately and really united to her and therefore receive the fruits of the sacrament; whereas those who would wrongly attempt to take upon themselves the right to confect the Eucharistic mystery end up by having their community closed in on itself.[11]

None of this derogates from the responsibility of Bishops and Priests and all members of the Church to pray that "the Lord of the harvest" will send workers according to the needs of the people and the times (cf. Mt 9:37 ff.), and

to work with all their energy to make the Lord's call to the priestly ministry heard and welcomed, with humble and generous heart.

## IV. — Call to Vigilance

In recalling these points to the attention of the Pastors of the Church, the Sacred Congregation for the Doctrine of the Faith desires to assist them in the ministry of feeding the flock of the Lord with the food of Truth, of safeguarding the deposit of Faith and of keeping intact the unity of the Church. It is necessary to be strong in faith and to resist error even when it masquerades as piety, so that by professing truth in love, we may embrace in the love of the Lord those who have strayed (cf. Eph 4: 15).

Catholics who attempt to celebrate the Eucharist outside the sacred bond of apostolic succession established by the sacrament of Orders exclude themselves from participating in the unity of the single body of the Lord: they neither nourish nor build up the community, they tear it apart.

Therefore it is the responsibility of the Bishops to see to it that the erroneous opinions mentioned above do not continue to be spread either in catechetics or in the teaching of theology and, above all, to see to it that such theories are not put into practice. Whenever cases of this sort are discovered, it is their sacred responsibility to denounce them as completely foreign to the celebration of the Eucharistic sacrifice and offensive to the community of the Church. If they should find that some catechists are even minimizing the central importance for the Church of the sacraments of Holy Orders and the Eucharist, they should likewise do all they can to correct so distorted a teaching. For in fact it is to us that these words were addressed: "Preach the word, be urgent in season and out of season, convince, rebuke and exhort, be unfailing in patience and in teaching... always be steady, endure suffering, do the work of an evangelist, fulfil your ministry" (2 Tim 4:2-5).

In these circumstances, therefore, let this collegial concern find such a concrete application that the undivided Church, even in the variety of local Churches working together,[12] may keep safe what was entrusted to her by God through the Apostles. Fidelity to the will of Christ and the Christian dignity itself require that the faith handed down remain the same so that it may bring peace to all believers (cf. Rm 15:13).

The Supreme Pontiff, John Paul II, in an audience granted to the undersigned Cardinal Prefect, gave his approval to this letter, drawn up in the ordinary session of this Sacred Congregation, and ordered its publication.

JOSEPH CARD. RATZINGER
Prefect

✠ Fr. JEROME HAMER, O.P.
Titular Archbishop of Lorium
Secretary

---

1. Vatican Council II, *Lumen Gentium*, nn. 10, 17, 26, 28; *Sacrosanctum Concilium*, n. 7; *Christus Dominus*, n. 15; *Presbyterorum Ordinis*, nn. 2, 3. Cf. also Paul VI, *Mysterium Fidei*, Sept. 3, 1965: *AAS* 57 (1965) 761.

2. Cf. Pius XII, *Mediator Dei*, Nov. 20, 1947: *AAS* 39 (1947) 553; Paul VI, Ap-

ostolic Exhortation *Quinque iam anni,* Dec. 8, 1970: *AAS* (1971) 99; Document of the Synod of Bishops in 1971: *De sacerdotio ministeriali:* Part One: *AAS* 63 (1971) 903-908; Sacred Congregation for the Doctrine of the Faith, Declaration *Mysterium Ecclesiae,* June 24, 1973, n. 6: *AAS* 65 (1973) 405-407; Declaration *De duobus operibus Professoris Joannis Kung,* Feb. 15, 1975: *AAS* 67 (1975) 204; Declaration *Inter Insigniores,* Oct. 15, 1976, n. V: *AAS* 69 (1977) 108-113; John Paul II, Letter *Novo incipiente nostro,* to all the priests of the Church, Apr. 8, 1979, nn. 2-4: *AAS* 71 (1979) 395-400; Letter *Dominicae Cenae,* to all the Bishops of the Church, Feb. 24, 1980, nn. I-II: : *AAS* 72 (1980) 115-134.

3. Cf. Vatican Council II, *Lumen Gentium,* nn. 7, 18, 19, 20; *Christus Dominus,* nn. 1, 3; *Presbyterorum Ordinis* n. 2.

4. Council of Trent, *Doctrina de sacramento ordinis,* Chap. 4: *DS* 1767.

5. Vatican Council II, *Lumen Gentium,* n. 20.

6. Vatican Council II, *Lumen Gentium,* n. 28.

7. This is confirmed in the established usage of the Church in calling Bishops and Presbyters *priests* of sacred worship, especially since they also have been recognised as having the power of making the Eucharist.

8. Cf. Vatican Council II, *Lumen Gentium,* n. 21; *Presbyterorum Ordinis,* n. 2.

9. John Paul II, Letter *Dominicae Cenae,* n. 8: *AAS* 72 (1980) 128-129.

10. Lateran Council IV, Const. de Fide *Firmiter credimus:* "Una vero est fidelium universalis Ecclesia, extra quam nullus omnino salvatur, in qua idem ipse sacerdos est sacrificium Iesus Christus, cuius corpus et sanguis in sacramento altaris sub speciebus panis et vini veraciter continentur, transsubstantiatis pane in corpus et vino in sanguinem potestate divina: ut ad perficiendum mysterium unitatis accipiamus ipsi de suo, quod accepit ipse de nostro. Et hoc utique sacramentum nemo potest conficere, nisi sacerdos, qui rite fuerit ordinatus, secundum claves Ecclesiae, quas ipse concessit Apostolis eorumque successoribus Iesus Christus" (*DS* 802).

11. Cf. John Paul II, Letter *Novo incipiente nostro,* n. 10: *AAS* 71 (1979) 411-415. Concerning the value of the desire for the sacrament, cf. Council of Trent, Decree *De iustificatione,* chap. 4: *DS* 1524; Decree *De Sacramentis,* can. 4: *DS* 1604; Vatican Council II, *Lumen Gentium,* n. 14; Holy Office, *Letter to the Archbishop of Boston,* Aug. 8, 1949: *DS* 3807, 3872.

12. Cf. Vatican Council II, *Lumen Gentium,* n. 23.

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF LIL "LEĦEN IS-SEWWA" FL-OKKAŻJONI TAL-KUNGRESS MARJAN

F'dan il-messaġġ qasir tiegħi lill-qarrejja ta' LEĦEN IS-SEWWA fl-okkażjoni tal-Kungress Internazzjonali Marjan, nixtieq intenni dak li aħna l-isqfijiet għidna kemm-il darba, li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kungressi ma għandhomx ikunu biss wirja esterna ta' kemm aħna l-Maltin u l-Għawdxin inħobbu l-Madonna, imma okkażjoni mill-aqwa għalina biex niġġeddu fil-ħajja kollha tagħna bħala nsara u bħala Maltin.

Aħna niftaħru bil-fidi nisranija tagħna; aħna kburin li tul id-dsatax-il mitt sena minn mindu l-Appostlu tal-Mediterran, Missierna San Pawl, ra l-għarqa fuq xtut gżiritna u żera' fostna l-fidi ta' Kristu, aħna bqajna dejjem marbutin mal-Knisja vera ta' Kristu. Iżda dan mhux biżżejjed, jekk irridu ngħaddu bla mittiefsa lil uliedna l-wirt għażiż tal-fidi nisranija li ħallewlna missirijietna. Jeħtieġ ikun hemm qbil bejn il-fidi li niftaħru li nħaddnu u l-ħajja li aħna ngħixu kuljum.

Jekk aħna nsara, għandna nkunu kapaċi nirbħu kull ma jifridna ħa nkunu lkoll ħaġa waħda bejnietna fl-għaqda tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu; għandna nkunu lesti npattu d-deni li jsirilna bil-ġid li nagħmlu lil min jonqosna; għandna ngħożżu

l-innoċenza ta' wliedna, is-safa fl-imġiba taż-żgħażagħ tagħna, il-qdusija tar-rabta taż-żwieġ tagħna, ir-rispett u l-imħabba għal xulxin u għal kulħadd; għandna nagħarfu nagħdru lil ħaddieħor, nilqgħu bis-sabar kull tiġrib li jiġi fuqna, u nerfgħu l-piż ta' xulxin; għandna nuru mħabba speċjali lejn dawk kollha li huma morda, imġarrbin, imwarrbin u waħedhom billi nżuruhom u nieqfu magħhom fil-hemm tagħhom.

B'hekk inkunu tassew qegħdin nagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, għaliex inkunu mexjin fuq l-eżempji sbieħ li tatna tul ħajjitha kollha.

Ċirkulari Nru. 119

## FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM

Dawn il-ġranet il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Il-Knisja waqqfet din il-festa kemm biex tistieden lill-ħaddiema nsara kollha tad-dinja ħalli fuq l-eżempju ta' San Ġużepp Ħaddiem, jagħarfu jagħmlu mix-xogħol tagħhom il-mezz ewlieni ta' qdusithom kif ukoll biex tpoġġi fid-dieher l-imħabba tagħha lejn il-persuna tal-ħaddiem u t-twemmin tagħha fin-nobiltà tax-xogħol.

Biżżejjed ħarsa fuq fuq lejn id-dinja tax-xogħol biex turina minn kemm waqtiet ta' tbatija jkollu jgħaddi minnha l-ħaddiem: Il-ħaddiem, kemm tal-id kif ukoll tal-moħħ, ibati għaliex ix-xogħol, magħmul tajjeb u b'onestà, hu tqil minnu nnifsu; ibati minħabba li, fi żminijiet ta' kompetizzjoni, bħal ma huma dawk tal-lum, il-ħsieb li jista' jsib ruħu mingħajr xogħol iħassbu u jimlih b'ammont ta' inċertezza dwar il-futur tiegħu u tal-familja; ibati, meta jiltaqa' ma' każi li fihom ma jirċevix il-ħlas xieraq għall-ħidma tiegħu; bati fl-aħħarnett f'ċirkostanzi li fihom ma tkunx rispettata d-dinjità tiegħu jew imqiegħda fil-periklu s-saħħa tiegħu fuq ix-xogħol.

Hu għalhekk li l-Knisja li, fuq l-eżempju ta' Ġesù, dejjem uriet attenzjoni speċjali lejn min ibati, dejjem kellha għal qalbha l-kawża tal-ħaddiem.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, f'aktar minn diskors wieħed, jekk, mill-banda l-waħda wera ruħu kuntrarju għal kollox għall-imġieba ta' dawk il-ħaddiema li jagħmlu użu minn atti ta' vjolenza bla sens fit-taqbida għall-akkwist tad-drittijiet tagħhom, mill-banda l-oħra ma naqasx li jikkundanna bħala delitt l-aktar gravi kontra Alla u kontra s-soċjetà, kull inġustizzja li ssir lill-ħaddiem.

Bil-ħsieb li f'Malta l-Ħaddiem igawdi mill-ġid u mill-prosperità li l-Mulej jagħti lil dawk li jħobbuh, Monsinjur Arċisqof sejjer iqaddes għall-bżonnijiet tal-Ħaddiema Maltin fil-Knisja Konkattedrali

ta' San Ġwann nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju, fis-6.00 p.m.

F'din il-Quddiesa se jikkonċelebraw is-Saċerdoti li jagħmlu ħidma pastorali fil-fabbriki u fil-postijiet tax-xogħol. Tkun ħaġa sabiħa li, dawk kollha li jistgħu, jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Monsinjur Arċisqof irid ukoll li l-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes, mill-Ħadd ta' qabel 24 ta' April, iħeġġu lin-nies tal-Parroċċa tagħhom ħalli jqaddsu l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem bit-talb u bl-opri tajba.

Monsinjur Arċisqof iridni wkoll ninqeda b'din iċ-Ċirkulari biex infakkar li t-8 ta' Mejju hu jum li hu ħafna għall-qalb tal-Madonna.

F'Marsaxlokk, kif dejjem sar tul dawn l-aħħar għoxrin sena, isir f'pellegrinaġġ "aux flambeaux" f'ġieħ il-Madonna ta' Pompei. F' dan il-pellegrinaġġ, dawn l-aħħar snin, ħadu sehem fih nies mill-Parroċċi kollha ta' Malta.

Din is-sena sejjer jieħu sehem fih ukoll Monsinjur Arċisqof. Wara jikkonċelebra mas-saċerdoti li jissieħbu miegħu fil-pellegrinaġġ.

Tkun ħaġa sabiħa li din is-sena tal-Kungressi Marjani li se jsiru f'Settembru li ġej, nies mill-Parroċċi kollha ta' Malta jieħdu sehem f'dan il-Pellegrinaġġ, u jissieħbu ma' l-Arċisqof.

Il-Pellegrinaġġ iservi għar-rebħ tal-indulġenza tal-Ġublew.
Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum, 21 ta' April 1983.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

TELEGRAMM LILL-PAPA

*Sacerdoti et laici operatori pastorali tra lavoratori uniti Arcivescovo per celebrazione Festa San Giuseppe Artigiano con lavoratori Cattolici maltesi promettono fedeltà incondizionata Santità Vostra et insegnamenti enciclica Laborem Exercens chiedono propiziatrice Benedizione Apostolica per lavoratori et datori di lavoro maltesi, per operatori pastorali per popolo maltese*

ARCIVESCOVO MERCIECA

Ċirkulari Nru. 121

Kif għarrafniekom f'aktar minn okkażjoni waħda, bħalissa l-Knisja f'Malta qegħda tħejji Pjan Pastorali. Il-ħsieb li ġagħalna nidħlu għal din l-inizjattiva kien li nsiru nafu aħjar liema huma l-akbar ħtiġijiet spiritwali u morali tal-poplu tagħna ħalli b'hekk inkunu nistgħu nilħquhom b'mod aktar organizzat u effiċjenti.

Fuq dan il-Pjan Pastorali sar s'issa bosta xogħol. Intalbu pariri kemm ta' saċerdoti kif ta' lajċi, ta' ħaddiema kemm tal-moħħ kif tal-id; sar ċensiment dwar is-smiegħ tal-quddies ta' nhar ta' Ħadd u tal-festi kmandati; inġabru diversi statistiċi u saru bosta riċerki li jistgħu jgħinuna aħjar biex inkunu nafu l-istat reliġjuż tad-Djoċesi. B'dankollu għad hemm ħafna x'isir.

Jeħtieġ għalhekk li nitolbu iżjed biex dan il-Pjan nagħmluh tajjeb b'mod li jwieġeb tassew għall-akbar ħtiġijiet pastorali tal-gżira.

Nhar il-Ħadd li ġej il-Knisja tiċċelebra l-festa li tfakkarna f' meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli u imlihom bl-ispirtu tiegħu ta' dehen u ta' qawwa li għamilhom kapaċi jibdew u jkomplu l-missjoni tagħhom. Kienet missjoni diffiċli. L-appostli kienu jeħtieġu doni ta' ħeġġa u ta' dawl speċjali biex iwettquha. Iżda l-ispirtu s-Santu ma naqashomx.

Għaldaqstant Monsinjur Arċisqof iridni ngħarraf lill-Kappillani u lir-Retturi tal-Knejjes biex nhar il-Ħadd li ġej iħajru lill-erwieħ fdati għall-kura pastorali tagħhom biex iżidu fit-talb tagħhom ħalli l-Ispirtu s-Santu jħeġġeġ il-qalb u jdawwal il-moħħ ta' dawk is-saċerdoti u ta' dawk il-lajċi li qegħdin jaħdmu fit-tħejjija tal-Pjan Pastorali.

Monsinjur Arċisqof jixtieq ukoll li:

(a) fit-talba tal-fidili, fil-Quddies tas-Sibt 21 ta' Mejju u l-Ħadd, 22 ta' Mejju, tingħad din l-invokazzjoni:
Sawwab l-Ispirtu tiegħek fuq il-Knisja Maltija sabiex tagħraf x'irid Alla minnha u tagħmlu bil-ħeġġa u bil-kuraġġ kollu.

(b) wara t-Tqarbin tingħad it-talba imħejjija apposta biex il-Pjan Pastorali jħalli frott kotran ta' qawmien spiritwali;

(c) fl-Omelija tal-ġurnata ta' Pentekoste, is-saċerdoti fil-waqt li jiġbdu l-attenzjoni tas-semmiegħa tagħhom għal ħtieġa ta' tiġdida spiritwali f'pajjiżna, juruhom ukoll li biex din tkun dewwiema għandha bżonn titwettaq skond pjan li jistudja liema huma l-problemi l-aktar urġenti li jolqtu lill-Knisja f'pajjiżna u li juru l-mod kif dawn għandhom jiġu maħlula.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 17 ta' Mejju, 1983.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

Mulej Alla tagħna, fl-Evanġelju int għidtilna li wlied id-dlam huma aktar bil-għaqal minn ulied id-dawl. Nitolbuk għalhekk taħfrilna n-nuqqasijiet tagħna l-aktar meta ma wrejniex ħeġġa biżżejjed biex inwasslu lis-soċjetà l-Bxara t-tajba tiegħek ta' verità, ġustizzja, imħabba u paċi.

Għinna, Mulej, biex nagħrfu x'inhuma l-problemi li għandna quddiemna ħa nsolvuhom bil-għajnuna tiegħek. Għinna naraw dak li hemm tajjeb fina biex inkunu nistgħu inkabbruh għall-ġid tagħna u ta' l-oħrajn. Dawwal moħħna biex nifhmu sewwa xi trid minna, biex inwieġbu għas-sejħa tiegħek permezz tal-Pjan Pastorali li qiegħed jitħejja għad-djoċesi tagħna.

Mulej, int taf kemm aħna dgħajfa, imma int wegħidtilna l-Ispirtu qaddis tiegħek biex igħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. B'tama qawwija fil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, aħna ma naqtgħux qalbna, u f'għaqda sħiħa mal-Verġni Marija, Ommok u Omm il-Knisja, ma' San Ġużepp, il-Protettur tal-Knisja tiegħek, ma' San Pawl Missierna, ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha, noffrulek il-ferħ u n-niket tagħna, aħna u nagħtu xhieda tiegħek quddiem id-dinja. Bi Kristu Sidna. ℟. Amen.

## TELEGRAMM TAL-PAPA FL-OKKAŻJONI TAL-KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES TA' ALLA

Stato della Città del Vaticano

TELEGRAMMA

*Circostanza celebrazione Cinquantesimo Congresso Società del Santissimo Nome di Dio che avrà luogo in codesta Città Sommo Pontefice rivolge at partecipanti suo paterno saluto et incoraggia loro rinnovato impegno fedelmente servire Chiesa et generosamente contribuire animazione cristiana società affinche la Luce del Messaggio Evangelico risplenda sempre piu' sull'umana Famiglia a maggior Gloria del Signore et santificazione anime mentre invocando su di essi et presenti tutti al raduno copiose grazie celesti invia loro di cuore implorata Benedizione Apostolica che in particolar modo imparte all'Eccellenza Vostra Reverendissima.*

Cardinale Casaroli

## IŻ-ŻJARA TAL-KWADRU TAL-MADONNA TA' PINU

Ċirkulari Nru. 121a

L-Isqfijiet tagħna ħabbrulna li bit-tħabrik tal-Kunsilli Djoċesani tal-Apostolat tal-Lajċi ta' Malta u ta' Għawdex, il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu se jżur Malta għal ftit ġranet. Il-Maltin kollha, li dejjem urew qima kbira lejn il-Madonna ta' Pinu, se jkunu jistgħu jitolbuha u juruha mħabbithom matul iż-żmien li fih sejra tkun esposta għall-qima tagħna l-Maltin f'diversi Knejjes ta' Gżiritna. Bħala Omm tal-Ħniena, hi ma tonqosx li mis-Sema tkompli tħarisna u tmexxina ħalli ngħixu f'għaqda ta' aħwa bejnietna u nkunu ulied fidili lejn it-Tagħlim tal-Evanġelju mwassal lilna mill-Papa u mill-Isqfijiet tagħna.

Il-Kwadru għażiż għandu jasal fil-Port il-Kbir, in-naħa tad-Dwana l-qadima fit-2 ta' Lulju 1983, fis-6.15 p.m.; minn hemmhekk jittieħed f'pellegrinaġġ devot lejn il-Konkattidral ta' San Ġwann fejn issir Quddiesa bħala l-Ftuħ uffiċjali ta' din iż-żjara Mbierka fil-gżira tagħna. Ma' tul il-ġimgħa, il-Kwadru Nkurunat se jkun fil-Knisja Kattidrali u fil-Parroċċi tal-Balluta, Raħal Ġdid, Ħal Qormi, San Pawl tar-Rabat, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa. Hemmhekk tintemm iż-Żjara tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu fostna, waqt quddiesa mmexxija mill-Isqfijiet tagħna.

Hija xewqa kbira ta' Monsinjur Arċisqof li l-poplu Malti kollu jieħu sehem billi jiftakar fit-tagħlim li l-Isqfijiet tawna fil-Pastorali li biha ħabbrulna din iż-Żjara storika. Huwa talabni wkoll inwassal dawn ix-xewqat tiegħu:

1) Il-Kleru kollu, ir-Reliġjużi, il-Membri tal-Għaqdiet u tal-Movimenti u l-familji kollha maltin huma mħeġġa biex jilqgħu lill-Madonna fil-Port il-Kbir u jieħdu sehem fil-Pellegrinaġġ għall-Konkattidral;
2) Il-Kleru kollu ta' l-Arċidjoċesi, Djoċesan u Regulari, huwa mistieden bil-qalb kollha biex jikkonċelebraw flimkien ma' l-Isqfijiet fil-Konkattidral ta' San Ġwann, nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju fis-6.00 p.m.
3) Mill-ġdid nistiednu lil kulħadd biex jieħu sehem fil-Pellegrinaġġ mill-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat għall-Kattidral ta' l-Imdina, il-Knisja Omm tad-Djoċesi, nhar is-Sibt, 9 ta' Lulju fis-7.00 p.m.
4) Insellmu lkoll lill-Kwadru ta' Marija Ommna fil-Mellieħa quddiem is-Santwarju waqt li l-Isqfijiet jikkonċelebraw flimkien, fil-5.30 p.m. qabel ma l-Kwadru jħalli Malta fi triqtu lejn is-Santwarju f'Għawdex miċ-Ċirkewwa.
5) Infakkru li kull pellegrinaġġ u ċelebrazzjoni li jsiru f'din l-okkażjoni qaddisa jiswew għar-rebħ ta' l-Indulġenza tal-Ġublew u għandhom iservu biex il-Poplu Malti kollu jersaq niedem lejn il-Missier u jgħix fil-paċi taħt il-ħarsien ta' Marija.
6) Inħeġġu lil kulħadd biex nuru wkoll il-ferħ kbir tagħna għal din il-grazzja taż-Żjara tal-Kwadru tal-Madonna fostna billi titħabbar il-wasla tal-Kwadru fil-Port il-Kbir bid-daqq ta' mota bilqniepen kollha għal kwarta, b'mod speċjali l-Knejjes kollha ta' madwar il-Port il-Kbir, fit-2 ta' Lulju; dan il-ferħ iqanqal il-qlub għal att sinċier ta' mħabba u tislima lil Ommna Marija.

Bit-tama li l-Madonna tkompli tieqaf mal-poplu kollu tagħna u xxerred fuqu l-kotra tal-Barka tas-Sema, insellmulkom bħala uliedha maħbubin.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 22 ta' Ġunju 1983, Għeluq il-mitt sena mir-rivelazzjonijiet tal-Madonna ta' Pinu.

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

## DIGRIET TA' MONSINJUR ARĊISQOF DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-BENI

*In konformità mad-"Documento di Base" għar-Riforma Amministrattiva fil-Provinċja Ekklesjastika ta' Malta rigward iċ-ċentralizzazzjoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Beni Ekklesjastiċi li jappartjenu lill-enti tad-Djoċesi, skond l-ittra tas-Sagra Kongregazzjoni għall-Kleru tal-11 ta' Novembru, 1971, niddekretaw u nordnaw: li l-Amministrazzjoni kollha ta' l-enti djoċesani jgħaddu f'idejna b'effett immedjat.*

*Mid-data tal-lum ħadd ma huwa awtorizzat jieħu jew jagħmel ebda pass in konnessjoni mal-Beni tal-Knisja.*

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, illum 3 ta' Awissu, 1983.

(ft) † Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

(ft) Annetto Depasquale
Kanċellier

Ċirkulari Nru. 122

In segwitu għad-Digriet ta' l-E.T. Monsinjur Arċisqof tat-3 ta' Awissu 1983, jixraq li kull min kien prokuratur jew amministratur ikun infurmat x'inhu mistenni minnu wara l-ħruġ ta' l-imsemmi digriet u x'jimplika l-istess digriet.

Kif spjegat fl-istess digriet, il-miżura li ħa l-E.T. Monsinjur Arċisqof hi ntiża biex twassal għaċ-ċentralizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastiċi li jappartjenu lill-enti ta' l-Arċidjoċesi. Billi, iżda, dan jirrikjedi volum ta' xogħol li ma jistax jaqa' f'daqqa fuq l-Uffiċċju Ċentrali, l-E.T. Monsinjur Arċisqof, bħala ammi-

nistratur uniku ta' l-imsemmija enti, jawtorizzak biex f'ismu tieħu ħsieb għalissa t-tmexxija ordinarja ta' l-enti li kienet amministrata minnek.

Dan ifisser li inti tista' f'ismu tiġbor krejjiet, ċnus, qbiela u ħlasijiet oħra u tagħti tagħhom riċevuta bid-diċitura *"għall-amministratur"* u tagħmel il-ħlasijiet li jistgħu jinqalgħu fil-kors ordinarju tal-ħajja.

Ma tistax, pero', tagħmel ebda att jew tieħu ebda provvediment ta' natura straordinarja. Dan ifisser, fost ħwejjeġ oħra, li ma tistax tittrasferixxi b'ebda mod xi proprjetà, tagħti l-istess b'kera, kommodat jew ċens, tibgħat returns ta' Income Tax, tirreġistra l-istess proprjetà mmobiljari jew drittijiet fuqha u tidħol fil-Qorti tant bħala attur kif ukoll konvenut. Jekk xi ħadd idaħħlek il-Qorti inti għandek tgħarraf minnufih lill-Uffiċċju Ċentrali mingħajr ma tieħu ebda azzjoni int, ħlief fil-każ limitat biss ta' emerġenza assoluta, f'liema każ ukoll pero' trid tavża lil dan l-Uffiċċju fl-ewwel opportunità li jkollok.

In kwantu għat-tħaddim ta' xi kont bankarju li seta' kellek, l-E.T. Mons. Arċisqof jawtorizzak tkompli tħaddmu basta ma tipprova tiġbed minnu ebda flus ħlief biex tilħaq l-ispejjeż li jkunu meħtieġa minn jum għall-ieħor.

Biex jintlaħaq l-iskop taċ-ċentralizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastiċi li jappartjienu lill-enti ta' l-Arċidjoċesi, inti mitlub biex sat-30 ta' Settembru 1983 tibgħat lill-Uffiċċju Ċentrali rendikont tad-dħul u l-ħruġ sa l-aħħar ta' Ġunju 1983, kif ukoll, il-balance sheet f'dik id-data u preventiv ta' x'taħseb li jkun id-dħul u l-ħruġ fis-sena 1984.

Mill-balance sheet li inti tibgħat għandhom jirriżultaw id-depositi fissi jew investimenti li seta' kellha l-amministrazzjoni. Dwar dawn inti ma għandek ebda awtorità tħaddimhom.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 12 ta' Awissu 1983.

Can. C. Xuereb
Vigarju Ġenerali

Annetto Depasquale
Kanċellier

Ċirkulari Nru. 124

IL-FESTA TAL-PAPA — IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

Din is-sena se niċċelebraw il-ħames anniversarju ta' l-għażla tal-Papa Ġwanni Pawlu II, is-Sibt, 22 ta' Ottubru, minflok is-16 ta' Ottubru.

Jekk huwa dmir tagħna nitolbu dejjem għall-Papa, b'mod speċjali għandna nitolbu għalih din is-sena, mhux biss għall-imħabba li wera lejn pajjiżna tul ix-xhur li għaddew bil-messaġġi li bagħat lill-Isqfijiet tagħna, imma wkoll għax din is-sena jaħbat il-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-ordinazzjoni tiegħu bħala Isqof.

Jixraq għalhekk li s-Sibt, 22 ta' Ottubru, ningħaqdu mal-Isqfijiet kollha li jinsabu Ruma għas-Sinodu kif ukoll mal-insara kollha tad-dinja, fittalb għall-Papa biex il-Mulej iħarsu, iqawwih, u jwettqu bil-grzzji tiegħu għall-ġid tal-Knisja kollha ta' Kristu.

Infakkru għalhekk li dak in-nhar tat-22 ta' Ottubru, fil-Knejjes kollha għandha ssir Quddiesa waħda ta' l-anniversarju tal-Papa fil-ħin l-aktar adatt għan-nies. Il-Quddiesa tinsab fis-Sagramentarju Malti paġ. 876 u l-qari jittieħed mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin: Lezzjoni I u Salm Resp. p. 85-86, Lezzjoni II p. 95 n. 13, u Hallelujah u Evanġelju p. 103.

Fil-Konkattidral ta' San Ġwann il-Quddiesa tkun fil-5.30 p.m. Hi xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li l-attendenza tal-Maltin għal din il-Quddiesa tkun tassew numeruża.

Dak in-nhar fil-Quddies kollu, fit-Talba tal-Fidili, tingħad bħala l-ewwel invokazzjoni, dik li hemm fil-Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 791, għall-anniversarju tal-għażla tal-Papa.

* * *

Il-Hadd, 23 ta' Ottubru, taħbat il-Ġurnata Missjunarja, u dak in-nhar, aktar mis-soltu, għandna nitolbu biex it-tħabbira tal-Evanġelju tasal sa truf l-art kollha ħalli l-bnedmin jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Fl-istess ħin għandna niftakru wkoll li huwa d-dmir tagħna li nġibu 'l quddiem b'kull mezz għad-dispożizzjoni tagħna l-Opri Pontifiċji Missjunarji. Il-Papa, fl-appell tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja, qal li l-Opri Pontifiċji Missjunarji huma l-ħidmiet l-aktar responsabbli għax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja u għalhekk jeħtieġu l-għajnuna spiritwali u materjali kollha tagħna.

Dak inhar fil-Knejjes kollha tista' ssir il-Quddiesa għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli mis-Sagramentarju Malti paġ. 896 jew 989 bil-Glorja u l-Kredu, u bil-qari mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 532-544.

* * *

Fl-aħħarnett, billi ġa qegħda tinħass il-ħtieġa għax-xita, Monsinjur Arċisqof irid li fil-Quddies kollu, fit-Talba tal-fidili, tiżdied l-invokazzjoni għax-xita (Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 791), u tibqa' tingħad sakemm ikun meħtieġ.

Fil-parroċċi fejn in-nies iħossu aktar in-nuqqas tax-xita, tajjeb li xi kultant, meta jippermettu r-rubriki, titqaddes il-Quddiesa għax-xita (Sagramentarju paġ. 926 bil-qari mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 582).

* * *

Illum, 14 ta' Ottubru 1983, tifkira ta' San Kallistu, papa u martri.

| | |
|---|---|
| Annetto Depasquale<br>Kanċellier | Carmelo Xuereb<br>Vigarju Ġenerali |

X

OTTAVARJU GĦALL-GĦAQDA TA' L-INSARA

X Suġġett: 18 - 25 ta' Jannar

*Imsejħin permezz tas-Salib ta' Kristu biex inkunu ħaġa waħda bejnietna.*

Daħla.

Is-Salib u l-Għaqda ta' l-Insara

Ċelebrazzjoni ta' l-Ottavarju: Il-Quddiesa
iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika

Qari għal kull ġurnata ta' l-Ottavarju

Ħidmiet li jistgħu jsiru tul l-Ottavarju u wara wkoll.

---

DAĦLA

L-Ottavarju għall-Għaqda ta' l-insara din id-darba se jiġi f'waqt li fih tant ġrajjiet tal-bnedmin qegħdin iħassbuna ħafna dwar il-ġejjieni; żmien li fih qegħdin naraw theddid ġdid għall-paċi u għall-istess ħajja tal-bniedem fid-dinja. Iżda hu żmien ukoll li fih qegħdin jidhru sinjali qawwija, għalkemm siekta, ta' dak li Alla qiegħed jagħmel biex l-insara jersqu lejn xulxin. Studju li għadu kemm sar mill-"World Council of Churches" juri li l-interess fl-Ottavarju tat-talb għall-Għaqda tal-insara qiegħed dejjem jiżdied f'ħafna postijiet, u dan qiegħed iġib miegħu żieda fil-ħidma flimkien u fl-għarfien ta' xulxin tal-komunitajiet insara ta' kull post. Fl-istess waqt ma jonqsux sinjali wkoll li l-knejjes insara qed jersqu ħafna għall-qbil bejniethom dwar xi tfisser tassew l-għaqda tal-insara, dwar il-Magħmudija u l-Ewkaristija, u dwar il-ministeru fil-Knisja u l-awtorità tal-Knisja. Qatt qabel, fl-istorja tal-moviment ekumeniku, kien hemm mumenti bħal dawn li qed jagħtuna din l-opportunità u jgħabbuna b'responsabbiltà kbira. Iżda, f'kull waqt, in-nuqqas ta' ġenerożità tagħna, in-nuqqas ta' kuraġġ, ir-rabta tagħna ma' dak li nfasslu aħna u ma' dak li l-aktar jinteressana, qed iheddu li jfixklu t-tħabrik kollu tagħna. Qegħdin f'mument tal-istorja li jitlob minna, aktar minn qabel, li nżommu sħiħ u nkomplu nitolbu għall-għaqda.

It-talba tagħna għall-għaqda trid tkun talba lil Alla fix-xejn tagħna biex jagħtina l-għajnuna tiegħu; trid tkun talba għalina b'sens kbir tar-responsabbidltà li għandna lkoll flimkien; trid tkun talba ta' tifħir lil Alla għal dak li qed jagħmel bina u minkejja fina. Triq tkun talba mnebbħa lilna u lill-knejjes tagħna mill-Ispirtu s-Santu li nkunu xirka waħda bejnietna fl-għaqda tat-Trinità qaddisa. Din it-talba, fil-qofol tagħha, trid tqis x'għad irridu nagħmlu u x'inhu dak li ġà ksibna. Id-don ta' l-għaqda li Alla qiegħed jagħtina, ġà qed jegħleb il-firdiet li hemm fostna, ħtija tad-dnub.

"Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa ta' l-għaġeb f'għajnejna" (Salm 117 (118), 23)

Waħda mill-ewwel inizjattivi ta' talb għall-għaqda bejn l-insara kienet dik ta' Fr. Paul Wattson, saċerdot Anglikan li wara sar sa-

ċerdot kattoliku u li kien waqqaf is-"Society of the Atonement": hu nieda Ottava ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes, li tibda fit-18 ta' Jannar, jum il-festa tal-Kattedra ta' San Pietru, u tispiċċa fil-25 ta' Jannar, jum il-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl. Għal ħafna għexieren ta' snin, dan l-Ottavarju, bl-enfasi tiegħu fuq l-għaqda mal-Knisja ta' Ruma, kien popolari ħafna fost il-kattoliċi f'ħafna partijiet tad-dinja.

Fl-istess żmien nies oħra bdew jintebħu li, kif it-talb huwa l-qofol tal-ħajja nisranija, hekk it-talb ukoll għandu jkun il-qofol ta' kull ħidma għall-għaqda tal-insara. Fl-1928, il-"Faith and Order Movement" għamlet sejħa għall-Ġimgħa Talb għall-għaqda tal-insara ma' tul l-ottava ta' Għid il-Ħamsin. Fl-1930, patri Paul Couturier, saċerdot kattoliku minn Lyon fi Franza, nieda Ġimgħa Talb mad-dinja kollha għall-għaqda ta' l-insara biex isir talb għall-għaqda kif iridha u meta jridha Kristu. Il-fehma ta' Patri Couturier kienet aktar wiesgħa minn dik ta' Fr. Wattson u malajr issieħbu fiha l-Protestanti, l-Anglikani u l-Ortodossi. Mill-1958, iċ-Ċentru "Unité Chrètienne" ta' Luons bdiet tħejji l-Ottavarju tat-talb għall-Għaqda tal-insara flimkien mal-"Faith and Order Commission" tal-"World Council of Churches".

Il-Konċilju Vatikan II ta ħeġġa ġdida lill-Kattoliċi biex jitolbu għall-għaqda tal-insara. Minn dak iż-żmien 'l hawn grupp magħmul mill-"World Council of Churches" u mis-Segretarjat tal-Knisja Kattolika ħa jġib 'il quddiem l-għaqda ta' l-insara, qed iħejji dik li llum hi magħrufa bħala "Ġimgħa ta' Talb għall-għaqda ta' l-Insara", u l-materjal kollu meħtieġ għaċ-ċelebrazzjoni tagħha. Illum din il-Ġimgħa ta' Talb issir minn eluf u eluf ta' nsara mad-dinja kollha, jew f'Jannar jew fi żmien Għid il-Ħamsin.

Dan is-sinjal ta' għaqda dejjem tikber bejn l-insara għandu jferraħna u jwassalna biex niftħu qalbna bil-fidi għall-għaqda dejjem akbar fi Kristu.

## IS-SALIB U L-GĦAQDA TA' L-INSARA

Is-Salib ta' Kristu, li hu l-qofol tat-talb għlal-għaqda tal-insara ta' din is-sena, huwa wkoll il-qofol tal-ħajja tal-knejjes insara kollha. Hu l-qofol tax-xandir tagħhom, tal-liturġija tagħhom, tax-xhieda tagħhom. Lill-insara ta' Korintu San Pawl qalilhom: "Ma ppretnedejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief 'il Kristu Ġesù u dan imsallab" (I Kor 2, 2). U lill-Kolossin kitbilhom li Ġesù ħabbeb kollox miegħu "bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib" (Kol 1, 20).

Il-ġrajja tal-Golgota hi ġrajja fondamentali għall-Knisja tal-Appostli u tal-Martri, għall-Knisja tul iż-żminijiet kollha. Għaliex il-mewt ta' Kristu hi ġrajja ta' tbatija imma wkoll bidu ta' ħajja u mħabba għall-bnedmin kollha u għad-dinja kollha.

Is-Salib ta' Kristu hu wkoll paradoss. M'huwiex sinjal tat-tbatija li tiġi mill-egoiżmu li jifred u joqtol? X'rabta hemm bejn is-Salib ta' Kristu u t-tbatijiet li ġejjin mill-firdiet li hemm fil-Knisja u fid-dinja? It-tbatijiet ta' Kristu mhux forsi qed iġarrabhom il-Ġisem mistiku tiegħu minħabba l-ħafna firdiet fih? Iżda jekk is-Salib ta' Kristu hu wkoll sinjal ta' mħabba u sinjal tal-għaqda bejn Alla u l-bniedem, mhuwiex ukoll sejħa għall-għaqda bejn il-knejjes?

Mistoqsijiet bħal dawn iwassluna biex nagħtu widen għall-messaġġi li għandu għalina s-Salib tul dawn it-tmint ijiem ta' talb għall-għaqda tal-insara.

(1) "Alla hekk ħabb id-dinja li ta 'l ibnu l-waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3, 16). U l-Iben ta' Alla hekk ħabb il-Knisja li ssieħeb fil-ġrajja tal-bniedem u ta lilu nnifsu għalina billi "tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza" (Lq 5.8).

(2) Is-Salib hu xhieda ta' din l-imħabba, għax ma hemmx imħabba akbar minn dik ta' dak li jagħti ħajtu għal ħbiebu. Kristu ta ħajtu biex aħna lkoll ikollna l-ħajja, u l-ħajja bil-kotra (ara Ġw 3, 15-17), biex ma ngħixux aktar għalina nfusna (ara 2 Kor 5, 15).

(3) Permezz tas-Salib ta' Kristu Alla ħabbeb il-bnedmin kollha bejniethom u l-ħolqien kollu kemm hu miegħu (ara 2 Kor 5, 18-20). Il-firda bejn Alla u wliedu fid-dinja li ġab id-dnub, ġiet mirbuħa bis-Salib: u l-ħajja ta' mħabba u ta' ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla setgħet timxi 'l quddiem.

(4) Is-Salib li jħabbibna mal-Missier għandu l-qawwa li jeqred kull firda u kull mibgħeda. Iwassal għal xirka bejn il-bnedmin kollha bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, minkejja dak kollu li jagħmilhom barranin għal xulxin (ara Ef 2, 14-18).

(5) Din ix-xirka fl-Ispirtu s-Santu tidher fil-fatt fil-Ġisem wieħed li hu l-Knisja (ara I Kor 12, 12-13). Fl-Ispirtu aħna nissieħbu fil-misteru tal-mewt u l-qawmien għall-ħajja tal-Mulej, għax għandna lkoll magħmudija waħda (ara Rum 6, 3-11). Dan l-istess misteru, li niċċelebraw fl-Ewkaristija, jaħji l-Knisja bil-għana ta' l-għaqda mogħtija minn Ġesù (ara Kor 10, 17) u tqawwi f'kull komunità x-xewqa ta' l-għaqda.

(6) Iżda fil-Knisja waħda ta' Kristu llum hemm ħafna firdiet; ma nistgħux nitkellmu bis-serjetà fuq din l-għaqda u nitolbu għaliha minn qalbna jekk m'aħniex imnikktin minħabba dawn il-firdiet. L-imħabba tagħna għal Kristu u għall-Knisja tiegħu ġġegħelna nissieħbu ma' Kristu fit-tbatijiet tiegħu, ma' Kristu li, awl il-lejl qabel ma miet, ra d-dixxipli tiegħu mxerrdin, u talab lil-Missier għall-għaqda bejniethom.

(7) Imma aktar u aktar iġarrbu l-qalb ta' l-insara li jistqarru s-Salib ta' Kristu, u jinfluwenzaw il-ħsibijiet u l-imġiba tagħhom, l-antogoniżmi kollha li seħħu tul il-ġrajja kollha tad-dinja u għadhom hemm sal-lum: gwerer, ġuħ, konflitti soċjali, diskriminazzjoni, qagħad, piki ta' ideoloġiji, fanatiżmu. Is-Salib ta' Kristu ma jħalliniex ma nagħmlu xejn f'qagħda bħal din. Is-Salib iqawwina biex inħabirku għar-rikonċiljazzjoni u għall-ħajja, billi nġorru fina l-misteru tal-Passjoni ta' Kristu li tagħtina l-ħajja (ara 2 Kor 4, 7-22).

(8) Kristu mgħolli fuq is-Salib, bis-Salib jiġbed 'il kulħadd lejh, u "jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin" (Ġw 11, 62). L-għaqda li tidher tal-Knisja hi xhieda quddiem id-dinja tar-realtà ta' l-imħabba tal-Missier u l-Iben. L-għaqda trid tkun sinjal li ma jmeriħ ħadd, li jġiegħel lid-dinja temmen li Kristu kien mibgħut minn Alla (ara Ġw 17, 21-26).

Il-fatt li llum qegħdin nitolbu flimkien hu sinjal li jidher tal-għaqda bejnietna, imma mhux biżżejjed. Ix-xewqa għall-għaqda

sħiħa timbuttana biex infejqu l-ġerħat li hemm fi ħdan il-komunitajiet tagħna, biex inħabirku għar-rikonċiljazzjoni bejn il-knejjes. It-talba tagħna trid tkun li xi darba nkunu nistgħu naqsmu bejnietna l-istess ħobża u nixorbu mill-istess kalċi (id-don tal-misteru tas-Salib) u nagħtu xhieda ta' tama u ta' mħabba lid-dinja fost it-tiġrib kollu tagħha.

## ĊELEBRAZZJONI TA' L-OTTAVARJU

Fil-knejjes kollha, kuljum, fil-ħin l-aktar adatt għan-nies, titqaddes waħda mill-Quddisiet għall-għaqda tal-insara mis-Sagramentarju Malti paġ. 892, bil-qari mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin (jingħażel il-qari l-aktar adattat) paġ. 519. It-Talba tal-fidili tista' tkun dik li hemm fil-Lezzjonarju tal-Qaddisin p. 783, jew waħda minn dawk proposti hawn għal waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

Fejn issir ċelebrazzjoni ewkaristika, din għandha ssir kif hu mfisser hawn taħt, bil-qari li hemm indikat għal kull ġurnata.

*Innu tal-bidu* v.g. "Għartna flimkien, Mulejja" jew innu ieħor adatt.

*Talba* (tingħad minn kulħadd flimkien):

O Alla int ħlaqt kollox, imma fuq kollox ħlaqt il-bniedem xbieha tiegħek; fawwartna bid-doni tiegħek u bgħattna fid-dinja. Mulej int ridtna nħobbu 'l xulxin. Tridna nkunu ħaġa waħda kif int ħaġa waħda ma' l-Iben il-waħdieni tiegħek, Alla Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.

Mulej, fil-ħniena tiegħek biegħed minna kull ma jifridna u agħmilna qalb waħda fix-xirka tal-Ispirtu tiegħek. Ħejjina biex nagħtu l-paċi 'l xulxin għax aħna sirna ġisem wieħed u ruħ waħda u ġejna msejħin għal tama waħda f'Ġesù Kristu Sidna.

Bih, miegħu u fih, jingħata lilek Alla Missier li tista' kollox, fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, kull ġieh u glorja għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Qari* (skond il-ġurnata li jmiss, kif imfisser aktar 'il quddiem)

*Omilija jew ħsieb qasir* marbut mal-qari li jkun sar.

*Ftit mumenti ta' talb fis-skiet.*

*Talba tal-fidili.*

A. Infaħħru lil Alla l-Missier u nroddulu ħajr għad-don tal-għaqda, billi ngħidu flimkien: *"Glorja lilek, għal dejjem, Mulej".*

Imbierek int, Mulej Alla Missier li tista' kollox. Bid-demm għażiż ta' Ibnek u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet int ħabbibt kollox miegħek: iġbor f'għaqda waħda bejniethom 'l uliedek kollha li jinsabu mxer-

*Glorja lilek għal dejjem, Mulej*

Bl-Ispirtu qaddis tiegħek li ssawwab fina u bil-Magħmudija li biha twelidna mill-ġdid, int tagħmel ġisem wieħed lil dawk kollha li jemmnu u titmagħħom bil-ħobża waħda tal-ħajja.

*Glorja lilek għal dejjem, Mulej*

Inroddu ħajr, Missier Alla għax l-insara kollha qed iħabirku għall-għaqda bejniethom; inroddulek ħajr għal dawk kollha li qed ibatu, jitolbu u jitħabtu għal din il-għaqda.

*Glorja lilek għal dejjem, Mulej*

Inroddulek ħajr, Mulej għal dan il-jum u għal din is-siegħa li fiha ġbartna flimkien biex infaħħruk, nindmu minn ħtijietna u nistennew bit-tama l-waqt meta sseħħ tassew l-għaqda sħiħa tal-insara.

*Glorja lilek għal dejjem, Mulej*

**jew**

B. Quddiem Sidna Ġesù Kristu nuru issa s-sogħba tagħna għan-nuqqas ta' għaqda bejn l-insara u nistqarru n-nuqqasijiet tagħna, aħna u nitolbu ħniena lill-Mulej billi ngħidulu: *Ħenn għalina, Mulej.*

Mulej, aħna niċċekknu quddiemek għax ġibna l-firda fejn int ridt l-għaqda.

*Ħenn għalina, Mulej.*

Kemm-il darba meta tajna xhieda għall-verità konna iebsin u magħluqin fina nfusna.

*Ħenn għalina, Mulej.*

Konna aktar ħsiebna fit-tibna li hemm f'għajn il-proxxmu tagħna, milli fit-travu li għandna f'għajnejna.

*Ħenn għalina, Mulej.*

Ma tajniex każ ta' ħutna, kemm-il darba maqdarnihom, u ridna negħilbuhom.

*Ħenn għalina, Mulej.*

Fridna x-xirka ta' wliedek billi tellajna ħitan bejn nazzjon u oħra, razza u oħra, klassi u oħra.

*Ħenn għalina, Mulej.*

Bil-firdiet tagħna konna ta' tfixkil għax-xhieda tal-imħabba u għax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja.

*Ħenn għalina, Mulej.*

**jew**

C. Nitolbu issa l-Ispirtu s-Santu biex jilqa' t-talba li qegħdin nagħmlu għall-għaqda tal-insara, billi ngħidu flimkien: *Għaqqadna flimkien fil-verità u l-imħabba.*

Mulej, tħalliniex inqisu l-firdiet li hemm fostna bħala ħaġa tal-ħajja tagħna ta' kuljum, imma għinna narawhom tfixkil kbir fil-ħajja tagħna fid-dinja, u nuqqas kbir kontra tiegħek.

*Għaqqadna flimkien fil-verità u l-imħabba.*

Tħalliniex inkunu moħħna magħluq u mimlijin preġudizzji u stmerrija għall-oħrajn, imma għallimna nagħarfu d-doni tiegħek f' dawk kolhla li jersqu lejk b'qalb sinċiera.

*Għaqqadna flimkien fil-verità u l-imħabba.*

Saħħaħ ir-rabta tagħna mal-Kelma tiegħek u tħalliniex nitqarrqu mill-ħolm tagħna u nfittxu triqat li mhumiex tiegħek.

*Għaqqadna flimkien fil-verità u l-imħabba.*

**Egħluq**

Bil-qawwa tiegħek, Mulej, iġbor 'l uliedek li huma mxerrdin, żommna taħt is-setgħa ta' Ibnek biex iseħħ il-pjan tiegħek li d-dinja kollha tagħraf lilek, Alla wieħed veru, u lil dak li bagħat Ibnek Ġesù Kristu Sidna. ℟. Amen.

*Ftit waqtiet ta' skiet*

*Talba għall-għaqda*

Nitolbu lill-Mulej Ġesù jiftakar fina, aħna u ntennu l-kliem li qallu l-ħalliel it-tajjeb fuq is-salib: *Ftakar fina, Mulej, meta tidħol fis-saltna tiegħek.*

Henjin il-fqar fl-ispirtu għax tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin l-imnikkta għax huma jkunu mfarrġa.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax huma jaraw 'l Alla.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin dawk li jġibu l-paċi għax huma jissejħu wlied Alla.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin dawk li huma ippersegwitati minħabba s-sewwa għax tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet.
*Ftakar fina, Mulej......*

Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija.
*Ftakar fina, Mulej......*

Ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.
*Ftakar fina, Mulej......*

Glorja lill-Missier, u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien fil-bidu, issa u dejjem u għal dejjem ta' dejjem. Amen.

*Innu:* F'dal-misteru.

*Barka.*

## QARI GĦAL KULL ĠURNATA TA' L-OTTAVARJU

*L-EWWEL JUM* *Kristu jmut fuq is-Salib*

Kristu jmut fuq is-Salib (Mk 15, 21-30) bħall-Qaddej imġarrab ta' Jahweh (Is 53, 2-7) biex hekk ikun jissieħeb magħna b'att ta' ubbidjenza għar-rieda tal-Missier (Lq 5, 7-9).

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 53.2-7

Bħal xitla kiber quddiemna, u bħal għerq minn art niexfa. Ebda sura ma kellu u ebda ġmiel biex inħarsu lejh jew xi sura biex jitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ li aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu refa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, milqut minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġrub minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għassaħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan

tagħna. Aħna lkoll bħal ngħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen kollu tagħna. Ħaqruh u hu qagħad għalihom bla ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu.
Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ittra lil-Lhud 6.7-9

Meta kien igħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba l-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U billi laħaq il-perfezzjoni sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jemmen fih.
Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mark 1521-30

F'dak iż-żmien: Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċirene, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba, u ġagħluh jerfagħlu s-salib. U wassluh f'post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa. U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra, imma ma riedx jieħu minnu. Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu. Kienu d-disgħa ta' filgħodu x'ħin sallbuh. Il-kitba li kienet turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: "Is-sultan tal-Lhud". Miegħu ssallbu wkoll żewġ ħallelin, wieħed il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew igħajruh, iċaqilqu rashom u jgħidu: "Għajb għalik, int li tħott it-tempju u tfittex terġa' tibnih fi tlitt ijiem! Inżel minn hemm fuq u salva lilek innifsek!
Il-Kelma tal-Mulej.

*IT-TIENI JUM* *Is-Salib juri l-imħabba ta' Kristu għad-dinja.*

Alla wera mħabbtu meta ta' 'l ibnu l-waħdieni għal din id-dinja tad-dnub (Rum 5, 6-11 u Ġw 3, 14-17). L-imħabba ta' Alla — bħall-imħabba ta' l-omm li ma tinsa qatt 'il binha (Is. 49, 14-16) — tbiddel f'egħmil ta' salvazzjoni dak li jista' jeqred il-ħajja tal-bniedem bħalma ġara meta Mose' għolla s-serp fid-deżert.

Qari mill-Ktieb tan-Numri 21, 4-9

F'dak iż-żmien: X'ħin refgħu l-kamp u telqu mill-muntanja Ħor, l-Israelin qabdu t-triq tal-Baħar tal-Qasab biex jeħduha bid-dawra ma' Edom. Imma l-poplu tilef sabru b'dan it-tul kollu, u beda jgemgem għal Alla u għal Mose' u jgħid: "Għaliex tellajtuna mill-Eġittu biex immutu fid-deżert? La ħobż u lanqas ilma ma hawn u dan l-ikel ħafif xbajna minnu." Għalhekk il-Mulej bagħat ħafna sriep jaħarqu qalb in-nies u bdew jigdmuhom hekk li mietu ħafna minn Israel. U ġie l-poplu għand Mose' u qallu: "Dnibna, għax għidna kontra l-Mulej u kontrik; itlob għalina quddiemu ħalli jeħlisna minn dawn is-sriep. Mose' talab għall-poplu u l-Mulej qallu: "Agħmel serp jaħraq u qiegħdu fuq arblu: kull min ikun migdum u jħares lejh ifiq." Mela Mose' għamel serp tal-bronż, qiegħdu fuq arblu, u meta xi ħadd kien jisfa' migdum mis-serp, kien iħares lejn is-serp tal-bronż u jfieq.
Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ktieb tal- Profeta Isaija 49, 14-16

Dan igħid il-Mulej: Sijon kienet tgħid: "Ħallieni l-Mulej! u "Sidi nsieni". Tista' mara tinsa' t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ħdanha? Ukoll jekk din tinsa, imma jien ma ninsiekx. Ara naqqaxtek fuq il-keffa ta' jdejja: ħitanek dejjem quddiemi. Il-bennejja tiegħek ġejjin imgħaġġlin; jitbiegħed minnek min ġarrfek u ħabtek.

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani. 5.6-11

Ħuti: meta aħna konna bla saħħa, Kristu miet għal dawk li kienu bla Alla. Bilkemm wieħed imut għal wieħed ġust: għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wrieni l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin. Kemm aktar u aktar issa li aħna iġġustifikati b'demmu, insalvaw permezz tiegħu mill-korla ta' Alla! Jekk meta konna għadna egħdewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm aktar issa, li aħna ħbieb miegħu, insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu? Mhux hekk biss, imma niftaħru wkoll f' Alla b'Sidna Ġesù Kristu li permezz tiegħu ksibna din il-ħbiberija.

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 3, 14-17

F'dak iż-żmien: Ġesù qal lil Nikodemu: Kif Mose' refa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ ikun merfugħ Bin il-bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej.

IT-TIELET JUM Is-Salib iħabbibna ma' Alla

F-Aħħar Ikla mad-dixxipli, Kristu għaqqadhom miegħu billi ħelishom mill-egoiżmu tagħhom (Lq 22, 14-17), għamilhom ministri tar-rikonċiljazzjoni (2 Kor 5, 14-21) u hekk ġie mwarrab id-dnub, li minnu tiġi kull firda (Lev. 16, 20-22).

Qari mill-Ktieb tal-Levitiku 16, 20-22

F'dawk il-jiem, il-Mulej qal lil Mose': Malli Aron itemm l-espizzjoni għas-santwarju u t-Tinda tal-laqgħa u l-altar, iressaq bodbod ħaj. U jqiegħed Aron idejh it-tnejn fuq ras il-bodbod ħaj u jistqarr fuqu l-ħażen kollu ta' wlied Israel, id-dnubiet kollha tagħhom u l-ħtijiet kollha tagħhom u jgħaddihom għal fuq ras il-bodbod u jitilqu għad-deżert permezz ta' raġel magħżul apposta. U l-bodbod iġorr fuqu l-ħażen kollu f'art imwarrba u r-raġel jitlaq il-bodbod fid-deżert.

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin 5, 14-21

Ħuti: L-imħabba ta' Kristu ġġiegħelna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd, u miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu, ma

jgħixux għalihom infushom imma għal dak li miet u rxoxta għalihom. Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk. Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu jsir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija. Aħna ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tiegħu. Nitlobkom f'isem Kristu, agħmlu ħbieb ma' Alla. Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja għal Alla.
Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 22, 14-27

F'dak iż-żmien: Ġesù, meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda ma' l-Appostli. U qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex ngħidilkom, din l-ikla miniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għal kollox fis-Saltna ta' Alla." U qabad il-kalċi, radd il-ħajr u qal: "Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom. Għaliex ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-saltna ta' Alla." Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll wara l-ikla, ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-patt ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom. Imma, araw, id dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda. Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih dak il-bniedem li jittradih!" Huma għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan. Inqalgħet ukoll kwistjoni bejniethom dwar min minnhom kellu jinżamm bħala l-akbar wieħed. Imma hu qalilhom: "Fost il-pagani s-slaten jaħkmu fuq in-nies, u dawk li jħaddmu s-setgħa fuqhom isejħulhom benefatturi. Intom mhux hekk, imma l-akbar fostkom għandu jġib ruħu ta' l-iżgħar wieħed u min hu fuq l-oħrajn iġib ruħu ta' qaddej. Għax min hu l-akbar, dak li jkun fuq il-mejda, jew dak li jkun qiegħed jaqdi? Mhux dak li jkun fuq il-mejda? Imma jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej."
Il-Kelma tal-Mulej.

*IR-RABA' JUM* *Is-salib jegħleb kull firda*

Eżekjel (17, 15-24) iħabbar l-għaqda tal-poplu ta' Alla, għaqda li seħħet permezz tas-Salib ta' Kristu (Ef 2, 12-16). Kristu joqgħod fuq il-mejda ma' kull xorta ta' nies u hekk jegħleb kull ħaġa li tista' tifred (Mk 2, 13-17).

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel 37.15-24

F'dak iż-żmien il-Mulej kellimni u qalli: "Bin Adam, ħu biċċa ħatar u ikteb fuqha: "Għal Ġuda u għal ulied Israel li hemm miegħu". Imbagħad ħu biċċa oħra u ikteb fuqha: "Għal Ġużeppi, il-ħatar ta' Efrajm u għad-dar kollha ta' Israel li hemm miegħu". Imbagħad ressaqhom lejn xulxin f'ħatar wieħed, biex jingħaqdu ħaġa

waħda f'idejk. U meta wlied il-poplu tiegħek ikellmuk u jgħidulek: "Ma tfissrilniex xi trid tgħid b'dan?" għidilhom: "Dan igħid il-Mulej Sidi: Araw, se nieħu l-ħatar ta' Ġużeppi, li hemm f'id Efrajm, u t-tribù ta' Israel li hemm miegħu, inqiegħed miegħu l-ħatar ta' Ġuda u nagħmilhom ħatar wieħed, biex isiru ħaġa waħda f'idi." U jkunu ż-żewġ biċċiet ħatar, li tikteb fuqhom, f'idek quddiem għajnejhom. U tgħidilhom: "Araw, se nieħu lil ulied Israel minn fost il-ġnus fejn marru, niġmagħhom minn kull naħa u nġibhom f'arthom. U nagħmilhom ġens wieħed fil-pajjiż, fuq il-muntanji ta' Israel; sultan wieħed ikun is-sultan tagħhom ilkoll. Ma jkunux iżjed żewġt iġnus, ma jibqgħux iżjed maqsuma f'żewġ saltniet. U ma jitniġġsux aktar bl-allat u l-qżiżijiet tagħhom u bi dnubiethom kollha, u neħlishom mill-firdiet tagħhom kollha minni li bihom dinbu, u nsaffihom u huma jkunu l-poplu tiegħi u jien ikun Alla tagħhom. David, il-qaddej tiegħi, ikun sultan fuqhom, u jkollhom ragħaj wieħed, u jimxu fil-preċetti tiegħu u l-liġijiet tiegħi jagħmluhom u jħarsuhom.

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin 2.12-16

Ħuti: Ftakru li kontu mingħajr Messija, kontu barra miċ-ċittadinanza ta' Israel, barranin għall-patt tal-wegħda; kontu bla tama u bla Alla fid-dinja. Imma issa fi Kristu Ġesù intom, li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu. Kristu hu s-sliem tagħna, hu li minna t-tnejn għamel poplu wieħed billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna — il-mibgħeda ta' bejnietna — u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-preċetti u l-kmandamenti tagħha. Mit-tnejn, Lhud u pagani, ried b'hekk joħloq fih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibgħeda ta' bejniethom.

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mark 2.13-17

F'dak iż-żmien: Ġesù ħareġ lejn xatt il-baħar, u n-nies kollha resqu lejh u hu qagħad igħallimhom. Hu u għaddej lemaħ lil Levi ta' Alfew bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi. "Ejja warajja" qallu. Dak qam u mar warajh. U ġara li kif kien fuq il-mejda fid-dar tiegħu, ħafna pubblikani u midinbin qagħdu madwar il-mejda ma' Ġesù u d-dixxipli tiegħu, għax kien hemm ħafna li bdew imorru warajh. Il-kittieba tal-Fariżej kif rawh jiekol mal-midinbin u mal-pubblikani qalu lid-dixxipli tiegħu: "Dan għaliex jiekol mal-pubblikani u mal-midinbin?" Ġesù semagħhom u qalilhom: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma b'saħħithom, iżda l-morda. Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin."

Il-Kelma tal-Mulej.

*IL-ĦAMES JUM* *Is-salib jiġborna f'ġisem wieħed*

Bil-magħmudija nissieħbu fil-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu (Rum 6, 3-11). Huwa miet biex jiġbor l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin (Ġw 11, 47-52), u hekk seħħu s-sliem u l-għaqda li ħabbar il-profeta Eżekjel (34, 11-16).

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel 34,11-16

Dan igħid Sidi l-Mulej: Ara, hawn jien, ħa nfittex in-ngħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom. Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu meta jsib ruħu f'nofs in-ngħaġ imxerrda, hekk naħseb jien fin-ngħaġ tiegħi u nsalvahom minn kull fejn xterdu fi żmien is-sħab u s-swied ta' l-ajru. Noħroġhom minn qalb il-popli, niġborhom mill-artijiet u nġibhom lejn arthom. U nirgħahom fuq il-muntanji ta' Israel, fil-widien u l-meddiet kollha ta' l-art. Għad nirgħahom f'mergħat bnina u fuq l-iġbla ta' Israel tkun il-mergħa tagħhom. Hemm jinxteħtu f'mergħa bnina, u jimirħu f'art tajba fuq il-muntanji ta' Israel. Jiena stess nirgħa n-ngħaġ tiegħi, u jiena nmiddhom — din kelma tal-Mulej. Jiena nfittex il-mitlufin, u nreġġa' lura l-imxerrdin, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġruħin u nqawwi l-morda. Inħares is-smien u l-qawwijin, u nirgħahom bil-ġustizzja.

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani 6.3.11

Ħuti: Jekk aħna sirna ħaġa waħda ma' Kristu b'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt. Dan nafu li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub. Min imut, jeħles mid-dnub. Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu. Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt m'għadhiex taħkem fuqu. Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed igħix, qiegħed igħix għal Alla. Hekk ukoll intom, għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajja għal Alla fi Kristu Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 11, 47-52

F'dak iż-żmien: il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqqgħu lis-Sanhedrin u l-Kunsill tagħhom, u qalu: "X'sejrin nagħmlu? Għax dan il-bniedem qiegħed jagħmel ħafna sinjali. Jekk inħalluh sejjer hekk, kulħadd jemmen fih u jiġu r-Rumani u jeqirdulna kemm it-Tempju u kemm il-ġens tagħna". Imma wieħed minnhom, Kajfa li kien il-qassis il-kbir dik is-sena, qalilhom: "Intom ma tafu xejn. Anqas ma intom tqisu li jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu." Dan ma qalux minn moħħu, iżda billi dik is-sena kien il-qassis il-kbir, huwa kien imnebbaħ u ħabbar li Ġesù kellu jmut għall-ġens tiegħu, u mhux għall-ġens tiegħu biss, imma wkoll biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin.

Il-Kelma tal-Mulej.

*IS-SITT JUM* *Ġesù jistedinna nissieħbu fis-salib tiegħu u naħdmu għar-Rikonċiljazzjoni*

Aħna msejħin biex nerfgħu salibna u mmorru wara Ġesù (Mk 8, 31-38). In-nuqqas ta' ħila tagħna u t-tbatijiet tagħna huma mezz biex nissieħbu fis-salib ta' Kristu (2 Kor 4, 7-11). Aħna bħal Abraham u bħal Isakk li ssograw jitilfu kollox basta jsibu l-ħajja tassew (Ġen. 22, 1-19).

F'dak iż-żmien: Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: "Abraham!" Wieġbu: "Hawn jien." U qallu Alla: "Aqbad lil ibnek il-waħdieni li tħobb, lil Iżakk, u erħilha lejn l-art ta' Morija, u offrih hemm sagrifiċċju fuq waħda mill-muntanji li nurik." Filgħodu kmieni Abraham rama l-ħmar tiegħu u ħa żewġ qaddejja miegħu u 'l Iżakk, ibnu, u qatta' l-ħatab għas-sagrifiċċju u qam u mar lejn il-post li qallu bih Alla. Kien it-tielet jum meta Abraham refa' għajnejh u ra l-post mill-bogħod. U Abraham qal lill-qaddejja tiegħu: "Oqogħdu hawn bil-ħmar waqt li jiena u ż-żagħżugħ immorru sa hemm biex naduraw u nerġgħu lura lejkom." U Abraham qabad il-ħatab tas-sagrifiċċju u għabbieh lil ibnu Iżakk, u ħa f'idu n-nar u s-sikkina, u telqu t-tnejn flimkien. Iżakk qal lil Abraham missieru: "Missier". Wieġbu Abraham: "Hawn jien, ibni". Qallu Iżakk: "Hawn in-nar u l-ħatab, imma fejn hi n-nagħġa għas-sagrifiċċju?" Qal Abraham: "Alla jieħu ħsieb hu tan-nagħġa għas-sagrifiċċju, ibni." U baqgħu sejrin flimkien. U waslu fil-post fejn qallu Alla, u hemm Abraham bena altar u qiegħed il-ħatab fuqu. Rabat lil Iżakk, ibnu, u qiegħdu fuq l-altar, fuq il-ħatab. U Abraham medd idu u qabad is-sikkina, biex joqtol lil ibnu. Iżda għajjatlu l-anġlu tal-Mulej mis-sema u qallu: "Abraham! Abraham!" Wieġeb: "Hawn jien." U qallu l-anġlu: "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ, u ara li ma tagħmlu xejn għax issa rajt li għandek il-biża' ta'Alla u ma ċħadtlix lil ibnek, il-waħdieni tiegħek." U Abraham refa' għajnejh iħares, u ra muntun warajh, marbut minn qrunu fil-friegħi. U mar Abraham u qabad il-muntun u offrih sagrifiċċju flok ibnu. Abraham semma' dan il-post 'Il-Mulej jipprovdi'; għalhekk illum igħidu: "Fuq il-muntanja tal-Mulej hemm il-rovvidenza". U għajjat l-anġlu tal-Mulej lil Abraham għat-tieni darba mis-sema u qallu: "Naħlef fuq ruħi — din kelma tal-Mulej — li la darba int għamilt din il-ħaġa u ma bżajtx għal ibnek, il-waħdieni tiegħek,jiena nbierkek u nkattarlek nislek bħal kwiekeb tas-sema u bħar-ramel ta' xatt il-baħar, u nislek jiret bwieb l-egħdewwa tiegħu. U bis-saħħa ta' nislek jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art, talli smajt minni."

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin 4, 7-11

Ħuti: Dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar biex hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla u mhux minna. Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin; imħassbin, imma ma għandniex qalbna maqtugħa; ippersegwitati, iżda m'aħniex abbandunati; mixħutin ma' l-art, iżda m'aħniex meqrudin. F'ġisimna nġorru l-mewt ta' Ġesù, biex f'ġisimna wkoll tidher il-ħajja ta' Ġesù. Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut.

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Mark 8, 31-39

F'dak iż-żmien: Ġesù beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u mill-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa' jqum. Fuq dan kellimhom ċar. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu. Iżda hu dar iħares lejn id-dixxipli tiegħu, u ċanfar lil Pietru u qallu: "Itlaq minn quddiemi ja xitan, għax m'intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla, imma f'dawk tal-bnedmin".

Sejjaħ lejn in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu, u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Bxara t-tajba, isalvaha. Għax x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Xi prezz jista' jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu? Għax jekk xi ħadd minn dan in-nisel żieni u midneb tal-lum, għad jistħi minni u minn kliemi, Bin l-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-Glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli mqaddsa."

Il-Kelma tal-Mulej.

*IS-SEBA' JUM* *Isejħilna biex nisfidaw il-firdiet li hemm fid-dinja*

Irridu negħelbu l-firdiet tagħna (I Kor 1, 10-13) għax is-sliem li ġabilna Kristu jġiegħelna naħdmu għas-sliem u l-għaqda fid-dinja (Lq 19, 1-10), kif Ġeremija wissa lil-Lhud eżiljati f'Babel biex jaħdmu għall-għaqda u l-ġid tal-komunitajiet tagħhom. (Ġer 29, 1.4-7).

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija 29, 1.4-7

Dan hu l-kliem ta' l-ittra li bagħat Ġeremija l-profeta minn Ġerusalem lill-bqija tax-xjuħ itturufnati u lill-qassisin u lill-profeti u lill-poplu kollu li Nebukadnessar kien ħa fil-jasar f'Babel minn Ġerusalem: Dan igħid il-Mulej, Alla ta' Israel lill-itturufnati li jien itturufnajt minn Ġerusalem lejn Babel: "Ibni djar u għammru fihom; ħawlu ġonna u iklu frotthom; iżżewġu n-nisa u nisslu subien u bniet; agħżlu nisa għal uliedkom u rġiel għal bniet tagħkom, biex jildu subien u bniet. Oktru hemm u tonqsux fil-għadd. Fittxu l-ġid tal-pajjiż li tturufnajtkom fih, u itolbu lill-Mulej għalih, għax il-ġid tiegħu jkun il-ġid tagħkom."

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin 1,10-13

Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss ruħ waħda u fehma waħda. Ħuti, in-nies ta' Kloe, qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irrid ngħid jien li kull wieħed minnkom qiegħed igħid: "Jiena ta' Pawlu," "U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu." Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa 10,1-10

F'dak iż-żmien: Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq. Mela jkun hemm raġel jismu Zakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubbliani, u kien għani. Kellu xewqa li jara minn kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir. Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' tina selveġġa għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi. Ġesù kif wasal hemm ħares 'il fuq u qallu: "Zakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek". Dan niżel bla telf ta' żmien u kollu ferħan laqgħu għandu. In-nies, meta rawh, ilkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ. Imma Zakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd, u sraqtu, inroddlu għal erba' darbiet iżjed". Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham. Għax Bin il-Bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."

Il-Kelma tal-Mulej.

*IT-TMIEN JUM*

*Isejħilna biex nidhru li aħna ħaġa waħda ħalli d-dinja temmen*

Aħna nemmnu li bil-Magħmudija aħna ġa sirna ħaġa waħda ma' Kristu (Ġal 1,26-29). L-għaqda fl-imħabba hu l-aqwa sinjal li jsejjaħ kull bniedem għall-fidi (Ġw 17,20-23). Aktar ma jkun jidher ċar dan is-sinjal, aktar malajr temmen id-dinja (Is 2,2-5) .

Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 2,2-5

Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji u tintrefa' 'l fuq mill-għoljiet. Lejha għad jiġru l-ġnus kollha, kotra sħiħa ta' popli għad jiġu u jgħidu: "Ħalli mmorru u nitilgħu fuq il-għolja tal-Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakob, biex igħallimna t-triqat tiegħu. Għax minn Sijon toħroġ il-liġi u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem".

Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom f'mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed. Ejja, dar ta' Ġakob ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej.

Il-Kelma tal-Mulej.

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Galatin 3,26-29

Ħuti: Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammdin fi Kristu, ilbistu 'l Kristu. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara: għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù. Imma jekk intom fi Kristu, intom ukoll nisel Abraham, skond il-wegħda.

Il-Kelma tal-Mulej.

✠ Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann 17, 20-23

F'dak iż-żmien, Ġesù refa' għajnejh lejn is-sema, u qal: "M'iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitolbok li lkoll ikunu ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huwa wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li int bgħattni. Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom, biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda; jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili."

Il-Kelma tal-Mulej.

## HIDMIET LI JISTGĦU JSIRU TUL L-OTTAVARJU

1. Nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ekumeniċi ta' talb li jiġu organizzati tul il-ġimgħa.
2. Stedina lil dawk kollha li jieħdu sehem f'xi ċelebrazzjoni ekumenika biex, wara ċ-ċelebrazzjoni, jiltaqgħu flimkien u jitħaddtu bħal ħbieb bejniethom waqt li jitqassmu xi rinfreski.
3. Norganizzaw laqgħa ta' Talb u ta' penitenza (sawma) bħala sinjal ta' solidarjetà ma' dawk li qegħdin ibatu fid-dinja.
4. Norganizzaw xi ħidma flimkien ma' nsara ta' knejjes oħra favur dawk l-inqas ixxortjati fostna v.g. żjajjar flimkien lix-xjuħ, lill-morda u lill-inkapaċitati jew ġbir għal xi ħidma li tkun ta' ġid għall-komunità kollha.
5 Inwaqqfu gruppi ekumeniċi ta' talb, ta' qari tal-Iskrittura, ta' ħidma soċjali nisranija tul is-sena kollha.
6. Infasslu, flimkien ma' l-insara tal-knejjes l-oħra, pjan ta' ħidma ekumenika għas-sena kollha.

## L-I Ħadd tal-Avvent

### IT-TIENI MIĠJA TAL-MULEJ

Aħna u nagħtu bidu għal sena ġdida fil-ħajja tal-Knisja, biex ma' tulha ngħixu flimkien il-misteru tas-salvazzjoni, hi tfakkarna li hawn fid-dinja ma għandniex għamara għal dejjem, għaliex is-sura ta' din id-dinja kollha tiġrib u niket u hemm għad tgħaddi u jkun hemm art ġdida u smewwiet ġodda fejn ma jkunx hemm aktar biki u agħjat, imma sliem u hena bla qjies.

Ma nafux meta dan se jseħħ, ma nafux meta se jasal il-waqt li se neħilsu mit-tiġrib ta' din il-ħajja biex insaltnu mal-Mulej għal dejjem; imma nafu — u dan qiegħda tgħidulna l-Knisja llum — li l-bnedmin kollha huma msejħin biex igawdu s-sliem fis-saltna ta' dejjem, u nafu wkoll li biex niksbu dan is-sliem irridu nkunu dejjem lesti għal meta taslilna s-sejħa tal-Mulej.

*Kulħadd imsejjaħ*

Il-bnedmin kollha huma msejħa għas-sliem tas-saltna ta' dejjem. Dan ħabbritulna l-Knisja llum bi kliem il-profeta Isaija. Id-dar tal-Mulej merfugħa 'l fuq mill-għoljiet kollha li lejha jmorru l-ġnus kollha ta' l-art biex jisimgħu l-kelma ta' Mulej, hija l-Knisja ta' Kristu, dik il-Knisja li l-Mulej Ġesù waqqaf biex tkun sinjal ta' salvazzjoni għall-ġnus kollha ta' l-art, Ġesù ġie fid-dinja mhux għas-salvazzjoni ta' poplu wieħed, mhux għas-salvazzjoni ta' ftit magħżulin, imma għas-salvazzjoni ta' kulħadd, għaliex Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħarfu l-verità kollha. U ried li l-Knisja tkun il-mezz li bih il-bnedmin kollha jiksbu s-salvazzjoni u minn għandha jitgħallmu kif igħixu fis-sliem bejniethom u jimxu fit-triq tal-verità u tal-ġustizzja.

Il-Knisja ma tieqaf qatt issejjaħ lill-bnedmin għat-triq tas-sewwa u twissihom u twiddibhom biex iżommu ruħhom 'il bogħod mid-dnub u l-qerq tal-ħażen, u trid li dawk li kellhom il-grazzja minn għand Alla li minn twelidhom ikunu fi ħdan il-Knisja, bl-eżempju tal-ħajja tagħhom, jagħtu xhieda lill-bnedmin ħuthom u juruhom fejn tinsab il-verità li tagħti s-salvazzjoni u ħelsien sħiħ minn kull tiġrib tad-dinja. Hu għalhekk li tridhom kull sena jgħixu magħha l-ġrajja tas-salvazzjoni tad-dinja; hu għalhekk li tistedinhom jgħixu mill-ġdid il-misteru tal-ewwel miġja tal-Mulej fid-dinja, u tfakkarhom ukoll li għandhom iħejju ruħhom għat-tieni miġja tal-Mulej, meta, fl-aħħar tad-dinja, jiġi b'setgħa u glorja kbira biex jagħmel ħaqq mill-art.

*Inħejju ruħna għall-miġja tal-Mulej*

Dan il-Knisja tagħmlu għaliex taf li l-kotra l-kbira tal-bnedmin, u ta' l-insara wkoll, ftit jaħsbu fuq dan, anzi ma tantx jieħdu pjaċir min ifakkarhom fit-tmiem tal-ħajja tad-dinja. U dan igħidulna Ġesù stess, kif smajnih fl-Evanġelju tal-lum.

Bħalma ġara fi żmien Noe, meta l-bnedmin, għalkemm imwissijin kemm-il darba biex ibiddlu ħajjithom ħa jeħilsu mill-kastigi ta' Alla, baqgħu jixxalaw u jiddevertu u jagħmlu kotra ta' dnubiet, sakemm sabu fuqhom id-dilluvju li qeridhom ilkoll. Hekk ukoll matul iż-żminijiet, u llum ukoll. Huwa għalhekk iż-żmien li nqumu min-ngħas tagħna, tgħidilna l-Knisja, bi kliem Missierna San Pawl; jeħtieġ inwarrbu minna l-egħmejjel tad-dlam u ngħixu bħala wlied id-dawl billi ngħixu kif jixraq lil min ġie mdawwal minn Kristu u libes 'il Kristu. Inbegħdu minna għalhekk l-ikel u x-xorb żejjed, iż-żina u t-tbaħrid, il-ġlied u l-għira; ma nkunux moħħna biss fil-ġisem u l-ġibdiet tiegħu, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba. Dan ifisser li nkunu lesti għall-miġja tal-Mulej, inkunu nishru nistennewh jiġi.

*Konversjoni kontinwa*

Din is-sena l-Papa riedha li tkun sena ta' tiġdid u rikonċiljazzjoni b' tifkira tal-1950 tal-Fidwa tagħna. Ġesù miet għalina biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub u tal-ħażen li kien ixekkilna. Bil-qawwa tal-Fidwa li kisbilna aħna meħlusin minn dan il-jasar, u jkun tort kollu kemm hu tagħna jekk insibu ruħna mjassrin mill-ħażen u ġibdiet ħżiena tagħna. Kristu ħelisna, iżda biex nibqgħu dejjem ħielsa jeħtiġielna nduru lejh kontinwament, nikkonvertu kontinwament, niġġieldu bla mistrieħ kontra l-ħażen li hemm fina u madwarna. Hija ġlieda bla mistrieħ li żgur nirbħu jekk inxiddu l-armi li jagħtina Alla: it-tjieba, il-ġustizzja u l-verità, u nissaħħu bil-Kelma ta' Alla li titħabbrilna f'kull laqgħa tagħna mal-Mulej fiċ-ċelebrazzjoni talmisteri qaddisa. Dan qed titlobna l-Knisja llum, biex inħejju ruħna għall-festa tat-Twelid ta' Ġesù erba' ġimgħat oħra; dan tgħidilna l-Knisja, hija u tistedinna wkoll biex inħejju ruħna għal meta l-Mulej jiġi jżurna biex isejħilna għal għandu; dan tgħidilna l-Knisja hija u tfakkarna li ma għandniex hawn fid-dinja għamara għal dejjem imma ġejna maħluqin għassema pajjiżna.

Nafdaw f'idejn Marija, Omm Alla u Ommna din it-tħejjija tagħna: kif hi ħejjiet ruħha wara t-tħabbira ta' l-Anġlu biex tagħti lid-dinja Bin il-Missier Etern, hekk tieqaf magħna biex inħejju ruħna ħa nilqgħuh meta jiġi fostna fil-ġranet tal-Milied, u biex nifirħu bil-miġja tiegħu fil-glorja fit-tmiem ta' kollox.

## TALBA TAL-FIDILI

Ferħanin għaliex is-salvazzjoni tagħna hi eqreb issa minn meta bdejna nemmnu, nitolbu lill-Mulej Ġesù jiġi fostna biex iqaddisna u jagħtina s-salvazzjoni. Ngħidulu: **Ejja, Mulej Ġesù, biex issalvana.**

Ejja, Mulej Ġesù, biex issaltan fuq il-poplu li inti ksibt għal dejjem ħa jaraw it-truf kollha ta' l-art is-salvazzjoni tiegħek.

Ejja, Mulej, Ġesù, dawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u fid-dell tal-mewt u mexxi l-passi tagħhom fit-triq tas-sliem.

Ejja, Mulej Ġesù, qajjimna min-ngħas tagħna biex inwarrbu minna l-egħmil tad-dlam u nilbsu l-armi tad-dawl ħa ngħixu kif jixraq quddiemek.

Ejja, Mulej Ġesù, biex tbiegħed mid-dinja l-ġlied u l-għira, l-inkwiet u l-biża', ħa ngħixu lkoll fis-sliem u l-paċi l-jiem kollha ta' ħajjitna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ejja fostna biex turi lilna t-tjieba tiegħek u tagħtina s-salvazzjoni. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-2 Ħadd tal-Avvent

### IL-ĦTIEĠA TA' L-INDIEMA GĦAS-SALVAZZJONI

Dan iż-żmien li fih qegħdin inħejju ruħna għall-miġja tal-Mulej fil-ġranet tal-Milied, qiesu ż-żmien li fih id-dinja, u l-aktar, il-poplu magħżul ta' Alla, kienu qed jistennew li jseħħu l-wegħdiet li Alla kien għamel lill-patrijarki u lill-profeti tul iż-żminijiet li jiġi fid-dinja l-Messija, il-mistenni mill-ġnus kollha biex fid-dinja tħaddar il-ġustizzja u jkun hemm sliem kotran ma' kullimkien.

Meta waslet il-milja taż-żminijiet u kien wasal il-waqt li l-Iben ta' Alla jiġi fid-dinja jxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni Alla bagħat messaġġier qablu biex iħejjilu t-triq: bagħat lil San Ġwann Battista biex iħabbar li dak li kienu ħabbru l-profeti kien wasal biex iseħħ u għalhekk kien meħtieġ li kulħadd jindem u jikkonverti għax kien wasal il-mument li jsir il-ħaqq bil-ġustizzja u tingħata s-sentenza skond is-sewwa.

*L-istedina għall-konversjoni*

L-istedina li San Ġwann Battista kien jagħmel lin-nies biex jindmu ħa jħejju ruħhom għall-miġja tal-Mulej, hija stedina li tgħodd għalina wkoll aħna u nħejju ruħna għall-miġja tal-Mulej fil-ġranet tal-Milied. Hija stedina għall-indiema, għall-indiema sinċiera, ġejja mill-qalb, li twassal għall-bidla sħiħa fil-ħajja tagħna lkoll. Ma tridx tkun bidla ta' mument fir-ruħ, imma trid tkun bidla fl-imġiba kollha tal-ħajja, bidla li tibqa' u tkun verament bidu ta' ħajja kollha kemm hi ġdida. Dan x'ifisser?

Hija konversjoni ta' mument fir-ruħ meta wieħed kollu niedem u sogħbien jistqarr dnubietu u jaqla' l-maħfra tagħhom fis-Sagrament tal-Penitenza, imma mbagħad, malli joħroġ mill-knisja, jerġa' għall-ħajja ta' qabel. Il-konversjoni tiegħu kienet konversjoni ta' mument, mhux il-konversjoni

li jistenna Alla minna. Il-vera konversjoni trid tkun bħal dik ta' San Pawl li minn persekutur tal-Mulej sar appostlu tiegħu; bħal dik ta' Santu Wistin; bħal dik tal-Maddalena.

Din hi l-konversjoni li l-Mulej jistenna minna bħala thejjija għall-miġja tiegħu fostna fil-ġranet tal-Milied, u għall-miġja tiegħu fil-glorja fl-aħħar tad-dinja. Jekk ma hemmx din is-sura ta' konversjoni għandna verament għax nibżgħu għas-salvazzjoni tagħna. Dan trid tgħidilna l-Knisja bi kliem San Ġwann dwar Ġesù: "Il-midra qiegħda f'idu biex iderri l-qiegħa kollha u jiġbor il-qamħ fil-maħżen imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."

*Il-ġudizzju ta' Alla*

Il-Mulej Ġesù ġej fid-dinja biex jagħmel ħaqq bil-ġustizzja u jagħti lil kulħadd skond ma ħaqqu. Ma jiġġudikax skond ma jidher fl-għajnejn u ma jimxix skond il-pariri tal-ħżiena, imma jaqta' s-sentenza skond is-sewwa għax hu ma jħarisx lejn wiċċ ħadd. Il-ġudizzju għad iseħħ fl-aħħar tad-dinja, meta l-Mulej Ġesù jerġa' jiġi b'setgħa u glorja proprju biex jagħmel ħaqq mid-dinja. Iżda l-ġudizzju mhux se jsir minnufih: fil-kobor tal-ħniena tiegħu l-Mulej se jagħti żmien lill-bniedem biex jindem u jikkonverti: hu stess ġie fid-dinja jistieden lill-bniedem għall-konversjoni, u wara li jkun ta żmien biżżejjed għal dan, imbagħad jerġa' jiġi b'setgħa u glorja kbira biex jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu

Iż-żmien ta' issa għalhekk huwa żmien ta' ndiema u konversjoni u l-Mulej Ġesù permezz tal-Knisja tiegħu jistedinna kontinwament għal dan.

*Il-qofol tal-konversjoni*

X'inhu l-qofol tal-indiema u l-konversjoni li jistenna minna l-Mulej biex niksbu s-salvazzjoni ta' dejjem?

Igħidulna San Pawl: "Alla jagħtikom il-grazzja li tkunu fehma waħda bejnietkom skond Kristu Ġesù biex b'fomm wieħed u qalb waħda tfaħħru 'l Alla." Kristu għalhekk ġie fid-dinja, għalhekk miet u rxoxta għalina; biex ninħabbu mill-ġdid ma' Alla u bejnietna billi ġarraf il-ħitan tal-għira u l-mibgħeda, tal-ġlied u l-piki li kienu jifirdu l-bnedmin minn xulxin u minn Alla.

Ġesù ġie fid-dinja biex iġib il-paċi u s-sliem tiegħu ħalli ma jkunx hemm aktar gwerer u qtil fost il-bnedmin. Dan ifissru x-xbihat li semmagħtilna l-Knisja fl-ewwel qari tal-lum: ix-xbihat tal-lupu li jgħix mal-ħaruf u ta' l-għoġol u tal-ferħ l-iljun li jirgħu flimkien u tat-tarbija tal-ħalib li ddaħħal idha fil-bejta tal-lifgħa bla ma jiġrilha ebda ħsara.

Ġesù ġie fid-dinja biex il-fqar ikollhom min iħenn għalihom, biex l-imsejkna jsibu min ifarraġhom, biex l-imwarrbin isibu min jieqaf magħhom, biex l-armla u l-iltim isibu min jaqbeż għalihom biex ħadd ma jqarraq bihom.

Jekk aħna mela nibdew ngħixu f'dan l-ispirtu, jiġifieri jekk aħna nirbħu kull ma jifridna, jekk aħna ngħixu bħal aħwa fl-imħabba ta' xulxin, jekk aħna ma ngħiru għal ħadd u ma nobogħdu lil ħadd, jekk aħna nqisu l-fqir u l-miskin bħala ħutna u nieqfu magħhom fil-ħtiġijiet kollha tagħ-

hom, jekk aħna nagħmlu dan u nħabirku tul ħajjitna kollha biex nibqgħu mexjin f'din it-triq mingħajr ma nerġgħu lura minnha, aħna nkunu verament ikkonvertejna mid-dinja tad-dnub, aħna nkunu verament mexjin fit-triq tas-salvazzjoni.

## TALBA TAL-FIDILI

Fix-xejn tagħna llum nitolbu lill-Mulej Ġesù biex iqanqal fina xewqa kbira li nagħmlu frott xieraq ta' ndiema ħa niksbu maħfra u salvazzjoni.

Mulej Ġesù, ejja biex issalva l-poplu tiegħek minn dnubietu ħa jgħix fil-qdusija u s-sliem quddiemek fl-imħabba.

Mulej Ġesù, ejja ħa ġġarraf il-ħitan tal-għira u tal-mibgħeda ,li qed jifirdu l-bnedmin minn xulxin ħalli jgħixu flimkien qalb waħda fis-sliem.

Mulej Ġesù, ejja biex issejjaħ il-midinbin għall-indiema u għall-konversjoni sħiħa u sinċiera.

Mulej Ġesù, ejja biex tagħtina l-grazzja li nkunu fehma waħda bejnietna ħalli b'fomm wieħed u qalb waħda nfaħħru 'l Alla missier tagħna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ilqa' t-talb tagħna llum u agħtina l-grazzja li nhejju ruħna sewwa biex meta tiġi nkunu nistgħu nfaħħruk fost il-ġnus u ngħannu t-tifħir ta' ismek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-3 Ħadd tal-Avvent

### INQAWWU QALBNA

Il-Ħadd li għadda l-Knisja kellmitna fuq il-ħtieġa ta' konversjoni sħiħa u sinċiera bħala tħejjija għall-miġja tal-Mulej. Ħafna forsi jaraw li ħaġa bħal din hi iebsa wisq għalihom, għax jibżgħu li mhumiex kapaċi jimxu minn din it-triq tal-indiema u l-konversjoni mingħajr qatt ma jerġgħu lura minnha, tant iħossu ruħhom dgħajfa. Iżda dan ma għandux jaqtgħalna qalbna, u l-Knisja llum, waqt li tqawwilna qalbna biex inkomplu mexjin fit-triq ta' l-indiema, turina x'għandna nagħmlu billi turina x'kien San Ġwann Battista.

*Min kien San Ġwann*

Għal San Ġwann il-Mulej Ġesù qal: "Fost kemm twieldu minn nisa ħadd ma kien aqwa minn Ġwanni l-Battista". Għaliex? It-tweġiba tagħti-

hielna l-Knisja nhar il-festa tiegħu meta tgħidilna li San Ġwann mhux biss ħabbar mill-bogħod il-miġja ta' Ġesù bħalma għamlu l-profeti kollha, imma kien hu waħdu li meta ġie Ġesù lid-dinja wrieh bħala l-Haruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, bħala dak li ġie biex igħammed fl-Ispirtu s-Santu u n-nar. Iżda, jekk minħabba f'hekk San Ġwann huwa kbir, akbar minnu hu l-iżgħar wieħed fis-saltna tas-smewwiet.

Min huma dawn iż-żgħar fis-saltna tas-smewwiet? Huma l-fqar fl-ispirtu li bħal San Ġwann Battista ma għandhomx qalbhom marbuta mal-ġid ta' l-art, ma jfittxux il-kumditajiet tal-ħajja, ma jilbsux ilbies fin, imma jagħmlu penitenza u jiċħdu lilhom infushom biex jimxu wara Ġesù mingħajr ma jħarsu qatt lura. Huma bħal San Ġwann Battista li ma jbiddlux il-fehma tagħhom skond ma jaqblilhom, imma huma dejjem sħaħ fil-fehma li jagħmlu r-rieda tal-Mulej: mhumiex qasba tixxejjer mar-riħ.

U hekk irridu nkunu aħna jekk tassew ilqajna l-istedina li l-Knisja qiegħda tagħmlilna f'dan iż-żmien biex nindmu u nikkonvertu ħa nilqgħu l-Mulej meta jiġi.

*Inqawwu qalbna*

U l-Knisja mhux biss tagħmlilna l-istedina għall-konversjoni u l-indiema u din is-sena qiegħda tagħmilhielna b'ħerqa wisq akbar hija u tfakkarna fl-1950 sena minn mindu l-Mulej miet għalina fuq is-Salib biex jifdina; il-Knisja tqawwilna qalbna wkoll u dan illum tagħmlu kemm bi kliem l-Appostlu San Ġakbu u kemm bil-kliem tal-profeta Isaija.

Xi wħud minna jaqtgħu qalbhom minn konversjoni sħiħa u sinċiera għaliex iħossuhom dgħajfin ħafna: iridu kieku jbiddlu ħajjithom, iridu kieku jkunu tassew sinċieri ma' Alla, imma mhumiex kapaċi jżommu sħiħ, u wara ftit jerġgħu jaqgħu, u l-ħafna waqgħat tagħhom jaslu biex jaqtgħulhom qalbhom. Huma nies dawn bħal Santu Wistin li f'żogħżitu, wara li għaraf li l-verità li kien qiegħed ifittex kienet tinsab biss fil-Knisja Kattolika, baqa' jaħsibha jekk iħaddanx il-fidi kattolika għaliex ma kienx żgur li kien kapaċi jgħix skond ma titlob il-Knisja Kattolika. Imma Dak li wassal lil Santu Wistin għall-konversjoni tiegħu, iwassal ukoll lil dawk kollha li qed jaqtgħu qalbhom li qatt jikkonvertu tassew. Kif wasal Santu Wistin għall-konversjoni tiegħu? Sema' leħen ta' tifel igħanni: "Hu u aqra," u Santu Wistin qam minn fejn kien qiegħed kollu mdejjaq, ħa f'idejh il-ktieb ta' l-ittri ta' San Pawl, fetħu u beda jaqra u dak il-ħin fetaħ għajnejh u ntebaħ li bl-għajnuna ta' Alla kollox jista' jkun. Dan qiegħda tgħidilna l-Knisja llum: "Qawwu qalbkom, tintelqux! Agħmlu l-ħila, tibżgħux! Għaliex hawn hu Alla tagħkom, qiegħed magħkom biex iwettaqkom bil-grazzji tiegħu. Bl-għajnuna tiegħu se tiftħu għajnejkom biex taraw il-kruha tal-qagħda li fiha tinsabu minħabba dnubietkom; se jiftħilkom widnejkom biex il-Kelma ta' Alla li titħabbrilkom kull nhar ta' Ħadd intom tisimgħuha u tgħożżuha f'qalbkom; imbagħad tkunu tistgħu tiġru fit-triq tal-kmandamenti ta' Alla li għandkom quddiemkom, u timtlew bil-ferħ u tħossu li neħħejtu minn fuqkom it-toqol tad-dnub u tal-ħażen li kien igħakkiskom."

"U jekk taraw li dan qed idum biex iseħħ fikom, stabru u taqtgħux qalbkom: jekk il-Mulej għad ma takomx il-grazzja tal-konversjoni, għad jagħtihielkom żgur, sakemm intom triduha bis-sinċerità kollha." "Ħarsu lejn il-bidwi," igħidilna San Ġakbu, "li wara li jkun żera' l-għalqa jistenna bis-sabar kollu x-xita bikrija ħa ssaqqilu l-art; u jekk tiddawwar ma tagħmel ix-xita, ma jaqtax qalbu għax jaf li Alla x-xita bikrija jibgħatielu f'waqtha". Wisq u wisq aktar għalhekk ma għanniex aħna naqtgħu qalbna minn konversjoni tassew f'dawn il-ġranet ta' l-Avvent, f'din is-sena tal-Ġublew. Il-Mulej hu fil-qrib, qiegħed fil-bieb, iħabbat biex jidħol f'ruħna. Ma nżommuhulux magħluq il-bieb ta' qalbna, nifthuhulu beraħ, ħa jidħol f'ruħna u hemm jagħmel l-għamara tiegħu flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu qaddis tiegħu, u qalbna ma tibqax aktar bħal art niexfa bla ilma, qisha deżert, imma tithenna u twarrad bil-kotra, u l-ferħ tagħha ħadd ma jkun jista' jfissru.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù biex ma jdawwarx ma jiġi ħa jbiegħed minna l-hemm u t-tiġrib u jimlielna qalbna bil-ferħ tiegħu. Nitolbuh għalhekk u ngħidulu: **Ejja, Mulej Ġesù, la tiddawwarx.**

Ejja, Mulej Ġesù, biex twettaq il-ħidma tal-Knisja tiegħek f' dan iż-żmien ta' salvazzjoni hija u tistieden il-bnedmin kollha għall-konversjoni sħiħa u sinċiera.

Ejja, Mulej Ġesù, biex tqawwi lil dawk li qed jaqtgħu qalbhom li għad jikkonvertu u wriehom li int magħhom u ġej biex issalvahom.

Ejja, Mulej Ġesù, biex tiftaħ għajnejna ħa naraw il-verità sħiħa tiegħek u tiftaħ widnejna biex nisimgħu l-Kelma tiegħek u ngħożżuha, ħalli bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nimxu fit-triq tal-kmandamenti tiegħek.

Ejja, Mulej Ġesù, biex tgħallimna nkunu sodi fil-fehmiet tagħna li ngħixu ħajja verament nisranija u ma nkunux bħal qasba tixxejjer mar-riħ, kollna medhijin bit-tlettix u l-frugħat tad-dinja.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int qiegħed quddiem il-bieb tħabbat biex tiġi tgħammar fina bil-verità u s-sewwa tiegħek: qawwilna qalbna biex ma nibżgħux nifthulek il-bieb ta' ruħna ħa tgħammar fina u tagħmilna t-tempju qaddis tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-4 Ħadd tal-Avvent
### IX-XEBBA SSIR OMM

Żmien l-Avvent huwa żmien il-Verġni Marija u l-Knisja f'dan iż-żmien ta' tħejjija għall-festi kbar tal-Milied ma tistax ma taħsibx fil-Verġni Marija biex tgħolliha u tfaħħarha bħala l-ewwel waħda fost il-mifdijin proprju bil-merti magħrufin minn qabel ta' Kristu, binha u Bin Alla. F' Marija l-Knisja tara x-xbieha l-aktar safja ta' dak li tixtieq u tittama li tkun fil-ħajja ta' dejjem: "sabiħa u bla tebgħa... qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" Ef 5,27).

*Is-sejħa ta' Marija*

Bħala "l-kewkba ta' filgħodu" ġiet fid-dinja qabel Kristu biex tħejjilu t-triq, tilqgħu fi ħdanha u tagħtih lid-dinja f'Betlem. Dak li ħabbar il-profeta lis-sultan Aħaż bħala sinjal ta' salvazzjoni għall-poplu kollu, kif smajna fl-ewwel qari tal-lum, li x-xebba ssir omm u jkollha iben u ssemmih Għimmanu-el, jiġifieri Alla magħna, seħħ fil-milja kollha tiegħu meta l-Anġlu Gabrjel ġie mibgħut minn Alla fil-belt ta' Nazaret, għand xebba jisimha Marija. U l-Anġlu lil Marija ħabbrilha li se ssir omm bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u dak li jitwieled minnha se jissejjaħ Bin Alla u l-Mulej Alla se jagħtih is-saltna ta' David missieru, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.

*Il-missjoni ta' S. Ġużepp*

Dan iwettqu San Mattew, fl-Evanġelju tiegħu, meta jurina b'liema mod seħħ il-misteru tat-tnissil ta' Ġesù u kif San Ġużepp ġie magħżul minn Alla stess biex ikun il-missier putativ tiegħu. Kien anġlu tal-Mulej stess li ħabbar il-misteru lil San Ġużepp fil-ħolm, meta dan intebaħ b'dak li kien qed iseħħ f'Marija, u għax kien bniedem ġust ried iwarrab fil-ġenb għaliex ħass li ma jixraqlux ikun imsieħeb f'misteru hekk kbir. Imma l-anġlu qawwielu qalbu: "Tibżax, Ġużejji," qallu, "Dak li tnissel f'Marija ġie bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu." U kompla jgħidlu li kien ġie magħżul minn Alla, biex quddiem in-nies jidher qiesu missieru, il-missier putativ tiegħu, għax taħ is-setgħa li hu jkun dak li jagħtih l-isem, setgħa li kienet proprja ta' kull missier Lhudi.

*Is-salvazzjoni tagħna*

Kellu jsemmih Ġesù, għaliex kien ġej fid-dinja biex isalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. U f'dan il-kliem ta' l-Anġlu nsibu t-tifsira sħiħa ta' dak li ħabbar il-profeta Isaija: meta l-profeta ħabbar lil Aħaż, dan kien qed jiġi mhedded mis-slaten ta' madwar, u Isaija ried iqawwi qalb is-sultan biex jafda f'Alla, li kien se jeħilsu mill-egħdewwa tiegħu u jsalvalu l-pajjiżu Aħaż ma tax widen għall-kliem il-profeta, imma Alla ħeles dak iż-żmien il-poplu tiegħu mit-theddida tal-egħdewwa, kif Alla fil-milja taż-żminijiet ħeles il-ġnus kollha ta' l-art mill-jasar tad-dnub u l-mewt permezz ta' Ibnu magħmul bniedem għalina li miet u rxoxta għas-salvazzjoni tagħna.

Dan iħabbarulna San Pawl fit-tieni qari tal-lum, huwa u jistedinna nagħtu ġieh lill-Mulej Ġesù, l-Iben ta' Alla, li bħala bniedem twieled minnisel ta' David: bis-saħħa tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet aħna lkoll irċevejna grazzja u appostolat biex, bl-imġiba kollha ta' ħajjitna, inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha. Aħna l-mifdijin minn Kristu, li għarafna l-verità tiegħu u ħaddannieha, f'din is-sena ta' maħfra u rikonċiljazzjoni, aħna fid-dmir inħabirku għall-għaqda u l-ħbiberija bejn il-bnedmin kollha biex il-Fidwa li kisbilna Ġesù sseħħ għal kulħadd. Il-Fidwa tatna l-ħelsien mid-dnub li daħħal il-firda fost il-bnedmin u tella' l-ħitan tal-mibgħeda bejniethom; Ġesù qered id-dnub u ġarraf il-ħitan tal-mibgħeda biex il-bnedmin jerġgħu jinħabbu bħal aħwa.

L-aqwa tħejjija għall-festi kbar li ġejjin għalhekk hija li nirbħu kull ma jifridna biex bħal familja waħda, bħala wlied ilkoll ta' l-istess Missier, bħala aħwa lkoll fi Kristu, inkunu nistgħu bil-ferħ niċċelebraw it-twelid ġdid fostna ta' Ġesù, il-Feddej ta' kulħadd u l-frott imbierek tal-ġuf imqaddes tal-Verġni Marija.

Kif Marija, għax aċċettat il-Kelma li qalilha l-Anġlu, u saret Omm Alla, u kkonsagrat ħajjitha kollha għall-persuna u l-ħidma ta' Binha u hekk qdiet il-misteru tal-Fidwa, hekk aħna lkoll, bħala Knisja, illum u dejjem għandna nxandru li ma nafu xejn aktar ħlief 'il Kristu Msallab li sar għalina għerf, ġustizzja, qdusija u fidwa.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nistqarru llum il-fidi tagħna fi Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, l-Għimmanu-el imwieled minn Marija, li saret omm bla ma ttiefset il-glorja ta' xubitha, nitolbuh u ngħidulu: **Kristu, Bin Marija Verġni, ismagħna.**

Mulej Ġesù, int kont il-hena ta' Marija li bik saret omm; agħmel li l-ulied ikunu l-ferħ xieraq tal-ġenituri tagħhom.

Mulej Ġesù, int ġej fid-dinja biex tagħmel mill-bnedmin kollha l-poplu qaddis ta' Alla: għaqqad il-ġnus kollha qalb waħda u fehma waħda bejniethom.

Mulej Ġesù, int Iben Alla u iben Marija u l-prinċep tas-sliem: agħti paċi sħiħa lid-dinja kollha.

Mulej Ġesù, il-miġja tiegħek fostna timliena bil-ġieh: agħmel li dejjem nagħtuk ġieh bil-fidi u l-ħajja tagħna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ejja fostna biex dejjem u f'kull waqt tkun magħna f'kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IL-MILIED

Temmejna tul dan ix-xahar li għadda mixja spiritwali li wasslitna għal dan il-waqt qaddis, għal dan il-mument ta' ferħ kbir għax illum twildilna s-Salvatur, li hu Kristu l-Mulej u t-truf kollha ta' l-art qed jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

*Mixja spiritwali*

Il-mixja spiritwali tagħna tul l-Avvent imxejniha flimkien mal-profeta Isaija, u dan il-profeta stess f'dan il-lejl qaddis ħabbrilna li aħna li konna mexjin fid-dlamijiet tad-dnub u fid-dell tal-mewt, rajna dawl kbir, għax tweldilna tifel u ngħatalna iben li ismu hu Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan u Prinċep tas-sliem, u issa qiegħed jistedinna biex nifirħu, biex ngħajtu lkoll bil-ferħ għax it-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

Il-mixja spiritwali tagħna mxejniha ma' Marija, ix-xebba li saret 'omm bla ma ttiefset il-glorja ta' xbubitha, ix-xebba dejjem lesta biex tisma' l-kelma tal-Mulej, il-kewkba ta' filgħodu li tul il-granet ta' l-Avvent ħabbritilna ż-żjara tax-Xemx tal-ġustizzja, ix-Xemx tielgħa li ddawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt ħa tmexxi l-passi tagħhom fit-triq tas-sliem, l-omm għażiża li hi dejjem qrib tagħna bl-eżempju u bit-talb tagħha.

U llum qiegħda turina, kif urietu lir-ragħajja ta' Betlehem, il-frott imbierek tal-ġuf tagħha, it-tarbija Ġesù, l-Iben ta' Alla li l-Missier bagħat fid-dinja, biex jitwieled minn mara, jitwieled skond il-liġi ħalli jifdina, u jagħtina mill-ġdid id-dinjità ta' wlied Alla li konna tlifna bl-ewwel dnub.

*Kristu ġie biex isalvana*

Ġesù twieled illum biex jifdina, biex jerġa' jħabbibna ma' Alla, biex nerġgħu ninħabbu bejnietna.

Kristu ġie biex isalvana, Hu l-Feddej tal-bniedem, li qiegħed ifittex il-verità, il-ġustizzja, il-hena, il-ġmiel, it-tjieba, u ma jistax isibhom għax qed jafda biss fil-ħila tiegħu. U Kristu, bħala l-Feddej tal-bniedem qiegħed iħabbarlu llum li huwa biss jista' jagħtih dak kollu li tixtieq qalbu, is-sliem għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba, kif ħabbru l-Anġli lir-ragħajja ta' Betlem fil-lejl ta' l-ewwel Milied.

Kristu ġie biex isalvana u jurina l-misteru ta' Alla li hu mħabba u li wera ruħu li hu mħabba meta bagħat lil Ibnu stess fid-dinja, u bih dehret il-grazzja ta' Alla li tagħti s-salvazzjoni lill-bnedmin kollha u trawwimhom biex jiċħdu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, ħalli jgħixu bir-rażan u l-ġustizzja u t-tjieba u jitqaddsu u jsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem.

Kristu ġie biex isalvana u jurina x'inhi d-dinjità vera tagħna bħala bnedmin maħluqin ilkoll xbieha ta' Alla. Konna midrubin mid-dnub u mtaq-

qlin mill-madmad tal-mewt, taħt il-bastun ta' l-argużin li għamel il-bniedem ilsir tiegħu, meta dan ma semax minn Alla u ta widen għall-kelma kollha qerq tax-xitan fil-ġenna ta' l-art. Imma Kristu kisser il-madmad li kien itaqqalna u ħelisna mill-bastun tal-argużin li kien jgħassarna u tana mill-ġdid id-dinjità li konna tlifna, il-ħelsien ta' wlied Alla, u issa qiegħed magħna biex iwassalna ħa nkunu lkoll raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu ħalli b'hekk isseħħ fina l-milja ta' Kristu.

Għandna għalhekk għax nifirħu u ngħannu lill-Mulej għanja ġdida għaliex magħna għamel l-egħġubijiet: ġibitilna r-rebħa fuq ix-xitan il-leminija tiegħu, u d-driegħ imqaddes tiegħu kisser il-bastun ta' argużin li kien ijassarna. Ngħajtu bil-ferħ quddiem is-Sultan il-Mulej, għax għarraf is-salvazzjoni tiegħu lill-ġnus kollha; ngħajtu bil-ferħ lil Alla fl-art kollha. ninfexxu fil-ħena, nifirħu u ngħannu għax it-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Amen. Hallelujah.

## TALBA TAL-FIDILI

Illum l-anġli ħabbru sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba għaliex twieled Ġesù, il-Feddej tad-dinja. Kollna ferħana ngħidulu: **Tifraħ l-art kollha bil-miġja tiegħek, Mulej.**

Mulej Ġesù, int dħalt fid-dinja u bdejt iż-żmien il-ġdid imħabbar mill-profeti: saħħaħ dejjem iż-żgħożija tal-Knisja tiegħek f'kull tiġdid taż-żmien.

Mulej Ġesù, int għoġbok tieħu n-natura dgħajfa tagħna l-bnedmin: kun dawl għall-għomja, saħħa għad-dgħajfin, u faraġ għall-imnikktin.

Mulej Ġesù, id-dinja kollha stenniet il-miġja tiegħek fil-milja taż-żminijiet: ħenn għal dawk li għadhom jistennewk u wriehom li int ġa tinsab fostna.

Mulej Ġesù, int bgħatt l-anġli jħabbru sliem fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba: żommna fis-sliem tiegħek tul ħajjitna kollha.

Mulej Ġesù Kristu, Feddej tagħna, bit-twelid tiegħek int urejtna li Alla hu fidil u jżomm kelmtu magħna: agħmel li aħna nżommu sa l-aħħar il-kelma li tajnik fil-Magħmudija tagħna li niċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen u ngħixu skond ma nemmnu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-ewwel tas-sena
## OMM ALLA

Tmint ijiem ilu l-Knisja wriet il-ferħ kollu tagħha għaliex meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled skond il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni. Illum il-Knisja tistedinna biex nifirħu, u nerġgħu nifirħu, aħna u nagħtu ġieh lil dik il-mara li minnha twieled l-Iben ta' Alla bħala bniedem biex bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet jifdina mill-jasar tad-dnub u tal-mewt, u jagħtina mill-ġdid l-adozzjoni, jiġifieri d-dinjità ta' wlied Alla li konna tlifna bid-dnub.

*Nagħtu ġieh ill-Verġni Omm Alla*

Din il-mara hi Marija, l-imbierka fost in-nisa, li mat-tħabbira ta' l-Anġlu laqgħet f'qalbha u fi ħdanha l-Verb ta' Alla magħmul bniedem, tat il-Ħajja lid-dinja, u tatna xhieda ta' obbedjenza, ta' fidi u ta' mħabba kollha ħeġġa.

B-obbedjenza tagħha għar-rieda ta' Alla ("Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek"); bil-fidi u l-imħabba tagħha (kienet iżżomm f'qalbha dak kollu li seħħ b'Binha u kienet toqgħod taħseb fuqu bejnha u bejn ruħha), hi tat sehemha, b'mod speċjali, għall-opra tal-Fidwa, u għalhekk għadha tkompli, bl-imħabba tagħha ta' omm, tieħu ħsieb ħut Binha li għadhom fid-dinja, fost ħafna tiġrib u qtigħ il-qalb. Dan it-tiġrib qatt ma naqas fil-ġrajja tal-bniedem fid-dinju, u, illum hu tassew kbir u tal-biża', għaliex il-bniedem fid-dinja tal-lum, huwa u riesaq għat-tielet elf sena wara Kristu, jinsab taħt theddida tal-biża', it-theddida ta' qerda u ħerba tal-biża' minħabba gwerra nukleari.

U għalhekk, illum, f'dan l-ewwel jum ta' sena ġdida, induru lejha, aħna u nagħtu ġieh lill-misteru tal-Maternità tagħha, u nitolbuha bil-ħerqa kollha ta' qalbna, biex turina l-frott imbierek tal-ġuf tagħha, lil Binha Ġesù, il-Prinċep tal-paċi, kif urietu lir-ragħajja ta' Betlehem li, wara t-tħabbira ta' l-Anġlu marru jgħaġġlu biex jaraw dak li ġara kif għarrafhom il-Mulej.

*Nitolbuha turina 'l Ġesù, il-paċi tagħna*

Nitolbuha llum lil Marija biex turi lid-dinja lil Ġesù, għax fih biss hi s-salvazzjoni tad-dinja, għaliex hu biss il-paċi tagħna.

F'dan is-sbatax-il Jum Dinji tal-Paċi, fil-bidu ta' sena ġdida, ma hemmx rigal isbaħ għad-dinja, tant imxennqa għall-paċi u l-hena u s-sliem u li ma tismax u ma tarax ħlief gwerer, ġlied u vjolenza, għira, mibgħeda, suspetti u nuqqas ta' sinċerità.

Sakemm il-bnedmin jibqgħu jaħsbu ħażin f'xulxin, sakemm ma jafdawx 'il xulxin, sakemm igħidu ħaġa u b'egħmilhom juru ħaġ'oħra, ma jistax ikun hemm paċi fid-dinja. Għalxejn jiltaqgħu biex jitħaddtu bejniethom, jekk mhumiex sinċieri fi kliemhom u fil-fehmiet tagħhom. U sakemm il-bnedmin ma jdurux lejn Kristu u jħaddnu bis-sinċerità kollha l-Evanġelju tiegħu, u jgħixuh fil-mumenti kollha ta' ħajjithom, id-dinja mhux se ssib il-paċi li tant tixtieq. Qabel ma l-bnedmin tad-dinja jkollhom l-is-

tess sentimenti li kellu Kristu Ġesù u jilqgħu f'qalbhom il-Bxara ta' Kristu, id-dinja tibqa' maħkuma mill-biża' u t-twerwir ta' ġejjieni kollu msaħħab, li jista' jwassal għall-qtigħ il-qalb kbir.

*Ma naqtgħux qalbna*

Imma jaqtgħu qalbhom dawk biss li ma jemmnux. Minkejja l-kruha tas-sħab iswed li qed jinġabar fuq ix-xefaq tad-dinja, hija u riesqa lejn it-tielet elf sena wara Kristu, dawk kollha li jemmnu li Kristu feda d-dinja ma jaqtgħux qalbhom, għax jafu u jemmnu li d-dinja ma għadhiex taħt is-setgħa tal-Ħażin, u, minkejja t-theddid kollu tiegħu — u l-gwerer u l-ġlied, u l-għira u l-vjolenza u l-mibegħda huma kollha opra tal-Ħażin — id-dinja, bi Kristu, kisbet il-ħelsien minnu.

U għalhekk il-Knisja, ix-xirka ta' dawk kollha li jemmnu u li jistqarru li Kristu hu l-Mulej, trid twassal lid-dinja llum ix-xewqat tagħha ta' sliem u mhux ta' ħsara, ta' mħabba u mhux ta' mibgħeda, ta' għaqda u mhux ta' firda, għaliex hija żgura li t-talb ta' ħafna nies tajba, fis-skiet ta' kamarthom, għall-paċi fid-dinja, illum u dejjem, mhux sejjer ma jiġix mismugħ minn Dak li ma jieqaf qatt iħares fuq id-dinja b'imħabba u ħniena għaliex hu għani bil-ħniena, hu għani b'imħabba ħanina.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nagħtu bidu għal sena ġdida, nitolbu llum lill-Verġni Marija taqlalna minn għand Binha Ġesù l-grazzja li ngħixu fis-sliem il-jiem kollha ta' ħajjitna.

Mulej Ġesù, Prinċep tal-paċi, wettaq il-Knisja tiegħek hija u tħabbar hena u sliem lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

Mulej Ġesù, dawwal il-fehma tas-setgħanin kollha tad-dinja biex jaslu ħa jitħaddtu bejniethom bis-sinċerità kollha u mingħajr ħabi ta' xejn.

Mulej Ġesù, żomm 'il bogħod mill-gżejjer tagħna kull sura ta' ġlied u ta' vjolenza biex ngħixu flimkien bħal aħwa.

Mulej Ġesù, f'dan l-ewwel jum tas-sena seddaq ħajjitna fis-sliem, eħlisna mit-telfien ta' dejjem u għoddna fil-merħla tal-magħżulin tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int il-paċi tagħna, int ġejt fid-dinja biex iġġarraf il-ħitan li kienu jifirdu l-bnedmin minn xulxin ħa terġa' tħabbibhom bejniethom u ma' Alla: biegħed mid-dinja kull biża' u kull theddid ta' ġlied u ta' gwerer, biex fid-dinja kollha jseħħ is-sliem li l-Anġli ħabbru fit-twelid tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

"Qum! Ha jiddi wiċċek Ġerusalem! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej". Hekk smajna l-profeta Isaija jitkellem fl-ewwel qari tal-lum.

X'ifisser dan il-kliem? Għaliex riedet issemmagħhulna l-Knisja llum? Meta Isaija kiteb il-kliem li smajna fl-ewwel qari, kellu fi ħsiebu l-belt ta' Ġerusalem li kienet saret ħerba meta l-poplu kollu ta' Israel u tal-Lhudija kien ġie mkaxkar fil-jasar f'Babel. Wara sebgħin sena fil-jasar il-poplu kien rieġa' lura lejn pajjiżu, il-bliet imġarrfa kienu se jerġgħu jinbnew, it-tempju tal-Mulej f'Ġerusalem kien se jerġa' jimbena, u n-nies minn kull imkien kienu se jerġgħu jmorru ferħana lejn il-belt qaddisa tal-Mulej, lejn l-għolja ta' Sijon, l-għolja mqaddsa li fuqha kien jinsab it-tempju tal-Mulej. U l-glorja ta' dan it-tempju kienet se tkun wisq akbar minn dik li kellu t-tempju li bena Salamun u li kien iġġarraf meta l-poplu ttieħed f'Babel.

*Ġerusalem il-ġdida*

Imma kliem il-profeta għandu tifsir wisq aktar għoli, u l-kliem li l-Mulej qiegħed fuq fomm il-profeta kien dwar Ġerusalem oħra, li tagħha il-belt tal-Lhud ma kinitx ħlief simbolu u xbieha.

Liema hi din Ġerusalem l-oħra? Hija Ġerusalem il-ġdida, hija l-Knisja ta' Kristu, li fuqha jiddi d-dawl ta' Kristu, li jinsab dejjem magħha; Ġerusalem il-ġdida hija l-Knisja ta' Kristu f'din id-dinja, merfugħa bħala sinjal fost il-ġnus, li bla heda ssejjaħ għal ħdanha l-ġnus kollha ta' l-art biex ikollhom is-salvazzjoni. Ġerusalem il-ġdida, hija l-Knisja ta' Kristu fis-sema, fejn il-Knisja tikseb il-milja kollha tagħha bħala l-Għarusa ta' Kristu, bla ebda għajb u tikmixa, imma kollha sebħ u ġmiel, il-Knisja li fi ħdanha huma miġbura l-ġnus kollha ta' l-art u huma poplu wieħed, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih.

Il-Knisja qiegħda tistedinna llum biex nifirħu b'din Ġerusalem il-ġdida, tridna nifirħu bil-Knisja Ommna, li fiha aħna lkoll sibna s-salvazzjoni. Aħna lkoll, jiġifieri l-ġnus kollha ta' l-art, għaliex fil-Knisja ta' Kristu jinġabru bnedmin minn kull poplu, u ġens u lsien u nazzjon, ġnus mill-qrib u ġnus mill-bogħod, kollha jsibu kenn u salvazzjoni fil-Knisja ta' Kristu jekk jiċħdu d-dnub u l-qerq tal-ħażen u jistqarru li Kristu hu l-Mulej għall-glorja ta' Alla l-Missier.

Bir-raġun kollu llum għalhekk, wara li smajna t-tħabbira tal-profeta faħħarna flimkien lil Alla aħna u għidna: Il-ġnus kollha ta' l-art jagħtuk qima, Mulej.

*Is-sejħa tal-ġnus għas-salvazzjoni*

U ma setax ikun mod ieħor, għaliex il-Mulej Ġesù, meta ġie fid-dinja, uriena ċar x'kien il-ħsieb ta' Alla, ħsieb li kien moħbi f'Alla sa mill-bidu tal-ħolqien tad-dinja, ħsieb li ġie rivelat lilna minn Kristu stess. U dan il-ħsieb ta' Alla, dan il-pjan ta' Alla kien li l-pagani wkoll, li l-ġnus kollha permezz tal-Evanġeju li jrid jitħabbar sat-truf kollha ta' l-art, huma msej-

ħa ħa jkollhom sehem mill-wirt tas-sema, għax għalihom ukoll ġie l-Iben ta' Alla fid-dinja, ħalli huma wkoll jaslu biex jagħarfu lil Alla wieħed u veru u lil dak li bagħat, Ibnu Sidna Ġesù Kristu, u hekk ikollhom is-salvazzjoni.

U dan tixhidulna l-festa tal-lum.

*Is-sejħa tal-Maġi*

Ġesù, meta twieled bniedem bħalna, f'Betlehem tal-Lhudija, ma riedx biss juri ruħu u jħabbar il-miġja tiegħu liċ-ċkejknin, l-umli, fost il-Lhud. Lil dawn ħabbrilhom it-twelid tiegħu permezz ta' l-Anġlu u huma, mattħabbira ta' l-anġlu, kollhom ferħana marru jqimuh u sabuh ma' Marija Ommu, fil-grotta ta' Betlehem. Ġesù ried iħabbar it-twelid tiegħu wkoll lin-nies twajba fost il-pagani u sejħilhom għandu biex iqimuh, mhux b' dehra ta' l-Anġli, imma bid-dehra ta' kewkba ta' l-għaġeb li dehret fil-lvant, u mexxiet is-slaten Maġi sa għand Ġesù.

Huma s-slaten Maġi l-ewwel fost kotra bla għadd ta' nies ta' rieda tajba minn kull poplu, u ġens, u tribù, u lsien, li Ġesù ġibed lejh biex jagħtihom is-salvazzjoni u huma wieġbu għas-sejħa tiegħu u offrewlu r-rigali tagħhom, id-deheb tal-egħmejjel tajba tagħhom huma u jistqarruh sultan tal-ħolqien kollu, l-inċens tal-qima tagħhom huma u jistqarruh Alla magħmul bniedem, u l-mirra tas-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet tagħhom biex jibqgħu fidili għal-liġi mqaddsa tiegħu.

Aħna wkoll illum ġibnielu 'l Ġesù r-rigali tagħna biex inroddulu ħajr talli għoġbu sa minn twelidna jsejħilna biex inkunu membri tal-Knisja tiegħu: qed noffrulu llum il-fidi, it-tama u l-imħabba tagħna, qed noffrulu l-egħmejjel ta' tjieba u ħniena li nagħmlu miegħu f'ħutna l-bnedmin fil-bżonn, qed noffrulu s-sagrifiċċji u ċ-ċaħdiet li qed nagħmlu biex fidili għas-sejħa tagħna ta' nsara ngħixu skond ma nemmnu.

## TALBA TAL-FIDILI

Illum il-Maġi waslu f'Betlehem u offrew ir-rigali tagħhom lil Ġesù; bil-ferħ kollha ta' qalbna nagħtuh aħna wkoll ir-rigali tagħna, aħna u ngħidulu: **Mulej Ġesù, agħtina s-salvazzjoni tiegħek.**

Mulej Ġesù, int sejjaħt il-Maġi u bihom ftaħt it-triq lill-ġnus biex jiġu jadurawk: ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha.

Mulej Ġesù, int tiġġudika l-popli bis-sewwa: agħti sliem kotran lid-dinja kollha.

Mulej Ġesù, int ġejt fid-dinja biex teħles lill-imsejknin li ma għandhomx min igħinhom: uri l-ħniena tiegħek ma' l-imsejknin u l-imġarrbin kollha.

Mulej Ġesù, is-saltna tiegħek tibqa' għal dejjem: ibgħat bħaxxita l-kelma tiegħek fi qlubna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj int dhert fostna llum bħala bniedem li jbati biex bit-tbatijiet u l-mewt tiegħek tagħti ħajja ġdida lill-ġnus kollha ta' l-art: ilqa' l-offerti tagħna llum, u agħmel li jkunu jogħġbuk għas-salvazzjoni tagħna. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

**It-2 Ħadd tas-sena**

IL-MISSJONI TA' ĠESU'

Tul il-ġranet ta' l-Avvent, San Ġwann Battista stedinna biex inħejju ruħna għall-miġja ta' Ġesù fostna fil-ġranet tal-Milied billi nġeddu f'ħajjitna, nitbegħdu mid-dnub u l-qerq tal-ħażen, u ngħixu ħajja ġdida ta' tjieba u ta' qdusija.

*Ix-xhieda ta' S. Ġwann*

Issa li Ġesù fostna, u twieled mill-ġdid għalina fil-ġranet tal-Milied u fraħna fil-Mulej għaliex tweldilna tifel u ngħatalna iben li jismu Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan u Prinċep tas-sliem, San Ġwann Battista jkompli l-missjoni tiegħu billi jurina lil Ġesù bħala l-Ħaruf ta' Ala, bħala dak li jneħħi d-dnub tad-dinja. San Ġwann jagħti x-xhieda tiegħu llum għal Ġesù billi jgħidilna li ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuq Ġesù, u b'hekk għaraf — għax nebbħu Alla stess, — li dak kien li ġie fid-dinja biex jgħammed bl-Ispirtu s-Santu u hu l-Iben ta' Alla. Id-dehra li ra San Ġwann ta' l-Ispirtu s-Santu nieżel fuq Ġesù bħal ħamiema, kienet it-tieni manifestazzjoni ta' Ġesù quddiem id-dinja, it-tieni Epifanija tiegħu.

Il-Ħadd li għadda iċċelebrajna l-ewwel Epifanija ta' Ġesù, meta, għadu tarbija, wera ruħu lill-Maġi bħala Alla magħmul bniedem u Sultan tal-ħolqien kollu, li bit-tbatija u l-mewt tiegħu, kellu jagħti s-salvazzjoni lid-dinja.

*Il-missjoni ta' Ġesù*

Illum, f'din it-tieni manifestazzjoni tiegħu lid-dinja, Ġesù juri ruħu lid-dinja, bħala dak li ġie ikkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu biex iwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin, il-ħelsien lill-imjassrin u jniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej.

X'kienet din il-Bxara t-tajba għall-fqajrin? x'kien dan il-ħelsien għall-imjassrin? Min huma dawn l-imjassrin? X'inhi din is-sena tal-grazzja tal-Mulej?

It-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet jagħtihielna San Ġwann Battista stess, meta jurina lil Ġesù u jgħidilna: "Hawn hu l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja."

Dawn l-erba' kelmiet ta' San Ġwann Battista jiġbru fihom il-missjoni kollha tal-Mulej Ġesù fid-dinja, dik il-missjoni li l-Missier bagħtu biex jagħmel, u li hu għamel bil-qalb, minn rajh, għall-imħabba tagħna. Dan hu t-tifsir li l-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, jagħti lill-kliem tas-salm li bih weġibna flimkien għall-ewwel qari tal-lum: Hawn jien, Mulej, ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek, biex inxandar il-ġustizzja tiegħek fil-ġemgħa kollha tal-bnedmin.

Alla, fil-kobor ta' mħabbtu għalina l-bnedmin, ma riedx iħallina mjassrin fid-dnub, u bagħat lil Ibnu stess fid-dinja biex jifdina minn dan il-jasar, u jagħtina l-ġustifikazzjoni, jagħmilna ġusti quddiemu.

L-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina wassal din il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lilna l-fqajrin, għaliex minħabba d-dnub konna tlifna l-ġid kollu li kellna, id-doni kollha li Alla kien ta l-bniedem meta ħalqu u qiegħdu fil-ġenna ta' l-art: konna armejna d-dinjità tagħna ta' wlied Alla u kasbarna d-dinjità tagħna ta' bnedmin maħluqin xbieha ta' Alla.

Ġesù ġie fid-dinja biex iħabbrilna li wasal iż-żmien li niġu meħlusa mill-jasar tad-dnub, u mhux biss ħabbrilna l-ħelsien, imma offra lilu nnifsu bħala vittma ta' tpattija għad-dnubiet kollha tad-dinja, u bħal ħaruf, li ma jiftaħx fommu quddiem min iġiżżu, ġie meħud għall-mewt biex bis-sagrifiċċju tiegħu, bid-demm li xerred għalina, u għall-bnedmin kollha, għall-maħfra tad-dnubiet.

Bir-raġun kollu għalhekk San Ġwann lil Ġesù wrieh bħala l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, tal-bnedmin kollha, għaliex, kif ħabbar il-profeta Isaija, u kif smajna fl-ewwel qari tal-lum, Ġesù ma ġiex biss biex iqajjem it-tribù ta' Ġakob, biex jagħti s-salvazzjoni lill-poplu biss li għażel għalih fi żmien il-patt il-qadim, imma ġie fid-dinja biex ikun id-dawl għall-ġnus kollha ta' l-art, biex iwassal is-salvazzjoni tiegħu sa truf l-art kollha.

*Is-sena tal-grazzja tal-Mulej*

Iż-żmien li fih qegħdin ngħixu hu għalhekk sena ta' grazzja tal-Mulej, hu ż-żmien tajjeb, hu ż-żmien tas-salvazzjoni għal kulħadd: jalla lkoll ingawdu minn dan iż-żmien biex il-Mulej Ġesù ma jkunx ġie għal-xejn għalina, għax irrifjutajna s-salvazzjoni tiegħu.

Dan iż-żmien li beda mill-miġja ta' Ġesù fid-dinja u jasal fit-tmiem tiegħu fl-aħħar tad-dinja, hu dejjem żmien ta' grazzja tal-Mulej, imma l-Knisja, li lilha l-Mulej ried jafda l-missjoni tiegħu biex tkompliha sa l-aħħar tad-dinja, f'dan iż-żmien tindikalna mumenti li tridhom ikunu mumenti qawwijin ta' grazzja għalina. U din is-sena qegħdin ngħixu wieħed minn dawn il-mumenti qawwijin ta' grazzja, qegħdin ngħixu sena ta' Ġublew, sena li trid proprju tfakkarna fil-Fidwa mill-jasar tad-dnub li ġabilna l-Mulej Ġesù, il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Nipprofittaw minn din is-sena ta' grazzja u salvazzjoni għal tiġdid sħiħ f'ħajjitna kol-

lha, għall-konversjoni sinċiera u saħħa biex aħna lkoll li ġejna msejħa biex inkunu qaddisin u bla tebgħa quddiem Alla, flimkien ma' ħutna kollha li f'kull pajjiż isejħu l-isem ta' Ġesù, ikollna grazzja u sliem minn Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.

## TALBA TAL-FIDILI

Inroddu ħajr illum lill-Mulej Ġesù, il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja, u nitolbuh jidħol għalina quddiem i-Missier, aħna u ngħidulu: **Ħaruf ta' Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.**

Mulej Ġesù, ħares il-Knisja tiegħek u żommha ħielsa minn kull għajb ħalli dejjem tidher dak li hi tassew, l-Għarusa tiegħek kollha ġmiel u sbuħija.

Mulej Ġesù, agħmel li l-bnedmin kollha jaslu biex jagħarfu li bid-dnub huma jkasbru x-xbieha ta' Alla li hemm fihom, ħa jindmu u jeħilsu mill-jasar tiegħu.

Mulej Ġesù, wassal il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni sa truf l-art kollha, biex il-bnedmin kollha jiksbu s-sliem u l-grazzja tiegħek.

Mulej Ġesù, agħmel li din is-sena tkun għalina lkoll verament sena ta' grazzja tal-Mulej, li twassalna għal tiġdid sħiħ fil-ħajja kollha tagħna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, int ġejt fid-dinja biex tagħti l-ħelsien lilna li konna mjassra minn dnubietna: kun magħna dejjem biex inżommu sħiħ fit-triq it-tajba u ma nerġgħux lura għall-ħajja tad-dnub. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## It-3 Ħadd tas-sena

### DAWL U SALVAZZJONI TAGĦNA

San Mattew, meta fl-Evanġelju tiegħu, ikellimna fuq il-bidu tal-missjoni ta' Ġesù, igħidilna li l-missjoni tiegħu bdieha minn Kafarnahum, qrib xatt il-baħar, fl-inħawi ta' Żabulon u Neftali. B'hekk, igħidilna San Mattew, seħħ dak li kien ħabbar il-profeta Isaija, meta qal illi mill-art ta' Żabulon u ta' Neftali idda dawl kbir fuq poplu li kien miexi fid-dlam tan-niket u tat-tiġrib, dawl li mela bil-ferħ u l-hena l-poplu kollu.

*Id-dawl tagħna*

U kien hemm għaliex il-bnedmin kollha jifirħu u jithennew bil-missjoni ta' Ġesù, għaliex Ġesù huwa d-dawl li jdawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja, u jurih il-ħwejjeġ moħbija tas-saltna tas-sema, ħa jagħraf l-għoli u l-fond, il-wisgħa u t-tul tal-imħabba bla qjies ta' Alla għalina l-bnedmin, u hekk nintrefgħu mill-miżerja li fiha tefgħana d-dnub, u neħilsu mill-madmad tiegħu u niksbu l-ħelsien veru.

Iżda biex dan iseħħ għalina jeħtieġ li nkunu ċkejknin quddiem Alla għaliex il-ħwejjeġ moħbija tas-saltna tas-sema, Alla ma riedx jurihom lil dawk li għandhom l-għerf tad-dinja u d-dehen tan-nies tad-dinja u huma għalhekk imkabbrin bihom infushom, imma ried jurihom liċ-ċkejknin, lil dawk li jagħarfu li quddiem Alla ma humiex ħlief qaddejja li ma jiswew għal xejn, bil-ħila tagħhom biss, imma kollox jistgħu bl-għajnuna ta' dak li jwettaqhom u magħhom jagħmel ħwejjeġ kbar.

Dawn huma dawk li lesti jħallu kollox, jinħallu minn kull rabta tad-dinja, biex imorru wara Ġesù, bħall-Appostli, li, malli sejħilhom Ġesù, waqt li kienu f'xatt il-baħar tal-Galilija, ikalaw ix-xbiek tagħhom fil-baħar, hu sejħilhom u ħallew kollox warajhom biex imorru miegħu ħalli 'l quddiem ikunu sajjieda tal-bnedmin.

Tħalli kollox biex tmur wara Ġesù, ifisser tinħall minn kull rabta tad-dinja, tkun lest tissagrifika l-egħżeż ħwejjeġ li għandek, l-imħabba ta' qrabaek, l-istess ħajja tiegħek, jekk huma ta' tfixkil għalik biex timxi wara Ġesù.

Mhijiex ħaġa ħafifa tagħmel dan, imma Ġesù, lil dawk li hu jsejjaħ għal warajh, idawwalhom bid-dija tad-dawl tiegħu, biex jgħarfu l-kobor tas-sejħa li jagħmlilhom u jifhmu x'ġid kbir se jiksbu bis-sagrifiċċju li huma se jagħmlu. U l-ġid hu s-salvazzjoni ta' dejjem.

*Is-salvazzjoni tagħna*

Ġesù ġie fid-dinja biex idawwalna bid-dija tad-dawl tiegħu, imma ġie wkoll biex jagħtina s-salvazzjoni biex isalvana u jifdina mill-jasar li fih konna ninsabu bi dnubietna. Idawlilna l-fehma tagħna, biex naraw il-kruha tad-dnub, u nifhmu l-verità li teħlisna minn din il-kruha, u jqawwilna r-rieda tagħna biex inwarrbu minna darba għal dejjem il-kruha tad-dnub u ngħixu ħajja ġdida, u hekk niksbu s-salvazzjoni.

Hu għalhekk li Ġesù, beda l-missjoni tiegħu jxandar: "Indmu, għax

qorbot is-Saltna tas-Smewwiet." Għax għal dan twassal l-indiema, għaċ-ċaħda tad-dnub u tal-qerq tal-ħażen, għall-bidla sħiħa fil-ħajja kollha tagħna, għall-bidu ta' ħajja ġdida.

Il-messaġġ ta' Kristu llum: "Indmu għax qorbot is-Saltna tas-Smewwiet" għandu jkollu tifsir kbir għalina f'dan iż-żmien li qegħdin ngħixu fih, għaliex huwa żmien ta' Ġublew, ta' sena straordinarja ta' grazzja tal-Mulej. Inkunu tassew boloh jekk ma nagħarfux nipprofittaw minn żmien bħal dan, ħa ninħabbu dejjem aktar u aħjar ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin l-oħra.

*Inkunu qalb waħda u ruħ waħda*

U għalhekk għandu qawwa ta' sejħa speċjali, sejħa ħerqana, kliem l-Appostlu Missierna, li smajna fit-tieni qari tal-lum: "Nitlobkom, ħuti, f' isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu lkoll bejnietkom u ma jkunx hemm aktar firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u fehma waħda". San Pawl kien ikellem lill-Korintin li kienu nfirdu f'ħafna partiti, ippikati bejniethom, u dan minħabba l-istess fidi nisranija. San Pawl ċanfarhom għaliex bil-firdiet tagħhom kienu qed iġibu fix-xejn il-Knisja ta' Kristu. Kliem San Pawl hu ċanfira għalina wkoll minħabba l-piki u l-partiti li hemm fostna, piki u partiti li, xi kull tant, jixbhu l-partiti tal-Korintin, għaliex fostna hemm min hu ippikat minħabba l-festi tal-Madonna u l-Qaddisin. Iżda, jekk huma koroh il-firdiet minħabba l-festi tal-Qaddisin għaliex huma ta' għajb għalina bħala nsara, ma għandniex ninsew li mhux dawn il-firdiet biss huma ta' għajb għalina, imma kull xorta ta' firda, għaliex bħala nsara għandna nkunu lkoll qalb waħda u ruħ waħda bejnietna fir-rispett tal-fehmiet ta' xulxin.

*Il-firda bejn l-insara*

Il-Knisja, f'dawn il-ġranet, qiegħda tfakkarna f'firda li hija tassew ta' għajb għalina lkoll, u qiegħda tistedinna nitolbu ħalli din il-firda tintemm, meta Alla jrid u kif Alla jrid, biex aħna lkoll li nemmnu fi Kristu nkunu verament il-Knisja waħda tiegħu. Għalhekk f'dawn il-ġranet fil-Knisja kollha qiegħed isir talb għall-għaqda bejn l-insara. Matul iż-żminijiet, minħabba r-ras iebsa u s-suppervja tal-bnedmin, seħħu firdiet fil-Knisja ta' Kristu, firdiet xi wħud minnhom ilhom mijiet ta' snin. Dawn il-firdiet huma kontra dak li Kristu ried u talab lil Missier qabel bata għalina. Hu talab biex dawk kollha li jemmnu fih ikunu ħaġa waħda bejniethom, biex id-dinja tagħraf i hu l-Mibgħut mill-Missier. Għall-mijiet ta' snin l-insara qatt ma ntebħu bil-ħsara li dawn il-firdiet ġabu fil-Knisja, imma llum, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, l-insara kollha qed jintebħu b'dan u qed jitolbu u qed iħabirku biex dawn il-firdiet jispiċċaw u l-insara kollha jkunu magħqudin flimkien fil-Knisja waħda ta' Kristu. Bħala nsara kattoliċi aħna għandna nitolbu għall-għaqda ta' l-insara u, immexxijin mill-Knisja, infittxu li nġibu 'l quddiem kull ma jista' jgħin biex isseħħ din l-għaqda mingħajr ma nagħmlu xejn minn rajna, kif jiftlilna.

Is-Sena mqaddsa li aħna fiha, għandha theġġiġna għal dan, u għalhekk għandna nagħmlu minn kollox biex tintrebaħ kull firda li hawn fid-dinja u fostna, biex tinbena għaqda sħiħa bejnietna lkoll, ħa nkunu tassew xirka waħda ta' mħabba magħqudin flimkien fl-istqarrija tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù, id-dawl u s-salvazzjoni tagħna, biex idawwalna bid-dija tad-dawl tiegħu ħalli nagħarfu ngħixu flimkien f'xirka waħda ta' mħabba.

Isqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek fil-missjoni tagħha biex twassal il-ġnus kollha ta' l-art mid-dlamijiet tad-dnub għad-dawl tiegħek ta' l-għaġeb.

Biegħed mid-dinja kull ma qiegħed jifred lill-bnedmin minn xulxin, biex ikunu lkoll ruħ waħda u fehma waħda bejniethom.

Sejjaħ għal warajk ħafna qlub ġenerużi biex bħall-Appostli tiegħek ikunu sajjieda tal-erwieħ fid-dinja.

Agħtina l-grazzja li nirbħu l-firdiet kollha li hemm fostna ħalli nkunu verament il-poplu tiegħek, magħqud fl-istqarrija tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu.

Mulej, Alla li tista' kollox, int id-dawl u s-salvazzjoni tagħna, int il-kenn tagħna f'kull tiġrib: tul il-jiem kollha ta' ħajjitna mexxina int, biex, ħielsa minn kull dnub, naslu għandek u ngawduk għal dejjem. Bi Kristu Sidna.

## Ir-4 Ħadd tas-sena

### IL-FQAR FL-ISPIRTU

Għadna kemm smajna lill-Mulej Ġesù jħabbrilna x'għandha tkun l-imġiba tagħna biex ikollna l-veru hena. X'qalilna Ġesù? Huma henjin il-fqar fl-ispirtu, dawk li huma mnikktin, dawk li huma ippersegwitati, dawk li jħabirku għall-paċi bejn il-bnedmin, dawk li jħennu, dawk li huma qalbhom safja u ħelwa — dawk għad jiksbu s-Saltna tas-Smewwiet. Dan il-kliem ta' Ġesù huwa kollu kemm hu kontra dak li taħseb id-dinja, hu kollu kemm hu kontra l-fehmiet tan-nies tad-dinja.

*Il-fehma tan-nies tad-dinja*

In-nies tad-dinja jaħsbu li l-hena nsibuh meta jkollna flus kemm irridu, meta nixxalaw u niddevertu, meta nfittxu dak li jaqblilna mingħajr ma nqisu jekk, biex ikollna dan, se nagħmlu ħsara u deni lil ħaddieħor. In-nies tad-dinja ma jafux x'inhi l-ħniena, ma jafux x'inhu s-safa tal-qalb, jifirħu bil-ġlied u l-inkwiet u jqanqluh ukoll, jekk dan ikun jaqblilhom.

Kemm għalhekk ma jaqblux ma' xulxin it-triqat ta' Alla u t-triqat tal-bnedmin tad-dinja! Alla t-triqat tiegħu ma wriehomx lill-għorrief skond il-qjies tad-dinja, ma għarrafhomx lis-setgħanin ta' l-art, ma ħabbarhomx lil dawk li huma meqjusin bħala nobbli min-nies tad-dinja; imma wriehom liċ-ċkejknin, lill-umli, lill-fqar, biex, kif igħidilna San Pawl fit-tieni qari tal-lum, bil-ħwejjeġ boloh tad-dinja iħawwad l-għorrief, bil-ħwejjeġ dgħajfa iħawwad lill-qawwija, u bil-ħwejjeġ mistmerra mid-dinja iġib fix-xejn dak li hu xi ħaġa għan-nies tad-dinja.

U verament il-faqar fl-ispirtu, is-safa tar-ruħ, il-ħniena u kull xorta ta' ċaħda u ta' sagrifiċċju huma bluha u ġenn għan-nies tad-dinja, huma ħwejjeġ mistmerra minnhom, u min ifittixhom, fil-fehma tan-nies tad-dinja, m'hu se jasal imkien.

Iżda aħna li nemmnu nafu li l-veru hena niksbuh proprju f'dak li qalilna Ġesù fl-Evanġelju tal-lum. Kliem Ġesù — it-tmien beatitudni — jiġbru fihom il-qofol tal-Evanġelju ta' Ġesù, il-qofol tal-Bxara t-tajba li hu ġie jxandrilna, dak li għandna nagħmlu biex ikollna s-salvazzjoni ta' dejjem, biex niksbu s-Saltna tas-Smewwiet.

*Min huma l-fqar fl-ispirtu*

Il-fqar fl-ispirtu huma dawk li ma għandhomx qalbhom marbuta mal-ġid li jgħaddi, mal-ġid ta' l-art u għalhekk jafu jużawh tajjeb skond ir-rieda ta' Alla biex jagħmlu l-ġid ma' kulħadd. Wieħed jista' jkollhom ġid kemm irid u fl-istess ħin ikun fqir fl-ispirtu, għaliex m'għandux qalbu marbuta ma' ġidu u jużah tajjeb u jqassam u jagħti b'id miftuħa lil dawk li huma neqsin minn kollox billi jipprovdilhom xogħol u jagħtihom kull għajnuna ħa jgħixu ta' bnedmin li huma. U jista' jkun hemm min ma għandux sold u mhuwiex fqir fl-ispirtu għaliex moħħu biss fil-ġid ta' l-art u għajjur għal min għandu aktar minnu u fir-regħba tiegħu mhux kapaċi jagħmel bħall-armla tal-Evanġelju li tefgħet tliet ħabbiet fit-Teżor tat-tem-

pju u ġiet imfaħħra mill-Mulej għax tat kull ma kellha, u dan għamlitu għaliex kienet temmen fil-provvidenza ta' Alla, kienet temmen li Alla mhux se jinsiha fil-ħtiġijiet tagħha.

Min hu fqir fl-ispirtu jitnikket jara tant ħażen, tant għira fost il-bnedmin minħabba r-rebgħa tagħhom għall-ġid ta' l-art, li twassalhom biex jaħqru ill-oħrajn; il-fqar fl-ispirtu jitnikktu minħabba d-dnubiet tal-bnedmin, minħabba l-miżerja li hawn fid-dinja, minħabba l-firdiet li jeżistu fid-dinja — jitnikktu għaliex jafu li l-inkwiet kollu li hawn fid-dinja ġej mirrabta żejda mad-dinja u ma' kull ma tagħti d-dinja.

Il-fqar fl-ispirtu ma jistgħux ma jħennux għal min hu fil-bżonn, għal min hu nieqes minn kollox; ma jistgħux ma jħabirkux biex ikun hemm paċi fid-dinja, paċi mibnija fuq il-ġustizzja, li tiġi biss meta l-bnedmin iwarrbu kull għelt u kull nuqqas ta' sinċerità u kull gideb mill-aġir kollu tagħhom.

*Il-persekuzzjonijiet*

Il-fqar fl-ispirtu, id-dinja ma taħmilhomx għaliex l-imġiba kollha tagħhom hi ċanfira għaliha u tippersegwitahom illum mhux kif kienu jiġu persegwitati l-insara fl-ewwel żminijiet, bil-mewt u bl-eżilju, imma b'mezzi inqas kiefra imma aktar fini. Il-persekuzzjoni llum ma tiġix biss millħafna restrizzjonijiet li ma jħallux ġenituri jagħtu lil uliedhom l-edukazzjoni li jixtiequ jagħtuhom, li ma jħallux żgħażagħ iwieġbu għas-sejħa li Alla jkun qed jagħmlilhom biex jaqduh bħala saċerdoti u reliġjużi. Il-persekuzzjoni tiġi wkoll mill-ambjent sekularizzat u materjalista li fih il-fqar fl-ispirtu jridu jgħixu llum, fejn kollox huwa permess u kollox iħajjar għall-ħajja bla rażan.

Il-Papa, meta f'Lourdes tkellem fuq dawk il-persekuzzjonijiet, talab lill-Madonna għalihom (ara paġ. 37). U aħna wkoll bħall-Papa nafdaw ruħna f'idejn Marija, Ommna u Omm il-Knisja. Ftit ġranet oħra se niftakru f'meta hi ppreżentat lil Binha Ġesù fit-Tempju, u x-xwejjaħ Xmun ħabbrilha li sejf ta' niket kellu jinfdilha qalbha. Nitolbuha għalhekk tieqaf magħna u taqlalna mingħand Binha Ġesù l-grazzja li nkunu nifilħu negħilbu kull tfixkil u kull tiġrib li jista' jiġina mid-dinja li fiha qed ngħixu, u min-nies tagħha, biex ngħixu verament bħala fqar fl-ispirtu, u nħennu u nħabirku għal-paċi u l-ġustizzja, aħna u nżommu qalbna safja minn kull tinġis tad-dinja, u nitnikktu għall-ħażen kollu li naraw madwarna. Iżda ma għandniex għax naqtgħu qalbna, għax il-Mulej Ġesù llum żgurana li jekk infittxu dan kollu, aħna se niksbu s-saltna tas-smewwiet.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Ġesù biex jagħtina l-grazzja nifhmu t-tagħlim li xandrilna llum biex ngħixuh u hekk inkunu henjin u niksbu s-Saltna ta' Alla.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tgħallimna l-faqar fl-ispirtu u oħrogħa rebbieħa fuq is-setgħat kollha tal-ħażen.

Mulej Ġesù, agħti dehen lis-setgħanin ta' l-art ħa jħabirku għall-paċi u l-ġustizzja, bil-verita' u s-sinċerità kollha, biex il-bnedmin kollha jgħixu fis-sliem il-jiem kollha ta' ħajjithom.

Mulej Ġesù, kif ħennejt għal-lebbrużi u fejjaqthom meta għext fid-dinja, ħenn għalihom illum ukoll u bierek il-ħidma ta' dawk kollha li jħallu pajjiżhom biex iduru bihom.

Mulej Ġesù, uri ħniena ma' min hu qalbu marbuta mal-ġid ta' l-art u hu nieqes mis-safa tal-qalb u mill-ħniena u l-mogħdrija għal ħutu l-bnedmin, u agħtih jifhem il-kruha tal-qagħda tiegħu.

Mulej Ġesù, qanqal fi qlubna sogħba u ndiema għal kemm-il darba nqasna li ngħixu skond it-tagħlim li tajtna llum, biex fiż-żmien li ġej ngħixu skond l-Evanġelju tiegħek ħa nkunu henjin u niksbu s-Saltna tas-smewwiet.

Mulej Ġesù Kristu, għallimna nkunu fqar fl-ispirtu, agħtina qalb safja kollha ħlewwa, qanqal fina ġuħ u għatx għall-ġustizzja, qawwina kontra kull tiġrib li jista' jiġi fuqna minħabba s-sewwa u ħeġġiġna biex inħabirku għall-paċi fid-dinja, biex inkunu henjin fuq l-art u niksbu s-Saltna ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Ir-5 Ħadd tas-sena

### MELĦ TA' L-ART U DAWL TAD-DINJA

l-Ħadd li għadda l-Mulej Ġesù wriena kif għandha tkun l-imġieba tagħna biex inkunu henjin f'din id-dinja u niksbu s-Saltna tas-Smewwiet. Illum ikompli jgħidilna li jekk l-imġieba tagħna tkun dik tal-fqar fl-ispirtu, ta' dawk li jħabirku għall-paċi u l-ġustizzja, ta' dawk li huma umli u qalbhom safja, ta' dawk li jħennu u jistabru b'kull tiġrib li jiġi fuqhom minħabba l-fidi tagħhom, aħna nkunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja.

*Melħ ta' l-art*

X'irid igħidilna Ġesù b'dan il-kliem tiegħu? Kif se nkunu l-melħ ta' l-art? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù stess meta jgħidilna li l-melħ meta jaqta' ma jkun jiswa għal xejn aktar ħlief li jintrema barra u jirtifes min-nies. Għaliex x'jagħmel il-melħ? Jagħti togħma tajba lill-ikel u jżomm 'il bogħod it-taħsir: ħidma li ma taraħiex, imma li tiswa ħafna, ħidma umli li ssir fis-skiet u fil-moħbi.

Hekk għandha tkun il-ħidma tan-nisrani fid-dinja: bl-imġiba kollha tiegħu, lis-soċjetà li fiha jgħix, jagħtiha dehra ta' soċjetà li tixraq lill-bnedmin bħala bnedmin. Għaliex liema hija dik is-soċjetà li tassew tixraq lill-bniedem bħala bniedem? Hija dik is-soċjetà fejn in-nies igħixu flimkien fis-sliem, fir-rispett ta' xulxin u tal-fehmiet ta' kull wieħed, fejn ilkoll lesti jgħinu wieħed lill-ieħor fil-ħtiġijiet kollha tagħhom, fejn ma hemmx għlied u piki u għira u mibgħeda, imma lkoll jaħdmu għalenija għall-ġid tal-komunità kollha. Dan huwa l-ispirtu tal-Evanġelju, u n-nisrani huwa fid-dmir li jimla b'dan l-ispirtu l-ambjent kollu li fih igħix u jgħaddi l-jiem kollha ta' ħajtu fuq l-art.

In-nisrani jxerred dan l-ispirtu ta' għaqda u mħabba bejn kulħadd mhux b'xi wiri ta' qawwa u ta' saħħa, mhux b'ħafna kliem kbir u mimli bl-għerf tad-dinja, imma fi-kwiet, mingħajr ma jidher, b'imġiba kollha ħlewwa, tjieba, mogħdrija u ħniena ma' kull min jiltaqa' fil-ħajja tiegħu ta' kull jum, imġiba li fiha nfisha tkun espressjoni tal-imħabba tiegħu bħala nisrani għal ħutu l-bnedmin l-oħra kollha, ukoll għal dawk li naqsuh u għamlulu d-deni.

Hija l-imġiba ta' San Pawl meta ħabbar l-Evanġelju lill-Korintin, kif smajna fit-tieni qari tal-lum: "Ma ġejtx inħabbrilkom ix-xhieda ta' Alla bi kliem kbir jew għaref, ...imma ġejt għandkom dgħajjef, imbeżża' u mriegħed": hekk hu n-nisrani, imbeżża' u mriegħed għax ma jafdax fil-ħila tiegħu, imma, imwieżen bil-qawwa tal-grazzja ta' Alla, igħix ta' nisrani u jġib ruħu ta' nisrani ma' kulħadd bl-umiltà u s-sempliċità kollha.

*Dawl tad-dinja*

Iġġib ruħek ta' nisrani bl-umiltà u s-sempliċità kollha ma jfissirx li taħbi li int nisrani, ma turix li int nisrani biex ma ddejjaqx bl-imġiba tiegħek lil min mhux qed igħix ta' nisrani. Imġiba bħal din hija ċaħda tal-fidi nisranija, għaliex in-nisrani, dejjem u kullimkien, irid jagħti quddiem id-dinja xhieda tal-fidi tiegħu.

Hu għalhekk li Ġesù qalilna llum, li aħna d-dawl tad-dinja, u żied jgħidilna li d-dawl ħadd ma jaħbih taħt xi ħaġa, imma jqiegħdu fil-għoli biex idawwal lil kull min ikun fid-dar.

Hekk għandha tkun l-imġiba ta' kull nisrani: bl-egħmil kollu tiegħu għandu jkun ta' eżempju għal kulħadd, biex iħajjar lil kulħadd għas-sewwa. Meta aħna ngħinu lil min hu fil-bżonn, meta nistabru b'min idejjaqna, meta naħfru lil min hu ħati għalina, meta nfittxu li nagħmlu l-ġid lil kulħadd u nagħmlu dan kollu mhux biex ikollna t-tifħir tan-nies, imma għaliex inħossu li dan huwa dmir tagħna bħala nsara, għax għandna nħobbu lil kulħadd b'imħabba spiritwali, imbagħad l-egħmil tajjeb tagħna jiddi bħad-dawl fid-dlamijiet tal-ħażen u tal-qerq, u bl-imġiba tagħna niġbdu lill-oħrajn ħa jagħmlu bħalna u hekk jagħtu glorja lil Alla li hu fis-smewwiet.

Jekk nagħmlu dan ikollna barka minn għand Alla u sliem kotran tul ħajjitna kollha, għaliex il-Mulej iwettaqna bil-grazzja tiegħu u jagħtina l-qawwa kollha biex nirbħu kull tiġrib li jista' jiġi fuqna minħabba l-imġiba tajba tagħna, għaliex imġiba bħal din, tqanqal l-għira tal-ħżiena, li ma

jaħmluhiex għaliex hi ċanfira għall-ħajja ħażina tagħhom. Imma t-tigrib li jiġina mill-ħżiena ma għandux jaqtagħlna qalbna, iżda jimliena bil-kuraġġ biex bl-istess imġiba tagħna nirbħu aħwa għal Kristu, biex magħna jagħtu glorja lil Missierna li hu fis-smewwiet.

## TALBA TAL-FIDILI

Huti egħżież, nitolbu llum il-grazzja li nagħarfu s-sejħa tagħna li nkunu melħ ta' l-art u dawl tad-dinja.

Agħmel, Mulej, li l-poplu li int ksibt għalik, bl-imġiba tiegħu, jagħti dejjem u f'kull imkien, xhieda tajba tal-verità tal-Evanġelju.

Henn għal dawk ħutna li bl-imġiba tagħhom qed iqiegħdu f' dawl ħażin l-Evanġelju tiegħek, biex jindmu u jibdlu ħajjithom.

Ħares mit-taħsir kollu tad-dinja tal-lum is-soċjetà li fiha qegħdin ngħixu biex ma titlifx qatt id-dehra tagħha ta' soċjetà nisranija.

Qawwina bil-grazzja tiegħek biex b'imġiba xierqa għas-sejħa tagħna bħala nsara nkunu verament melħ ta' l-art u dawl tad-dinja madwarna.

Mulej Alla li tista' kollox, ara minn kemm tigrib ninsabu mdawrin u kemm insibuha bi tqila li nagħtu xhieda tajba tal-fidi tagħna bl-imġiba kollha tagħna: wettaqna bil-grazzja tiegħek ħalli negħilbu kull ma qiegħed ifixkilna u nkunu dejjem fidili lejn is-sejħa tagħna ta' nsara li aħna. Bi Kristu Sidna.

**10 ta' Frar**

## WIRT SAN PAWL

Il-Knisja qiegħda tgħidilna llum li hi ħaġa tajba u xierqa, ħaġa ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna li dejjem u kullimkien inroddu ħajr lil Alla, u speċjalment f'dan il-jum ta' l-10 ta' Frar, għall-wirt għażiż tal-fidi nisranija li ħallewlna missirijietna u li aħna fid-dmir ngħaddu bla mittiefsa lil uliedna u lil ulied uliedna.

*Idda dawl fuqna*

Illum il-Knisja tfakkarna fit-tjieba u l-ħniena li bihom missirijietna laqgħu fosthom lil San Pawl u lil sħabu meta raw l-għarqa fuq xtut gżiritna wara li kienu ilhom erbatax-il ġurnata mħabbtin 'l hawn u 'l hemm mill-qilla tal-baħar ma jafux fejn sejrin.

Illum il-Knisja tfakkarna kif missirijietna laqgħu fosthom għal tliet xhur sħaħ lil San Pawl u lil sħabu: kienu żgur tliet xhur li San Pawl ma għaddihomx ma jagħmel xejn, imma, misjuq mill-imħabba ta' Kristu, żgur xandar fostna l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni u l-Maltin, għat-tjieba u l-ħniena li wrew ma' San Pawl u sħabu wara l-għarqa, qalgħu minn għand Alla d-don tal-fidi: permezz ta' San Pawl fuq il-Maltin ta' dsatax-il mitt sena ilu, li kienu mexjin fid-dlamijiet tal-paganeżmu, idda dawl kbir, id-dawl tal-fidi nisranija, dawl li baqa' jiddi fuq din l-art ħelwa li tatna isimha tul iż-żminijiet kollha sal-lum, minkejja t-theddid u t-tiġrib kollu li għadda minn fuq pajjiżna tul il-ġrajja mqallba tiegħu f'dawn il-mijiet tas-snin.

*Il-mirakli ta' San Pawl*

Illum il-Knisja tfakkarna bil-mirakli ta' l-għaġeb li San Pawl għamel fostna, mirakli li wettqu mbagħad il-Kelma li hu xandar fostna u li missirijietna laqgħu bil-ferħ kollu ta' qalbhom. Il-miraklu tal-lifgħa li telgħet ma' idejn San Pawl u wasslet lil missirijietna jaħsbu li San Pawl kien xi qattiel u ma kienx se jeħles mill-ġustizzja u li mbagħad, meta raw li ma ġralu xejn, bdew jaħsbu li kien xi alla — imma San Pawl, kif kien għamel darba f'Listra, meta n-nies ta' dik il-belt ħasbuh alla, żgur wera lil missirijietna li kien biss bniedem, imma bniedem li kellu l-missjoni li jgħarraf lil Alla mhux magħruf lill-ġnus pagani. Il-miraklu tal-fejqan ta' missier Pubblju, il-prinċep tal-gżira u l-fejqan tal-morda kollha: San Pawl fejjaq lil missirijietna mill-mard tal-ġisem, imma żgur fejjaqhom ukoll mill-mard aktar kiefer tar-ruħ, għaliex biegħed minn ruħhom id-dnub u l-qerq tal-ħażen u tahom ħajja ġdida bil-Magħmudija fi Kristu Ġesù.

*Kien kbir l-għadd ta' dawk li emmnu*

Il-Knisja tfakkarna llum, ma' San Ġwann Grisostmu, li kbir kien għal-hekk l-għadd tal-Maltin li laqgħu l-Bxara t-tajba li ħabbrilhom San Pawl, mibgħut minn Alla stess fostna fil-kobor ta' mħabbtu għalina permezz ta' tempesta provvidenzjali: "jeħtieġ naħbtu ma' gżira", qal San Pawl lin-nies li kienu miegħu fuq il-ġifen fl-aqwa tat-tempesta, imnebbaħ minn Alla.

Il-Knisja tfakkarna llum li l-Maltin, meta San Pawl ġie biex jitlaq minn gżiritna biex ikompli l-vjaġġ tiegħu lejn Ruma, għabbew fuq il-ġifen kull ma kienu jeħtieġu b'radd ta' ħajr għat-tħabrik u l-imħabba kollha li wera magħhom tul it-tliet xhur li dam fostna.

*Inroddu ħajr lil Alla*

Il-Knisja hija u tfakkarna f'dan kollu llum, tistedinna biex qabel xejn inroddu ħajr lil Alla għaliex fil-provvidenza tiegħu ta' l-għaġeb għoġbu li San Pawl jara l-għarqa u jiġi fostna biex ixandrilna l-fidi u jagħtina tnissil ġdid fi Kristu.

Il-Knisja hija u tfakkarna f'dan kollu llum, tistedinna wkoll biex nitolbu lil Alla l-grazzja li nżommu sħiħ u bla mittiefes it-tagħlim li hu tagħna bil-kelma u bl-eżempju tiegħu, u tiżgurana li l-Appostlu tal-Medi-

terran li xandrilna l-fidi ta' Kristu, u tana tnissil ġdid fi Kristu, qatt ma sejjer iħalli nieqsa mill-ħarsien tiegħu lil din l-art imbierka u lill-Maltin kolha li jiftaħru li huma wlied San Pawl.

*It-twissija ta' San Pawl*

F'dawn iż-żminijiet tal-lum, l-Appostlu Missierna nistħajluh qiegħed itennilna dak li qal lill-presbiteri ta' Efesu, meta, fi triqtu lejn Ġerusalem ried jarahom għall-aħħar darba. Hu qalilhom: "Hudu ħsieb tagħkom infuskom ...għax minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa..., għalhekk iftħu għajnejkom..., u issa nitlaqkom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu, il-kelma li għandha l-qawwa li tibnikom..." Jalla nagħtu dejjem widen għal din il-kelma li titħabbrilna kull nhar ta' Hadd fil-laqgħa tagħna mal-Mulej waqt iċ-ċelebrazzjoni talmisteri qaddisa, il-Kelma ta' Alla ki twassalilna l-Knisja, li hi l-kolonna u l-pedament tal-verità ta' Kristu.

Dan għandu jkun għalina l-aħjar mod kif inroddu ħajr lil Alla għall-imħabba li wriena meta bagħtilna lil San Pawl biex isejħilna għall-fidi nisranija mhux bi kliem kbir u għaref, imma bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u b'ħafna persważjoni. Jalla dan inkomplu nagħmluh kull sena, il-jiem kollha ta' ħajjitna, biex il-festa tal-lum ma tkunx tifkira ta' ġrajja li seħħet mijiet ta' snin ilu, imma tiġdid tal-wegħda li għamlu missirijietna lil San Pawl li Malta tibqa' ta' Kristu, u tkun dejjem ta' Kristu kemm itulu ż-żminijiet.

TALBA TAL-FIDILI mil-Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 770.

## Ir-6 Hadd tas-sena

## IL-HARSIEN TAL-KMANDAMENTI

Il-Hadd li għadda l-Mulej Ġesù qalilna li aħna bħala nsara rridu nkunu l-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja. Tul il-Hdud li ġejjin sa qabel ir-Randan, il-Mulej Ġesù se jurina b'liema mod nistgħu naqdu dan id-dmir tagħna. U dan jagħmlu llum billi jurina kif għandna nħarsu l-kmandamenti ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħhom.

*Il-Kmandamenti minquxin f'qalb il-bniedem*

Alla, meta ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu tah ir-raġuni, li nistgħu nqisuha bħala raġġ ta' dawl ta' l-għerf ta' Alla, ta' dak il-għerf li Alla fassal sa mill-bidu nett għas-sebħ u l-glorja tiegħu, ta' dak il-għerf li ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-għerf tan-nies tad-dinja li ma jwassal imkien, jew iwassal biex isir dak li mhux sewwa. Kien in-nuqqas ta' dan l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, igħidilna San Pawl fit-tieni qari tal-lum, li wassal lill-kapijiet tal-Lhud u lil Pilatu biex isallbu 'l Kristu: kieku ma fdawx fuq il-

għerf tal-mexxejja ta' din id-dinja imma fittxew il-għerf tal-ħwejjeġ ta' Alla lil Kristu ma kienux isallbuh!

Alla jagħti lil kull bniedem li jiġi fid-dinja, il-ħila biex jasal għal dan l-għerf tal-ħwejjeġ ta' Alla, għaliex fil-qalb ta' kull bniedem Alla jnaqqax il-liġi tiegħu u jagħtih l-għaqal u d-dehen biżżejjed biex iħarisha mingħajr ma jisfurzah jagħmel dan. Għax Alla ħalaq lil bniedem b'rajh f'idejh, qegħidlu quddiemu t-tajjeb u l-ħażin u ħallih fid-dehen tiegħu li jagħżel dak li jrid. Alla ma jisfurzaniex biex nagħmlu t-tajjeb, u lanqas jikkmandana biex nagħmlu d-dnub. L-għażla hi f'idejna: jekk nagħmlu dak li hu skond il-liġi ta' Alla aħna jkollna l-barka tiegħu u meta jasal il-waqt niksbu l-premju ta' dejjem; jekk aħna nagħmlu dak li jaqblilna mingħajr ma nqisu x'inhi r-rieda ta' Alla u naslu biex niksruha, aħna nkunu nwarrbu 'l Alla fil-ġenb u nkunu nicħdu l-istess sejħa tagħna bħala bnedmin, għaliex Alla ħalaqna għalih, u qalbna ma ssibx mistrieħ jekk mhux fih.

Alla meta ħalaq il-bniedem kitiblu f'qalbu l-kmandamenti, imma, għaliex il-bniedem, qalbu mħassra mid-dnub, ma baqax jara ċar x'inhi r-rieda ta' Alla, għalih, ta, miktubin fuq żewġ ġebliet permezz ta' Mosè, il-kmandamenti lill-poplu li kien għażel għalih, biex fih iżomm ħajja u bla mittiefsa t-tama tal-miġja ta' Feddej li kellu jeħles il-bniedem mill-jasar tad-dnub u jwassal għall-perfezzjoni l-liġi ta' Alla għall-bnedmin.

*Il-perfezzjoni tal-liġi*

U meta Kristu ġie fid-dinja u beda l-missjoni tiegħu, dan ħabbar: "Jien ma ġejtx inneħħi l-liġi imma ġejt biex inwassalha għall-perfezzjoni, għalhekk kull min iħares il-liġi ta' Alla sa l-iċken tikka tagħha, dan ikun kbir fis-saltna tas-smewwiet." Dan smajna l-Mulej Ġesù jgħidilna fl-Evanġelju tal-lum. U qalilna wkoll Ġesù, permezz ta' xi eżempji, kif għandna nħarsu l-liġi ta' Alla sa l-iċken tikka fil-perfezzjoni kollha tagħha.

Ġesù semmielna llum tlieta mill-kmandamenti ta' Alla biex jurina kif għandna nħarsuhom bħala nsara bil-perfezzjoni kollha.

Il-kmandament "la toqtolx" jitlob minna l-ewwelnett li ngħożżu l-ħajja ta' kull bniedem li jiġi fid-dinja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tiegħu fil-ġuf, għaliex il-ħajja hi don ta' Alla u ebda bniedem ma għandu setgħa fuqha, lanqas fuq ħajtu stess. Iżda l-kmandament "la toqtolx" jitlob ukoll minna li nevitaw il-ġlied, il-vjolenza, il-firda, l-għira, il-mibgħeda u dak kollu li jwassal il-bnedmin biex ikunu egħdewwa ta' xulxin. In-nisrani, biex iħares il-liġi ta' Alla fil-perfezzjoni kollha tagħha, ma jista' jkun għadu ta' ħadd, imma l-ħabib ta' kulħadd u jħobb u jagħmel il-ġid ukoll lil min jagħmillu d-deni. U għalhekk li l-Mulej igħidilna llum li meta nkunu se nterfgħu l-offerta tagħna fuq l-altar u niftakru li aħna miġġieldin ma' xi ħadd, għandna l-ewwel nagħmlu paċi u mbagħad nersqu nagħmlulu l-offerta tagħna. Alla ma jaċċettax l-offerti ta' dawk li ma għandhomx imħabba għal kulħadd. Hu għalhekk li l-Knisja tridna nagħtu l-paċi lil xulxin qabel nersqu għall-mejda tal-Mulej biex nitqarbnu. Jalla s-sinjal tal-paċi li nagħtu lil xulxin ikun tassew sinċier u ma jeskludi 'l ħadd. Ma nkunux bħal dawk li fil-knisja joqogħdu 'l bogħod minn xi ħadd biex ma juruhx sinjal

ta' paċi: b'hekk ikunu qed iqarrqu bihom infushom biss imma mhux b'Alla li jara fil-qalb ta' kull bniedem.

*Tagħmlux adulterju*

Il-kmandament "La tagħmilx adulterju" jitlob minna l-insara li nżommu 'l bogħod minna kull ma jista' jniġġes is-safa ta' ruħna u ta' ġisimna, mhux biss l-egħmil, imma wkoll kull xewqa u kull ħsieb ta' żina: ġisimna ġie mqaddes għal Alla fil-Magħmudija u huwa tempju tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk ma għandu qatt ikun mezz u okkażjoni biex noffendu 'l Alla.
Dan il-kmandament jitlob minna wkoll il-ħarsien tal-qdusija taż-żwieġ u tar-rabta tiegħu li ma tinħall qatt, għaliex dak li Alla għaqqad ma jistax iħollu l-bniedem. Dawk li jiżżewġu fi Kristu, jingħaqdu flimkien f'imħabba li tixbah l-għaqda ta' Kristu mal-Knisja, u kull ma jhedded jew iniġġes din ir-rabta huma nuqqas, huwa offiża għall-qdusija taż-żwieġ nisrani.

*La taħlifx*

Fl-aħħarnett il-Mulej kellimna llum fuq il-ħalf, fuq meta naħilfu quddiem Alla li se nżommu l-kelma li tajna lil ħaddieħor. Il-bnedmin jaħilfu 'l xulxin biex juru li huma sinċieri fil-wegħdiet li jagħmlu lil xulxin, u dan jagħmluh għaliex kemm-il darba jonqsu mis-sinċerità, juru ħaġa b'oħra, jiġbdu, iqarrqu b'xulxin, u sa jaslu wkoll biex jaħilfu bil-falz, isejħu 'l Alla bħala xhud ta' xi ħaġa li hi gidba. Hemmx xi ħaġa agħar minn hekk? Għalhekk Ġesù jgħidilna llum li jekk aħna rridu ngħixu tassew ta' nsara għandna nkunu dejjem sinċieri ma' kulħadd, ma nigdbu qatt, għaliex fejn ma hemmx sinċerità ma hemmx imħabba, u n-nisrani veru jgħix fl-imħabba. Jalla nkunu sinċieri dejjem fl-imġiba kollha tagħna, biex dejjem jemmnuna u joqogħdu fuq kliemna mingħajr ebda bżonn li naħilfu li qed ngħidu s-sewwa. Hekk għandhom ikunu l-veri nsara.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu lill-Mulej Alla llum biex jagħtina l-grazzja li nħarsu dejjem il-kmandamenti tiegħu sa l-iċken tikka, fil-perfezzjoni kollha tagħhom, ħa niksbu s-saltna ta' dejjem.

Wettaq, Mulej, il-Knisja fil-missjoni tagħha li tgħallem liddinja l-kmandamenti tiegħek fil-perfezzjoni kollha tagħhom.

Henn għal dawk kollha li minħabba l-injoranza tagħhom jew l-ebusija ta' rashom qed jiksru l-kmandamenti tiegħek: wassalhom għall-indiema ħa jerġgħu jinħabbu miegħek.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex il-liġijiet li jagħmlu ma jmorru qatt kontra l-liġi mqaddsa tiegħek.

Għallimna ngħożżu l-kmandamenti tiegħek sal-iċken tikka biex nikbru f'imħabbtek u niksbu s-saltna ta' dejjem.

Mulej Alla li tista' kollox, kemm-il darba nqasna mill-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek: ħenn għalina u aħfrilna u wettaqna f'imħabbtek biex mil-lum 'il quddiem bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nimxu fit-triq tal-kmandamenti tiegħek. Bi Kristu Sidna.

**Ir-7 Ħadd tas-sena**

L-IMHABBA TA' L-EGHDEWWA

Il-Ħadd li għadda l-Mulej Ġesù beda jurina b'liema mod huwa wassal għall-perfezzjoni l-kmandamenti tal-Mulej: fost il-kmandamenti li fuqhom kellimna, kien hemm il-kmandament "La toqtox" u aħna rajna li dan il-kmandament ifisser mhux biss li għandna nirrispettaw u ngħożżu l-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf, għaliex hi don ta' Alla, imma wkoll għandna nevitaw kull xorta ta' vjolenza u ma nagħmlu deni lil ħadd, lanqas lil min naqasna u għamlilna ħafna deni.

Illum il-Mulej ikompli jisħaq fuq dan il-preċett u jgħidilna il mhux biss ma għandniex nagħmlu deni lil min għamlilna d-deni, imma għandna npattu bil-ġid id-deni li jsirilna, anzi għandna nħobbu wkoll b'imħabba spiritwali lil min wera ruħu bħala għadu tagħna.

Dan Ġesù jgħidulna huwa u jikkoreġġi żewġ fehmiet tal-Lhud dwar l-imġiba li wieħed għandu jkollu ma' min ikun naqsu.

*Tiqfulhomx il-ħżiena*

"Għajn b'għajn, sinna b'sinna." Hekk kienu jgħidu l-Lhud, u hekk għadhom jgħidu sal-lum ħafna nies. Imma dan mhux l-ispirtu nisrani, mhux l-ispirtu tal-Evanġelju, kif jurina Ġesù llum bl-eżempji li jagħtina ħa jgħidilna li ma għandniex inpattu b'deni li nirċievu, imma npattuh bil-ġid.

Tiqfulhomx lill-ħżiena, igħidilna Ġesù: jekk xi ħadd iħebb għalik u juża l-vjoenza miegħek, kun kalm u tweġbux bil-vjolenza, għaliex il-vjolenza tnissel vjolenza: taf kif tibda imma qatt ma se tkun taf sa fejn se tasal. Għal kull egħmil ta' vjolenza wieġeb bis-sabar, bil-ħniena, bil-mogħdrija: huma dawn il-mezzi li bihom iġġib fix-xejn u żżarma lil min irid juża vjolenza miegħek.

U jkompli jgħidilna Ġesù, jekk xi ħadd jiffittak u jdejqek, stabar bih u pprova kkuntentah f'dak li jrid biex tevita l-inkwiet u tgħix fil-paċi; lil min jitolbok l-għajnuna tirroftahielux, ukoll jekk f'dak il-mument għandek ħafna x'jinkwietak u jeħodlok rasek!

Dan għandna nagħmluh, biex ma' nies li jdejquna, ma' nies li jagħ-

mlulna l-ħsara u jridu jqarrqu bina, nuru x'inhi l-vera mħabba, dik l-imħabba li tkun verament tixbah l-imħabba li Kristu wera għalina l-bnedmin.

Bħala nsara għandna nħobbu b'dan il-mod, għax bħala nsara għandna nkunu qaddisin, kif qaddis hu Alla. Għalhekk igħidilna l-Mulej illum kif kien qal lil-Lhud fi żmien il-patt il-qadim permezz ta' Mose': "La tbejjitx 'il ħuk f'qalbek, imma lil għajrek wissih u erġa' wissih ... la titħallasx b' idejk u la żżommx f'qalbek għal ulied niesek, imma ħobb l-għajrek bħalek innifsek".

Dan il-kliem ta' Alla mill-Ktieb tal-Levitiku jurina ċar li fi żmien il-Patt il-qadim ukoll Alla ordna illl-poplu tiegħu jħobb lil min jagħmillu d-deni, li jħobb l-għajru bħala nnifsu.

*L-egħdewwa huma wkoll proxxmu*

Iżda l-Lhud tal-imgħoddi fehmu ħażin dan il-preċett, kif jurina Kristu stess illum, għax il-Lhud bdew iqisu bħala proxxmu tagħhom biss in-nies ta' ġenshom, u mhux il-barranin, u l-preċett tal-Mulej bidluh fi preċett tal-bnedmin, u bdew igħallmu: "Ħobb il-proxxmu tiegħek u obgħod il-għadu tiegħek."

Iżda Ġesù jgħidilna: "Ħobbu l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jippersegwitakom," għaliex hekk biss tkunu qaddisin kif hu qaddis Alla. Jekk inħobbu biss lil min jagħmlilna l-ġid ma nkunux aħjar mill-pagani u l-ħżiena, għax dawn ukoll, minkejja l-ħażen tagħhom, mhux sejrin ma jagħmlux ġid lil ħbiebhom. Inkunu veri nsara mhux jekk inkunu bħall-pagani, bħan-nies tad-dinja li jħallsu b'ġid il-ġid li jsirilhom; inkunu veri nsara meta nkunu nixbhu lil Alla li jxerred kull xorta ta' ġid fuq kulħadd, u mhux biss fuq dawk li jħobbuh u jħarsu l-liġi mqaddsa tiegħu. Il-ħżiena, lil dawk li jeħduha kontra tiegħu u jiksru l-liġi mqaddsa tiegħu, Alla ma jġibhomx fix-xejn, ma jeqridhomx b'nar mis-sema, imma jagħtihom in-nifs u l-ħajja u jipprovdilhom l-għajxien ta' kull jum, bħalma jagħmel lil dawk li jħobbuh, għax Alla jħobb lil kulħadd u jrid li kulħadd isalva u jagħti żmien għall-indiema wkoll lill-aktar ħżiena fost il-ħżiena.

Hekk irridu nkunu aħna biex inkunu wlied Missierna li hu fis-smewwiet. M'hijiex ħaġa ħafifa din, għax l-imħabba ta' l-egħdewwa tmur kontra l-għerf tad-dinja, li hu bluha quddiem Alla, kif smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum.

Bħala nsara li bil-Magħmudija sirna tempju ta' Alla u għamara tal-Ispirtu s-Santu, ma għandniex inħallu l-għerf tan-nies tad-dinja jqarraq bina, ma għandniex ngħixu skond il-fehmiet tan-nies tad-dinja, imma f'kull ħaġa li nagħmlu, naħsbu u ngħidu, għandna nġibu ruħna bħala membri ta' Kristu, ir-Ras u l-Imgħallem tagħna, għaliex, kif igħidilna San Pawl illum, "aħna ta' Kristu, u Kristu hu ta' Alla". Ngħixu mela bħala dixxipli ta' Kristu u nħobbu u nitolbu għal min igħamlilna d-deni kif talab Kristu għalina li sallabnih bi dnubietna.

TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu 'l Alla llum isawwab fina l-Ispirtu qaddis tiegħu biex jagħtina l-għerf u d-dehen kollu li neħtieġu ħa nħarsu fil-perfezzjoni kollha tiegħu l-preċett ta' l-imħabba.

Ieqaf Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar lid-dinja l-għana bla qjies ta' mħabbtek għalina l-bnedmin.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha li hawn fid-dinja biex jifhmu li huma lkoll aħwa u għalhekk għandhom igħixu flimkien fis-sliem tul il-jiem kollha ta' ħajjithom.

Qanqal qlub dawk li għandhom ħsibijiet ta' ħsara, ta' vendetta u ta' vjolenza kontra l-bnedmin ħuthom biex iwarrbuhom mill-fehma tagħhom.

Tħallix il-ħażen li hawn fina u madwarna jegħlibna, imma agħtina l-grazzja li nirbħu l-ħażen bil-ġid li nagħmlu.

Mulej, Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox, għallimna ngħixu flimkien fl-imħabba biex inkunu tassew uliedek. Bi Kristu Sidna.

## Ir-8 Ħadd tas-sena

## IL-PROVVIDENZA TA' ALLA

Fit-tieni qari tal-lum San Pawl igħidilna b'liema mod l-insara għandhom iħarsu lejn il-ministri ta' Alla. Huma bnedmin bħall-bnedmin l-oħra dgħajfa u midinbin, iżda huma ġew imsejħin minn Alla stess biex ikunu ministri tiegħu biex iwasslu l-Kelma tiegħu lil-poplu li hu għażel għalih u biex iwasslulu t-talb u x-xewqat u l-ħtiġijiet ta' dan il-poplu tiegħu, waqt li jiċċelebraw il-misteri qaddisa.

*Kull xorta ta' ġid fuq kulħadd*

*Rispett u mħabba għall-ministri ta' Alla*

Il-ministri ta' Alla, ikompli jgħidilna San Pawl, huma amministraturi tal-ħwejjeġ ta' Alla, tal-misteri qaddisa, u bħala amministraturi huma mistennija li jaqdu dmirhom bil-fedeltà kollha, kif irid Alla u mhux biex jogħġbu lin-nies.

Kemm-il darba n-nies jeħduha kontra l-ministri ta' Alla għaliex il-Kelma ta' Alla li jħabbru waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa ma tkunx togħġobhom, ma jdoqqx għalihom, tmur kontra l-fehmiet tagħhom, li ma humiex fehmiet ta' Alla imma fehmiet tal-bnedmin.

Eżempju ta' dan tagħtihulna llum il-Knisja hija u tkellimna fuq il-ħtieġa li nafdaw u nemmnu fil-Provvidenza ta' Alla.

Il-ministri ta' Alla ma jistgħux ma jheġġux kontinwment lill-insara biex jafdaw fil-Provvidenza ta' Ala u jfittxu li jħarsu dejjem il-liġi mqaddsa tiegħu, għax, jekk dan jagħmluh, Alla żgur jipprovdilhom il-ħobża ta' kull jum, kull ma jeħtieġu biex ighixu ħajja li tixirqilhom bħala bnedmin. "Toqogħdux tinkwetaw ruħkom u tgħidu: 'X'se nieklu?' jew 'X'se nilbsu?' ...Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtieġuh. Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja tiegħu u dan kollu jingħatalkom ukoll." Il-ministri ta' Alla ma jistgħu jieqfu qatt iħabbru din il-verità: imma kemm insara jagħtu widen għal din it-tħabbira? kemm insara jemmnu verament li Alla se jipprovdilhom il-meħtieġ kollu tal-ħajja għalihom u għal uliedhom, jekk huma jħarsu l-liġi ta' Alla sa l-inqas tikka tagħha?

*Il-fidi fil-provvidenza*

In-nuqqas ta' fidi ħajja fil-Provvidenza ta' Alla qiegħed iwassal kotra kbira ta' nsara biex jiksru l-liġi ta' Alla u ma jagħtux widen għal dak li tgħallem il-Knisja dwar il-qdusija taż-żwieġ u tal-familja.

Il-Knisja tgħallem li l-ħajja hija don ta' Alla li l-ġenituri Alla jseħibhom miegħu biex jiġi bniedem ieħor fid-dinja, li kull att taż-żwieġ hu att kbir ta' mħabba li bih il-miżżewġin jagħtu lilhom infushom lil xulxin kollhom kemm huma biex minnu, bħala frott ta' mħabbithom, toħroġ ħajja ġdida. Din hija l-liġi tas-Saltna u tal-ġustizzja a' Alla. Il-kotra l-kbira ta' l-insara dan jafuh, imma qed isibuha bi tqila li fiż-żminijiet tal-lum din il-liġi jħarsuha, għax, għidulek: "Kif tista' tlaħħaq mal-ħajja? tifel ieħor ifisser ħadd ieħor biex titimgħu, tlibbsu, tedukah: kif tista' tlaħħaq illum ma' l-ispejjeż li trid għal dan kollu?" Veru li l-Knisja tgħidlek biex tidħol għat-tnissil ta' l-ulied b'sens kbir ta' responsabbiltà, imma l-mezzi li tissuġġerilek il-Knisja jitolbu kontroll li ma jeħtiġuhx il-mezzi l-oħra li ħolqu l-bnedmin u li jmorru kontra t-tagħlim tal-Knisja, u għalhekk ħafna ma jfittxuhomx.

Ħafna nsara, minħabba dan, mhux qed igħixu l-ħajja nisranija fil-milja kollha tagħha: imorru l-Quddies, imma ma jersqux għall-mejda tal-Mulej, ma jfittxux is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni għax ma għandhomx il-fehma li ma jkomplux jiksru l-liġi ta' Alla huma u juru mħabbithom għal xulxin fiż-żwieġ.

*Alla mhu se jonqosna qatt*

U dan qed jagħmluh għaliex ma għandhomx fidi fil-Provvidenza ta' Alla. Għalhekk il-Knisja llum qed tistedinhom b'ħerqa kbira biex jafdaw f'Alla u ma jkomplux jiksru l-liġi tiegħu waqt li bi kliem il-profeta Isaija tgħidilhom: "Tista' omm tinsa t-tarbija tagħha u ma tieħux ħsiebha?" Ħaġa bħal din tmur kontra l-istess natura ta' l-omm, u għalhekk ma tistax tkun. Iżda jista' jiġri li xi omm snaturata tiċħad frott ħdanha, iżda qatt ma hu se jiġri li Alla jinsa lil dawk li jafdaw fih.

"Jekk Alla," igħidilna Ġesù stess, "jieħu ħsieb sa l-iċken ħlejjaq tiegħu, bħalma huma l-agħsafar tal-bejt u l-ġilji ta' l-egħlieqi, sejjer ma jieħux ħsieb tagħna l-bnedmin, li ħalaqna ftit inqas mill-anġli, żejjinna bid-dehen u l-għaqal u qiegħedna fuq il-ħlejjaq kollha ta' idejh?"

Ma nħallux ir-rabta żejda għall-kumditajiet tal-ħajja tal-lum twassalna biex niksru l-liġi ta' Alla; ma nħallux jegħlibna l-ħsieb li nkunu mhux inqas mill-ġirien fit-tiżjin ta' darna u fil-ħajja li ngħixu bil-kumditajiet kollha tagħha, u naslu biex naqtgħu qalbna mill-provvidenza ta' Alla u niksru l-liġi tiegħu. "Għin ruħek u Alla jgħinek", igħid il-Malti — nagħmlu l-parti tagħna biex ngħixu ħajja ta' nsara skond kif tgħallimna l-Knisja, u naraw kemm verament Alla jgħinna u jipprovdilna kull ma neħtieġu għall-ħajja xierqa fid-dinja tal-lum!

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lil Alla l-Missier li jista' kollox biex inissel fi qlubna fiduċja kbira fil-provvidenza tiegħu, ħalli b'qalb qawwija nirbħu d-diffikultajiet kollha tal-ħajja tal-lum.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tistedinna nfittxu s-Saltna u l-ġustizzja tiegħek biex ma jkun jonqosna xejn minn dak li neħtieġu għall-ħajja fid-dinja tal-lum.

Dawwal il-fehma tas-setgħanin ta' l-art biex jagħarfu jqassmu sewwa l-ġid tad-dinja li għandhom fdat lilhom ħalli ħadd ma jbati l-ġuħ u jgħix fil-miżerja.

Qawwi qalb dawk kollha li minħabba l-qagħda li fiha jinsabu tilfu kull tama fil-provvidenza tiegħek u ieqaf magħhom fil-ħtiġijiet kollha tagħhom.

Kun magħna biex qatt ma tonqosna l-fiduċja fil-provvidenza tiegħek aħna u nħarsu l-liġi mqaddsa tiegħek fil-perfezzjoni kollha tagħha.

Mulej Alla tagħna, int ħlaqt id-dinja u kull ma fiha, u tieħu ħsieb l-egħmejjel kollha ta' idejk: qawwi fina l-fidi fil-provvidenza tiegħek biex ma nonqsu qatt mill-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## Ir-9 Hadd tas-sena

### FIDI MIBNIJA FUQ IL-BLAT

Erbat Ħdud ilu l-Mulej Ġesù, meta qalilna li hu ma ġiex biex ineħħi l-kmandamenti, imma biex iwassalhom għall-perfezzjoni, qalilna wkoll li Alla ħalliena rajna f'idejna nagħżlux li nħarsu l-kmandamenti jew le, ħalla fid-dehen tagħna nagħżlux li rridu, it-tajjeb bil-ħarsien tal-kmandamenti jew il-ħażin bil-ksur tagħhom.

Illum jerġa' jqegħdilna quddiemna din il-għażla, huwa u jgħidilna: "Ikollkom il-barka ta' Alla jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, imma jkollkom is-saħta jekk ma tħarsuhomx u tfittxu allat oħra."

L-allat oħra li fuqhom il-Mulej qiegħed ikellimna llum, huma l-allat tan-nies ta' żminijietna: ir-regħba għall-flus u għall-unuri, ir-regħba għas-setgħa u għall-ħakma, il-ġlied u l-vjolenza, il-gideb u n-nuqqas ta' sinċerità, ħwejjeġ kollha li huma ksur tal-liġi ta' Alla, kif rajna fil-Ħdud li għaddew.

*Għandna ngħixu ta' nsara*

Mhux biżżejjed li ngħidu li aħna nsara, jeħtieġ ngħixu ta' nsara. Mhux kull min igħid "Mulej, Muej", jidħol fis-saltna tas-sema, isalva, imma biss kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla.

Nistgħu nħarsu bir-reqqa kollha l-preċett tal-Quddies kull nhar ta' Hadd, nistgħu nagħtu mhux ċenteżmi imma liri għat-tiżjin u l-festi tal-knisja tagħna u għall-opri tal-Knisja f'Malta, imma jekk qalbna hija bogħod minn Alla, jekk dak li nagħmlu qed nagħmluh għall-għajnejn in-nies biex ikollna t-tifħir tagħhom, jekk f'qalbna nbejtu l-mibgħeda għal xi ħadd, jekk aħna m'aħniex lesti naħfru lil min hu ħati għalina, jekk inkomplu niftakru fil-ħtijiet li sarulna u naħilfu li ma ninsewhom qatt, meta nidħru quddiem il-Mulej fit-tmiem ta' ħajjitna f'din id-dinja, hu se jgħidilna: "Lilkom ma nafkomx, warrbu minn quddiemi intom li tagħmlu l-ħażen."

Dan għaliex juri li ma għandux fidi min jagħmel il-ħażen, min jagħmel dak li ma jridx Alla u jikser il-kmandament tal-imħabba tal-proxxmu, waqt li fl-istess ħin imur il-knisja u quddiem in-nies jidher bħala nisrani tajjeb.

*Il-ħtieġa tal-grazzja*

Fit-tieni qari tal-lum San Pawl qalilna li mhux biżżejjed inħarsu dak li titlob il-liġi, dak li jitolbu l-preċetti tal-Knisja: neħtieġu wkoll il-grazzja ta' Alla biex insalvaw, il-grazzja niksbuha bil-fidi fi Kristu Ġesù, li miet għalina u bid-demm li xerred għalina kisbilna l-maħfra tad-dnubiet. Għalhekk jekk aħna nħarsu dak li titlob minna l-liġi, biex nidhru quddiem in-nies waqt li f'qalbna hemm kull xorta ta' ħażen, aħna m'aħniex ta' Kristu, m'aħniex mexjin fit-triq li twassal għas-salvazzjoni għax m'għandniex il-grazzja ta' Alla, u qed nibnu s-salvazzjoni tagħna fuq ir-ramel.

Għaliex dan? Għaliex m'aħniex nagħtu widen għall-kelma ta' Alla li titħabbrilna kull nhar ta; Hadd waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Il-

Mulej ma jgħidilniex biss biex immorru l-Quddies u ngħinu l-opri tal-Knisja, imma jgħidilna biex nindmu u nemmnu fil-Bxara t-tajba, biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u l-qerq tal-ħażen, biex inpattu bil-ġid id-deni li jagħmlulna, biex ngħixu fl-imħabba ta' xulxin.

Meta nagħmlu dan, inkunu qegħdin nibnu fuq is-sod il-ħajja tagħna bħala nsara, u jiġri x'jiġri l-fidi tagħna tibqa' sħiħa u ma nċedux quddiem it-theddid kollu tal-ħażen li hawn madwarna, qisna bnejna d-dar tal-fidi tagħna fuq il-blat. Jistgħu jqumu l-irwiefen kollha tal-ħażen u tal-qerq, jistgħu jaħtbu għalina l-widien kollha tat-tiġrib u tal-hemm, aħna nibqgħu sodi u ma niċċaqalqux, nibqgħu nemmnu u nittamaw għax nafu li Alla għal dawk li jemmnu fih hu blata ta' kenn għalihom, fortizza li jsalvahom.

Iżda jekk aħna nsara biss minn barra, u qalbna hija bogħod minn Alla d-dar tal-fidi tagħna hi mibnija fuq ir-ramel u ma' l-iċken tiġrib, ma' l-ewwel diffikultajiet, il-fidi tagħna tiġġarraf u tiġi fix-xejn u bla ebda mistħija ta' ħadd ma narawhiex bi tqila li nistqarru li ma nemmnux aktar, għax hekk ikun jaqblilna. Ikunu biss insara ta' l-isem li nnikktu l-Knisja ta' Kristu bl-imġiba tagħna u nkunu ta' tiġrif għal min hu sinċier, imma dgħajjef, fil-fidi tiegħu. Jalla ma nkunux insara ta' din ix-xorta, insara taparsi, għaliex inkunu nqarrqu biss bina nfusna u nġibu fuqna s-saħta u mhux il-barka ta' Alla.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu llum lill-Mulej Alla tagħna biex ikun blata ta' kenn għalina kontra t-tiġrib kollu tal-ħajja fid-dinja tal-lum biex nibqgħu sħaħ fil-fidi u fidili għat-tagħlim tal-Knisja.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek fil-missjoni tagħha biex tfehemna kif inħarsu l-liġi tiegħek u nżommuha b'qalbna kollha.

Saħħaħ u qawwi qalb dawk kollha li jittamaw fik biex ma jitbegħdux mit-triq it-tajba u jfittxu li jagħmlu dejjem ir-rieda mqaddsa tiegħek.

Sejjaħ lura għat-triq it-tajba lil dawk ħutna li tbiegħdu minnha biex ifittxu allat oħra, l-allat ta' żminijietna, ir-regħba għall-flus u għas-setgħa, għall-gideb u l-qerq, għall-vjolenza u għas-serq.

Għallimna nfittxu dejjem dak li jogħġob lilek u li trid int, biex nibnu fis-sod id-dar tal-fidi tagħna u nibqgħu sħaħ f'kull tiġrib li jista' jiġi fuqna u jhedded il-fidi tagħna.

Mulej Alla tagħna, ara minn kemm tiġrib ninsabu mheddin f'dan iż-żmien li fih qegħdin u kemm insibu tfixkil bex ngħixu ħajja verament nisranija: wettaqna bil-grazzji tiegħek biex ma niċħdu qatt is-sejħa tagħna ta' nsara u nibqgħu dejjem fidili lejk fil-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## IL-LIĠI TAD-DEVOLUZZJONI DWAR ĊERTA PROPRJETA' TA' KNEJJES

### A. L-ISTQARRIJIET LI GĦAMLU L-ISQFIJIET

#### 1. L-ewwel stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin

Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, u Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, li lilhom Alla fdalhom ir-responsabbiltà pastorali tad-djoċesijiet tagħhom, saru jafu, b'niket kbir, li l-Gvern Malti bi ħsiebu jagħmel liġi dwar materja li tolqot mill-qrib il-ħidma u l-istess ħajja tad-djoċesijiet tagħhom, u dan mingħajr ma l-isqfijiet setgħu jagħtu l-kontribut tagħhom, u mingħajr ma ngħata kaž tal-ħtiġijiet spiritwali li l-poplu Malti jħoss fil-fond ta' qalbu.

L-isqfijiet Maltin huma żguri li Alla mhux se jitlaqhom weħedhom f'qagħda hekk diffiċli bħal din. Mill-korrispondenza li għaddiet f'dawn l-aħħar ġranet bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti, l-isqfijiet jinnotaw li l-Gvern Malti ma għalaqx il-bieb biex jitkompla djalogu li, fil-fatt, ġa ta, u żgur kien se jagħti, fi żmien qasir ħafna, ir-riżultati mixtieqa miż-żewġ naħat.

L-Isqfijiet, huma u jiftakru fi kliem San Pawl li qrajna llum: "Il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef", b'fidi qawwija, jitolbu 'l Alla li jista' kollox biex imexxihom fil-missjoni tagħhom ta' rgħajja ta' dawn il-għejjer, u jħeġġu lill-fidili biex jissieħbu magħhom f'talb imħeġġeġ, taħt il-ħarsien tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Knisja.

#### 2. Dikjarazzjoni tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar il-Quddies

L-Ewkaristija hija l-qofol tal-Ħajja Nisranija. L-Ewkaristija sseħħ permezz tal-Quddiesa. Meta titqaddes quddiesa jiġġedded is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib li bih iħabbibna mill-ġdid ma' Alla l-Missier u hekk nistgħu nilħqu l-għan li għalih ħalaqna, jiġifieri li ngħixu tajjeb f'din l-art u ngawduh imbagħad fis-sema.

Minn dan jidher ċar li bil-quddiesa aħna bħala wlied Alla nagħtu qima lill-Missier tagħna tas-sema, inroddulu ħajr għall-ġid kollu li jagħtina, inpattulu għall-infedeltà u l-ħtijiet tagħna u ta' ħutna l-bnedmin u nitolbuh il-ħtiġijiet tagħna għar-ruħ u għall-ġisem. Fil-Quddiesa aħna nitolbu mhux għalina u għal ħutna ħajjin biss, iżda, kif emmnu l-insara sa mill-ewwel żmenijiet, nitolbu wkoll għall-għeżież tagħna u għall-mejtin kollha li għexu qabilna u mietu fil-paċi ta' Kristu. Dan nifhmu aħna l-insara meta nsemmu l-Quddies b'suffraġju għall-mejtin.

Dan kollu jseħħ meta hemm l-Ewkaristija, iżda ma jkunx hemm Ewkaristija fejn ma hemmx saċerdot. Għalhekk aħna li nħobbu l-Ewkaristija jeħtieġ naraw li jkun hemm għadd biżżejjed ta' saċerdoti, f'kull żmien u fi ħdan kull komunità nisranija, li jkomplu din il-missjoni mibdija minn Kristu u li riedha tibqa' sseħħ għaż-żmenijiet kollha. Għand dawn l-istess saċerdoti l-insara li jemmnu jirrikorru biex igħammdu t-tfal tagħhom,

biex iqerru, biex jiżżewġu u biex isibu l-faraġ u l-kuraġġ fil-problemi morali tagħhom fid-dawl ta' l-Evanġelju li jxandrulhom; u aktar u aktar imbagħad waqt il-ħin l-iżjed iebes ta' ħajjithom meta jkunu waslu biex iħallu din id-dinja u jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' Alla.

Kien sewwa sew għal dan l-iskop li l-insara sa mit-twaqqif tal-Knisja ħassew id-dmir u l-bżonn li jipprovdu għall-għixien tas-saċerdoti, kif qal Ġesù lit-72 dixxiplu tiegħu: "il-ħaddiem ħaqqu ħlasu" (Lq. 10,7). Għall-insara ta' kull żmien u ta' kullimkien tgħodd it-twissija ta' l-Appostlu Pawlu lill-insara ta' Korintu: "Ma tafux li min iservi fit-tempju jiekol mit-tempju u dawk li jservu l-altar jaqsmu ma' l-altar? Hekk ukoll il-Mulej ordna li dawk li jxandru l-Evanġelju jgħixu mill-Evanġelju" (1 Kor. 9, 13-14). Dan ifisser li l-insara huma fid-dmir li jaħsbu għall-għixien tas-saċerdoti u jagħtu għajnuna lill-Knisja biex tkun tista' taqdi l-missjoni tagħha.

Minn dan li għidna jidher ċar biżżejjed illi l-offerti li jingħataw għas-servizz tas-saċerdot ma fihom l-ebda superstizzjoni u lanqas nibtu minn xi qerq jew injoranza. Meta l-insara jagħmlu l-offerta tagħhom lis-saċerdot, ikunu jaqdu dak is-sens ta' ġustizzja li fisser u għallem Kristu u l-Appostli. L-offerti li jingħataw lis-saċerdot ma humiex xi mezz jew prezz biex bil-flus tinxtara l-ġenna. Dawn l-offerti ma jistgħux jitqiesu bħala l-prezz tas-servizzi spiritwali li s-saċerdot jagħti, għax id-doni spiritwali la jista' jkollhom prezz u lanqas jinxtraw bil-flus. Il-ġid kollu spiritwali li s-saċerdoti jiksbu mingħand Alla biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u s-sagramenti l-oħra huma, kif dejjem għallmet il-Knisja, għas-salvazzjoni ta' kull bniedem.

L-offerti għall-quddies u servizzi spiritwali mogħtija mill-insara f'ħajjithom jew imħollija għal wara mewthom, huma magħrufin bħala "elemosina" jew "legati u fundazzjonijiet tal-Quddies." Il-Knisja minn dejjem qisithom bl-akbar serjetà u rabbtithom b'liġijiet stretti ħafna. Hu għalhekk li l-Papa, (u dawk biss li lilhom jagħti din is-setgħa) skond il-Liġi tal-Knisja li, f'każi partikolari, fejn ikun meħtieġ, jista' jawtorizza xi tibdil jew tnaqqis fil-fundazzjonijiet u legati ta' quddies. F'dan il-każ huwa wkoll il-Papa li għandu s-setgħa jiddetermina l-iskop li għalih jintużaw xi offerti jew parti mid-dħul ta' dawn il-legati skond il-ħtiġijiet spiritwali u pastorali ta' min jirrikorri għandu għal dan il-għan.

Jista' jkun hawn nies li mħabba l-faqar kbir tagħhom ma jistgħux jagħmlu offerta lis-saċerdot biex iqaddsilhom Quddiesa skond il-ħeħma tagħhom. Dawn, minkejja dan kollu, għandhom sehem ukoll mill-ġid kollu tal-Quddies. Il-Knisja għax tħobbhom, minn dejjem ħasbet fihom tant li f'kull Quddiesa li titqaddes isir talb għall-ħajjin u l-mejtin kollha. Barra dan kull isqof u kull kappillan joffri s-sagrifiċċju tal-quddiesa fil-Ħdud u fil-festi kollha ta' matul is-sena għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tal-Poplu ta' Alla fdat f'idejhom kif ukoll għas-suffraġju tal-mejtin kollha. Dan jagħmluh mingħajr ma jistgħu jirċievu ebda elemożina għal dan il-Quddies.

Ta' min ifakkar li fil-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġijiet tagħha, il-Knisja

ttenni għal darb'oħra li kull nisrani għandu d-dritt naturali li jagħti f'ħajtu, kif ukoll iħalli għal wara mewtu, offerti minn flusu kemm għall-quddies kif ukoll għal skopijiet oħra spiritwali u karitattivi.

(Kan. 1299).

Maħruġa llum 24 ta' Ġunju 1983 solennità tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista

Mons. Ġużeppi Lupi,
Segretarju Konferenza Episkopali

## 3. It-tieni stqarrija ta' l-Isqfijiet

Aħna, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, diġà' wrejna lill-poplu d-dispjaċir u s-sogħba tagħna għal-Liġi proposta "Dwar id-Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes", u għedna li din il-Liġi hija ndħil bla bżonn fi ħwejjeġ spiritwali u tolqot u tfixkel il-ħajja tal-Knisja f'pajjiżna.

Illum, wara konsultazzjonijiet mal-Vatikan, inħossu li għandna ntennu dan id-dispjaċir tagħna u ngħidu ċar u tond li ma nistgħux naqblu ma' din il-Liġi, anzi nifhmu li ma jridha ebda kattoliku li tassew iħobb u jirrispetta r-reliġjon tiegħu u b'mod partikolari wieħed ma jistax jifhem kif l-Istat għandu jindaħal drastikament fid-dritt ta' persuni privati li fil-kuxjenza tagħhom ħallew jew jixtiequ jħallu għal għanijiet spiritwali fit-testment tagħhom kif iridu huma.

Dan qed ngħiduh b'sens ta' responsabbiltà u ta' ġustizzja lejn il-komunità kattolika ta' Malta u Għawdex li tagħha aħna r-Ragħajja Spiritwali.

Hu allegat li din il-Liġi hija intiża biex jinstabu fondi mill-propjetà tal-Knisja għall-edukazzjoni. Kemm-il darba fl-imgħoddi l-Knisja għamlet ċara l-qagħda tagħha dwar l-edukazzjoni u anke llum tixtieq tiddikjara dawn il-prinċipji:

1. Għalkemm il-'free education' hija meqjusa bħala kunċett mixtieq, id-drittijiet tal-ġenituri, fosthom l-għażla ħielsa tal-iskejjel għal uliedhom, għandhom dejjem jiġu mħarsa bla mittiefsa u kollha kemm huma. Bl-istess mod, il-Knisja għandha dejjem iżżomm il-jedd u l-inizjattiva li jkollha u tmexxi liskejjel tagħha mingħajr indħil.

2. Il-karattru, l-awtonomija u l-identità tal-iskejjel tal-Knisja għandhom dejjem jiġu mħarsa.

3. L-Istat min-naħa tiegħu, għandu d-dmir morali li jgħin finanzjarjament liskejjel anke dawk tal-Knisja, iżda dan ma għandu jnaqqas xejn mid-dritt u l-libertà tal-ġenituri li jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-iskola ta' wliedhom.

4. Fil-qasam tal-edukazzjoni, il-Knisja ġa qed tagħti kontribut kbir. Hija trid u tixtieq li dina l-għajnuna tikber sa fejn tista', u għal dan il-għan aħna, l-Isqfijiet, niddikjaraw li ppreparati li nuru fil-beraħ il-qagħda finanzjarja tal-Knisja f'Malta u Għawdex. Din ix-xewqa tagħna għarrafnieha lis-Santa Sede.

Aħna nħeġġu, għal darb'oħra l-insara biex iqegħdu t-tama sħieħa tagħhom f'Alla u fl-interċessjoni ta' Marija Omm il-Knisja.

Ruma, 28 ta' Ġunju, 1983.

## Komunikat Stampa tal-Vatikan

Si ha notizia che il Parlamento di Malta ha approvato, con il voto dei Deputati del Labour Party, la legge presentata dal Governo "Devolution of certain Church properties Act."

Siamo autorizzati a dichiarare che, da parte della Santa Sede, si ribadisce la profonda preoccupazione della quale si è fatto eco 'L'Osservatore Romano' in data di ieri, per un atto unilaterale di così grave portata, anche a motivo delle prevedibili sue ripercussioni per la pace religiosa nella Repubblica di Malta, e si conferma la solidarietà con l'Episcopato e le Istituzioni cattoliche maltesi.

## L-artikolu ta' 'l'Osservatore Romano' (29 ta' Ġunju 1983).

### Accorata dichiarazione dei Vescovi di Malta per una iniziativa governativa riguardante i beni della Chiesa e Fondazioni Pie

In questi giorni il Governo maltese ha presentato all'esame del Parlamento una legge che si intitola "Devolution of certain Church properties Act, 1983".

In essa si stabilisce:

1) Passano in proprietà del Governo i beni immobili, legittimamente acquisiti per usucapione e pacificamente posseduti fino ad oggi dalla Chiesa o da sue "istituzioni pie e religiose", come pure l'arredamento e tutti gli oggetti pertinenti, non esclusi i paramenti e vasi sacri, salvo gli edifici adibiti al culto. I loro proventi dovrebbero essere utilizzati solo a scopi educativi.

2) I beni mobili ed immobili dati ad enti ecclesiastici ed i cui redditi servono per Sante Masse da celebrare periodicamente, dopo dieci anni dalla destinazione iniziale, se la persona che ha dato tali beni o i suoi successori non chiedano di rientrarne in possesso, passano al Governo e dovrebbero essere destinati a scopi educativi.

3) Passano al Governo anche i beni dati ad enti ecclesiastici con atto legale che per qualsiasi ragione non siano presentemente impiegati per gli scopi o nella maniera indicata nell'atto legale stesso.

Per il risarcimento la legge prevede criteri tali che, in pratica, lo rendono irrilevante.

La Chiesa maltese non può non denunciare tale gravissima interferenza e l'esproprio dei beni ecclesiastici, che, violando la libertà religiosa riconosciuta dalla Costituzione e dalle leggi, e ignorando fondamentali prescrizioni del Diritto Canonico, dispone unilateralmente in materia ecclesiastica e mette in pericolo la possibilità dell'azione pastorale della Chiesa medesima.

Una simile iniziativa è tanto più ingiustificata in quanto, come tutti a Malta e altrove possono desumere dai documenti pubblicati con "Libro Bianco" dal Governo maltese:

*a)* erano ancora aperte trattative tra il Governo stesso e la Santa Sede per una soluzione concordata dei maggiori problemi, principal-

mente di quelli attinenti alla proprietà ecclesiastica e alla scuola cattolica:

*b)* la Chiesa aveva ripetutamente dato assicurazione che entro la fine dell'anno sarebbe stata realizzabile la riforma amministrativa nella Provincia Ecclesiastica di Malta, ciò che avrebbe permesso di esaminare come tali beni potessero essere destinati a scopi consentanei con la loro natura e finalità, non soltanto nel campo strettamente religioso, ma anche in quello sociale, educativo e di promozione umana.

In merito alla suddetta legge gli Ecc.mi Ordinari di Malta e Gozo hanno resa pubblica in data odierna la seguente dichiarazione:

*Noi, Vescovi di Malta e Gozo, abbiamo già espresso al nostro popolo il nostro dolore e rammarico per il progetto di legge dal titolo "Atto di esproprio di talune proprietà della Chiesa, 1983". Abbiamo anche dichiarato che detta legge costituisce una ingiustificata interferenza negli affari spirituali e sarebbe di ostacolo e di danno all' esistenza della Chiesa nel nostro Paese. Oggi, dopo consultazioni con la Santa Sede, noi sentiamo il dovere di ribadire il nostro dolore e di dichiarare inequivocabilmente: noi non possiamo accettare la legislazione proposta e riteniamo che essa non possa essere accolta favorevolmente da alcun cattolico che si mantenga fedele alla propria Fede. In particolare, è incomprensibile che lo Stato debba interferire drasticamente nei diritti di individui privati, i quali in coscienza hanno disposto o intendono disporre le loro ultime volontà per fini spirituali nel modo che ritengono appropriato.*

*Diciamo questo con profondo senso di responsabilità e di giustizia per la comunità cattolica di Malta e Gozo di cui siamo le guide spirituali.*

*Si pretende che questa legge è intesa per procurare fondi dalla propietà della Chiesa a scopi educativi. In passato, la Chiesa ha esposto con chiarezza la propria posizione riguardo alla questione educativa; una volta ancora, essa desidera oggi stabilire i suoi principi:*

*1. Sebbene la gratuità della scuola sia considerata come una concezione desiderabile, il diritto dei genitori, che include la libertà di scegliere la scuola per i loro figli, deve essere in ogni momento salvaguardato pienamente ed in maniera appropriata. Similmente la Chiesa deve conservare il diritto e l'iniziativa di gestire, senza interferenza, le sue proprie scuole.*

*2. Il carattere proprio, l'autonomia e l'identità delle scuole della Chiesa devono essere sempre salvaguardati.*

*3. Lo Stato, da parte sua, ha il dovere morale di contribuire alle necessità finanziarie di tutte le scuole, ivi comprese quelle della Chiesa, ma tale aiuto non deve mai sminuire il diritto e la libertà dei genitori a dare il loro proprio contribuzto alla scuola che i loro figli frequentano.*

*Nel campo della scuola la Chiesa sta già dando un contributo sostanziale: la Chiesa auspica e desidera accrescere questo contributo fino al limite delle sue possibilità e, a tal fine, noi Vescovi dichiariamo che siamo disposti a rendere di pubblico dominio la situazione fi-*

*nanziaria della Chiesa in Malta e Gozo. Questo desiderio è stato fatto conoscere alla Santa Sede.*

*Ancora una volta Noi esortiamo i fedeli a porre completa fiducia in Dio e nell'intercessione di Maria, Madre della Chiesa.*

La presa di posizione dei Vescovi di Malta sul grave e doloroso avvenimento che rischia di avere serie ripercussioni per la pace religiosa di un popolo di così antiche e profonde tradizioni cattoliche, non potrà non suscitare sentita solidarietà anche tra i fratelli di fede degli altri Paesi, così come già trova la Santa Sede profondamente preoccupata e partecipe della medesima accorata sollecitudine di quei Pastori.

### 4. It-tielet stqarrija ta' l-Isqfijiet — 8 ta' Lulju 1983

B'riferenza għal dak li ntqal li l-Gvern fi ħsiebu jwettaq dik il-parti tal-Liġi dwar "id-Devoluzzjoni ta' ċerta Proprjetà ta' Knejjes" li hu jqis li taqbel mal-Liġi talKnisja, l-Isqfijiet, li għandhom id-dmir li jgħallmu u jwasslu t-tagħlim tal-Knisja lill-insara, jiddikjaraw:-

1. li f'ebda parti tal-Liġi tal-Knisja ma tingħata s-setgħa lill-Awtorità Ċivili tindaħal fil-materja tal-Quddies;

2. li f'ebda parti tal-Liġi tal-Knisja ma tingħata s-setgħa lill-Awtorità Ċivili tiddetermina għal kemm żmien jitwaqqfu l-Fondazzjonijiet ta' Quddies għall-futur;

3. li f'ebda parti tal-Liġi tal-Knisja ma tingħata s-setgħa lill-Awtoritajiet Ċivili biex ma tħallix jitkomplew il-Fondazzjonijiet ta' Quddies imwaqqfa in perpetuo (għal dejjem);

4. li f'ebda parti tal-Liġi tal-Knisja ma tingħata s-setgħa lill-Awtorità Ċivili tiddikjara għand min u għal-liema skop għandu jmur id-dħul malli Fondazzjoni għall-Quddies tieqaf.

Skond il-Liġi tal-Knisja kull setgħa fil-materja ta' Quddies hija riservata għall-Papa u għal dawk mogħnija bis-setgħa minnu.

### 5. Ir-raba' stqarrija ta' l-Isqfijiet

Għadna kif sirna nafu li dik il-parti tal-Liġi li għandha x'taqsam mal-Quddies għal ruħ il-mejtin ser tiġi mwettqa.

Aħna l-Isqfijiet ta' dawn il-Gżejjer inħossuna fid-dmir intennu b'mod l-aktar ċar id-dispjaċir u s-sogħba tagħna għal dan li ġara. Kif għedna darba oħra, ma nistgħux nifhmu kif l-Istat għandu jindaħal fid-dritt ta' persuni privati li fil-kuxjenza tagħhom ħallew, jew jixtiequ jħallu, Quddies għal ruħhom jew għall-mejtin tagħhom. Dan hu ksur ta' dritt fondamentali tal-bniedem.

Kontra dawk li qiegħed jintqal, il-pass li ttieħed assolutament ma jaqbel xejn mal-Liġi tal-Knisja.

Il-Quddies hu ġid minnu nnifsu spiritwali u għalhekk huwa l-Papa biss, bħala l-Vigarju ta' Kristu, li għandu s-setgħa fuqu.

Għalhekk ħadd ħlief il-Papa ma għandu dritt li jagħmel xi ħaġa li b'xi mod tolqot il-Quddies.

Minħabba f'hekk, inħossu li huwa dmir tagħna nwissu li dawk li s'issa kellhom xi obbligu ta' Quddies marbut ma' xi proprjetà li tibqa' jew li tiġi għandhom jibqgħu obbligati fil-kuxjenza li jwettqu dan l-obbligu ta' Quddies.

Nafu li dan li ġara jweġġa' mhux biss lilna, iżda l-qalb ta' kull nisrani. Madankollu nħeġġukom biex tpoġġu t-tama tagħkom f'Alla.

Ifarraġna l-ħsieb ta' San Pawl filqari tal-lum, li t-tbatija tagħna sseħibna f'dik ta' Kristu għar-rebħa tal-Ġisem Tiegħu li hu l-Knisja.

Mahruġa llum, 16 ta' Lulju, 1983, Festa tal-Madonna tal-Karmnu.

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
*Arċisqof ta' Malta.*
† NIKOL CAUCHI,
*Isqof ta' Għawdex.*

## 6. Stqarrija ta' l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja — 6/10/83

Dan l-aħħar it-Taqsima tat-Tagħrif tal-Gvern ħabbret provvedimenti ġodda f'dak li għandu x'jaqsam ma' piżijiet ta' quddies. Ġie mtawwal iż-żmien li fih wieħed għandu jagħmel dikjarazzjoni dwar il-piiżjiet ta' quddies li jħallas fuq proprjetà tiegħu. Barra dan tneħħa l-obbligu li ndividwi jirreġistraw din il-proprjetà.

Dak li sar ma' l-individwi ma sarx mal-Knisja. Din għadha mistennija tikkonforma mad-data tas-17 ta' Ottubru.

Il-kontenut ta' din l-istqarrija joħloq diskriminazzjoni oħra kontra l-Knisja minħabba l-Liġi dwar Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes.

L-Uffiċċju Stampa tal-Kurja jfakkar illi l-ogħla awtoritajiet tal-Knisja f'Malta u fil-Vatikan urew mhux biss is-sogħba tagħhom għal din il-Liġi iżda wkoll fissru l-effetti ħżiena li din ser tħalli.

*Tfixkel il-ħajja tal-Knisja*

F'diversi stqarrijiet li ħarġu flimkien l-Isqfijiet ta' Malta u ta' Għawdex tennew li din il-Liġi "hija ndħil bla bżonn fi ħwejjeġ spiritwali u tolqot u tfixkel il-ħajja tal-Knisja f'pajjiżna. Illum, wara konsultazzjonijiet mal-Vatikan, inħossu li għandna ntennu dan iddispjaċir tagħna u ngħidu ċar u tond li ma nistgħux naqblu ma' din il-Liġi" (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 28/6/83).

*Ksur ta' dritt fundamentali*

L-Isqfijiet urew kif din il-Liġi hi "ksur ta' dritt fundamentali talbniedem" (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 16/7/83). B'din il-Liġi l-Gvern mhux talli mhux qed jirrispetta l-kuxjenza ta' dak li jkun, anzi qed "jindaħal drastikament fid-dritt ta' persuni privati li fil-kuxjenza tagħhom ħallew jew jixtiequ jħallu għal għanijiet spiritwali fit-testment tagħhom kif iridu huma". (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 28/6/83).

*Kontra l-Liġi tal-Knisja*

L-Isqfijiet tennew li "kontra dak li qiegħed jintqal, il-pass li ttieħed assolutament ma jaqbel xejn mal-Liġi tal-Knisja." (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 16/7/83). Fl-ebda parti tal-Liġi tal-Knisja ma tingħata s-setgħa lill-Awtorità Ċivili tindaħal fil-

materja tal-Quddies; jew tiddeċiedi għal kemm żmien jitwaqqfu l-Fundazzjonijiet tal-Quddies għal futur; jew biex ma tħallix jitkomplew il-Fundazzjonijiet ta' Quddies imwaqqfa għal dejjem. "Skond il-Liġi tal-Knisja kull setgħa fil-materja ta' quddies hija riżervata għall-Papa u għal dawk mogħnija bis-setgħa minnu." (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 8/7/83).

*Obbligu tal-kuxjenza*

L-Isqfijiet Maltin ħassew li huwa dmir tagħhom iwissu "li dawk li s'issa kellhom xi obbligi ta' Quddies marbut ma' xi proprjetà li tibqa' jew li tiġi għandhom jibqgħu obbligati fil-kuxjenza li jwettqu dan l-obbligu ta' Quddies". (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 16/7/83).

*Ma jridha l-ebda Kattoliku*

Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha l-Isqfijiet ikkonkludew li "nifhmu li (din il-Liġi) ma jridha ebda Kattoliku li tassew iħobb u jirrispetta r-reliġjon tiegħu". (Stqarrija ta' l-Isqfijiet 28/6/83).

Tul il-kwistjoni kollha, is-Santa Sede ripetutament uriet l-appoġġ u s-solidarjetà tagħha ma' l-Isqfijiet u l-Knisja Maltija.

## 7. Stqarrija oħra ta' l-Uffiċċju Stampa — 11/10/83

L-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta u fil-Vatikan oġġezzjonaw bil-qawwa għal-Liġi dwar Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes. Dan sar mhux biss għax din il-Liġi tikkonfiska mingħand il-Knisja proprjetà u investimenti li teħtieġ għat-twettiq tal-missjoni tagħha iżda l-aktar għax din il-Liġi hija ndħil serju f'affarijiet spiritwali. Kien minħabba f'hekk li l-Isqfijiet Maltin fl-istqarrija li ħarġu fit-28 ta' Ġunju wara konsultazzjonijiet mal-Vatikan kitbu li din il-Liġi "hi ndħil bla bżonn fi ħwejjeġ spiritwali u tolqot u tfxkel il-ħajja tal-Knisja f'pajjiżna".

Kuntrarjament għal dak li ġie rrapurtat li ntqal din il-Liġi mhux biss tolqot id-dħul tal-Knisja mill-proprjetà iżda tolqot ukoll id-dħul li l-Knisja għandha mill-investimenti. Dawn iż-żewġ għejjun ta' dħul bejniethom iġibu għall-29 fil-mija tad-dħul kollu ta' l-Arċidjoċesi. Bejniethom iġibu s-somma ta' kważi sitt mitt elf lira. Wieħed għandu jqis li l-ispejjeż li l-Arċidjoċesi kellha bżonn biex twettaq il-missjoni tagħha tul l-1982 kienu ta' kważi mitejn elf lira aktar mid-dħul ordinarju. Dan l-iżbilanċ enormi ġie evitat minħabba qliegħ mhux tas-soltu mill-investimenti li l-Arċidjoċesi għandha barra minn Malta. Il-Liġi tad-Devoluzzjoni thedded serjament anke dawn l-investimenti.

Quddiem dal-fatt, wieħed malajr jinduna kemm din il-Liġi tolqot ħażin lill-Arċidjoċesi għax meta toħdilha parti sostanzjali mid-dħul tagħha, tkun qed tagħmilha aktar u aktar diffiċli biex il-ħidma ta' l-Arċidjoċesi fl-oqsma ta' l-appostolat, tal-liturġija, f'dawk soċjali, edukattivi u karitattevoli jitwettqu sew.

L-istat m'għandu l-ebda dritt la fuq din il-proprjetà u lanqas fuq dawn l-investimenti. Ta' qabilna riedu li dawn jitħallew f'idejn il-

Knisja u mhux f'idejn xi ħadd ieħor. Dan għax lill-Knisja afdaw u ħabbu.

Meta tissemma' l-proprjetà tal-Knisja jissemma l-inventarju. Dan l-inventarju kien wieħed biss mill-għadd ta' miżuri ta' rijorganizazzjoni li l-Isqfijiet minn rajhom ħabbru fid-**Documento di Base.** L-inventarju huwa ħaġa nterna tal-Knisja. Kif l-Isqfijiet kellhom id-dritt li jiddeċiedu li jibdewh, l-Isqfijiet, u huma biss, kellhom id-dritt jiddeċiedu xi prijorità jingħata. Il-proċess tar-rijorganizazzjoni kien jitlob li aspetti oħra tar-rijorganizazzjoni jingħataw preċedenza, kif fil-fatt ingħataw.

Din il-Liġi hija ndħil bla bżonn fl-affarijiet spiritwali. Biha l-Gvern qed igħid li għandu kompetenza u setgħa f'xi ħaġa (i.e. fundazzjonijiet tal-quddies għal ruħ il-mejtin) li la għandu u lanqas jista' jkollu setgħa fiha. Din il-Liġi tmur kontra d-dritt fundamentali tal-bniedem u tmur bil-qawwa kontra l-Liġi tal-Knisja. Skond il-Liġi tal-Knisja, kull setgħa fil-materja ta' quddies hija riservata biss għall-Papa u għal dawk mogħnija bis-setgħa minnu.

Minħabba li l-qadi tal-missjoni tal-Knisja f'pajjiżna ser jintlaqat ħażin ħafna b'din il-Liġi, L'OSSERVATORE ROMANO, il-gazzetta tal-Vatikan, f'artiklu fl-ewwel paġna fid-29 ta' Ġunju kitbet illi "Il-Knisja Maltija ma tistax ma tikkundannax dan l-indħil serjissimu kif ukoll l-esproprazzjoni tal-beni ekkleżjastiċi li huwa ksur tal-libertà reliġjuża magħrufa mill-Kostituzzjoni u mil-Liġi".

Hekk kif il-Liġi ġiet approvata mill-Parlament, is-Santa Sede ħarġet stqarrija uffiċjali li fiha tenniet "b'qawwa t-tħassib serju tagħha li diġà wrieh 'L'Osservatore Romano' ... għal għemil unilaterali gravi ħafna... Is-Santa Sede tikkonferma s-solidarjetà ma' l-Isqfijiet u l-istituzzjonijiet Kattoliċi ta' Malta."

Għall-Fundatur tagħha, il-Knisja fid-dinja kollha qiegħda biex taqdi u mhux tinqeda; biex tgħin u mhux biex taħkem; biex tagħti l-ħelsien u mhux biex tjassar... ħelsien mill-ħakma tal-ħażen, ħelsien lil min hu batut, lil min hu ltim, lil min ma għandux min jieħu ħsiebu.

F'pajjiżna, xejn anqas minn fi bnadi oħra, il-Knisja kienet u għadha Omm ħanina li taħseb fl-inqas ixxurtjati fost il-bnedmin.

## B. IL-KNISJA GHAS-SERVIZZ TAL-POPLU

Minn żmien għal żmien ser nibdew nibagħtu tagħrif dwar uħud mis-servizzi li l-Knisja f'Malta qed tagħti.

### 1. Id-djar tax-xjuħ

*** F'Malta u Għawdex il-Knisja qed tmexxi erbatax-il dar tax-xjuħ.

*** F'dawn id-djar jgħixu 500 raġel u mara.

*** Biex jieħdu ħsiebhom hemm 132 soru u 48 impjegat — jiġifieri għal kull tliet residenti hemm persuna (soru jew lajka) tieħu ħsiebhom!

*** Hemm ukoll 90 awżiljarja tal-CARITAS li jmorru jagħtu daqqa t'id regolarment.

*** Fid-djar tal-Knisja nsibu l-fa-

ċilitajiet li tant huma meħtieġa għax-xjuħ u jnaqqsulhom ħafna t-tbatija.

*** Il-Knisja qed tagħmel minn kollox biex fid-djar tagħha jkun hemm ambjent ta' familja aktar milli ta' Istitut.

*** S'issa twaqqfu gruppi Parrokkjali f'disa' parroċċi biex jieħdu ħsieb jgħinu lin-nies li jgħixu waħedhom, l-aktar ix-xjuħ.

*** Infetaħ Ċentru għax-Xjuħ f' Tas-Sliema u ser jinfetħu tliet Ċentri oħra fil-Ħamrun, fil-Belt u fiż-Żejtun.

*** Ix-xjuħ kollha anke dawk li ma jistgħux iħallsu, jingħataw l-istess servizz u trattament.

*** Kull anzjan, minn ras għal ras, iqum lid-dar £m3 kuljum. Dawk li d-dħul tagħhom huwa inqas minn Lm3 li jgħixu mill-pensjoni jew li m'għandhom l-ebda dħul jiġu aċċettati xorta waħda.

ĊERTI DJAR JISTGĦU JEW IŻOMMU JEW IPATTU GĦAT-TELF BISS BIL-GĦAJNUNA TAD-DĦUL MINN PROPRJETA' MHOLLIJA. JEKK JITILFU DAN ID-DĦUL ID-DJAR JISFGĦU MHEDDA.

## Id-djar tat-tfal

** Fil-Gżejjer Maltin, il-Knisja għandha 15-il dar għat-tfal u ż-żgħażagħ li kienu jew orfni jew ma għandhomx min jieħu ħsiebhom.

** F'dawn id-djar hemm:
— trabi tat-twelid;
— subien minn 3 snin sa 11-il sena;
— bniet minn 3 snin sa 18-il sena;
— subien minn 11-il sena sa 18-il sena.

** Hemm ukoll hostel għal tfajliet li jaħdmu.

** F'dawn id-djar hemm b'kollox ftit inqas minn 400 tfal u żgħażagħ "residenti".

** Matul is-sena, id-Djar tal-Knisja jieħdu ħsieb numru ta' tfal għal perijodu limitat li għal raġuni ta' mard tal-ġenituri jew għal xi raġuni oħra ma jkollhomx min jieħu ħsiebhom.

** Is-servizzi kollha li tagħti l-Knisja f'dawn id-Djar hu b' xejn.

** Biex imexxu d-Djar u jieħdu ħsieb it-tfal hemm 135 reliġjuż (sorijiet u xi saċerdoti).

** L-ewwel dar li nfetħet qiegħda Bormla, u ilha miftuħa aktar minn 250 sena. L-aħħar dar infetħet f'Tas-Sliema fl-1960.

** Il-Gvern jagħti għajnuna finanzjarja għal kull tifel u tifla li hemm fid-Djar tal-Knisja. Iżda dawn id-Djar ma kienx ikun possibbli li jeżistu kieku ma kienx hemm benefatturi fl-imgħoddi u fil-preżent u fuq kollox is-servizz tar-reliġjużi — fin-nuqqas ta' ġenituri — jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom, bil-lejl u bin-nhar għat-tfal u ż-żgħażagħ.

** L-Uffiċċju li jikkoordina d-Djar tat-Tfal tal-Knisja jinsab fi Triq Zekka, il-Belt u jkun miftuħ filgħodu mit-Tnejn sas-Sibt barra l-Ħamis.

## 3. Is-Sorijiet tal-Bon Pastur

* L-Ordni tar-Ragħaj it-Tajjeb jew tal-Bon Pastur kif inhuma magħrufa fostna ġew Malta 125 sena ilu fl-1858.
* Il-Missjoni ewlenija ta' dawn is-sorijiet hi li jagħtu għajnuna lit-tfajliet u lin-nisa li jkollhom diffikultajiet personali, familjari jew soċjali.
* Fil-mitt sena bejn l-1858 u l-1968 is-sorijiet tal-Bon Pastur kienu mixħuta biex jieħdu ħsieb
  — it-tfal orfni jew li kellhom bżonn ta' protezzjoni;
  — tfajliet u nisa li kellhom bżonn ta' għajnuna.
* Illum is-Sorijiet tal-Bon Pastur għandhom tlett idjar għal:
  — tfajliet li għandhom bżonn ta' tmexxija u pariri;
  — tfajliet ħaddiema u għarajjes li telqu mid-dar u jeħtieġu l-għajnuna;
  — għan-nisa miżżewġin fi kriżi u għal uliedhom;
  — għall-ommijiet mhux miżżewġa.
* Jagħtu wkoll ħafna għajnuna bil-pariri fid-djar tan-nies.
* Hemm 11-il soru u 4 voluntieri mixħuta fuq dan ix-xogħol meħtieġ.
* Is-Sorijiet kollha tal-Bon Pastur huma mħarrġa professjonalment u d-djar tagħhom mgħammra bil-ħtiġijiet kollha.
* Matul dawn l-aħħar 25 sena, is-sorijiet bdew jirċievu xi għajnuna mingħand il-Gvern, iżda DAN IS-SERVIZZ TAL-KNISJA MA KIENX IKUN POSSIBBLI LI JINGHATA MINGHAJR L-GHAJNUNA ĠENERUŻA TAL-MALTIN FL-IMGHODDI TAL-FAMILJI U S-SORIJIET TA' PAJJIŻI OHRA U FUQ KOLLOX ID-DEDIKAZZJONI SHIHA TAS-SORIJIET TAL-BON PASTUR.

## 4. Il-Qassisin

* F'Malta u Għawdex hawn madwar 550 qassis.
* Minn dawn xi 120 qegħdin il-ħin kollu jagħtu servizz lil 'l fuq minn 270,000 li jgħixu fit-62 parroċċa (48 f'Malta u 14 f'Għawdex) immexxija mill-qassisin.
* il-parroċċi jgħinu wkoll għadd ieħor ta' qassisin li l-ħidma prinċipali tagħhom hija barra l-parroċċa.
* Barra l-ħidma fil-parroċċi, il-qassisin jagħtu servizz lill-poplu t'Alla f'Malta u Għawdex billi jaħdmu:
  — Fil-Kummissjonijiet li jagħtu servizzi lill-emigranti, miżżewġin, għarajjes, katekisti, tfal orfni, 'handicapped', anzjani, drogati, nies bi problemi u servizzi oħra meħtieġa.
  — Fil-Fakultà tat-Teoloġija u fiż-żewġ Seminarji.
  — Fil-'Youth Centres' tal-Knisja u ma' żgħażagħ f'ambjenti oħra.
  — Bħala amministraturi.
  — Fit-Tribunali taż-Żwiġijiet.
  — Bħala Kappillani fid-Djar tat-Tfal u tax-Xjuħ.
  — Fost il-ħaddiema tal-fabbriki.
  — Fost l-Għaqdiet Reliġjużi.

— Fl-Iskejjel tal-Knisja.

* Qabel wieħed isir qassis, idum jistudja għal mill-inqas 8 snin wara li jispiċċa l-iskola Sekondarja. L-istudji jsiru fil-Fakultà tat-Teoloġija f'Tal-Virtù jew fis-Seminarju, ir-Rabat, Għawdex.

* Barra minn Malta hemm 132 qassis Malti u 44 qassis Għawdxi jaħdmu f'14-il pajjiż differenti.

L-Isqfijiet Maltin f'dikjarazzjoni li ħarġu fl-24 ta' Ġunju tkellmu dwar il-ħidma tas-saċerdoti. L-Isqfijiet kitbu li "Għand dawn l-istess saċerdoti l-insara li jemmnu jirrikorru biex igħammdu t-tfal tagħhom, biex iqerru, biex jiżżewġu u biex isibu l-faraġ u l-kuraġġ fil-problemi morali tagħhom fid-dawl tal-Evanġelju li jxandrulhom; u aktar u akta rimbagħad waqt il-ħin l-iżjed iebes ta' ħajjithom meta jkunu waslu biex iħallu din id-dinja u jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' Alla."

## 5. Il-Moviment ta' Kana

* Il-Moviment ta' Kana twaqqaf fl-1956 biex jeduka lill-koppji fil-valuri nsara taż-żwieġ u tal-familja u biex jagħti servizz ta' thejjija u pariri dwar iż-żwieġ.

Ta' kull sena l-Moviment jorganizza:

* 30 kors ta' thejjija ta' seba' laqgħat il-wieħed għal madwar 2000 għarus u għarusa.
* Korsijiet dwar l-ippjanar tal-familja b'metodi naturali.
* Korsijiet li għandhom x'jaqsmu mad-dar għal 200 xebba u mara miżżewġa.
* Korsijiet ta' 'relaxation' għan-nisa waqt it-tqala.
* Eżerċizzi u laqgħat ta' talb għall-għarajjes u l-miżżewġin.
* Matul is-sena, il-Moviment jagħti servizz ta' 'counselling' dwar problemi mediċi, psikoloġiċi, morali, sesswali legali u oħrajn lill-għarajjes u l-miżżewġin lil ftit inqas minn 2000 persuna.
* Dan is-servizz, il-Moviment ta' Kana jagħtih permezz ta':
  — Saċerdoti
  — Tobba
  — Avukati
  — Counsellors imħarrġa.
* Minbarra l-Uffiċċju Ċentrali fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, li jkun miftuħ kuljum, il-Moviment għandu Djar f'dawn il-postijiet:
  — Raħal Ġdid
  — Rabat
  — Qormi
  — Żejtun
  — Għawdex
* Kliniċi f'Raħal Ġdid, ir-Rabat, iż-Żejtun, Hal Qormi u l-Furjana.
* IS-SERVIZZI TAL-MOVIMENT TA' KANA JINGHATAW KOLLHA BLA HLAS.

## 6. Is-Sorijiet

* F'Malta u Għawdex hawn 16-il Kongregazzjonijiet ta' Sorijiet.
* Hawn ma' l-1200 soru f'Malta u aktar minn 600 oħra jaħdmu barra f'27 pajjiż differenti fil-5 kontinenti tad-dinja.
* F'Malta hawn ukoll 6 monasteri ta' sorijiet Klawsura li huma dedikati l-aktar għat-talb u l-kontemplazzjoni.
* Is-sorijiet jieħdu ħsieb u jmexxu:
  — 15-il dar tat-tfal u ż-żgħażagħ;
  — 14-il dar tax-xjuħ;
  — 3 idjar għat-tfajliet u nisa f' diffikultajiet.
* Is-sorijiet jagħmlu ħidma kbira wkoll:
  — fil-qasam ta' l-edukazzjoni tat-tfal u żgħażagħ;
  — fl-isptarijiet u l-ħabs;
  — fil-parroċċi bħala katekisti;
  — bħala 'counsellors';
  — ma' l-anzjani f'darhom;
  — fis-seminarji ta' Malta u ta' Għawdex;
  — fil-fabbriki;
  — f'xogħol ieħor klerikali u manwali.

"Immexxija mill-imħabba li jkebbes f'qalbhom l-Ispirtu s-Santu (Rum. 5,5), ir-reliġjużi jgħixu dejjem aktar għal Kristu u l-Ġisem tiegħu li hi l-Knisja (Kol. 1,24). Għalhekk aktar ma jkunu marbuta b'ħerqa ma' Kristu biċ-ċaħda totali u għal dejjem tagħhom infushom, aktar tistagħna l-ħajja tal-Knisja u aktar tkun ħajja u għammiela l-ħidma ta' l-appostolat tagħha."

(Konċilju Vatikan II, Digriet fuq il-Hajja Reliġjuża No. 1).

## 7. Ir-Reliġjużi rġiel

* F'Malta u Għawdex hawn 12-il ordni reliġjuż ta' l-irġiel — 11 ta' patrijiet u waħda tal-'Brothers' (Freres).
* B'kollox dawn l-ordnijiet għandhom aktar minn 500 membru f' Malta u ftit inqas minn 300 jaħdmu barra minn Malta fi 22 pajjiż imxerrda mad-dinja kollha.
* Il-patrijiet jieħdu ħsieb 15-il parroċċa f'Malta fejn igħixu mal-50,000 ruħ.
* Barra l-parroċċi, il-patrijiet għandhom ukoll għadd mhux żgħir ta' knejjes biex jaqdu l-ħtiġiet spiritwali ta' dawk li jgħixu qribhom, ħafna drabi 'l bogħod miċ-ċentru tar-raħal.
* Il-patrijiet jagħtu servizz ukoll:
  — fl-isptarijiet;
  — fid-djar u l-istituti tal-Knisja;
  — fl-iskejjel;
  — fiċ-Ċentri taż-żgħażagħ;
  — fil-fabbriki u postijiet tax-xogħol;
  — fil-Fakultà tat-Teoloġija u fl-INSERM;
  — fit-Tribunal taż-Żwiġijiet;
  — f'Kummissjonijiet tal-Knisja.
* L-istess bħal ta' qassis, il-kors ta' thejjija u studju li jagħmel patri jieħu madwar 8 snin.
* Ir-reliġjużi jgħixu f'komunità u minbarra ċ-ċelibat għandhom il-vot ta' faqar u ubbidjenza.

"...dawk kollha msejħin minn Alla biex jipprattikaw il-kunsilli evanġeliċi u li jwiegħbu b'fedeltà

għal din is-sejħa u jidħlu biex josservaw dawn il-kunsilli jkunu qed jintrabtu mal-Mulej b'rabta speċjali. Huma jimitaw u jimxu wara Kristu li, kast u fqir (Lq. 8,20; 9, 58) feda u qaddes lill-bnedmin permezz ta' ubbidjenza anke sal-mewt fuq is-salib (Fil. 2,8)".

(Mill-Konċilju Vatikan II, Digriet fuq il-Ħajja Reliġjuża Nru. 1).

## 8. Sussidju ta' Lm450 lill-anzjani mill-Knisja

Id-Djar tax-Xjuħ fi ħdan l-Arċidjoċesi qed jissussidjaw lil kull xiħ u xiħa b'xi Lm450 fis-sena jew lira u tlieta u għoxrin ċenteżmu kuljum. Dan jirriżulta mir-Rendikont Finanzjarju ta' l-Arċidjoċesi għas-sena 1982.

Id-Djar inklużi f'dan ir-rapport huma Dar Sawra (Rabat), Dan San Ġużepp (Żebbuġ), Ospizju S'Anna (Senglea), Apap Institute (Hamrun), Jesus of Nazareth (M'Xlokk), Id-Dar tal-Kleru (B'Kara). F'dawn id-Djar hemm jgħixu madwar 128 raġel u mara. Biex jieħdu ħsiebhom hemm madwar 39 soru u 22 impjegat. Ix-xjuħ f'dawn id-djar iħallsu skond ma jistgħu u hemm min saħansitra ma jħallas xejn. Ix-xjuħ kollha, ukoll dawk li ma jistgħux iħallsu, jingħataw l-istess servizz u trattament.

L-anzjani li hemm fid-djar li tmexxi l-Arċidjoċesi jħallsu, ras għal ras, Lm772 fis-sena. Jekk taqsam l-ispiża li ssir biex jinżammu dawn id-djar issib li ras għal ras kull persuna li hemm fihom tiġi tqum ma' l-Lm1,200 fis-sena. Jiġifieri d-djar qed jissussidjaw lil kull xiħ u xiħa b'xi Lm450 fis-sena.

Dak li jħallsu x-xjuħ f'dawn id-djar iservi biss għall-ikel, ħasil, tiswijiet u manutensjoni. Dak li jagħtu x-xjuħ lanqas iservi biex anke jitħallsu l-pagi ta' l-impjegati lajċi Dawn il-pagi jlaħħqu ma' l-Lm44,147.

Dawn id-djar jistgħu jmexxu 'l quddiem minħabba l-ħidma dedikata u ġeneruża għall-aħħar tat-38 soru li hemm jaħdmu fihom lejl u nhar. Kieku dawn is-sorijiet kellhom jibdew jitħallsu paga regolari kieku dawn id-djar jagħalqu. Il-ħidma ta' dawn is-sorijiet u ta' l-awżiljari li jgħinu voluntarjament ma tistax titkejjel bil-flus.

Id-djar għandhom ukoll dħul mill-proprjetà li xi nies ġenerużi ħallewlhom, u dħul ieħor minn imgħaxijiet. Mill-proprjetà fl-1982 daħħlu Lm11,026 u mill-investimenti Lm14,456. Minkejja dan kollu, tul l-istess sena d-Djar kellhom telf ta' Lm26,660. Jekk id-dħul mill-proprjetà jew mill-investimenti b'xi mod jonqos id-Djar ikollhom diffikultajiet akbar.

## 9. Is-Sorijiet tal-Klawsura jgħixu b'Lm460 fis-sena, ras għal ras

Tul l-1982 id-Dħul kollu tas-sorijiet tal-Klawsura fi ħdan l-Arċidjoċesi ras għal ras kien biss ta' Lm460 fis-sena. Dan jirriżulta mir-Rendikont Finanzjarju għas-Sena 1982 li l-Arċidjoċesi ta' Malta għadha kemm ippublikat.

B'dawn il-flus, is-sorijiet riedu jieklu, jilbsu, ilaħħqu mal-bżon-

nijiet tal-ħajja u jżommu l-monasteri fi stat tajjeb. Aktar minn 80% tad-dħul tas-sorijiet ġej mill-proprjetà li ħallewlhom ta' qabilna, waqt li mas-17% tad-dħul ġej mill-imgħax fuq l-investimenti. Dawn il-flus qed idaħħluhom għax għadd ta' Maltin matul iż-żmenijiet emmnu fil-missjoni ta' dawn is-sorijiet u riedu jgħinu biex il-mod ta' għixien ta' dawn is-sorijiet ikun garantit u b'hekk kunu jistgħu jkomplu jaqdu l-missjoni tagħhom f'pajjiżna.

F'Malta hawn erba' monasteri tas-sorijiet tal-klawsura fi ħdan l-Arċidjoċesi. Żewġ monasteri huma tas-sorijiet tal-Benedittini: ta' San Pietru fl-Imdina u ta' Sta. Skolastika fil-Birgu. Ta' l-ewwel twaqqaf għall-ħabta ta' l-1418. It-tieni wieħed kien ukoll beda fl-Imdina iżda fl-1604 is-sorijiet marru l-Birgu.

Fil-belt Valletta insibu żewġ monasteri. Il-monasteru ta' Sta. Katerina li nbeda fl-1580 u l-monasteru tas-sorijiet ta' Sta. Ursola li nbeda l-Birgu fl-1546 mill-Granmastru Verdala. Tnax -il sena wara titieħed il-belt Valletta.

F'dawn il-monasteri hemm 82 soru tal-klawsura li jgħixu ħajja ta' talb, xogħol u penitenza, imwarrbin fis-skiet.

## C. IR-RIJORGANIZAZZJONI TAL-AMMINISTRAZZJONI TAL-KNISJA

Fil-bidu tas-snin sebgħin il-Knisja Maltija iddeċidiet li tirrijorganizza l-amministrazzjoni tagħha. L-iskop ta' din ir-rijorganizazzjoni kien li r-riżorsi tal-Knisja jintużaw aħjar biex jitjiebu l-ħidmiet pastorali, soċjali, karitattivi, missjunarji u ħidmiet u bżonnijiet oħra.

Fis-7 ta' Marzu 1972, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex kitbu lill-E.T. Mons. Giovanni Benelli, Sostitut għas-Segreterija ta' l-Istat tas-Santa Sede. L-Isqfijiet Maltin bagħtu ittra, magħrufa bħala d-*Documento di Base*. L-ittra kienet iffirmata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u mill-Isqfijiet Emanuel Gerada u Emanuel Galea u minn Mons. Nikol Cauchi, li kien Amministratur Apostoliku t'Għawdex. F'din l-ittra l-isqfijiet kienu sejħu r-riforma proposta bħala "riforma eminentement pastorali" li kienet ser tgħin lill-Knisja taqdi aħjar il-ħidma tagħha.

Dan id-*Dokument Bażiku*, fost ħwejjeġ oħra, ordna ċ-ċentralizazzjoni ta' l-amministrazzjoni ta' l-entijiet djoċesani biex ir-riżorsi tal-Knisja jiġu mħaddma bi skop iżjed pastorali. Id-dokument jitlob ukoll li jitwaqqfu l-Kunsill Rapreżentattiv Djoċesan (K.R.D.) u l-Kumitat Finanzjarju Ojoċesan (K.F.D.) u li sseħħ sistema ġdida ta' kif jitħallsu l-qassisin.

Illum, u fil-ġranet li ġejjin, ser nagħtu aktar tagħrif dwar il-ħidma kbira li kellha ssir u għadha qed issir biex din ir-rijorganizazzjoni titwettaq. Ser niktbu wkoll dwar l-effetti tajbin li din ir-rijorganizazzjoni qed tħalli.

### 1. Il-flus li jdaħħlu l-qassisin

Sa inqas minn 20 sena ilu, l-parti l-kbira tal-qassisin dedikati għas-servizz tal-poplu kienu jiddependu għall-għixien tagħhom mill-offerti li jagħtuhom l-insara għall-quddies u għal servizzi oħra.

Dan kien ifisser, fost ħwejjeġ oħra, waħda li l-qassis ma kellux dħul fiss u l-oħra li l-qassisin li jaħdmu f'parroċċi mnejn id-dħul kien baxx, kienu qegħdin ibatu materjalment.

Qassis huwa bniedem bħall-oħrajn u għalkemm ma għandux mara u tfal, ġeneralment irid lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu — isajjarlu u jżommlu nadif. Qassis irid jiekol, irid jilbes, irid ikollu dar fejn joqgħod u anki f'ċerti każi għall-inqas xi "kumditajiet" oħra bħalma huma t-telefon u karozza li biha jkun jista' jaqdi aħjar ix-xogħol tiegħu.

Biżżejjed wieħed jgħid li sa 8 snin ilu meta l-inqas paga kienet ta' Lm12.00 fil-ġimgħa, viċi f'parroċċa kien idaħħal Lm9.60 fil-ġimgħa (bil-quddies b'kollox) meta kien dedikat għal 24 siegħa sħaħ kuljum lest ħa jwieġeb għas-sejħat li jsirulu.

L-Arċidjoċesi riedet li kull qassis li jiddedika s-servizz tiegħu għad-djoċesi ma jibqax ikollu joqgħod iħabbel rasu hu ħalli jara kif jagħmel biex ikun jista' jgħix b'mod diċenti. Kien għalhekk li l-Arċidjoċesi għamlet riorganizazzjoni sħiħa taddħul u ħlasijiet lil dawk is-saċerdoti li kienu qed jiddedikaw il-ħin kollu tagħhom għal ħidma pastorali.

Din ir-rijorganizazzjoni bdiet fl-1 ta' Novembru 1975. Minn dak in-nhar bdiet titħaddem skala għad-dħul ta' flus ta' dawk il-qassisin kollha li jaħdmu "full time" fuq xogħol pastorali. Bl-iskema l-ġdida ġie mħares aħjar is-sens ta' ġustizzja mas-saċerdoti nfushom, waqt li kienet ta' vantaġġ għall-insara Maltin għax b'hekk is-saċerdoti setgħu jiddedikaw aktar mill-ħin tagħhom għal xogħol pastorali.

Għall-informazzjoni ta' kulħadd, sejrin inġibu hawn taħt id-dħul tal-qassisin li jaħdmu ma' l-Arċidjoċesi "full time" — jiġifieri ta' dawk il-qassisin (u *mhux patrijiet*) li ma jagħmlux xogħol ieħor (p.ez. teachers mal-Gvern, eċċ) kif iffissat għas-sena 1982 u għadu jgħodd sallum.

Dan id-dħul huwa "gross" — minnu l-qassisin irid iħallas l-"income tax" u s-sehem tiegħu tal-kontribuzzjoni ta' l-insurance (il-bolla).

Qegħdin ukoll inġibu salarji ta' xi impjegati biex wieħed ikun jista' jkollu idea aktar ċara tal-qagħda finanzjarja tal-qassis li wara snin ta' studju, jinxteħet biex jagħti servizz lill-poplu ta' Alla fl-Arċidjoċesi ta' Malta.

Il-kariga ta' l-Arċisqof għandha remunerazzjoni ta' Lm3,356 fis-sena.

| *A. Karigi* | *Dħul fis-sena* |
|---|---|
| Vigarju Ġenerali ... ... | Lm2,062 |
| Kanċillier, Segretarju Djoċesan, Segretarju Amministrattiv, Rettur tas-Seminarju ... ... ... | Lm1,966 |
| Professur fil-Fakultà tat-Teoloġija ... ... ... | Lm1,916 |

Kappillani u Kapi
Ufficcji ... ... ... ... ... Lm1,866
Vici parroku u
qassisin ... ... ... ... ... ... Lm1,666

N.B. (1) Dawn il-figuri ma jinkludux il-bonus.

(2) Iċ-ċifri jinkludu fihom ukoll l-offerta li tingħata bħala elemosina tal-quddiesa.

(3) Ta' min jgħid li l-qassisin li jaqdu aktar minn ufficcju wieħed fl-Arċidjoċesi ma jingħatawx remunerazzjoni ta' kull ufficcju li jaqdu, iżda remunerazzjoni sħiħa tingħata biss għall-kariga prinċipali u mbagħad kontribuzzjoni għall-ufficcju l-ieħor. Dan igħodd ukoll għal Monsinjuri u l-Kanoniċi.

Biex wieħed jieħu ideja aħjar qegħdin inġibu wkoll xi figuri oħra ta' xi mpjegati tal-Gvern.

*B. Skrivani taċ-Ċivil*

| | *Dħul fis-sena* |
|---|---|
| Kap ta' Dipartiment II | Lm4,204 |
| A.O. ... ... ... ... ... ... | Lm3,202 |
| Clerk II (skrivan) ... | Lm2,522 |
| Clerk I (skrivan) ... ... | Lm2,114 |

*C. Ufficjali Professjonali (tobba, dentisti, inġiniera, avukati ecc.)*

| | |
|---|---|
| Grade III ... ... ... ... ... | Lm4,058 |
| Grade II ... ... ... ... ... | Lm3,643 |
| Grade I ... ... ... ... ... | Lm3,292 |

*D. Dipartiment ta' l-Edukazzjoni*

| | |
|---|---|
| Direttur ... ... ... ... ... | Lm4,204 |
| Kap ta' Skola II ... ... | Lm3,514 |
| Kap ta' Skola I ... ... ... | Lm3,202 |
| Teacher I ... ... ... ... | Lm2,522 |

*E. Paga Minima Nazzjonali* Lm1,554

Dawn il-figuri jitkellmu weħedhom. Viċi-Kappillan jirċievi ftit aktar mill-paga minima nazzjonali; il-Vigarju Ġenerali (l-ogħla kariga wara l-Arċisqof) jingħata Lm50 fis-sena inqas mill-iżgħar grad ta' skrivan u l-Arċisqof, ftit aktar minn surmast ta' skola żgħira. Ir-remunerazzjoni ta' Professur fil-Fakultà tat-Teoloġija hija Lm1,000 anqas fis-sena minn teacher mal-gvern b'sitt snin esperjenza.

Wieħed ma jridx jinsa li l-kors ta' qassisin huwa itwal mill-kors tat-tobba u l-avukati.

Dan kollu juri li min jintefa' għall-ħidma saċerdotali żgur ma jagħmilx hekk minħabba l-flus. Ix-xogħol ta' qassis la hu impieg u lanqas professjoni, iżda servizz u missjoni li jitlob dedikazzjoni sħiħa.

**2. Amministrazzjoni organizzata**

Hawn min jaħseb li fejn għandha x'taqsam l-amministrazzjoni tal-proprjeta' u ġid ieħor, il-Knisja f'Malta hi x'aktarx diżorganizzata u li dan il-ġid qiegħed f'idejn xi erba' saċerdoti dilettanti.

Il-verita' turi xort'oħra.

F'Marzu 1972, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex ressqu għall-konsiderazzjoni tas-Santa Sede dokument magħruf bħala **"Documento di Base"**. Dan id-Dokument ipproponа tliet ħwejjeġ prinċipali: (1) li l-finanzi kollha jkunu amministrati minn post wieħed; (2) li jitwaqqaf il-Kunsill rappreżentattiv Djoċesan u (3) l-Kumitat Finanzjarju Djoċesan.

Il-Kunsill Rappreżentattiv, kif jixhed ismu, jirrappreżenta tista'

tgħid lill-oqsma kollha ta' l-Arċidjoċesi. Fih hemm il-Vigarju Ġenerali, is-Segretarju Amministrattiv, is-Segretarju Pastorali u rappreżentanti maħtura wara elezzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral, tal-Kolleġġjati, tal-Kappillani, tal-Viċijiet, tal-Kunsill tal-Patrijiet, tal-Kunsill Presbiterali (qassisin u patrijiet) u tal-Kunsill tas-Sorijiet. Fih ukoll żewġ lajċi — wieħed jirrappreżenta l-Kunsill Pastorali u l-ieħor l-għaqdiet reliġjużi.

Il-Kunsill jiltaqa' taħt il-presidenza ta' l-Arċisqof u d-deċiżżjonijiet jittieħdu wara votazzjoni. Dan juri li l-Kunsill — il-KRD kif inhu magħruf fil-qosor — hu organu demokratiku u permezz tiegħu jiġi żgurat li deċiżżjonijiet importanti li jolqtu l-ħajja tad-djoċesi ma jittieħdux minn persuna waħda jew grupp żgħir ta' nies iżda minn għadd ta' persuni fil-biċċa l-kbira tagħhom magħżula bil-voti ta' min jirrappreżentaw.

L-għan ta' dan il-Kunsill kien maħsub mill-bidu li lill-Knisja f'Malta jtiha Korp li jkun jista' jara x'inhuma l-ħtiġijiet l-aktar importanti tad-djoċesi f'dak li jolqtu l-amministrazzjoni, ifassal policy ġenerali u jara li din il-policy tiġi mwettqa.

Flimkien mal-K.R.D., ukoll bħala riżultat tad-"Documento di Base", twaqqaf il-Kumitat Finanzjarju Djoċesan. Dan il-Kumitat, minbarra l-Arċisqof, il-Vigarju Ġenerali u s-Segretarju Amministrattiv, hu magħmul minn nies tekniċi b'esperjenza fl-amministrazzjoni, fosthom avukat, perit u bankier. Xogħolu hu li jwettaq id-deċiżżjonijiet li jieħu l-K.R.D. waqt li fl-istess ħin jipprepara programm biex jitressaq quddiem il-K.R.D. għall-approvazzjoni tiegħu.

Minbarra l-Kunsill Rappreżentattiv u l-Kumitat Finanzjarju u bħala frott tar-rijorganizazzjoni amministrattiva fi ħdan id-djoċesi, twaqqaf ukoll l-Uffiċċju Djoċesan Amministrattiv. Dan l-uffiċċju fih żewġ fergħat jew taqsimiet; waħda msejħa "Taqsima Finanzi" u l-oħra "Taqsima Proprjetà". Hafna minn dawk li jaħdmu f'dawn iż-żewġ taqsimiet huma sekulari (u mhux qassisin jew reliġjużi) bi kwalifiki meħtieġa fl-amministrazzjoni u l-finanzi. Il-kapijiet taż-żewġ taqsimiet ukoll jiffurmaw parti mill-Kumitat Finanzjarju.

Biex jgħin fix-xogħol ta' l-amministrazzjoni, it-taqsimiet illum għandhom l-għajnuna ta' makkinarju modern bħalma hu Computer li mhux biss iħaffef ix-xogħol u jagħmlu aktar eżatt, iżda wkoll jagħmel tajjeb għan-numru limitat ta' nies li hemm impjegati.

Importanti li wieħed jgħid ukoll li x-xogħol tat-Taqsima Finanzi jiġi eżaminat regolarment minn ditta magħrufa ta' awdituri.

Dan juri li r-rijorganizazzjoni amministrattiva mixtieqa mill-Knisja u mfassla fid-"Documento di Base" bdiet isseħħ bis-serjeta'. Iżda setgħet timxi 'l quddiem l-aktar bil-għajnuna tal-makkinarju illi daħal fis-suq u li d-djoċesi setgħet tixtritixtri mħabba li kien rħos il-prezz. Mingħajr dan il-makkinarju kien ikun kważi mpossibbli li wieħed jasal għal riżultat li jiġbor fih id-dħul u l-ħruġ ta' flus kif ukoll il-qagħda finanzjarja ta' l-Arċidjoċesi kollha.

B'daqshekk ma jfissirx li ma għadx baqa' xi jsir. Il-Knisja ta' Malta hija deċiża li ma tħarisx lura. Hija trid tkompli tibqa' torganizza l-affarijiet tagħha, u ssir dejjem iżjed effiċjenti fl-amministrazzjoni tagħha. U dan biex fid-dinja tal-lum tkun tista' taqdi l-missjoni pastorali tagħha skond ma jitolbu ż-żmenijiet u bil-metodi li jeżistu llum ħalli tkun tista' tagħti servizz dejjem aħjar lill-poplu.

### 3. Fundazzjonijiet tal-Quddies

Il-flus li għandha l-Knisja ġejjin minn fundazzjonijiet jew donazzjonijiet magħmula mill-insara sa minn żmien ilu. Fundazzjoni titwaqqaf meta persuna tagħti jew tħalli proprjetà bil-ħsieb li l-imgħax jew kera li tħalli, tiġi applikata f'Quddies jew servizzi oħra ta' kult, karità jew opri soċjali skond il-volontà tal-fundatur.

Hemm żewġ modi kif isiru fundazzjonijiet:

i. b'għotja inkella donazzjoni waqt ħajtu (din tissejjaħ *inter vivos);*

ii. jew permezz ta' testment.

i *Fundazzjoni b'għotja inkella donazzjoni ('inter vivos'):*

Din issir meta wieħed imur huwa stess għand il-kappillan, jew xi saċerdot jew il-Kurja u jagħmel domanda li biha jitlob lill-Arċisqof iwaqqaf fundazzjoni. Fundazzjoni tibda sseħħ meta titwaqqaf b'digriet ta' l-Arċisqof.

Il-Knisja f'Malta, b'effett tar-rijorganizazzjoni u bil-permess dovut tas-Santa Sede, sa minn Lulju 1979 bdiet taċċetta fundazzjonijiet magħmula minn persuni ħajjin (inter vivos) għal 25 sena biss.

Il-flus li jitħallew jiġu depositati l-Kurja u jibdew jitwettqu l-obbligi li l-fundatur ikun irid. Min jiddepožita l-flus jingħata għażla. Huwa jiddeċiedi dak il-ħin stess jekk iridx li l-flus imorru għal xi skop reliġjuż jew ta' karità wara l-25 sena, eż. Seminarju, Missjoni, Istituti eċċ. B'hekk dan jieħu suffraġju għal ruħu mill-ġid spiritwali li jinkiseb mill-attivitajiet pastorali li jsiru b'dawk il-flus imħollija. Jista' jiddeċiedi wkoll li f'għeluq il-25 sena, il-flus imħollija fi żmien qasir isiru kollha quddies u l-fundazzjoni tagħlaq.

Min jagħżel li ma' l-għeluq tal-25 sena l-kapital ta' flus imur għal xi opra reliġjuża jew ta' karità, jiġi mitlub jawtorizza lill-Arċisqof biex jekk il-flus imħollija ma jkunux jistgħu jiġu wżati kif ried hu, ngħidu aħna jmorru għal istitut u dan ma jkunx għadu jeżisti, wara l-25 sena, il-flus imorru għal xi skop ieħor reliġjuż jew ta' karità kif jidhirlu l-aħjar l-Arċisqof.

Kull min xtaq jagħmel fundazzjoni mill-1979 'l hawn, dan kien mgħarraf b'dawn l-iżviluppi. Nirrepeti, dan sar wara li l-Knisja lokali kisbet il-permessi meħtieġa mingħand il-Papa. Il-Papa biss jista' jagħti permess f'dak li għandu x'jaqsam mal-quddies.

ii. *Fundazzjoni b'testment:*

Wieħed jista', fit-testment tiegħu, iniżżel li jrid li wara mewtu titwaqqaf fundazzjoni skond ix-xewqa tiegħu. L-eżekutur (min ikun responsabbli biex iseħħ it-testment) jew il-werrieta mbagħad jitolbu lil Mons. Arċisqof biex jilqa' din it-talba u jwaqqaf din il-fundazzjoni. Il-flus jiġu depożitati fil-Kurja biex bl-interessi ta' kull sena jitwettqu l-obbligi li jkun irid min għamel it-testment. S'issa għadhom jiġu aċċettati fundazzjonijiet perpetwi (għal dejjem) permezz ta' testment. *Il-Liġi Kanonika l-ġdida tħalli f'idejn l-Isqfijiet tal-post għal kemm żmien għandhom isiru fundazzjonijiet. Hadd ħliefhom ma għandu setgħa f'dawn il-ħwejjeġ.*

Dwar il-fundazzjonijiet perpetwi

li saru qabel, anke mijiet ta' snin ilu, l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta kienu ġa talbu lis-Santa Sede sabiex isir studju dwarhom għax is-Santa Sede biss għandha s-setgħa li tikkunsidra u tiddeċiedi dwar talbiet bħal dawn. Iżda s'issa l-pożizzjoni għadha ma nbidlitx — għadu bħal qabel. Li nbidel f'xi każi hu n-numru ta' quddies imħolli fil-fundazzjoni. Billi n-numru ta' quddies kien marbut mal-valur tal-fundazzjoni, fejn dan il-valur kiber ħafna, in-numru ta' quddies żdied, waqt li fejn niżel ħafna, l-għadd ta' quddies kellu jonqos. Dan biex tiġi rispettata kif titlob il-Knisja, ir-rieda tal-fundatur li meta waqqaf il-fundazzjoni ried ukoll li l-flus li ħalla jservu biex jipprovdu għixien aħjar għas-saċerdoti meta jqaddsu l-quddies.

Kull min għamel fundazzjoni fl-imgħoddi, għamilha għax kellu fiduċja fil-Knisja Hu kien ċert li jekk xi darba mħabba li jinbidlu ċ-ċirkostanzi l-iskop tal-fundatur ma jkunx jista' jibqa' jitwettaq, u l-Knisja jkollha tagħmel xi tibdil, hi dejjem ser tibqa' tirrispetta l-volontà jew rieda tal-fundatur. Per eżempju, il-Knisja ma tistax, flus imħollija għall-quddies, tużahom biex tagħmel pittura jew nar għal festa.

Meta ċ-ċirkostanzi jitolbu li jsir xi tibdil fil-fundazzjonijiet, dan isir bis-setgħa tal-Papa, jew ta' dawk li hu, u hu biss, jawtorizza. Għaliex il-fundatur, meta waqqaf fundazzjoni ried li din tiġi amministrata biss mill-awtoritajiet tal-Knisja.

Ma jkunx barra minn loku li nfakkru dak li kitbu l-Isqfijiet Maltin fl-24 ta' Ġunju li għadda dwar dawk in-nies li minħabba l-faqar tagħhom ma jistgħux jagħmlu offerti lis-saċerdoti biex jitqaddes quddies skond il-fehma tagħhom. Dwar dan l-isqfijiet kitbu hekk:

"Dawn, minkejja dan kollu, għandhom sehem ukoll mill-ġid tal-quddies. Il-Knisja għax tħobbhom, minn dejjem ħasbet fihom tant li f'kull quddiesa li titqaddes, isir talb għall-ħajjin u l-mejtin kollha. Barra dan, kull isqof u kull kappillan joffri s-sagrifiċċju tal-quddiesa fil-Ħdud u fil-festi kollha ta' matul is-sena għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tal-Poplu ta' Alla fdat f'idejhom, kif ukoll għas-suffraġju tal-mejtin kollha. Dan jagħmluh mingħajr ma jistgħu jirċievu ebda elemożina għal dan il-quddies."

Ma' dan inżidu wkoll illi s-saċerdoti tad-dinja li fit-2 ta' Novembru jqaddsu tliet quddisiet, iqaddsu waħda minnhom għall-erwieħ tal-purgatorju. It-tielet waħda titqaddes dejjem skond l-intenzjoni tal-Papa. Dawn jitqaddsu mingħajr ma tittieħed ebda offerta jew elemożina għalihom.

Il-Liġijiet tal-Knisja ma jippermettux lis-saċerdoti li jieħdu l-elemożina għalihom meta jqaddsu għat-tieni darba. Fil-każ ta' Malta, il-flus li s-saċerdot jirċievi għat-tieni quddiesa jintbagħtu lill-Kurja għall-fond li minnu joħroġ il-ħlas li jingħataw is-saċerdoti.

## (4) Kif ġiet għand il-Knisja l-proprjetà

Meta l-Knisja Maltija ħabbret li kienet ser tirrijorganizza l-amministrazzjoni tagħha, kienet tkellmet ukoll dwar kif, permezz ta' din ir-rijorganizazzjoni fil-qasam tal-proprjetà tkun tista' tmexxi aħjar il-ħidmiet pastorali tagħha.

Kif ġiet għandha din il-proprjetà?

Qabel xejn tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, missena 1822, il-Knisja *ma setgħetx takkwista* art jew bini ħlief għal skop reliġjuż biss, bħal per eżempju dar għall-kappillan jew għassorijiet, istituti ecc. Dan minħabba l-Liġi tal-Manomorta. Minn dak iż-żmien, kull art jew bini mħolli lill-Knisja kellu jinbiegħ fi żmien sena.

Għalhekk il-proprjetà li għandha l-Knisja llum, fil-biċċa l-kbira tagħha żgur li ilha għandha minn qabel is-sena 1822. Ta' min igħid li dak iż-żmien ma kienet teżisti ebda liġi (kif hemm illum) li kienet tobbliga li jiġu reġistrati l-kuntratti li permezz tagħhom il-proprjetà tkun għaddiet f'idejn il-Knisja.

Għalhekk f'ħafna każi jista' jkun li l-Knisja (u forsi l-istess Gvern) ma jkollhiex f'idejha l-kuntratt li bih art għaddiet f'idejn il-Knisja jew kopja tiegħu. Xi drabi lanqas biss kien mitlub mil-liġi li jkun hemm kuntratt. Iżda dan żgur *ma jfissirx* b'daqshekk li l-Knisja, din il-kwalità ta' proprjetà, tkun serqitha! Tabilħaqq, skond il-liġijiet tal-Knisja li ilhom jeżistu tista' tgħid minn dejjem, il-Knisja ma jistax ikollha proprjetà (1) jekk din ma tkunx ġiet mogħtija lilha, (2) skond il-liġijiet tal-pajjiż li jkunu jeżistu u (3) trid kun aċċettata espressament mill-*Awtorità Ekklesjastika* (u mhux minn xi saċerdot individwali). Il-Knisja tinsisti wkoll li jkun hemm "bona fide" kontinwu. Dan ifisser illi l-ħin kollu l-Knisja riedet tkun ċerta li l-art mhix qiegħda għandha b'xi qerq iżda bil-kunsens sħiħ ta' min tahielha.

Issa skond il-liġi ċivili ta' Malta, kulmin ikun ipposieda art jew bini taħt ċerti kundizzjonijiet, fosthom, għal 30 sena sħaħ u kontinwi, din l-art jew bini jibqgħu tiegħu anke jekk wara 30 sena jfiġġ xi ħadd li juri li dik il-proprjetà ma hijiex ta' min kien qed jokkupaha. Dan għaliex il-liġi msejħa tal-"preskrizzjoni" ssostni li jekk wieħed għandu proprjetà u ilu jokkupaha bħala sid għal mhux inqas minn 30 sena, biex għamel hekk, sinjal li kellu dritt għaliha.

Kif semmejna diġà, il-biċċa l-kbira ħafna tal-proprjetà li għandha l-Knisja mhux 30 sena biss ilha għandha, iżda żgur aktar minn 160 sena, jiġifieri minn qabel l-1822. Dan ifisser li bil-liġi ċivili *biss* il-Knisja, bħal kulħadd, għandha d-dritt kollu li żżomm il-proprjetà tagħha. Meta nafu, kif diġà għedna, li l-Knisja mbagħad għandha liġijiet oħra li huma aktar iebsin mil-liġi tal-Gvern, allura nistgħu nserrħu rasna li l-proprjetà li għandha l-Knisja żgur li waslet għandha għax tawhielha u għalhekk qiegħda għandha bid-dritt kollu.

Rigward il-kwistjoni tad-*destinazzjoni,* jiġifieri li xi proprjetà tal-Knisja llum ma għadhiex tintuża għall-iskopijiet li min tahielha ried li tintuża għalihom, ta' min jistqarr li jeżistu każi bħal dawn.

Iżda jekk il-Knisja għamlet hekk żgur li dan ma għamlitux b'abbuż jew b'kapriċċ imma għax hekk kienu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

Per eżempju, kien hemm każ ta' nies li ħallew ġid jew proprjetà biex mill-flus li tirrendi l-proprjetà jinfdew l-ilsiera u jingħataw il-ħelsien. Kulħadd jaf li d-drawwa krudili li jinżammu l-ilsiera ilha li nqatgħet minn fostna, u għalhekk l-iskop li għalih tħalliet il-proprjetà jew flus ma baqax jeżisti. Għalhekk il-Knisja, bis-setgħa mħollija lilha, fittxet li tagħmel użu minn dan id-dħul għal skopijiet oħra ta' ġid kif fil-fatt xtaq jagħmel min waqqaf il-fundazzjoni.

Meta l-Knisja tagħmel dan, hija ma tkunx qed tmur kontra dak li ried min ħallielha l-ġid biex tamministrah. Min ħallihula għamel hekk għax kellu fiduċja sħiħa fil-Knisja. Hu kien jaf li l-Knisja qatt mhu ser tikser il-fiduċja tiegħu. Kien jaf ukoll li jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu, il-Knisja tagħmel l-aħjar użu possibbli mill-ġid li huwa fdalha — użu li jaqbel ma' l-intenzjoni tiegħu. Din il-ħaġa l-Knisja tant hi iebsa fuqha li meta minħabba li ċ-ċirkostanzi jinbidlu hija jkollha tagħmel xi tibdil fl-użu ta' min ħallilha l-ġid din tagħmlu biss bl-awtorità tal-Papa. Hadd ħliefu, jew jekk mhux bl-awtorizzazjoni tiegħu, ma jista' jagħmel dan.

Interessanti li wieħed igħid li anke fil-kamp ċivili kellna każijiet fejn l-iskop ta' min ħalla fundazzjoni ma setax jiġi osservat għal kollox, għax ikunu tbiddlu ċ-ċirkostanzi. Għalhekk min ikun qed jamministra l-ġid ta' min ikun ħallieh, ma jkun qed jagħmel l-ebda abbuż jekk jibqa' juża dak il-ġid għal skop ieħor li jixbhu. Hekk ġara fil-każ ta' diversi każi amministrati saħansitra mill-Gvern stess.

Dan li ktibna juri li l-Knisja għandha kemm dritt morali validu, kif ukoll dritt legali validu għall-proprjetà li qed tippossjedi.

## (5) Il-proprjetà tal-Knisja

Il-Knisja f'Malta tamministra għadd ta' proprjetà. Din il-proprjetà ngħatatilha minn persuni għax dawn għarfu li l-Knisja kien jeħtiġilha mezzi materjali biex tmantni l-kleru tagħha u tmexxi sew ħwejjiġha. Xi proprjetà tħalliet ukoll għal quddies għal ruħ il-mejtin. Il-biċċa l-kbira tal-proprjetà li ngħatat lill-Knisja għandha obbligi marbuta magħha, p.e. funzjonijiet, opri ta' karità u quddies li jrid jitqaddes kull sena.

Ir-rijorganizazzjoni amministrattiva naturalment laqtet ukoll l-amministrazzjoni tal-proprjetà. Il-kunsilli responsabbli mill-amministrazzjoni fasslu 'policies' li mexxew il-ħidma tal-Knisja f'dan il-qasam.

### *Użu tajjeb tal-proprjetà*

Fit-tfassil tal-'policies' dwar it-tmexxija ta' l-art tagħha, l-Arċidjoċesi timxi fid-dawl tal-Evanġelju u tat-tagħlim soċjali tagħha. Għalhekk l-Arċidjoċesi ma timxix prinċipalment fuq linji kummerċjali. Dan joħroġ ċar mill-'policies' li l-Arċidjoċesi għamlet f'dan il-qasam, bħal per eżempju:

1. *Skema tat-'terraced houses'*. Taħt din l-iskema ngħataw mijiet ta' plots b'kundizzjonijiet vantaġ-

ċjużi ħafna għall-għarajjes u għall-miżżewġin. F'din l-iskema l-plots kienu jittellgħu bix-xorti. Min kien jieħu biċċa art kien jingħata għażla: jew jixtri l-art, iżda bl-obbligu li ma tiġix trasferita fl-ewwel għaxar snin, jew — min ma setax jixtri — jeħodha b'ċens. Tul l-ewwel ħames snin iċ-ċens kien ikun imnaqqas bin-nofs.

2. *Id-djar residenzjali* (dawk okkupati minn min joqgħod fihom b' kera jew ċens) setgħu wkoll jinxtraw. F'ċerti każi ngħata l-permess lil min jixtri li jħallas fuq medda ta' snin.

3. *Art għall-biedja.* Qed jinħadmu skemi biex ikun possibbli għall-bdiewa jkollhom l-art li jaqalgħu x' jieklu minnha. Barra dan, il-Knisja tqabbel l-art lill-bdiewa b'somom żgħar ħafna.

4. *Passi kontra l-ispekulazzjoni.* L-Arċidjoċesi ma kenitx tbiegħ art fuq 'green areas'. Dan minkejja li għadd ta' persuni kienu joffru lill-Arċidjoċesi somom konsiderevoli ta' flus li mhux soltu jingħataw għall-'green areas'. Biex tiġi evitata l-ispekulazzjoni kien hemm każi fejn art jew ħwienet ingħataw b' ċens.

5. *Bini ta' struttura* biex il-kleru kif ukoll il-fratellanzi u l-Għaqdiet ma jkunux imxekkla bl-amministrazzjoni tal-proprjetà. B'hekk ikunu jistgħu jiddedikaw irwieħhom aktar għall-ħidma pastorali.

*Xi jsir mid-dħul tal-proprjetà*

Ikun hawn min jista' jistaqsi xi jsir mill-flus li l-Arċidjoċesi ddaħħal mill-proprjetà? Hemm proprjetà tal-Knisja wżata għall-edukazzjoni; proprjetà oħra hija wżata għal skopijiet soċjali u ta' karità, p.e. Djar għall-Anzjani, jew Djar għat-Tfal; proprjetà oħra hija wżata għas-servizzi liturġiċi u reliġjużi. Minn din il-proprjetà, l-Arċidjoċesi ħafna drabi mhux talli ma ddaħħal xejn iżda jkollha ħafna spejjeż biex iżżommha.

L-Arċidjoċesi għandha wkoll art jew proprjetà li minnha ddaħħal ċnus jew qbiela jew xi ntrojtu ieħor.

Il-biċċa l-kbira minn din il-proprjetà għandha piżijiet marbutin magħha, jiġifieri min ħalla l-proprjetà ħallieha biex mid-dħul li jsir minnha jsiru ċerti attivitajiet li jrid hu. F'dan il-każ id-dħul imur biex titwettaq l-intenzjoni ta' min ħalla l-art. Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-flus li jidħlu mill-proprjetà jmorru għall-manteniment tal-kleru. Flus oħra jmorru għad-djar tax-xjuħ, djar tat-tfal, monasteri, seminarju u ħidmiet oħra tal-Knisja. Dawn il-ħidmiet ikunu mħedda jekk jonqos id-dħul mill-proprjetà.

*L-inventarju*

L-inventarju jew iċ-ċensiment kien biss wieħed mill-għadd ta' miżuri ta' rijorganizazzjoni mitluba fid-*Dokument Bażiku.* L-inventarju jfisser li ssir lista tal-proprjetà, deskrizzjoni ta' l-istess proprjetà, tqegħid tagħha fuq pjanta apposta, u tagħrif dwar kif ġiet f'idejn dak li jkun. Wieħed malajr jinduna li din hija biċċa xogħol kbira speċjalment meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proprjetà tal-Knisja ġiet f'idejha leġittimament mijiet ta' snin ilu meta ma kenitx teżisti l-faċilità li teżisti llum tar-reġistrazzjoni ta' l-Atti f'post ċentrali. Il-proċess tar-rijorganizazzjoni kien jitlob li aspetti oħra tar-rijorganizazzjoni jingħataw preċedenza, kif fil-fatt ingħataw.

## D. RENDIKONT FINANZJARJU TA' L-ARĊIDJOĊESI

### Komunikati Stampa

**1. Pubblikazzjoni tar-rendikont finanzjarju ta' l-Arċidjoċesi għas-sena 1982**

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Settembru 1983, l-Arċidjoċesi ta' Malta ser tippubblika r-Rendikont Finanzjarju għas-sena 1982.

Dan ir-Rendikont Finanzjarju jiġbor fih: it-48 parroċċa mmexxija mill-qassisin; il-Fond Ċentrali; it-Taqsima Finanzi; id-Djar tat-Tfal u d-Djar tax-Xjuħ li għalihom hija responsabbli l-Arċidjoċesi; Kummissjonijiet Djoċesani; il-Kapitli (inkluż il-Kapitlu tal-Kattidral); is-Seminarju; id-Dar tal-Provvidenza u entijiet oħra djoċesani.

Dawn l-entijiet huma differenti minn xulxin u ġuridikament separati Iżda r-Rendikont Finanzjarju jiġbor flimkien dak kollu li għandhom, l-investimenti tagħhom f'Malta jew barra, id-dħul kollu tagħhom u anke l-ħruġ u l-ispejjeż.

Fid-daħla għall-verżjoni maltija tar-Rendikont Finanzjarju, Mons. Philip Calleja, is-Segretarju Amministrattiv, qal li dawn l-Accounts konsolidati setgħu joħorġu biss minħabba l-progress li sar fir-rijorganizazzjoni ta' l-Arċidjoċesi. Huwa żied jikteb li:

"Ir-rijorganizazzjoni li qed issir f'Malta hija xi ħaġa radikali ħafna. Fil-fatt m'hux komuni li djoċesijiet oħra jippubblikaw l-Accounts ta' l-entijiet kollha f'salt fi ktieb wieħed. Fejn jippubblikawhom, aktarx jagħmlu dan enti enti, p. eż. parroċċa tippubblika tagħha, il-Fond Ċentrali jippubblika tiegħu, ecc. F'Malta kien hawn diversi parroċċi u entijiet li, kif isir f'xi djoċesijiet oħra, ippubblikaw x'daħħlu u x'ħarġu. Il-lum l-Arċidjoċesi qed tippubblika l-Accounts ta' l-entijiet tagħha magħqudin flimkien."

Ix-xogħol fuq dan ir-Rendikont sar minn Spiteri and Co., ditta magħrufa ta' l-Accountants u Awdituri.

L-Ordnijiet reliġjużi ta' l-irġiel u tan-nisa ser jippubblikaw wkoll l-Accounts ta' l-istess ordnijiet kollha f'salt. Anke d-djoċesi t'Għawdex ser tippubblika r-rendikont finanzjarju tagħha.

Ir-Rendikont Finanzjarju qed jiġi ppubblikat f'żewġ forom: waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti. Il-verżjoni Ingliża tikkonsisti fir-rapport magħmul mid-ditta Spiteri and Co. u introduzzjoni minn Mons Philip Calleja, Segretarju Amministrattiv, u s-Sur A.P. Farrugia, Principal tat-Taqsima Finanzi. Dan il-ktejjeb jinbiegħ 80c.

Qed tiġi ppubblikata wkoll verżjoni popolari bil-Malti. Din il-verżjoni tgħin lil min mhux midħla tal-lingwaġġ tekniku ta' l-'accounts' biex jifhem aħjar dak li jkun fihom. Dan il-ktejjeb huwa stampat b'żewġ kuluri u jinbiegħ 60c. Iż-żewġ kotba huma maħruġa mil-Uffiċċju Djoċesan ta' -Amministrazzjoni flimkien ma' l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja. Il-produzzjoni saret mill-Media Centre.

Il-kotba ser ikunu għall-bejgħ minn nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru mill-11.00 a.m. 'il quddiem. Jinxtraw mill-Qarrej Nisrani, Triq l-Arċisqof il-Belt; Bugelli, Triq Sta.

Luċija, il-Belt; Librerija Preca, Blata l-Bajda; librerija ta' l-Istitut Kattoliku u għadd ta' libreriji parrokkjali.

## 2. L-entijiet miġbura fir-rendikont finanzjarju 1982

L-entijiet miġbura f'dan ir-Rendikont Finanzjarju huma mqassma f'disa' taqsimiet:

1. Il-*FOND ĊENTRALI* fost l-oħrajn jinkludi fih il-Qasam (Mensa) ta' l-Arċisqof, il-Fundazzjonijiet tal-Quddiesa, l-Uffiċċju tal-Quddies, u l-Fond tal-Kleru. Il-qassisin li jaħdmu ma' l-Arċidjoċesi jitħallsu minn dan il-Fond.

2. *IT-TAQSIMA FINANZI* tamministra l-flus u l-investimenti ta' l-oqsma ċentralizzati fiha. Insibu wkoll il-*Fond Ċentrali għal Flus Barranin* li huwa l-ġabra ta' investimenti barranin ta' l-Arċidjoċesi.

3. *IL-PARROĊĊI* li jamministraw il-qassisin. Hemm 48 parroċċa minn dawn.

4. *L-ISTAMPERIJA* u l-gazzetta IL-HAJJA.

5. *ID-DJAR TAX-XJUH* li għalihom hija responsabbli l-Arċidjoċesi. Hemm sitta minn dawn id-djar.

6. *MONASTERI TAS-SORIJIET TAL-KLAWSURA* li jiddependu mill-Arċisqof: il-Monasteri ta' San Pietru (fl-Imdina); Sta. Skolastika (fil-Birgu); ta' Sta. Katerina (il-Belt) u ta' Sta. Ursola (il-Belt).

7. *ID-DJAR TAT-TFAL*. L-Arċidjoċesi hija responsabbli għal 7 minn dawn id-djar. Din it-taqsima tinkludi wkoll il-Kummissjoni Djar tat-Tfal.

8. *IS-SEMINARJU* kemm taż-Żgħar kif ukoll tal-Kbar.

9. *ENTIJIET OHRA* bħad-Dar tal-Provvidenza, xi Kummissjonijiet Djoċesani, u l-Kapitli (inkluż il-Kapitlu tal-Kattidral).

## 3. Konferenza stampa dwar ir-rendikont finanzjarju

L-Arċidjoċesi ta' Malta llum, għall-ewwel darba qed tippubblika r-Rendikont Finanzjarju ta' l-entijiet tagħha magħqudin flimkien. L-ordnijiet reliġjużi ta' l-irġiel u tannisa ser jippubblikaw dalwaqt ukoll ir-rendikont finanzjarju ta' l-istess ordnijiet kollha f'salt

Qed isir hekk għax l-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet tar-Reliġjużi mhux biss huma ġuridikament separati minn xulxin iżda huma wkoll separati mill-Arċidjoċesi. Dan minħabba l-istess natura u karattru tagħhom.

Għalhekk li qed jiġi ppubblikat illum huwa r-Rendikont Finanzjarju ta' l-entijiet ta' l-Arċidjoċesi magħqudin flimkien. Meta ngħidu Accounts magħqudin nifhmu l-Accounts ta' entijiet differenti u ġuridikament separati miġbura flimkien. Dawn l-Accounts jiġbru fihom dak kollu li daħħlu jew ħarġu dawn l-entijiet tul l-1982 u dak kollu li kellhom fl-aħħar ta' l-istess sena.

Dan seta' jsir għax fl-1972 l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex kienu nehdew ri-organizazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-ġid tal-Knisja. Il-proċess tar-rijorganizazzjoni llum huwa żviluppat biżżejjed biex hu possibbli li joħorġu dawn l-Ac-

counts. Din ir-rijorganizazzjoni hija xi ħaġa radikali ħafna.

Ix-xogħol fuq dan ir-Rendikont Finanzjarju aggregat sar minn Spiteri and Co., ditta magħrufa ta' Ascountants u Awdituri.

Ir-rapport li hejjew Spiteri and Co. qed jiġi ppubblikat sħiħ eżattament kif hejjewh huma. Iżda rajna wkoll li jkun utli li tiġi ppubblikata verżjoni popolari biex dawk li ma jifhmux il-lingwaġġ tekniku ta' l-accounts ikunu jistgħu jsiru jafu x'fihom dawn l-Accounts.

*X'għandha l-Arċidjoċesi f'kapital*

Ir-Rendikont Finanzjarju juri li l-entijiet kollha fi ħdan l-Arċidjoċesi għandhom bejniethom ftit iżjed minn erba' miljun u seba' mitt elf lira (Lm4,711,078). Dan huwa rappreżentat b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Fundazzjonijiet u Fondi oħra Kapitali | Lm3,757,313 |
| Fondi Akkumulati | 522,524 |
| Ammonti depożitati minn entijiet djoċesani oħra | 431,241 |

*Kapital Marbut*

Hemm differenza bejn il-kapital ta' familja jew ta' xi ħaddieħor, hu min hu, u l-kapital li għandha l-Arċidjoċesi. Waqt li l-flus li għandhom, per eżempju, kull familla jew kull Malti, jistgħu jagħmlu bihom li jridu, jistgħu joħorġuhom kollha mill-bank u jonfquhom, il-Knisja ma tistax tagħmel hekk. Għax il-biċċa l-kbira ħafna tal-kapital li għandha l-Arċidjoċesi qiegħed għandha biex hi tużah jew tamministrah għal dawk l-iskopijiet *biss* li ried min tahulha jew ħallihulha biex tamministrah.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-flus f'idejn l-Arċidjoċesi huma ta' fundazzjonijiet. Il-Kapital tagħhom qiegħed hemm għax min tahulha tul il-mijiet ta' snin li ilha wieqfa, qalilha li trid tużah għal ċerti għanijiet biss u għal ebda skop ieħor. Missirijietna riedu li l-Knisja, mill-imgħax tal-kapital, tagħti servizz: tqaddes quddies, tagħmel tridijiet u ħidmiet oħra reliġjużi ta' karità u t'appostolat.

*Il-valur tal-proprjetà*

L-Accounts ma jinkludux il-valur tal-proprjetà ħlief għall-valur ta' xi bini bħas-Seminarju, l-istamperija IL-ĦAJJA, u xi bini l-Blata l-Bajda. Madankollu l-Accounts jinkludu dak kollu li l-Arċidjoċesi ddaħħal mill-proprjetà.

Kieku l-Arċidjoċesi kienet kumpanija kummerċjali, kieku kienet tniżżel il-valur tal-proprjetà. Dan għax kumpanija għandha l-libertà li tinnegozja l-proprjetà tagħha kif trid. Iżda l-Knisja mhux hekk. Fejn jidħol il-valur tal-proprjetà, il-metodu ta' l-Accounts użat mill-Arċidjoċesi huwa dak użat mill-Gvern.

Meta l-Gvern jiddikjara xi flus għandu, x'daħħal u x'ħareġ matul is-sena, ma jinkludix magħhom il-valur ta' l-iskejjel, sptarijiet, uffiċini u proprjetà oħra.

Il-proprjetà ta' l-Arċidjoċesi mhix kollha l-istess. Għandek proprjetà li qegħda hemmhekk għasservizz li toffri l-Arċidjoċesi lill-poplu t'Alla bħal knejjes, monasteri, djar tal-kappillani, ċentri parrokkjali u bini ieħor. Minn dawn il-postijiet, l-Arċidjoċesi ma ddaħħalx flus; anzi tonfoq ħafna fis-sena biex iżżommhom. Dan il-bini mhux għan-negozju. Allura ma

jagħmilx sens li fl-Accounts tniżżel, p.eż. kemm iqumu l-knejjes, il-Kurja u l-istituti.

L-Arċidjoċesi għandha proprjetà oħra li tista' tinbiegħ. Iżda hawn trid tqis li l-proprjetà li għandha l-Arċidjoċesi mhix bħall-proprjetà li għandu l-privat. Il-proprjetà li għandu l-privat jista' jagħmel biha li jrid hu. Jista' jbigħha jew jikriha u l-flus jużahom kif jixtieq. Iżda l-biċċa l-kbira tal-proprjetà ta' l-Arċidjoċesi, bħall-kapital, hija marbuta ma' xi għanijiet ta' natura reliġjuża, edukattiva, karitattiva jew soċjali. Jiġifieri min ħalla l-proprjetà qal li ried li bid-dħul minnha jintlaħqu ħtiġiet partikolari. Għalhekk l-Arċidjoċesi dejjem trid tirrispetta l-intenzjoni ta' dak li jkun.

Nagħtu każ li xi biċċa minn art bħal din tinbiegħ, il-flus li jidħlu minnha ma jintefqux għal xi ħaġa li tkun xi tkun. Dawn il-flus jiġu depożitati biex id-dħul minnhom jintuża għall-għanijiet li ried il-fundatur. Għall-Arċidjoċesi, kulma tfisser din l-art hu l-introjtu li tħalli u mhux il-valur tagħha. Dan kollu mniżżel fl-Accounts.

*Dħul ta' l-Arċidjoċesi*

Id-Dħul ta' l-entijiet differenti ta' l-Arċidjoċesi tul l-1982 kien ta' Lm2,003,441. Dan kien imqassam hekk:

| | *Lm000* | % |
|---|---|---|
| Ġbir u donazzjonijiet | 843 | 42 |
| Dħul ieħor | 367 | 19 |
| Dħud mill-Investimenti | 310 | 19 |
| Dħul mill-Proprjetà | 284 | 14 |
| Miżati | 135 | 7 |
| Pubblikazzjonijiet | 64 | 3 |
| | 2,003 | 100 |

Il-Dħul mill-investimenti u l-proprjetà jikkostitwixxi 29 fil-mija mid-dħul ta' l-Arċidjoċesi. Dan huwa ammont sostanzjali u huwa ammont importanti biex l-Arċidjoċesi tkun tista' tkompli taqdi l-missjoni tagħha.

*Hruġ ta' l-Arċidjoċesi*

Tul l-istess sena, il-ħruġ ta' l-Arċidjoċesi kien ta' Lm2,194,417 li jinqasam hekk:

| | *Lm000* | % |
|---|---|---|
| Amministrazzjoni u manutenzjoni | 957 | 43 |
| Remunerazzjoni għall-kleru | 659 | 30 |
| Pagi tal-lajċi | 528 | 24 |
| Hruġ ieħor | 50 | 3 |
| | 2,194 | 100 |

L-ispiża meħtieġa għall-pagi u remunerazzjoni ta' lajċi, kleru u xi sorijiet li jiddependu għall-għixien tagħhom mill-Arċidjoċesi, tlaħħaq għal 54 fil-mija tal-ħruġ totali jew għal kważi 60 fil-mija tad-dħul. L-ispejjeż minfuqa fi ħtiġijiet liturġiċi, manutenzjoni ta' knejjes u bini ieħor, elettriku eċċ. tlaħħaq għal 43 fil-mija tal-ħruġ ta' l-Arċidjoċesi. L-infieq fuq dawn iż-żewġ items qiegħed dejjem jiżdied.

*Konklużżjoni*

Tul l-1982, meta tqis il-Hruġ u d-Dħul ordinarju ta' l-Arċidjoċesi ssib li kien hemm deficit. L-Arċidjoċesi kellha spiża ta' kważi mitejn elf lira (Lm190,876) aktar milli kellha dħul ordinarju.

Fortunatament kien hemm item eċċezzjonali li ħassar dan id-deficit kbir. Il-flus li l-Arċidjoċesi għand-

ha investiti barra minn Malta (skond il-liġijiet ta' Malta), marru tajjeb ħafna u ħallew qligħ ta' Lm224,352. Din il-ħaġa ma tiġrix kull sena. Meta tqis kollox ma' kollox, il-qligħ ta' entijiet minħabba dan l-item eċċezzjonali u t-telf li kellhom entijiet oħra, issib li l-Arċidjoċesi spiċċat l-1982 b'surplus modest ta' Lm33,476.

Forsi hawnhekk tajjeb li wieħed iżid illi li kieku ma kienx hemm dan il-qligħ straordinarju kien ikollha telf ta' kważi mitejn elf lira (Lm190,876). Dan huwa ta' nkwiet għaliex ifisser li d-dħul tas-sena mhux biżżejjed biex ilaħħaq man-nefqa u jridu jinstabu mezzi ġodda biex jiżdied id-dħul.

* * *

Mons. Philip Calleja, Segretarju Amministrattiv u s-Sur Roderick Charlmers mid-Ditta Spiteri and Co. indirizzaw il-Konferenza ta' l-Aħbarijiet.

Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Alfred P. Farrugia, Principal tat-Taqsima Finanzi tal-Kurja, u Fr. Joe Borg, Kap ta' l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja.

## (4) L-Arċidjoċesi fuq il-proprjetà nefqet aktar milli daħħlet

Tul l-1982, l-Arċidjoċesi ta' Malta nefqet aktar flus fuq manutenzjoni u xogħol fuq proprjetà tagħha nklużi knejjes milli daħħlet mill-proprjetà li għandha mikrija jew imqabbla. Ir-Rendikont Finanzjarju ta' l-Arċidjoċesi juri li ntefqu mat-Lm350 elf fuq manutenzjoni, tiswijiet u xogħlijiet fi knejjes. Minn ċnus u qbiela, l-Arċidjoċesi daħħlet mal-Lm280 elf.

L-Arċidjoċesi għandha proprjetà li tintuża għall-edukazzjoni, formazzjoni u tagħlim; proprjetà oħra li tintuża għal għanijiet soċjali u ta' karità; u hemm proprjetà wżata għall-qima ta' Alla, bħall-knejjes, monasteri, eċċ. Insibu wkoll djar tal-kappillani, ċentri parrokkjali u bini ieħor. Minn dawn il-postijiet l-Arċidjoċesi ma ddaħħalx flus; anzi tonfoq ħafna fis-sena biex iżżommhom. In-nefqa tul l-1982 kienet ta' madwar Lm350 elf.

L-Arċidjoċesi għandha djar mikrija jew mogħtija b'ċens lin-nies, art maħduma mogħtija bi qbiela lill-bdiewa u art moxa m'hi tajba għal xejn. Issa minn din il-proprjetà kollha fl-1982 daħħlet ftit aktar minn kwart ta' miljun lira, sewwasew Lm283,665.

Ma' dawn il-flus ħafna drabi hemm marbuta obbligi u piżijiet li kienu mitluba minn min ħalla l-proprjetà. Xi żewġ terzi tal-flus li l-Arċidjoċesi daħħlet mill-proprjetà marru fil-Fond li minnu jitħallsu l-qassisin. Flus oħra mill-proprjetà jmorru għall-Monasteri tas-Sorijiet tal-Klawsura u għad-Djar tax-Xjuħ. Dawn il-ħidmiet ikunu mhedda serjament jekk jitnaqqsu d-dħul tagħhom mill-proprjetà.

## 5. Il-flus ta' l-Arċidjoċesi barra minn Malta

L-Arċidjoċesi ta' Malta għandha Lm2.4 miljuni nvestiti barra minn Malta permess ta' dak li huwa magħruf bħala l-'External Currencies Special Fund'. Dan it-tagħrif joħroġ mir-Rendikont Finanzjarju ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta għas-sena 1982. Ma teżisti l-ebda ċifra uffiċċjali ta' kemm il-Maltin għandhom flus investiti barra, iżda estimi differenti jvarjaw minn Lm300 miljun għal Lm500 miljun. Dan ifisser li għal kull Lm1 li għandhom il-Maltin barra, l-Arċidjoċesi għandha 8 millleżmi jew 4 milleżmi.

L-'External Currencies Special Fund' twaqqaf ftit snin ilu b'riżultat tar-rijorganizazzjoni ta' l-Amministrazzjoni. Fih ġabra ta' investimenti barranin ta' entijiet differenti fi ħdan l-Arċidjoċesi. It-Taqsima Finanzi tal-Kurja hija responsabbli biex tara li l-investimenti jsiru fis-sod. Bħalma għamel il-Bank Ċentrali tal-Gvern, il-Knisja ma qegħditx il-flus f'qoffa waħda, ngħidu aħna fl-isterlina, iżda f'diversi qfif bħal, per eżempju, Ġermaniżi, Amerikani u Ġappuniżi barra mill-Ingliżi. Imma l-Knisja ma tħarisx biss lejn l-interessi. Per eżempju, fl-Afrika t'Isfel fejn hemm politika razzjali nġusta ħafna u tmur kontra t-tagħlim ta' Kristu, il-Knisja ta' Malta ma tinvestix.

Fl-1980 it-Taqsima Finanzi tal-Kurja qabbdet esperti barranin biex jieħdu ħsieb dawn l-investimenti.

Tul l-1982 inmalli kien hemm qliegħ eċċezzjonali fuq dawn l-investimenti. Kieku ma kienx għal dan il-qliegħ, l-Arċidjoċesi kien ikollha telf ta' kważi mitejn elf lira.

Dan il-qliegħ ġie deskritt fir-Rendikont bħala item eċċezzjonali li wieħed ma jistax jiddependi fuqu għax din il-ħaġa ma tiġrix kull sena. Bejn Lulju 1974 u l-aħħar tal-1981 kien hemm telf ta' Lm214,069 fuq dawn l-investimenti. Il-qliegħ li sar tul l-1982 aktar kellu jservi biex jagħmel tajjeb għat-telf li sar fis-snin ta' qabel fuq dawn l-investimenti milli għad-deficit li l-Arċidjoċesi kellha tul l-1982. Minħabba dan, ir-Rendikont Finanzjarju jikkonkludi li: "dan huwa ta' nkwiet għaliex ifisser li d-dħul tassena mhux biżżejjed biex ilaħħaq man-nefqa u jridu jinstabu mezzi ġodda biex jiżdied id-dħul."

## E. ITTRI MILL-UFFIĊĊJU STAMPA TAL-KURJA

### 1. 11 ta' Lulju 1983: lill-Editur ta' l-ORIZZONT

Sinjur,

Ninsab inkarigat biex nirriferixxi għall-artiklu li deher fl-ewwel paġna tal-ġurnal tiegħek tat-Tnejn 11 ta' Lulju 1983 taħt ir-ras "Għax waqfu n-negozjati mat-tielet rebħa Soċjalista?" u għall-poster ta' l-istess ġurnata li kien igħid "L-Arċisqof Ried Jixtri Villa Lm44,000" liema kliem kien ripetut fl-istess artiklu bħala t-tieni titlu.

L-artiklu, u aktar u aktar il-poster, bl-insinwazzjoni ċara li jagħti li Monsinjur Arċisqof ried jixtri Villa għalih, huma inġurjużi għall-aħħar għax assolutament mhux minnhom.

Tabilħaqq:

1. mhux minnu li Monsinjur Arċisqof ried jixtri u kien f'negozjati li jixtri għalih xi villa li tqum Lm44,000 f'Tal Virtù jew band' oħra;
2. mhux minnu li kien hemm xi ħsieb li din il-Villa l-Knisja riditha biex fiha tagħmel stazzjon tar-radju;
3. mhux minnu li l-Kurja nefqet somma ta' flus sostanzjali fixxiri ta' makkinarju modern ta' listampar għall-għaqdiet mhux reliġjużi fil-Knisja.

Kien hemm il-ħsieb li l-Villa li semmejt tinkiseb għan-Nunzjatura Apostolika: il-waqfa tat-trattativi ma kellha x'taqsam xejn mat-tielet rebħa soċjalista.

Dwar dak li ngħad fl-artiklu fuq il-flus tal-Vatikan u li "skandlu" li semmejt, tajjeb li tagħmel riferenza għaċ-ċaħda li dejjem għamel il-Vatikan dwar din il-kwistjoni.

Inselli għalik.
Fr. J. Borg
Kap Uffiċċju Stampa

### 2. 12 ta' Lulju 1983: Telex lill-ġurnal Taljan 'La Republica' (traduzzjoni)

Nirreferi għall-artiklu ta' Domenico del Rio intitolat MINISTRO DI DOM MINTOFF INDAGA INVANO A ROMA SUI BENI IMMOBILIARI DELLA CHIESA MALTESE li deher f'*La Republica* tal-ġimgħa 8 ta' Lulju. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għal dawn il-fatti:

1. Is-Santa Sede diversi drabi pubblikament uriet il-preokkupazzjoni profonda tagħha għal-Liġi dwar Devoluzzjoni ta' Ċerta Proprjetà ta' Knejjes. Dan jidher l-aktar f'artiklu fl-ewwel paġna ta' L' OSSERVATORE ROMANO tat-28 ta' Ġunju, u fid-dikjarazzjoni tas-Sala Stampa tas-Santa Sede hekk kif ġiet approvata l-Liġi.

Għalhekk ma nistax nifhem kif xi ħadd seta' jgħid dak li ntqal fl-artiklu msemmi, jiġifieri li: "Dwar din it-tieni parti (tal-Liġi) li se tibda sseħħ fl-iqsar żmien possibbli, taqbel anke s-Santa Sede".

L-Isqfijiet Maltin fl-ebda ħin ma ġew mgħarrfa b'din l-allegata approvazzjoni u s-Santa Sede ma ħarġet l-ebda komunikat pubbliku biex tgħid dan waqt li ħarġet diversi komunikati pubbliċi biex turi

d-diżapprovazzjoni għal-Liġi.

2. Meta wasal Malta l-Ministru Sceberras Trigona qal li dik il-parti tal-Liġi li ser titħaddem taqbel mal-Liġi Kanonika. Fi stqarrija maħruġa mill-Isqfijiet Maltin, urew ċar u tond li l-ebda parti tal-Liġi Kanonika ma tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet ċivili f'materja li għandha x' taqsam mal-fundazzjonijiet tal-Quddies.

3 L-Isqfijiet Maltin, kemm f'Malta kif ukoll f'Ruma, għamluha ċara li d-'Devolution Act' hija theddida għall-eżistenza tad-djoċesijiet tagħhom.

4. L-Isqfijiet Maltin fl-1972 ħabbru pjan ta' rijorganizazzjoni amministrattiva. F'dawn l-aħħar snin twettqu ħafna minn dawn ir-riformi. Altru milli hija kaotika llum l-amministrazzjoni hija mmexxija fuq linji professjonali u effiċjenti. L-inventarju kien biss wieħed mill-affarijiet mitluba fir-rijorganizazzjoni. Ix-xogħol fuq dan qiegħed fi stat avvanzat u jkun lest sa l-aħħar tas-sena.

5. Il-ħlas mitlub fl-iskejjel tal-Knisja jvarja minn Lm10 (35,000 lire italiane) sa Lm72 (242,000 lire italiane). Il-Knisja tissussidja dawn l-iskejjel. L-għalliema djoċesani u reliġjużi jieħdu salarji anqas mill-għalliema l-oħra. Meta tqis is-somma kbira ta' flus li tiġi ffrankata b'dan il-mod wieħed isib li l-Knisja qed tagħti sussidju ta' Lm40 (140,000 lire italiane) lil kull tifel u tifla li tattendi fl-iskejjel tagħha. Barra dan imkien fil-liġi ma nsibu li l-artijiet u flejjes ta' Fundazzjonijiet tal-Quddies li ser jiġu konfiskati mill-Gvern Soċjalista ser jintużaw biex l-iskejjel tal-Knisja jsiru b'xejn.

6. Il-Knisja f'Malta għandha dritt legali validu kif ukoll dritt morali validu għall-proprjetà kollha li għandha. Din il-proprjetà ġiet għand il-Knisja għax tawhielha s-sidien leġittimi tagħha.

7. Inħoss li huwa opportun li nċħdu kategorikament li l-Knisja f' Malta għandha terz tal-bini immobbiljari (jiġifieri art u proprjetà) ta' Malta. Sa mill-1822 daħlet f' Malta l-liġi tal-Manomorta u b'riżultat tagħha l-Knisja ma setgħetx takkwista proprjetà immobbli ħlief għal skopijiet ristretti ħafna.

8. Tul dawn l-aħħar snin is-Santa Sede u anke l-Papa nnifsu wrew li l-problemi li l-gvern Soċjalista qanqal fil-konfront tal-Knisja Kattolika kienu ta' tfixkil għall-Knisja. F' Memorandum li bagħat il-Kunsill għall-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja lill-Gvern Malti fit-8 ta' Frar 1983 intqal li "tqanqlu bosta problemi li ħolqu diffikultajiet għall-eżerċizzju sħiħ tal-missjoni evanġelika u pastorali tal-Knisja."

F'diskors li l-Q.T. il-Papa għamel lill-Prim Ministru Dom Mintoff fil-11 ta' Novembru 1981, il-Papa qal: "il-Knisja titlob il-libertà, li tmiss lilha għaliex irċeviet minn għand Alla l-mandat li hu dmir u dritt — li xxandar il-Vanġelu f'forom adegwati għall-istess natura ta' dan il-messaġġ u għad-dinjità umana ta' dawk li lilhom dan il-messaġġ huwa dirett."

## 3. Ittri ta' protesta lil Xandir Malta

Tul dawn l-aħħar ġimgħat, l-Uffiċċju Stampa tal-Kurja pprotesta diversi drabi mat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet ta' Xandir Malta minħabba rappurtar fqir u xejn sodisfaċenti li ngħataw diversi stqarrijiet importanti li ħarġet il-Knisja Maltija.

L-Uffiċċju Stampa nforma lill-Awtorità tax-Xandir b'dawn l-ilmenti.

Peress illi dan in-nuqqas tkompla, l-Uffiċċju Stampa qed jagħti tagħrif dwar id-diversi lmenti tiegħu lil Xandir Malta.

1. Ittra tad-19 ta' Lulju dwar:

i. l-aħbar żbaljata li hemm xi ħaġa fid-Devolution Act li taqbel mal-Liġi Kanonika.

ii. Nuqqas ta' coverage lill-Istqarrija ta' l-Isqfijiet tas-16 ta' Lulju.

2. Ittra tat-2 ta' Lulju b'kumment dwar coverage aħjar mis-soltu għall-Istqarrija li l-Isqfijiet ħarġu fit-28 ta' Ġunju; iżda kien hemm coverage ħażin għall-Istqarrija li l-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan ħareġ fit-30 ta' Ġunju.

3. Ittra tat-28 ta' Ġunju dwar nuqqas ta' coverage lid-Dikjarazzjoni tal-Konferenza Episkopali ta' l-24 ta' Ġunju.

4. Ittra ta' l-20 ta' Ġunju dwar nuqqas ta' coverage lill-Istqarrija ta' l-Isqfijiet tad-19 ta' Ġunju.

---

20 ta' Ġunju 1983
Mr. Charles Flores
Kap Taqsima Aħbarijiet
Xandir Malta
G'Mangia.

Għażiż Sur Flores,

Jiddispjaċini li fi spazju ta' ftit jiem qed ikolli nerġa' niktiblek biex nipprotesta dwar il-'coverage' (jew nuqqas tiegħu) ta' aħbarijiet dwar il-Knisja.

Inħoss li analiżi tal-bulettin ta' l-Aħbarijiet tal-Hadd 19 ta' Ġunju juri ċar ħafna illi l-istqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin ma ngħatatx il-prominenza li kien jistħoqqilha. Barra minn hekk ninnota li r-rapport li attwalment ingħata tant kien fqir li bl-ebda mod ma jagħti lis-semmiegħa idea ċara ta' dak li riedu l-Isqfijiet.

Jidhirli li din iċ-ċensura tal-kliem ta' l-Isqfijiet turi nuqqas ta' rispett lejn l-istess Isqfijiet, lejn is-semmiegħa u lejn il-verità. Minħabba l-gravità tal-każ ħassejtu dmir tiegħi li nibgħat kopji ta' din l-ittra u ta' l-ittra tas-17 ta' Ġunju lill-Awtorità tax-Xandir

Inselli għalik.
Fr. J. Borg
Kap Uffiċċju Stampa

* * *

28 ta' Ġunju 1983
Mr. C. Flores
Kap Taqsima Aħbarijiet
Xandir Malta
G'Mangia.

Għażiż Sur Flores,

Nixtieq nerġa' niġbed l-attenzjoni tiegħek għan-nuqqas ta' 'coverage' li Xandir Malta qed tagħti lill-aħbarijiet li joħorġu mill-Knisja Maltija dwar materji ta' nteress pubbliku kurrenti. L-aħħar eżempju kien il-'coverage' fqir li tajtu lid-Dikjarazzjoni tal-Konferenza Episkopali bid-data ta' l-24 ta' Ġunju.

Din l-istqarrija tkellmet dwar materji importanti ħafna għad-dottrina u għall-prattika tal-ħajja nisranija. Dawn il-materji llum qed jiġu diskussi regolarment u huma topiċi ħafna. Fil-programm ta' l-aħbarijiet, li tagħhom inti responsabbli, smajna ħafna dwar x'qalu diversi persuni fuq is-suġġetti li dwarhom kitbu l-Isqfijiet. Dak li smajna ġeneralment kien skorrett u inġust. Iżda issa li l-Isqfijiet tawna t-tagħlim nisrani u t-tifsira sħiħa u vera ta' dawn l-istess suġġetti, Xandir Malta għoġobha tiċċensurhom.

Kif diġa' ktibtlek, b'din l-imġieba qed issir inġustizzja ma' l-Isqfijiet, ma' dawk li jsegwu l-programmi tagħkom u aktar u aktar mal-verità.

Minħabba l-gravità tas-suġġett qed nibgħat kopja ta' din l-ittra lill-Awtorità tax-Xandir.

Waqt li nselli għalik,
Għoddni tiegħek,
Fr. J. Borg
Kap Uffiċċju Stampa

P.S. Ippermettili niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-fatt li l-Arċisqof Silvestrini huwa s-Segretarju tal-Kunsill għall-Affarijiet Pubbliċi tal-Knisja u mhux l-Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Knisja kif intqal f'xi Bulettin riċenti ta' l-Aħbarijiet ta' Xandir Malta.

* * *

2 ta' Lulju 1983
Mr. Ch. Flores
Kap Taqsima Aħbarijiet
Xandir Malta
G'Mangia.

Għażiż Sur Flores,

Qiegħed niktiblek biex ngħidlek li l-'coverage' ta' l-istqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin li ħarġu fit-28 ta' Ġunju fuq il-Liġi dwar il-proprjetà tal-Knejjes kien aħjar minn dak li soltu jingħata lil suġġetti konnessi mal-Knisja f'Malta.

Jisgħobbija iżda ngħidlek li dan ma jgħoddx għall-istqarrija qasira iżda mportanti ħafna li ħareġ l-Uffiċċju Stampa tal-Vatikan fit-30 ta' Ġunju. Il-mod kif ġiet rapportata ma kien jirrifletti la l-kontenut u lanqas l-importanza tagħha.

U dan jidher aktar ċar meta wieħed iqabblu ma' kif irrappurtaw l-istqarrija stazzjonijiet li jgawdu prestiġju internazzjonali.

Inselli għalik.
Fr. J. Borg
Kap Uffiċċju Stampa
c.c. Mr. Carbone, Awtorità tax-Xandir.

* * *

19 ta' Lulju 1983
Mr. Charles Flores
Kap Taqsima Aħbarijiet
Xandir Malta
G'Mangia.

Għażiż Sur Flores,

Qed ikolli nerġa' niktiblek biex nipprotesta bil-qawwa għal mod ħażin li bih qed jixxandru aħbarijiet reliġjużi fil-Bulettini ta' l-Aħbarijiet ta' Xandir Malta. B'mod partikolari nipprotesta dwar dan li ġej:

1. Fil-Bulettin ta' l-Aħbarijiet tal-Ġimgħa u s-Sibt, għidtu li l-parti tal-Liġi li ser tibda tiġi mħaddma taqbel mal-Liġi Kanonika. L-Isqfijiet Maltin fl-istqarrija tagħhom ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 1983, kienu wrew bl-aktar mod ċar li dan mhux veru. Għalhekk l-ebda raġuni ma tista' tinġieb biex tiġġustifika x-xandir ta' din l-aħbar falza (jiġifieri li hemm xi ħaġa fid-Devolution Act li taqbel mal-Liġi Kanonika).

2. Is-Sibt 16 ta' Lulju, l-Isqfijiet ħarġu stqarrija oħra dwar il-parti tal-Liġi li ser tiġi mħaddma. Il-Bulettini ta' l-Aħbarijiet ma taw l-ebda mportanza lil din l-istqarrija. P.e. fl-Aħbarijiet tat-8.00 p.m. fuq TVM fis-16 ta' Lulju din l-istqarrija:

i. ma ssemmitx bħala waħda mill-punti prinċipali. Dak li qed jiġri fiċ-Chad issemma bħala punt prinċipali iżda dak li qalu l-Isqfijiet Maltin mhux.

ii. L-aħdar dwar l-istqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin ixxandret wara sitt items oħra.

iii. Ir-rapport li nagħta kien fqir għall-aħħar. Issemma biss li l-Isqfijiet ħarġu stqarrija u li fiha l-"Isqfijiet tennew il-fehmiet tagħhom dwar il-liġi partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-qudies għar-ruħ il-mejtin." Dan ir-rapport fqir lanqas jagħti l-iċken ħjiel tal-fehmiet ta' l-Isqfijiet u bl-ebda mod ma juri l-importanza kbira ta' l-Istqarrija.

Jidhirli li dan in-nuqqas huwa eżempju ieħor ta' nuqqas serju ta' rispett lejn id-dritt tat-telespettaturi u semmiegħa li jkunu mgħarrfa bil-verità; lejn il-Knisja Kattolika u lejn l-Isqfijiet Maltin.

Qed nibgħat kopja ta' dawn l-ittri lill-Awtorità tax-Xandir.

Quddiem din l-imġieba, inħoss li nkun qed nonqos jekk ma nippubblikax tagħrif dwar il-bosta protesti li għamilt f'dawn l-aħħar jiem.
Inselli għalik.

Fr. J. Borg
c.c. Awtorità tax-Xandir
Kap Uffiċċju Stampa

## NOMINI ĠODDA

Kan. Anton Mallia nominat Kanonku Teżorier tal-Kolleġġjata ta' B'Kara.
P. Ġorġ Zammit O.F.M. Conv., kappillan ta' Burmarrad.
P. Pubblju Mair O.F.M.Cap. kappillan tal-parroċċa Marija Reġina, Marsa.
P. Dumink Mangani O.F.M.Cap. kappillan tal-parroċċa tat-Trinità, Marsa.
P. Donat Spiteri O.F.M.Cap. kappillan ta' San Ġwann.
Mons. Maurice Grech tal-Kummissarju Djar tat-Tfal.
Dun Arthur Barbara, A./Segretarju tal-Kummissjoni Djar tat-Tfal.

## TIBDIL FIR-RUBRIKI TAL-KOTBA LITURĠIĊI

B'digriet tal-Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin tat-12.9.83 sar it-tibdil li ġej fil-Kotba Liturġiċi biex ir-rubriki jkunu jaqblu perfettament ma' dak li hemm fil-Kodiċi l-ġdid.

I. ISTITUZZJONI ĠENERALI TAL-MISSAL RUMAN

n. 42. Fil-Ħdud u l-festi ikkmndati l-omelija ssir f'kull Quddiesa li fiha jieħu sehem il-poplu, **u ma għandha titħalla qatt jekk mhux għal xi raġuni gravi**; tajjeb li ssir......

n. 153. Il-konċelebrazzjoni turi sewwa l-unità tas-saċerdozju u tas-sagrifiċċju kif ukoll l-għaqda tal-poplu kollu ta' Alla. **Ir-rit innifsu jitlob li ssir fl-ordinazzjoni ta' isqof u ta' presbiteru u fil-Quddiesa tal-Griżma.**

Hi rakkomandata, sakemm il-ġid tal-fidili ma jitlobx mod ieħor jew ma jħajjarx għalih,

a) f'Ħamis ix-Xirka, fil-Quddiesa ta' filgħaxija
b) fil-Quddesa li ssir fil-Konċilji, fil-laqgħat tal-isqfijiet u fis-sinodu
c) fil-Quddiesa tal-barka ta' Abbati
d) fil-Quddiesa konventwali u fil-Quddiesa prinċipali fil-knejjes u l-oratorji
e) fil-Quddies li jsir f'kull xorta ta' laqgħat tas-saċerdoti sew sekulari sew reliġjużi

n. 155. Skond id-dritt hu l-isqof li għandu jirregola l-prattika tal-konċelebrazzjoni fid-djoċesi tiegħu, ukoll fil-knejjes u l-oratorji semi-pubbliċi ta' dawk li huma eżenti mill-ġurisdizzjoni tiegħu.

n. 211. Quddiesa mingħajr ministru **jew mingħajr almenu xi ħadd li** jemmen ma għandhiex titqaddes **jekk ma jkunx hemm kawża ġusta u raġjonevoli.** F'dan il-każ...

n. 242 6) fil-Vjatku, lill-marid u lil dawk li jkunu jieqfu miegħu, meta l-Vjatku jingħata fil-Quddiesa, iċċelebrata fid-dar tal-marid

n. 255. **Il-knejjes kollha għandhom ikunu ddedikati** b'mod solenni, **jew almenu mberkin. Il-Kattedrali u l-knejjes parrokkjali għandhom jiġu dejjem iddedikati.** Il-fidili juru r-rispett mistħoqq...

n. 262. Bħala regola **f'kull knisja għandu jkun hemm altar fiss u dedikat,** maqtugħ minn mal-ħajt...

(N.B. it-tieni paragrafu tal-art. 262, jitneħħa)

n. 265. L-altar sew fiss sew mobbli, **għandu jiġi dedikat** kif hu mfisser fil-kotba liturġiċi, iżda altar mobbli biżżejjed li jkun imbierek.

n. 266. Tinżamm id-drawwa li ġo l-altar **li se jkun iddedikat**, jitqiegħdu r-relikwji tal-Qaddisin, ukoll jekk ma jkunux martri, iżda wieħed irid ikun ċert li r-relikwji huma tassew tal-Qaddisin.

n. 267. **Altari oħra** għandhom ikunu ftit fil-għadd, u jitqiegħdu f'kappelli b'xi mod maqtugħin mill-korsija tal-knisja.

n. 277. Is-Santissimu jinżamm f'tabernaklu wieħed, sod u **ma jistax jiġi mċaqlaq minn postu, mhux trasparenti, u magħluq b'mod li jiġi evitat kull periklu ta' profanazzjoni.** Għalhekk f'kull knisja ordinarjament...

n. 282. Il-ħobż għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jkun **tal-qamħ biss, għadu kemm magħġun,** u jkun bla ħmira skond it-tradizzjoni tal-Knisja latina.

Tibdil fin-noti (paġ. L tas-Sagramentarju).

n. 42 jiżdied: **De sanctissima Eucharistia iterum eadem die recipienda,** C.I.C. kan. 917

n. 56 jiżdied: C.I.C. kan. 902

n. 83 jiżdied: **De sacra Communione et de cultu mysterii eucharistici extra Nissam;** C.I.C. kan. 938

## II. ĊELEBRAZZJONIJIET EWKARISTIĊI BARRA MILL-QUDDIESA

*Il-qima ta' l-Ewkaristija barra mill-Quddiesa*

n. 8 Ir-retturi tal-knejjes li fihom hi, skond il-liġi, riservata l-Ewkaristija, għandhom jaraw li, **sakemm ma hemmx xi raġuni tassew gravi,** dawn il-knejjes ikunu miftuħin għal tul ta' ħin xieraq...

n. 10. L-Ewkaristija għandha tinżamm f'tabernaklu sod, **li ma jistax jiċċaqlaq minn postu,** mhux trasparenti u **magħluq b'mod li jiġi evitat kull periklu ta' profanazzjoni.** Bħala regola f'kull knisja **u oratorju għandu jkun hemm tabernaklu wieħed, qiegħed f'post ewlieni tal-knisja jew tal-oratorju, li jidher sewwa, imżejjen kif jixraq, u adatt għat-talb.**

**Min hu responsabbli tal-knisja jew tal-oratorju għandu jara** li ċ-ċavetta ta' tabernaklu fejn tinżamm l-Ewkaristija mqaddsa, tkun imħarsa kif imiss.

n. 11. Il-preżenza tal-Ewkaristija fit-tabernaklu għandha tintwera permezz ta' konopew jew ta' xi sinjal ieħor skond ma jiddeċiedi min għandu l-awtorità f'din il-ħaġa.

**Quddiem it-tabernaklu, fejn tinżamm l-Ewkaristija mqaddsa, għandu jkun hemm lampier jixgħel dejjem biex juri u jagħti ġieh lil Kristu li jinsab** preżenti.

Kif trid id-drawwa, kemm jista' jkun il-lampier **għandu jixgħel** biż-żejt jew bix-xama'.

*It-tqarbin barra l-Quddiesa*

n. 2 ...... Iżda s-saċerdoti ma għandhomx jiċħdu t-tqarbin lill-fidili li jitolbuhom li jitqarbnu barra mill-Quddiesa **meta hemm raġuni ġusta**......

n. 9 ...... Dwar it-tqarbin bid-Demm imqaddes wieħed għandu jħares bir-reqqa **d-direttivi liturġiċi.**

n. 11 ...... jeħtieġ jersqu għat-tqarbin b'kuxjenza safja u thejjija xierqa. Iżda jekk hemm **xi raġuni gravi u ma hemmx opportunità li wieħed iqerr,** qabel jitqarben għandu jagħmel att ta' ndiema perfetta bil-fehma li, malli jista', iqerr kull dnub mejjet li dak il-ħin ma jistax iqerru.

n. 12. Dawk li se jitqarbnu, ma għandhomx jersqu għat-tqarbin jekk ma jkunux sajmin almenu għal siegħa mill-ikel u x-xorb, **barra ilma jew mediċina.**

**Ix-xjuħ u dawk li huma mġarrbin minn xi nuqqas ta' saħħa, kif ukoll dawk li jduru bihom, jistgħu jitqarbnu wkoll jekk ikunu ħadu xi ħaġa inqas minn siegħa qabel.**

*Direttivi dwar l-espożizzjoni ewkaristika*

n. 2. Ma għandux ikun hemm Quddies fi knisja jew **oratorju** fejn ......

5. Hi ħaġa ta' min jirrikmandaha li fil-knejjes jew **oratorji** fejn tinżamm l-Ewkaristija, kull sena ssir esposizzjoni...

Esposizzjoni bħal din għandha ssir biss jekk se jkun hemm tassew għadd xieraq ta' fidili...

n. 10. Il-ministru ordinarju tal-esposizzjoni hu s-saċerdot jew id-djaknu, li, meta tintemm l-adorazzjoni, qabel jirriponi, is-Sagrament ibierek bih lin-nies. Meta ma hemmx saċerdot jew djaknu, jew meta huma leġittimament impediti, jista' jesponi għall-adorazzjoni tal-fidili u jirriponi s-Sagrament **akkolitu jew ministru ieħor straordinarju tal-Ewkaristija jew xi ħadd ieħor deputat għalhekk mill-Ordinarju tal-post.**

Dawna jistgħu jiftħu t-tabernaklu... Ma jistgħu qatt jagħtu l-barka sagramentali...

## III. IL-BIDU TAL-HAJJA NISRANIJA

*Tagħrif ġenerali*

n. 10. .............. il-parrinu ...... jinħtieġ li

i. **jintgħażel minn dak li se jitgħammed jew mill-ġenituri tiegħu jew minn dawk li huma minflokhom, jew, jekk dawn jonqsu, mill-kappillan jew mill-ministru, u jkun adatt u jkollu l-fehma li jaqdi dan id-dmir;**

ii. ikollu għaqal biżżejjed biex jaqdi dan l-uffiċċju: **dan wieħed għandu jissopponih jekk ikun għalaq is-sittax-il sena, sakemm l-isqof tal-post ma ffissax età oħra jew il-kappillan jew il-ministru jagħmlu eċċezzjoni għal dan għal xi raġuni ġusta;**

iii. ikun ġa ħa t-tliet Sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma u ta' l-Ewkaristija, **u jgħix ħajja taqbel mal-fidi u mal-uffiċċju li se jaqdi;**

iv. **ma jkunx il-missier jew l-omm dak li se jitgħammed;**

v. **ikun hemm parrinu wieħed jew parrina waħda, jew parrinu u parrina;**

vi. ikun membru tal-Knisja kattolika u bla ebda impediment ġuridiku għall-qadi ta' dan l-uffiċċju. Iżda wieħed mgħammed, **li mhux membru tal-komunità kattolika,** imma jemmen fi Kristu, jista' jiġi aċċettat, flimkien mal-parrinu kattoliku (jew il-parrina kattolika), bħala xhud nisrani tal-Magħmudija, jekk il-ġenituri jixtiequ dan.[19bis] **Fil-każ tal-insara orjentali mifrudin, wieħed joqgħod għad-dixxiplina dwar il-knejjes orjentali.**

n. 11. Il-ministri ordinarji tal-Magħmudija huma l-isqfijiet, il-presbiteri u d-djakni.

i. F'kull ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament għandhom jiftakru...... u jxandru l-kelma ta' Alla u jamministraw is-Sagrament.

ii. Għandhom joqogħdu attenti li ma jagħmlux xi ħaġa li l-fidili birraġun kollu jistgħu jaħsbuha bħala preferenza lejn dak jew l-ieħor.

iii. **Hlief f'każ ta' ħtieġa, ma għandhomx jiċċelebraw f'territorju mhux tagħhom, is-Sagrament tal-Magħmudija, ukoll għas-sudditi tagħhom, mingħajr il-permess ta' dak li jkun.**

19bis Ara CIC kan 873 u 874 § 1 u § 2.

*Il-Magħmudija tat-tfal*

n. 8 ......

Għalhekk

i. jekk it-tarbija tkun fil-periklu tal-mewt titgħammed bla telf ta' żmien; **dan jista' jsir ukoll jekk il-ġenituri ma jkunux iridu, fil-każ ukoll ta' tarbija li hi wild ġenituri mhux kattoliċi. F'dan il-każ il-Magħmudija tingħata** kif imfisser aktar 'l isfel (n. 21).

ii. Barra mill-każ ta' dan il-periklu, **hu meħtieġ li l-ġenituri, jew al-**

**menu wieħed minnhom jew dak li hemm flokhom, ikunu jridu li t-tarbija tagħhom titgħammed. Biex ikun hemm thejjija xierqa għall-Magħmudija,** minnufih, anzi, jekk ikun il-każ, qabel it-twelid tat-tarbija, il-ġenituri jgħarfu l-kappillan bil-Magħmudija li trid issir.

iii. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija ssir fl-ewwel ġimgħat wara t-twelid tat-tarbija. **Jekk ma hemm ebda tama serja li t-tarbija se tingħatalha trobbija kattolika, il-Magħmudija għandha tiġi differita skond kif jiġi determinat minn liġijiet partikulari** (n. 25), **u l-ġenituri jiġu mgħarrfin għaliex dan.**

iv. Imiss lill-kappillan biex, skond l-ordnijiet tal-Konferenza ta' l-isqfijiet, jiddetermina meta ssir il-Magħmudija ta' dawn it-trabi, jekk ikunu nieqsa l-kundizzjonijiet imsemmija fin-nru. ii u iii.

11. Huwa uffiċċju tal-**Ordinarju** li, wara li jara l-fehma tal-kappillan tal-post, jippermetti jew jordna li jkun hemm il-fonti tal-Magħmudija fi knisja oħra jew oratorju fil-limiti tal-istess parroċċa. Imma f'dawn il-postijiet ukoll, il-Magħmudija tkun amministrata ordinarjament mill-kappillan.

**Iżda meta mħabba 'l bogħod, jew minħabba ċirkostanzi oħra, dak li se jitgħammed ma jistax imur jew jittieħed, mingħajr skomdu gravi, fil-knisja fejn hemm il-fonti tal-Magħmudija, din tista' u għandha tingħata f'knisja oħra jew oratorju aktar fil-qrib, jew ukoll f'xi post ieħor xieraq, iżda għandu dejjem jiġi mħares kull ma hemm dwar iż-żmien u s-sura taċ-ċelebrazzjoni** (ara n. 8-9.15-22).

n. 12. **Barra mill-każ ta' ħtieġa, il-Magħmudija ma għandhiex tiġi ċelebrata f'djar privati, iżda l-Ordinarju tal-post dan jista' jippermettih għal xi raġuni gravi.**

*Ordni għall-Griżma*

5. jitneħħew il-kelmiet "*għalhekk jitneħħa l-kan. 796.1*" mit-tieni paragrafu.

7. Il-ministru **ordinarju** tal-Griżma huwa l-isqof...

Barra mill-isqof dawn li ġejjin għandhom is-setgħa mill-istess dritt li jamministraw il-Griżma:

a) **Prelat territorjali jew abbati territorjali, vigarju appostoliku u prefett appostoliku, amministratur appostoliku u amministratur djoċesan fit-territorju tagħhom u matul l-uffiċċju tagħhom;**

b) **saċerdot li, bis-saħħa tal-uffiċċju li għandu jew tal-mandat mogħti lilu mill-isqof djoċesan, lill-persuna li waslet fl-użu tar-raġuni u li hu jgħammed, jew li hi ġa mgħammda imma hu qiegħed jilqagħha fix-xirka sħiħa tal-Knisja Kattolika**

iii. **il-kappillan, anzi kull saerdot, lil dawk li jinsabu f'periklu ta' mewt.** (**Titneħħa n-nota 1**).

n. 8. **Isqof djoċesan għandu jamministra l-Griżma hu stess jew jieħu ħsieb li jqabbad isqof ieħor biex jamministraha; jekk ikun meħtieġ jista' jagħti l-fakultà lil saċerdot jew lil xi saċerdoti determinati li jamministraw dan is-sagrament.**

**Għall-kawża gravi,** bħal meta jkun hemm għadd kbir ta' kandidati, **l-isqof u s-saċerdot ukoll, bis-saħħa tal-liġi jew tal-fakultà mogħtija lilu b' konċessjoni pekuljari tal-awtorità kompetenti, jista', kull darba, isieħeb miegħu, saċerdoti oħra, biex jamministraw is-Sagrament.**

**Jixraq li jiġu mistiedna dawk is-saċerdoti li**

a) jew għandhom xi dmir jew uffiċċju partikulari fid-djoċesi, jiġifieri **jkunu vigarji ġenerali jew vigarji episkopali, jew vigarji foranej;**

b) jew ikunu l-kappillani......

n. 14. L-ismijiet ta' **dawk li ħadu l-Griżma, flimkien ma' l-isem tal-ministru,** tal-ġenituri u tal-parrinijiet, **u l-post u l-jum tal-Griżma jitniżżlu fir-reġistru ta'** Griżmi tal-Kurja djoċesana, **jew, jekk il-Konferenza ta' l-isqfijiet jew l-isqof djoċesan, iddeterminaw li l-Griżmi jitniżżlu fir-reġistru tal-Griżmi li jinżammu fl-arkivju parrokkjali, il-kappillan fejn saret il-Griżma għandu javża l-kappillan fejn il-kandidati jkunu tgħammdu biex il-Griżma tiġi mniżżla** fir-reġistru tal-Magħmudijiet, kif titlob il-liġi.

n. 15. **Jekk il-kappillan tal-post ma jkunx preżenti,** il-ministru hu stess jew permezz ta' ħaddieħor għandu jinfurmah minnufih.

## IV. ORDNI GHALL-PENITENZA

n. 9 b) Il-ministru kompetenti għas-sagrament tal-Penitenza hu dak is-saċerdot li għandu l-fakoltà li jaħfer **skond il-kan, 967-975 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku.** Iżda kull saċerdot, ukoll jekk ma għandux il-fakoltà......

n. 12. Is-Sagrament tal-Penitenza **bħala regola għandu jiġi ċelebrat fi knisja jew oratorju, sakemm ma hemmx xi kawża ġusta biex isir f'post ieħor.**

**Dwar il-post fejn isir il-qrar, jingħataw direttivi mill-Konferenza tal-Isqfijiet, iżda għandu jkun hemm dejjem, f'post fejn jidhru, konfessinarji bi grada fissa bejn il-penitent u s-saċerdot, biex kull min irid fost il-fidili bla tfixkil jagħmel użu minnhom għall-qrar tiegħu. Mingħajr kawża ġusta, ma għandux isir qrar barra mill-postijiet magħżulin għall-qrar.**[43bis]

n. 31. Il-qrara sħiħa u individwali bl-assoluzzjoni **hi l-mod waħdieni u ordinarju li bih in-nisrani li jagħraf li għamel dnub gravi jitħabbeb ma' Alla u mal-Knisja; biss** l-impossibilità fiżika jew morali **tiskużah mill-qrar b'dan il-mod, għax f'dan il-każ jista' jkun hemm suriet oħra ta' rikonċiljazzjoni.**

L-assoluzzjoni ta' ħafna penitenti flimkien, mingħajr ma jkunu għamlu qrara individwali qabel, ma tistax tingħata b'mod ġenerali ħlief meta

a) hemm periklu qrib ta' mewt u ma hemmx żmien għas-saċerdot jew għas-saċerdoti biex iqarru lil kull wieħed;

b) hemm ħtieġa serja, jiġifieri, meta, minħabba l-għadd kbir ta' penitenti mhemmx għadd biżżejjed ta' saċerdoti biex iqarru 'l kulħadd wieħed fi żmien xieraq, tant li l-penitenti, mingħajr ħtija tagħhom, ikollhom jibqgħu għal żmien twil mingħajr il-grazzja tas-sagrament jew mingħajr it-tqarbin; m'hijiex meqjusa li hemm ħtieġa suffiċjenti għal dan, meta ma hemmx saċerdoti biżżejjed biex iqarru, imma hemm biss għadd kbir ta' penitenti, kif jista' jiġri f'każ ta' xi festa ta' xi pellegrinaġġ.[45]

n. 32. L-isqof djoċesan biss għandu jiddeċiedi jekk ikunx hemm il-kondizzjonijiet meħtieġa li huma msemmijin fl-art. 31; hu jiddetermina hemmx ħtieġa ta' l-assoluzzjoni ġenerali mingħajr il-qrara individwali, u dan jagħmlu waqt li jqis sewwa l-kriterji li jkunu ġew miftiehma mal-membri l-oħra tal-Konferenza tal-Isqfijiet.[46]

33. Biex il-fidili jkunu jistgħu jiksbu l-frott tal-assoluzzjoni sagramentali mogħtija lil ħafna flimkien, jeħtieġ mhux biss li kull wieħed ikun imħejji sewwa, mma jkollu wkoll il-fehma li jqerr wieħed wieħed meta jkun il-waqt, id-dnubiet gravi kollha li dak il-ħin ma jkunx jista' jqerr.

L-insara, kemm jista' jkun, ukoll fil-każ ta' assoluzzjoni ġenerali, għandhom jiġu mgħallma dwar il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u qabel l-assoluzzjoni ġenerali, ukoll f'każ ta' periklu ta' mewt, għandha ssir esortazzjoni biex kull wieħed li jkun, jagħmel att ta' ndiema.[47]

34. Dawk li jinħafrulhom id-dnubiet gravi tagħhom permezz ta' assoluzzjoni ġenerali, malli tiġihom l-okkażjoni għandhom jersqu jqerru individwalment, qabel jerġgħu jersqu......[48]

38. Il-Konferenzi ta' l-isqfijiet ......

a) jagħmlu regolamenti dwar id-dixxiplina tas-Sagrament tal-Penitenza u l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ministeru tas-saċerdoti

b) jagħmlu regolamenti aktar dettaljati dwar il-post għaċ-ċelebrazzjoni ordinarja tal-penitenza (ara art. 12) u dwar is-sinjal li bih il-fidili juru l-indiema tagħhom fil-każ ta' assoluzzjoni sagramentali ġenerali (ara n.35).

n. 39. L-isqof djoċesan jista' u għandu:

b) jiddeċiedi, wara li jqis il-kondizzjonijiet mitlubin mil-liġi u l-kriterji miftehmin mal-membri l-oħra tal-Konferenza tal-isqfijiet, meta tista' tingħata l-assoluzzjoni sagramentali ġenerali.[55]

n. 40. c) jitneħħa.

*Appendici I (p. 211) fl-edizzjoni bil-Malti)*

n. 1. Meta saċerdot, skond il-liġi jassolvi penitent, li jkun tassew niedem u sogħbien, minn ċensura latae sententiae, waqt il-Qrar, il-formula

**tal-assoluzzjoni ma għandhiex tinbidel u biżżejjed li s-saċerdot ikollu l-fehma li jassolvi wkoll miċ-ċensura.** Iżda s-saċerdot jista' jassolvi miċ-ċensura, qabel jassolvi l-penitent minn dnubietu, billi juża l-formola li ġejja, li għandha tintuża barra mis-Sagrament tal-Penitenza.

(It-tieni paragrafu ta' l-art 32 jitneħħa).

43bis Ara C.I.C. kan. 964

45 Ara C.I.C. 960 u 961 § 1

46 Ara C.I.C. kan. 961 § 2

47. Ara C.I.C. kan. 962 §§ 1 u 2.

48. Ara Congr. għad-Duttrina tal-fidi, **Normae pastorales circa absol utionem sacramentali generali modo impertiendam** 16-6-1972, VII u VIII; C.IC. kan. 963, 989.

55. Ara **Normae pastorales circa absolutionem sacramentalem generali modo impertiendam**, V.

......

V. ORDNI GHAS-SAGRAMENT TAL-MORDA

n. 12. **Tingħata** wkoll lit-tfal li jkunu daħlu fl-użu tar-raġuni, biex jista' jkollhom il-faraġ tad-Dilka mqaddsa. **F'każ ta' dubju għandhomx jew le l-użu tar-raġuni, is-sagrament jingħata.**[8bis]

......

14. Il-morda mitlufa minn sensihom, jew li tilfu l-użu tar-raġuni, jistgħu wkoll jirċievu dan is-sagrament **jekk almenu jkunu impliċitament talbuh** ta' nsara li huma, meta kienu b'moħħhom f'siktu.[10]

n. 15. ................ Jekk imbagħad is-saċerdot ikollu dubju jekk il-marid ikunx tassew ġa mejjet, **jamministralu s-sagrament kif imfisser fin-nru. 151** (tal-edizzjoni bil-Malti).

**Is-Sagrament tal-morda ma għandux jingħata lil dawk li jwebbsu rashom u jibqgħu f'qagħda ta' dnub gravi magħruf.**

n. 16. ............... L-isqfijiet, il-kappillani, **il-viċijiet, il-kappillani ta' l-isptarijiet u ta' l-istituti ta' kura** u s-superjuri tal-komunitajiet reliġjużi......[12]

n. 17. ...... Imma hu **l-isqof djoċesan** li jirregola dawk iċ-ċelebrazzjonijiet li għalihom jinġabru **għadd ta' morda flimkien** biex jirċievu d-Dilka mqaddsa.

n. 18. **Meta hemm kawża raġjonevoli, kull saċerdot jista' jamministra dan is-sagrament bil-kunsens presunt tal-ministru msemmi fin-n. 16:** lil dan għandu mbagħad igħarfu u jgħidlu li amministra s-Sagrament tal-morda.

......

n. 21. ......

b) f'każ ta' ħtieġa tassew kull presbiteru, **iżda biss huwa u jiċċelebra s-sagrament.**[14]

n. 29. Il-ministri ordinarji tal-Vjatku huma, **il-kappillani, il-viċijiet, il-kappillani tal-istituti** u wkoll is-superjur tal-komunità **ta' istituti reliġjużi klerikali u ta' soċjetajiet ta' ħajja appostolika għal dawk kollha li jkunu jgħammru fid-dar tal-komunità jew tas-soċjetà** f'każ ta' **ħtieġa, jew,** bil-permess għallinqas presunt tal-ministru kompetenti, kull saċerdot **jew djaknu** jista' jamministra l-Vjatku; u **meta ma hemmx saċerdot jew djaknu, kull nisrani deputat regolarment għal dan.**

Djaknu jamministra l-Vjatku skond ir-rit tar-Ritwal (n. 108-124 tal-edizzjoni bil-Malti) kif hu mfisser għas-saċerdot; oħrajn jamministraw il-Vjatku skond ir-rit li hemm fir-Ritwal **għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija barra mill-Quddiesa (pp. 70-75 tal-edizzjoni bil-Malti)** meta jamministrah ministru straordinarju.

n. 31 ...... Fil-periklu ta' mewt **il-kappillan, anzi kull saċerdot, għandu bi dritt, is-setgħa li jamministra** s-Sagrament tal-Griżma.[18]

n. 82. Il-marid, jekk l-istat tiegħu jkun jippermetti, u l-iżjed jekk ikun se jitqarben, jista' jirċievi s-Sagrament tal-morda f'Quddiesa li ssir apposta fil-knisja jew fid-dar stess tal-marid jew fl-isptar, f'post xieraq.

n. 83 ...... Jekk **l-isqof djoċesan** jiddeċiedi li tista' ssir ċelebrazzjoni **bħal** din biex is-Sagrament tal-Morda......

n. 94. Il-Vjatku jista' jingħata lill-marid kemm waqt il-Quddiesa, iċ-ċelebrata fid-dar stess tal-marid, (n. 26), u kemm barra mill-Quddiesa, skond ir-rit u r-regoli mfissrin aktar 'l isfel.

n. 151. Is-saċerdot fil-każ li jkollu dubju jekk il-marid ikunx għadu ħaj, jagħtih is-Sagrament tal-morda b'dan il-mod...... Filwaqt li jidilku biż-Żejt imqaddes, **igħid:** "B'din id-dilka mqaddsa......"

Jistgħu jingħadu t-talbiet 3 jew 4 jew 5 pp. 56-58 tal-edizzjoni bil-Malti.

8bis. Ara C.C.I. kan. 1005,

10. Ara C.I.C. kan. 1006.

12. Ara C.I.C. kan. 1003 2.

14. Ara C.I.C. kan. 999.

18. Ara Ordni għall-Griżma, Tagħrif ta' qabel 7c.

VI. ORDNI GHALL-PROFESSJONI RELIĠJUŻA.

(pp. 312ss tal-ktieb **"Ordni għall-penitenza u Ċelebrazzjoni oħra ritwali)**

n. 4. In-novizzjat li hu l-bidu tal-ħajja reliġjuża **f'istitut** hu żmien ta' prova......

n.5. It-tieni paragrafu jitneħħa.

Ir-rit tal-promessa (pp. 320-328) hu mneħħi.

## VII. ORDNI GHALL-FUNERALI

Wara n-n. 14 jiżdied dan li ġej:

14bis. **Iċ-ċelebrazzjoni tal-funeral issir ukoll għall-katekumeni, u, skond in-normi tal-kan. 1183 tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku, tista' ssir ukoll**

**b) għat-tfal li l-ġenituri tagħhom xtaqu jgħammduhom, iżda mietu qabel il-Magħmudija;**

**b) għall-imgħammdin li huma membri ta' xi knisja jew komunità mhux kattolika, b'deċiżjoni għaqlija tal-Ordinarju tal-post, sakemm ma wrewx il-fehma li dan ma jriduhx u sakemm mhux possibli li jinstab il-ministru mhux kattolku tal-mejjet**

n. 15. Dawk li jkunu għażlu l-kremazzjoni tal-katavru tagħhom, isirilhom ukoll funeral nisrani, sakemm ma jkunx hemm x'juri li huma jkunu għażlu l-kremazzjoni għax imqanqlin minn raġunijiet kuntrarji għall-ħajja nisranija.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-funeral......

(Titneħħa n-nota 3).

## VIII. ORDNI GHAL-LITURĠIJA TAS-SIGHAT

n. 29. Għalhekk l-isqfijiet, il-presbiteri **u d-djakni li qed jaspiraw għall-presbiterat** li rċevew mill-Knisja l-preċett li jiċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat (ara n. 17) **huma marbutin** li jgħiduha kollha kemm hi kuljum(14bis)...............

n. 30. **Id-djakni stabbli, għax lilhom ukoll jolqot il-preċett** tal-Knisja, **għandhom igħidu kuljum** dik il-parti tal-Liturġija tas-Sigħat **li tiġi determinata għalihom mill-Konferenza tal-Isqfijiet.**[116]

14bis Ara C.I.C. kan. 276 § 2,3 u kan. 1174 § 1.

116. **Żied** Ara C.I.C. kan. 276 § 2,3.

## IL-PAPA JIBGHAT JIRRINGRAZZJA LIL PATRI MARK SAID O.P.

Il-Q.T. il-Papa bagħat jirringrazzja lil Patri Mark Said O.P. ta' l-għajnuna siewja li ta fir-reviżżjoni tal-Kodiċi l-Ġdid tal-Liġi Kanonika. Bħala sinjal ta' l-apprezzament tiegħu l-Papa bagħat lil Patri Said ritratt u nota ta' ringrazzjament iffirmati minnu stess.

Patri Mark Said O.P. huwa d-dekan tal-Fakultà tal-Liġi Kanonika fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas magħruf bħala Angelicum f'Ruma. Huwa kien wieħed mill-konsulturi ewlenin tal-Kummissjoni Pontifiċja għar-Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, li ser tibda sseħħ mill-ewwel Ħadd ta' l-Avvent li ġej, jiġifieri fis-27 ta' Novembru.